



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

8 ta' Lulju 2015

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1071 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA 26190 (2012/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Ġermanja għall-Ajruport ta' Saarbrücken u għal-linji tal-ajru li jużaw l-ajruport (notifikata bid-dokument numru C(2014) 5062) (It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku) ⁽¹⁾.** 1
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1072 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri mill-Ġermanja favur Propapier PM2 GmbH – Għajnuna mill-istat SA.23827 (2013/C) (ex NN 46/12) (ex N 582/07) (notifikata bid-dokument C(2014) 6837) (It-test bil-Ġermaniż biss huwa vinkolanti) ⁽¹⁾.** 54
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1073 tad-9 ta' Jannar 2015 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.35888 (2013/C) (ex 2013/NN) SA.37220 (2014/C) (ex 2013/NN) SA.38225 (2014/C) (ex 2013/NN) implimentata minn Ċipru għal Cyprus Airways (Public) Ltd (notifikata bid-dokument C (2014) 9362) (It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku) ⁽¹⁾.** 83
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1074 tad-19 ta' Jannar 2015 dwar l-għajnuna mill-istat SA.35842 (2014/C) (ex 2012/NN) mogħtija mill-Italja – Kumpens addizzjonali rigward obbligi ta' servizz pubbliku favur CSTP (notifikata bid-dokument C(2015)74) (It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku) ⁽¹⁾.** 112
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1075 tad-19 ta' Jannar 2015 Għajnuna mill-Istat SA.35843 (2014/C) (ex 2012/NN) mogħtija mill-Italja – Kumpens addizzjonali rigward obbligi ta' servizz pubbliku favur Buonotourist (notifikata bid-dokument C(2015)75) (It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku) ⁽¹⁾.** 128

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1071

tal-1 ta' Ottubru 2014

dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA 26190 (2012/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Ġermanja għall-Ajruport ta' Saarbrücken u għal-linji tal-ajru li jużaw l-ajruport

(notifikata bid-dokument numru C(2014) 5062)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) iċċitata/i hawn fuq ⁽²⁾ u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) F'mistoqsija parlamentari tal-2008, l-MEP Hiltrud Breyer qajmet il-kwistjoni tal-finanzjament pubbliku ta' Verkehrsholding Saarland ("vh Saar"), tal-Ajruport ta' Saarbrücken u tal-iskontijiet mogħtija lil-linji tal-ajru li jużaw l-ajruport ⁽³⁾. Il-mistoqsija parlamentari għet imwiegħba mill-Kummissarju Tajani fil-5 ta' Settembru 2008. Barra minn hekk, il-mistoqsija għet irreġistrata bħala lment taħt CP 171/2008.
- (2) Il-mistoqsija parlamentari allegat li vh Saar irċeviet EUR 11-il miljun mill-baġit Statali ta' Saarland fil-forma ta' żieda ta' kapital. Kien allegat li dawn il-fondi ntużaw sabiex ikopru t-telf tal-kumpanija operattiva tal-ajruport, li kienet tappartjeni għal kumpanija sussidjarja ta' vh Saar. Kien affermat li l-operatur tal-ajru, il-kumpanija prinċipali tiegħu u vh Saar kienu marbutin flimkien permezz ta' ftehimiet ta' trasferiment ta' profitt u telf ("ftehimiet P&L"). Din il-kostruzzjoni allegatament serviet l-iskop li tissussidja b'mod moħbi u permanenti lill-ajruport li ma kienx qed jagħmel profitt.
- (3) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mill-Ġermanja fil-31 ta' Lulju 2008, fl-24 ta' Settembru 2010, fl-24 ta' Marzu 2011 u fit-8 ta' Awwissu 2011. Il-Ġermanja wiegħbet għal dawn it-talbiet u pprovdiet aktar informazzjoni fl-4 ta' Novembru 2008, fis-17 ta' Jannar 2011, fl-14 ta' Ġunju 2011 u fis-7 ta' Ottubru 2011.
- (4) Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-għajjnuna.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Iż-żewġ settijiet ta' Artikoli huma fis-sustanza tagħhom identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, fejn xieraq. It-TFUE introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija, bħas-sostituzzjoni ta' "Komunità" minn "Unjoni" u "suq komuni" minn "suq intern". It-terminoloġija tat-TFUE ser tintuża tul din id-Deċiżjoni kollha.

⁽²⁾ ĠU C 213, 19.7.2012, p. 1.

⁽³⁾ E-3778/08, 8 ta' Lulju 2008.

- (5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura (“id-deċiżjoni tal-ftuħ”) kienet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-allegata għajnuna.
- (6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand parti interessata waħda – Air Berlin – fl-20 ta’ Awwissu 2012. Hija bagħtet dawn il-kummenti lill-Ġermanja fl-1 ta’ Ottubru 2012, li ngħatat l-opportunità li tirreaġixxi fi żmien xahar; il-kummenti tal-Ġermanja waslu permezz ta’ ittra datata d-29 ta’ Ottubru 2012. Individiwi privati bagħtu l-kummenti tagħhom fi ħdan il-qafas tal-proċedura, fejn iddikjaraw li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-ajruport kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.
- (7) Wara l-ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni fl-24 ta’ Frar 2012, fit-23 ta’ April 2012, fis-16 ta’ Ottubru 2012, fis-26 ta’ Novembru 2013 u fl-14 ta’ Marzu 2014. Il-Ġermanja wiegħbet għal dawn it-talbiet u bagħtet aktar informazzjoni fis-17 ta’ April 2012, fl-4 ta’ Mejju 2012, fl-14 ta’ Diċembru 2012, fl-14 ta’ Jannar 2014 u fit-3 ta’ April 2014.
- (8) Fl-24 ta’ Frar 2014, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja li l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ⁽⁵⁾ ġew adottati fl-20 ta’ Frar 2014 u stiednet lill-Ġermanja biex tissottometti l-kummenti tagħha fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni ġodda fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-Ġermanja wiegħbet fis-6 ta’ Mejju 2014.
- (9) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-4 ta’ April 2014 ⁽⁶⁾. Huma ħadu post il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ⁽⁷⁾.
- (10) Fil-15 ta’ April 2014 ġiet ippubblikata notifika f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, f’dan il-każ fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ din in-notifika ⁽⁸⁾. Air Berlin bagħtet il-kummenti tagħha fil-5 ta’ Mejju 2014.
- (11) Fis-17 ta’ Ġunju 2014, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni li hija taċċetta b’eċċezzjoni li din id-deċiżjoni tiġi adottata bil-lingwa Inġliża.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI U R-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

2.1. L-ISFOND TAL-INVESTIGAZZJONI

2.1.1. L-ISTORJA U L-IŻVILUPP TAL-AJRUPORT TA’ SAARBRÜCKEN

- (12) L-Ajruport ta’ Saarbrücken huwa l-ajruport tal-kapitali tal-*Land Saarland*, Saarbrücken. Skont l-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, l-ajruport kien inawgurat fl-1928 u baqa’ jitħaddem sal-1939, meta mbagħad ingħalaq wara li faqqgħet il-gwerra. L-ajruport reġa’ beda jopera fl-1966, meta nbriet runway moderna adattata għal ajruplani medji. Fl-1999 bdiet il-kostruzzjoni ta’ terminal ġdid, li kienet teħtieġ investiment ta’ madwar EUR 11,8 miljun. It-terminal il-ġdid, li skont l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kien iddisinjat biex jilqa’ fih sa 800 000 passiġġier fis-sena (“pax”), infetaħ f’Mejju 2005. Madankollu, minħabba limitazzjonijiet li rriżultaw mill-infrastruttura tas-sigurtà, il-Ġermanja ssostni li l-kapaċità proprja tal-ajruport hija ta’ 700 000 pax biss.
- (13) It-Tabelli 1 u 2 jindikaw l-iżvilupp tal-ajruport f’termini tal-għadd ta’ passiġġieri u l-movimenti tal-ajruplani. It-trasport tal-merkanzija bl-ajru ma għandux sinifikat kbir fl-Ajruport ta’ Saarbrücken.

Tabella 1

Għadd ta’ Passiġġieri 1998 – 2012 ⁽¹⁾

Sena	Fuq Titjiriet Kummerċjali Skedati	Fuq Titjiriet Charter Kummerċjali	Kummerċjali Totali	Mhux Kummerċjali	Totali
1998	126 231	293 449	419 680	10 070	429 750

⁽⁴⁾ C.f. in-nota 2 f’qiegħ il-paġna.

⁽⁵⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat lill-ajruporti u lil-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

⁽⁶⁾ Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 5.

⁽⁷⁾ ĠU C 113, 15.4.2014, p. 30.

⁽⁸⁾ Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 7.

Sena	Fuq Titjiriet Kummerċjali Skedati	Fuq Titjiriet Charter Kummerċjali	Kummerċjali Totali	Mhux Kummerċjali	Totali
1999	134 228	308 634	442 862	3 810	446 672
2000	149 693	332 902	482 595	1 971	484 566
2001	141 676	338 354	480 030	831	480 861
2002	144 542	316 757	461 299	946	462 245
2003	135 100	323 083	458 183	1 502	459 685
2004	128 498	331 355	459 853	1 560	461 413
2005	136 178	350 052	486 230	1 256	487 486
2006	125 188	295 033	420 221	1 422	421 643
2007	176 690	173 263	349 953	639	350 592
2008	360 694	157 226	517 920	368	518 288
2009	335 684	134 249	469 933	214	470 147
2010	331 780	159 469	491 249	166	491 415
2011	368 314	84 000	452 314	1 338	453 652
2012	364 076	61 353	425 429	414	425 843

⁽¹⁾ <http://www.flughafen-saarbruecken.de/index.php?id=372>

Tabella 2

Movimenti tal-Ajruplani ⁽¹⁾

Sena	Fuq Titjiriet Kummerċjali Skedati	Fuq Titjiriet Charter Kummerċjali	Kummerċjali Totali	Mhux Kummerċjali	Totali
1998	7 240	6 021	13 261	7 558	20 819
1999	7 491	7 192	14 683	7 280	21 963
2000	7 970	8 171	16 141	4 972	21 113
2001	6 740	4 624	11 364	3 582	14 946
2002	7 979	3 957	11 936	3 228	15 164
2003	7 256	4 377	11 633	3 378	15 011
2004	6 531	4 032	10 563	3 201	13 764
2005	6 291	4 453	10 744	3 458	14 202
2006	6 469	4 539	10 980	4 047	15 055

Sena	Fuq Titjiriet Kummerċjali Skedati	Fuq Titjiriet Charter Kummerċjali	Kummerċjali Totali	Mhux Kummerċjali	Totali
2007	7 046	4 011	11 057	3 464	14 521
2008	11 173	3 475	14 648	2 596	17 244
2009	9 686	2 912	12 598	3 093	15 691
2010	8 775	4 983	13 758	2 487	16 245
2011	7 307	4 641	11 948	2 535	14 483
2012	6 567	3 398	9 965	2 359	12 324

(¹) http://www.flughafen-saarbruecken.de/index.php?id=daten_fakten

(14) L-aktar żviluppi sinifikanti għall-ajruport kienu t-tluq ta' Hapag Lloyd fl-2006, minn naħa waħda, u t-twaqqif ta' Air Berlin fl-2007, min-naħa l-oħra. Il-linja tal-ajru charter Hapag Lloyd (issa "TUIFly") ikkontribwixxiet aktar minn 190 000 passiġġier għat-traffiku totali ta' Saarbrücken qabel ma ddeċidiet li tirriloka l-operazzjonijiet tagħha lejn l-Ajruport ta' Zweibrücken, li jinsab fil-qrib. It-twaqqif ta' Air Berlin, min-naħa l-oħra, wera żieda sinifikanti fit-traffiku tat-titjiriet skedati f'Saarbrücken. B'konsegwenza ta' dan, filwaqt li sal-2006, it-traffiku charter kien jiddomina l-operazzjonijiet fl-Ajruport ta' Saarbrücken, sa mill-2007, it-traffiku tat-titjiriet skedati beda jkun responsabbli għall-maġġoranza tal-passiġġieri f'Saarbrücken.

(15) Fir-rigward tal-ġejjieni, il-Ġermanja sostniet li skont l-aktar projezzjoni riċenti tat-traffiku tal-ajru (Awwissu 2010), l-għadd ta' passiġġieri jista' jkun mistenni li jiżdied għal [...] (*) passiġġieri fis-sena 2020.

2.1.2. IL-POŻIZZJONI ĠEOGRAFIKA U Ż-ŻONA TA' LHUQ

(16) L-Ajruport ta' Saarbrücken jinsab madwar 10 km lejn il-lbiċ tal-Belt ta' Saarbrücken. L-eqreb ajruporti oħrajn huma (⁹):

— L-Ajruport ta' Zweibrücken (madwar 39 km bogħod, jew madwar 29 minuta bil-karozza)

— L-Ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine (madwar 96 km bogħod, jew madwar 61 minuta bil-karozza)

— L-Ajruport tal-Lussemburgu (madwar 121 km bogħod, jew madwar 77 minuta bil-karozza)

— L-Ajruport ta' Frankfurt-Hahn (madwar 128 km bogħod, jew madwar 85 minuta bil-karozza)

— L-Ajruport ta' Strasburgu (madwar 140 km bogħod, jew madwar 91 minuta bil-karozza)

— L-ajruport ta' Frankfurt (Prinċipali) (madwar 163 km bogħod, jew madwar 92 minuta bil-karozza)

— L-Ajruport ta' Karlsruhe/Baden-Baden (madwar 161 km bogħod, jew madwar 104 minuti bil-karozza)

(17) Il-Ġermanja sostniet li l-maġġoranza kbira tal-passiġġieri huma mir-reġjun. Huwa affermat li 71 % tal-passiġġieri huma minn Saarland, 15 % mill-parti tal-punent ta' Rhineland-Palatinate (inkluż ir-reġjun ta' Zweibrücken) u madwar 14 % joriġinaw minn Franza, mil-Lussemburgu u mir-reġjun ta' Trier. Iż-żieda proġettata tal-għadd ta' passiġġieri mistennija tirriżulta wkoll minn żieda fid-domanda mir-reġjun ta' Saarland.

2.1.3. L-ISTRUTTURA LEGALI U EKONOMIKA TAL-AJRUPOORT TA' SAARBRÜCKEN

(18) Fl-1997, il-kumpanija Flughafen Saarbrücken GmbH, li qabel kienet proprjetarja u operatur tal-Ajruport, inqasmet f'żewġ kumpaniji separati: il-Flughafen Saarbrücken Betriebsgesellschaft mbH ("FSBG") kienet inkarigata mill-operat tal-ajruport, filwaqt li l-Flughafen Saarbrücken Besitzgesellschaft mbH ("FSBesitzG") kienet il-proprjetarja tal-ajruport u inkarigata mill-manutenzjoni tal-infrastruttura. Sabiex tkun tista' topera u tisfrutta kummerċjalment l-ajruport, FSBG kellha tħallas pagament għall-kiri lil FSBesitzG.

(*) Sigriet kummerċjali.

(⁹) Sors: l-aktar rotta veloċi skont google maps.

- (19) Sat-30 ta' Ġunju 2007, 48 % mill-proprjetà tal-FSBG kienet tal-FSBesitzG, 51 % tal-Fraport AG (l-operatur tal-Ajruport (Prinċipali) ta' Frankfurt) u 1 % tal-Belt ta' Saarbrücken. Min-naħa tagħha, l-FSBesitzG kienet 99,9 % proprjetà ta' vħ Saar u 0,1 % tal-*Land Saarland*. Il-vħ Saar kienet dejjem direttament proprjetà tal-*Land Saarland*.
- (20) Fit-30 ta' Ġunju 2007, il-Fraport AG biegħet is-sehem tagħha f'FSBG lil FSBesitzG, li sussegwentement kellha 99 % mill-proprjetà tal-FSBG. Fil-bidu tal-2008, iż-żewġ kumpaniji ġew amalgamati sabiex reġgħet twaqqfet il-Flughafen Saarbrücken GmbH (minn hawn 'il quddiem: "FSG"), sabiex b'hekk essenzjalment reġgħet inħolqot is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel il-privatizzazzjoni parzjali għal Fraport AG fl-1997. Mill-2008 sal-lum, FSG hija 100 % proprjetà ta' vħ Saar.
- (21) **vħ Saar** twaqqfet mill-Ministeru ta' *Saarland* għall-Ekonomija u l-Finanzi fl-1996. L-għan tal-kumpanija huwa "l-koordinazzjoni tal-attivitatiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni, l-estensjoni u l-operat ta' ajruporti u portijiet pubbliċi fis-*Saarland*". Il-konklużjoni ta' kuntratt ta' dominazzjoni mal-FSG kienet prevista fl-istatuti ta' vħ Saar. Il-bord tad-diretturi u l-bord ta' superviżjoni huma nnominati mill-Gvern tal-Istat ta' *Saarland* bħala l-azzjonist waħdieni. Minbarra tal-FSG, vħ Saar huwa wkoll il-proprjetarju ta' Hafenbetriebe Saarland GmbH (minn hawn 'il quddiem: "HSG"), proprjetarju u operatur ta' diversi portijiet f'*Saarland*.
- (22) **FSBesitzG** twaqqfet fl-4 ta' Lulju 1997 bħala s-suċċessur legali tal-FSG oriġinali. L-iskop tagħha kien "il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-kiri tal-Ajruport u l-parteċipazzjoni azzjonarja fl-[FSBG]". Il-bord ta' superviżjoni nħatar mill-Gvern ta' *Saarland* u l-president tiegħu ntgħażel mill-Ministeru ta' *Saarland* responsabbli għas-settur tal-avjazzjoni. Il-maniġment tal-kumpanija kien marbut mal-istruzzjonijiet li rċieva mingħand il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot tiegħu fl-assemblea tal-azzjonisti tal-FSBG.
- (23) **FSBG** twaqqfet fl-4 ta' Lulju 1997. L-għan tagħha kien l-operat tal-Ajruport ta' Saarbrücken. Il-maniġment inħatar minn maġġoranza ta' 75 % tal-assemblea tal-azzjonisti. Il-bord ta' superviżjoni kien jikkonsisti f'għaxar membri, li ħamsa minnhom inħatar minn Fraport AG u FSBesitzG, rispettivament. Mill-2006 'l hawn, il-bord beda jikkonsisti f'sitt membri, li tnejn minnhom inħatar minn Fraport AG u erbgħa minn FSBesitzG.
- (24) **FSG** twaqqfet fit-30 ta' Awwissu 2008. L-għan tagħha huwa l-operat tal-Ajruport ta' Saarbrücken għall-avjazzjoni ċivili u n-negozji anċillari konnessi. Il-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord ta' superviżjoni jġu nnominati mill-Gvern tal-Istat ta' *Saarland*. Il-president tal-bord ta' superviżjoni jinatar mill-Ministeru responsabbli għall-avjazzjoni.

2.2. IL-MIŻURI LI QEGĦDIN JIĠU INVESTIGATI U R-RAĠUNIJET GĦALL-FTUĦ TAL-PROCĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

- (25) Il-Kummissjoni investigat bosta miżuri li jinvolvu lill-Ajruport ta' Saarbrücken. Il-Kummissjoni evalwat jekk dawk il-miżuri kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat u jekk tali għajjnuna mill-Istat tistax titqies bħala kompatibbli mas-suk intern.
- (26) Il-miżuri li ġejjin ġew investigati bħala li potenzjalment jistgħu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat lil vħ Saar, FSG u FSBesitzG:
- il-finanzjament ta' vħ Saar, FSG u FSBesitzG mis-*Saarland*;
 - it-trasferiment ta' diversi plottijiet ta' art lil FSBesitzG mis-*Saarland*;
 - il-garanziji fuq is-self mogħtija mis-*Saarland* għall-benefiċċju ta' vħ Saar u FSBesitzG.
- (27) Il-kuntratt ta' kiri bejn FSBesitzG u FSBG kien investigat bħala li potenzjalment jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat lil FSBG.
- (28) Il-miżuri li ġejjin ġew investigati bħala li potenzjalment jistgħu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat lil diversi linji tal-ajru li joperaw fl-Ajruport ta' Saarbrücken:
- l-iskontijiet introdotti fl-2007 għal dawk il-linji tal-ajru li joperaw f'Saarbrücken għall-ewwel darba, li jservu rotot ġodda jew li jżidu l-għadd ta' passiġġieri tagħhom;
 - il-kuntratt dwar l-ghajjnuna tal-bidu bejn FSBesitzG u l-Linja tal-Ajru Cirrus;
 - il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni bejn FSG u Air Berlin.

2.2.1. IL-FINANZJAMENT TA' VH SAAR, FSG U FSBESITZG

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (29) Il-vh Saar hija finanzjarjament konnessa mal-kumpanija sussidjarja tagħha – sat-30 ta' Awwissu 2008 l-FSBesitzG u minn hemm 'il quddiem l-FSG – permezz ta' ftehim P&L, bil-konsegwenza tkun li l-vh Saar kopriet it-telf kollu mġarrab minn dawn il-kumpaniji. Fl-istess ħin, vh Saar irċeviet profitti ġġenerati mit-tieni kumpanija sussidjarja tagħha – HSG – u injezzjonijiet ta' kapital diretti mill-azzjonist waħdieni tagħha, il-Land Saarland. Dawn il-fondi żguraw li l-vh Saar dejjem ikollha l-mezzi biex tkopri t-telf ta' FSBesitzG/FSG. Il-ftehim P&L kien oriġinarjament konkluż bejn vh Saar u l-predeċessor legali ta' FSBesitzG, jiġifieri l-FSG, fl-1 ta' Jannar 1997. Wara t-twaqqif mill-ġdid tal-FSG, hija ssuċċediet lill-FSBesitzG fil-kuntratt.
- (30) L-FSBG, li kienet legalment separata mill-FSBesitzG sal-2008, kisbet profitt regolari sal-2006. Il-profitti jew tqassmu lill-azzjonisti (sat-30 ta' Ġunju 2007, FSBesitzG u Fraport AG), f'liema każ kienu amministrati bħala dħul fil-karti bilanċjali tal-azzjonisti fis-sena ta' wara, jew inkella ġew investiti mill-ġdid. Fl-2007, wara li l-FSBesitzG saret l-azzjonista waħdanija tal-FSBG, it-telf annwali sinifikanti kien kopert minn injezzjoni ta' kapital korrispondenti mill-FSBesitzG. L-FSBesitzG u l-FSBG ġew amalgamati fil-bidu tal-2008, bir-riżultat li t-telf ikkombinat issa qed ikun kopert minn vh Saar.
- (31) Sa mis-sena 2000, it-telf tal-FSBesitzG/FSG u l-injezzjonijiet ta' kapital korrispondenti minn vh Saar, iffinanzjati mill-injezzjonijiet ta' kapital riċevuti mis-Saarland u minn dħul ieħor, żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

It-telf annwali ta' FSBesitzG/FSG f'EUR

Sena	FSBesitzG	FSG
2000	- 2 168 916	
2001	- 2 785 473	
2002	- 4 164 538	
2003	- 3 099 253	
2004	- 2 770 680	
2005	- 3 917 320	
2006	- 8 400 703	
2007	- 8 171 099	
2008		- 4 548 264
2009		- 9 306 512
2010		- 8 805 707
2011		- 10 065 522
2012		- 18 449 926
Total (2000-2009)	- 49 332 758	
Total (2000-2012)	- 86 653 913	

- (32) It-telf stmat ta' FSG għas-sena 2013 jammonta għal EUR 9 427 000.
- (33) Matul il-perjodu 2000-2012, l-EBITDA ta' FSBesitzG/FSG żviluppa kif ġej:

Tabella 4
L-iżvilupp tal-EBITDA f'EUR ⁽¹⁾

Sena	EBITDA
2000 (*)	937 000
2001 (*)	- 156 000
2002 (*)	- 832 000
2003 (*)	56 000
2004 (*)	704 000
2005 (*)	- 732 000
2006 (*)	- 5 307 000
2007 (*)	- 4 392 000
2008	- 1 840 000
2009	- 5 237 000
2010	- 5 237 000
2011	- 3 528 000
2012	- 4 937 700
Total	- 30 501 700

⁽¹⁾ EBITDA li jinkludi l-finanzjament pubbliku u l-kumpens għal attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika jew li jitqiesu bħala SGEI; ara s-sottomissjoni tal-Infommazzjoni mill-Ġermanja tal-5.5.2012, Anness II.

(*) Billi f'dawk is-snin il-proprjetarju u l-operatur kienu kumpaniji separati (FSBesitzG u FSBG), l-EBITDA elenkat huwa s-somma tal-EBITDA taż-żewġ kumpaniji

- (34) Għas-sena 2013, kien stmat li l-EBITDA ta' FSG reġa' kien negattiv, fejn kien jammonta għal EUR – 5 144 000.
- (35) Il-Ġermanja sostniet li matul il-perjodu 2000-2009, il-maġġoranza tal-ispejjeż jistgħu jiġu traċċati lura għall-investiment fi u l-manutenzjoni tal-infrastruttura, il-pagamenti tal-imgħax fuq is-self meħud sabiex jiġu ffinanzjati l-investimenti fl-infrastruttura u n-nefqa għall-finijiet ta' sikurezza/sigurtà. Huwa affermat li l-ispejjeż totali għal dawn l-aktivitajiet jammontaw għal madwar [...]. Huwa mifhum li dawn l-ispejjeż mhumiex relatati mal-provvista ta' servizzi fl-ajruport, iżda joriġinaw esklussivament mill-ħolqien u l-operat tal-infrastruttura.

Tabella 5

L-Ispejjeż tal-Infrastruttura u tas-Sikurezza/Sigurtà matul il-perjodu 2000 – 2009

1	Investiment Infrastrutturali Ieħor	(...)
---	------------------------------------	-------

2	Manutenzjoni Infrastrutturali Oħra	(...)
	Infrastruttura Oħra Totali (1 u 2)	(...)
3	Spejjeż Totali tal-Kapital ⁽¹⁾	(...)
4	Investiment fl-Infrastruttura tas-Sikurezza/Sigurtà	(...)
5	Sikurezza/Sigurtà Oħra	(...)
	Sikurezza/Sigurtà Totali (4 u 5)	(...)
	Totali (1 sa 5)	(...)

⁽¹⁾ Il-Ġermanja ssostrni li minħabba s-sistema tal-kontabbiltà użata, l-ispejjeż tal-kapital ma jistgħux jiġu allokat i individwalment għas-sikurezza/sigurtà jew għal infrastruttura oħra.

(36) Il-Ġermanja ⁽¹⁰⁾ speċifikat li matul il-perjodu 2000-2009 twettqu l-attivitajiet li ġejjin ta' investiment u manutenzjoni:

(i) *Il-kostruzzjoni ta' terminal ġdid b'faċilitajiet awżiljarji fis-sena 2000 (spejjeż netti ta' madwar [...]).*

(37) Il-kapaċità annwali tat-terminal l-antik kienet ta' 390 000 passiġġieri fis-sena ⁽¹¹⁾. Hija nqabżet għall-ewwel darba fl-1996. F'dik is-sena, l-għadd tal-passiġġieri annwali fl-Ajruport ta' Saarbrücken laħaq it-395 000 passiġġieri u kompli jkber sas-sena 2000, meta laħaq total ta' 484 566 passiġġieri. Skont il-Ġermanja, it-terminal l-antik ta' spiss kien qed jispiċċa f'konġestjoni, b'mod partikolari matul ix-xhur ewlenin tal-ivvjaġġar (il-perjodu tas-sajf), li kkawżat ħinijiet ta' stennija twal, żoni ffollati żżejjed bil-passiġġieri jew sitwazzjoni ta' passiġġieri jistennew barra t-terminal. Barra minn hekk, it-terminal l-antik ma kienx għadu konformi mar-rekwiżiti tas-sigurtà. It-terminal il-ġdid huwa mgħammar b'sistema ta' sigurtà ġdida. It-terminal l-antik issa qed iservi bħala żona ta' stennija u minn fejn jgħaddu l-passiġġieri.

(ii) *L-implimentazzjoni taż-Żona tar-Runway u tas-Sikurezza bejn l-2009 u l-2010 (spejjeż netti inklużi xogħlijiet elettroniċi ta' madwar [...]).*

(38) Fl-2009-2010 ġiet implimentata ż-żona tar-runway u tas-sikurezza, li kienet komposta minn għadd ta' miżuri ta' kostruzzjoni u sigurtà li ttieħdu bil-għan li tizzied is-sigurtà tal-infrastruttura tal-ajruport u biex dawn isiru konformi mar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli. B'mod partikolari, id-dwal tar-runway ġew aġġustati f'post aħjar biex jagħtu sinjali aħjar lill-bdoti, ġew installati d-dwal ("guard lights") tul ir-runway u s-superstruttura tal-kurva tar-runway ġiet aġġustata għall-ħtiġijiet tal-ajruplani moderni.

(iii) *Manutenzjoni tar-runway fl-2009 (spejjeż netti ta' madwar [...]).*

(39) Bejn l-2009 u l-2010 saret ukoll manutenzjoni tar-runway sabiex jiġi evitat li ssir ħsara lill-ajruplani li joperaw fl-ajruport.

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali

L-eżistenza tal-għajnuna

(40) Id-deċiżjoni tal-ftuħ l-ewwel osservat li l-finanzjament ta' vħ Saar mis-Saarland u ta' FSBesitzG/FSG minn vħ Saar kien jinvolvi trasferiment ta' riżorsi Statali, direttament jew inkella minħabba li vħ Saar kienet ikkontrollata kompletament mis-Saarland u l-azzjonijiet tagħha imputabbli lilu. L-attivitajiet ta' FSBesitzG, FSG u FSG, kif ukoll possibbilment dawk ta' vħ Saar innifisha kienu jammontaw ukoll għal attivitajiet ekonomiċi.

(41) Id-deċiżjoni tal-ftuħ spjegat li abbażi tal-informazzjoni disponibbli, kien jidher li vħ Saar innifisha ma kienet qed tieħu ebda vantaġġ, hekk kif apparentement hija għaddiet il-fondi kollha li kienet irċeviet mingħand is-Saarland lil FSBesitzG/FSG. Il-Ġermanja ntalbet tippovdi aktar informazzjoni dwar jekk vħ Saar żammitx uħud mill-fondi Statali li kienet irċeviet għal skop ieħor jew għal attività oħra. Fir-rigward ta' FSBesitzG/FSG, id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat li l-fondi riċevuti mingħand vħ Saar baxxew l-ispejjeż li normalment kien ikollu jħallas l-ajruport, sabiex b'hekk ikkstitwixxew vantaġġ ekonomiku.

⁽¹⁰⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja fis-17 ta' Jannar 2011, dokument mehmuż nru. 6 u fis-16 ta' April 2012, p. 9.

⁽¹¹⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja fis-16 ta' April 2012, p. 9.

- (42) Id-deċiżjoni tal-ftuħ imbagħad evalwat jekk il-finanzjament jistax jiġi kkaratterizzat bħala kumpens għal servizz ta' interess ġenerali (SGEI) wara l-ġurisprudenza ta' *Altmark*. Kien osservat li abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ir-raba' kriterju ta' *Altmark* ma deherx li kien issodisfat. B'mod aktar partikolari, kien osservat li l-operat tal-ajruport qatt ma kien esternalizzat, u lanqas ma l-finanzjament kien ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż li kien ikollha tħallas impriża mmexxija tajjeb u pprovduta b'mod adegwat bil-mezzi neċessarji. Billi l-kriterji ta' *Altmark* huma kumulattivi, din is-sejba kienet biżżejjed għall-konklużjoni preliminari li l-finanzjament ma jistax jitqies bħala kumpens għal SGEI skont dik il-ġurisprudenza.
- (43) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, lanqas ma kien jidher li l-finanzjament jista' jiġi ġustifikat bħala li huwa konformi mal-imġiba ta' operatur fl-ekonomija tas-suq (MEO) razzjonali. B'mod partikolari, kien osservat li l-Ġermanja ma ppreżentat ebda pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew xi dokumentazzjoni oħra li turi li jista' jkun mistenni profitt. Għall-kuntrarju, it-telf annwali li qed jiżdied minflok indika li l-ajruport ma jkunx vijabbli mingħajr appoġġ finanzjarju mis-*Saarland* permezz ta' vħ Saar, sitwazzjoni li tista' tindika li allura l-ajruport kien impriża f'diffikultajiet finanzjarji. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni preliminari li l-finanzjament tal-ajruport minn vħ Saar ma kienx konformi mat-test tal-MEO u talbet lill-Ġermanja sabiex tikkummenta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ajruport.
- (44) Fl-aħħar nett, kien innotat li l-finanzjament kien selettiv, li l-miżura fiġxket jew heddet li tfixkel il-kompetizzjoni u li, abbażi tal-qrubija tal-ajruport ma' għadd ta' ajruporti fi Stati Membri oħrajn, deher li kien hemm effett fuq il-kummerċ intra-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-finanzjament tabilħaqq kien jammonta għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Il-kompatibbiltà

- (45) Id-deċiżjoni tal-ftuħ l-ewwel iddiskutiet jekk il-finanzjament tal-ajruport jistax jikkwalifika bħala kompatibbli skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 ⁽¹²⁾. Hija osservat li ma tpoġġiet disponibbli ebda informazzjoni li turi li, mingħajr l-ajruport, ir-reġjun fejn dan jinsab jispiċċa tant iżolat li ssir ħsara lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. Billi jidher li ż-żona ta' lħuq tal-Ajruport ta' Saarbrücken tista' tiġi servuta wkoll minn ajruporti oħrajn fir-reġjun, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li d-definizzjoni tal-operat tal-Ajruport ta' Saarbrücken bħala SGEI skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 kienet tikkostitwixxi żball evidenti.
- (46) Id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat ukoll li, fi kwalunkwe każ, l-ajruport ma kienx fdat kif xieraq bl-SGEI li jipprovdi servizzi relatati mal-ajruport, li ma kienx ċar li l-finanzjament kien limitat għall-attivitajiet ewlenin tal-ajruport u li l-parametri tal-kumpens ma ġewx definiti minn qabel. Għaldaqstant, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-finanzjament ma ssodisfax il-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.
- (47) Ġie analizzat ukoll jekk il-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsim 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ġewx issodisfati. Dawn il-kundizzjonijiet huma simili għal dawk inklużi fid-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005. In-nuqqas ta' att ta' inkarigu xieraq u n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jillimitaw il-finanzjament għall-attivitajiet ewlenin tal-ajruport, fost l-oħrajn, wasslu għall-konklużjoni preliminari li l-finanzjament ma setax jinstab kompatibbli skont it-taqsim 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (48) Id-deċiżjoni tal-ftuħ analizzat ukoll jekk il-finanzjament jistax ikun kompatibbli skont it-taqsim 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Hija osservat li l-ftehim P&L ma servix speċifikament l-iskop li jiffinanzja l-investimenti infrastrutturali, iżda sempliċiment kopra t-telf kollu li rriżulta mill-attivitajiet tal-Ajruport. Din id-deċiżjoni nnotat ukoll li tali strument diffiċli jkollu effett ta' inċentiv f'termini tal-investimenti u osservat li l-Ġermanja pprevediet biss EBITDA pożittiv għas-sena 2020, iżda mhux riżultat globali pożittiv. Fl-aħħar nett, kien ikkunsidrat li l-operat tal-ajruport deher li affettwa b'mod negattiv l-operat tal-ajruport fil-qrib fi Zweibrücken. Għalhekk, il-Kummissjoni esprimiet id-dubbi tagħha fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-finanzjament skont it-taqsim 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (49) Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni tal-ftuħ indirizzat il-kwistjoni tal-kompatibbiltà possibbli tal-finanzjament skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ⁽¹³⁾. Il-Ġermanja ntalbet tikkjarifika jekk l-ajruport jistax jitqies bħala impriża li tinsab f'diffikultajiet u, jekk iva, jekk ittehdex miżuri b'konformità mal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

⁽¹²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67).

⁽¹³⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-Impriżi f'Diffikultà (2004), ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

- (50) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni adottat il-pożizzjoni preliminari li l-finanzjament ta' vħ Saar, FSBesitzG u FSG permezz ta' għotjiet diretti lil vħ Saar mis-Saarland u permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital minn vħ Saar f'FSBesitzG/FSG kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Hija esprimiet ukoll id-dubbi tagħha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, rigward il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq intern.

2.2.2. IT-TRASFERIMENT TA' DIVERSI PLOTTIJET TA' ART LIL FSBESITZG

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (51) Sa mill-1998, il-Ġermanja ttrasferiet diversi plottijiet ta' art lill-ajruport, li skont is-sottomissjoni tal-Ġermanja kellhom valur totali ta' EUR 240 000. Minn fost id-diversi plottijiet ta' art, kienu biss dieta li ġew ittrasferiti wara s-sena 2000. Skont il-Ġermanja, dawn il-plottijiet ta' art kellhom valur ikkombinat ta' [...]. Fis-snin 2002 u 2003 ġew ittrasferiti żewġ plottijiet ta' artijiet [...] u fis-sena 2004 l-ajruport xtara plott wieħed għal prezz ta' [...].

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali

L-eżistenza tal-għajnuna

- (52) Id-deċiżjoni tal-ftuħ l-ewwel osservat li t-trasferiment tal-art tal-Istat kien jammonta għal trasferiment ta' riżorsi Statali. Minħabba li l-operat u l-konstruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport għandhom jitqiesu bħala kompitu li jaqa' fi ħdan l-ambitu tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat biss mid-data tas-sentenza fil-kawża *Aéroports de Paris* (it-12 ta' Diċembru 2000), kienu biss it-trasferimenti li seħħew wara dik id-data li kienu rilevanti għal analiżi tal-għajnuna mill-Istat u, għalhekk, il-Ġermanja ntalbet tikkjarifika liema plottijiet ta' art ġew ittrasferiti wara s-sena 2000 u x'valur kellhom. Il-Kummissjoni osservat ukoll li t-trasferiment ma kienx konformi mat-test tal-MEO, kien selettiv u, għall-istess raġunijiet imsemmija fir-rigward tal-finanzjament ġenerali, fixkel il-kompetizzjoni u affettwa l-kummerċ intra-UE.
- (53) Il-Ġermanja sostniet li l-art ittrasferita kienet mill-inqas parzjalment meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza jew sigurtà (bħall-konstruzzjoni ta' ċnut tas-sigurtà), bil-konsegwenza li dawn il-miżuri ma jstgħux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja sabiex tikkjarifika eżattament liema miżuri kienu direttament relatati mas-sikurezza fit-traffiku tal-ajru u mal-eżerċitar ta' prerogattivi sovrani, u esprimiet id-dubbi tagħha li l-konstruzzjoni taċ-ċnut tas-sigurtà kienet iservi biss l-iskop li tiggarrantixxi operazzjonijiet siguri fl-ajruport, biex b'hekk taqa' wkoll fl-ambitu tal-ispejjeż li huma neċessarjament marbuta mal-attività ekonomika tal-operat ta' ajruport. Il-Ġermanja ntalbet tispjega wkoll jekk il-finanzjament pubbliku tal-attivitàjiet li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika huwiex irregolat bl-istess mod fir-rigward tal-ajruporti Ġermaniżi kollha, jew jekk xi ajruporti kellhomx huma stess iġorru l-ispejjeż li kienu koperti mill-Istat għal ajruporti oħrajn.
- (54) Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-ftuħ waslet għall-konklużjoni preliminari li t-trasferiment tal-art kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Il-kompatibbiltà

- (55) Id-deċiżjoni tal-ftuħ fakkret li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jinvokaw ir-raġunijiet possibbli ta' kompatibbiltà u li juru li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti. Kien innotat li minħabba li l-Ġermanja ma kinitx temmen li t-trasferiment tal-art inkwistjoni kien jammonta għal għajnuna mill-Istat, huma ma ppreżentaw ebda argument rigward il-kompatibbiltà. Il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja sabiex tispjega jekk it-trasferiment tal-art jistax ikun kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien li ġiet adottata d-deċiżjoni tal-ftuħ, hija kellha dubbi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern.

2.2.3. GARANZIJI FUQ IS-SELF GĦALL-BENEFIĊĠU TA' VH SAAR U FSBESITZG

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (56) Il-Land Saarland ta garanziji lil FSBesitzG fi tliet okkażjonijiet (żewġ garanziji fis-sena 1998 u waħda fis-sena 1999), kull darba mingħajr ma jirċievi ebda rimunerazzjoni. Barra minn hekk, Saarland ħareġ żewġ ittri ta' konfort bħala titolu ta' sigurtà għal żewġ tranżazzjonijiet ta' self meħuda minn vħ Saar. vħ Saar ittrasferiet tali self lil FSBesitzG.

Tabella 6

Garanziji u Ittri ta' Konfort

Sena	Ammont tas-Self (EUR)	Durata tas-Self	Benefiċjarju
1998	(...)	It-30 ta' Diċembru 2017	FSBesitzG
	(...)	L-1 ta' Ottubru 2017	FSBesitzG
1999	11 453 000	—	FSBesitzG
2005	3 700 000	Il-31 ta' Jannar 2021	vh Saar
2006	10 000 000	Il-31 ta' Awwissu 2039	vh Saar

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali*L-eżistenza tal-ġhajnuna*

- (57) Id-deċiżjoni tal-ftuħ innotat li, għall-istess raġunijiet imsemija fil-premessa 52, huma biss il-garanziji li ngħataw wara s-sena 2000 li kienu rilevanti għall-valutazzjoni tal-ġhajnuna mill-Istat. Minħabba l-informazzjoni li kienet disponibbli f'dak iż-żmien, il-Kummissjoni assument li l-garanzija li tkopri self li jammonta għal EUR 11 453 000 kienet ingħatat wara s-sena 2000. Hija spjegat li minħabba li l-garanzija għal dan is-self, kif ukoll l-ittra ta' konfort maħruġa għas-self tal-2005 u tal-2006 meħud minn vh Saar, kienu jkopru 100 % tas-self u li ladarba s-Saarland ma rċieva ebda rimunerazzjoni għall-garanzija/ittri ta' konfort, dawn dehru li kienu jikkostitwixxu ġhajnuna mill-Istat skont in-Notifika tal-Garanzija⁽¹⁴⁾. Rigward is-selettività, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, applikaw l-istess kunsiderazzjonijiet bħal dawk li ġew spjegati fir-rigward tal-finanzjament ġenerali ta' FSBesitzG/FSG minn vh Saar.

Il-kompatibbiltà

- (58) Id-deċiżjoni tal-ftuħ assument li l-garanzija għas-self li jammonta għal EUR 11 453 000 ingħatat wara s-sena 2000. Meta wieħed jinnota li s-self sottostanti serva biex jifinanzja l-bini tat-terminal il-ġdid, id-deċiżjoni tal-ftuħ ivvalutat il-kompatibbiltà tal-garanzija skont it-taqsimha 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Hija waslet għall-konklużjoni preliminari li kien hemm dubji dwar jekk it-terminal il-ġdid servix objettiv definit b'mod ċar ta' interess pubbliku (minħabba li ma kienx ċar jekk ajruporti oħrajn fil-qrib setgħux iservu ż-żona ta' l-huq tal-Ajruport ta' Saarbrücken huma wkoll), jekk it-terminal kienx neċessarju għall-funzjonament tal-ajruport, jekk dan kellux prospettu sodisfaċenti fuq perjodu ta' żmien medju (minħabba li l-Ġermanja ma sottomettiet ebda dejta dwar meta l-ajruport jista' jsir profittabbli), jekk l-utenti kollha kellhomx aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura (minħabba li ma kienx ċar jekk l-utenti kollha ngħataw l-istess vantaġġi bħal Cirrus u Air Berlin) u, fl-aħħar nett, jekk dan affettwax l-iżvilupp tal-kummerċ sa ċertu punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (59) Fir-rigward tal-ittri ta' konfort tal-2005 u tal-2006, id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat li l-Ġermanja ma spjegatx xi skop kien qed iservi s-self sottostanti. Għal din ir-raġuni, kif ukoll minħabba li l-Ġermanja ma ppreżentat ebda argument dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-ġhajnuna mill-Istat involuta f'dawn il-miżuri kienet inkompatibbli mas-suq intern.

2.2.4. IL-KUNTRATT TA' KIRI BEJN FSBESITZG U FSBG

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (60) Wara li l-FSG oriġinali nqasmet f'FSBesitzG u FSBG fl-1997, FSBG kriet l-infrastruttura tal-ajruport mingħand FSBesitzG. Skont il-kuntratt tal-kiri tas-7 ta' Lulju 1997, FSBG kellha tħallas ammont annwali fiss ta' [...] fis-sena flimkien ma' taxxa fuq id-dħul min-negozju. Fit-3 ta' Awwissu 2006, FSBG u FSBesitzG iffirraw kuntratt ta' kiri ġdid, b'mod retroattiv applikabbli mill-1 ta' Lulju 2006.

⁽¹⁴⁾ Notifika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-ġhajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

- (61) Skont il-kuntratt tal-2006, il-pagament annwali fiss tal-kiri kien iffissat bħala [...] fis-sena. Barra minn hekk, FSBG kellha tittrasferixxi ċertu perċentwal tal-profitt annwali tagħha [...].
- (62) Abbażi ta' dawn il-kuntratti, FSBG ħallset l-ammonti li ġejjin bħala kera għall-infrastruttura tal-ajruport lil FSBesitzG:

Tabella 7

Il-Pagamenti tal-Kiri magħmula minn FSBG

Sena	Pagament tal-Kiri
2000	(...)
2001	(...)
2002	(...)
2003	(...)
2004	(...)
2005	(...)
2006	(...)
2007	(...)

- (63) Hekk kif FSBG u FSBesitzG ġew amalgamati fil-bidu tal-2008, ma kien hemm ebda pagament ta' kiri ieħor li kien dovut wara dik id-data.

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali*L-eżistenza tal-ġhajjnuna*

- (64) Id-deċiżjoni tal-ftuħ l-ewwel osservat li l-kuntratt ta' kiri mmodifikat kien konkluż bejn FSBesitzG u FSBG, b'hekk mingħajr involviment dirett minn xi awtorità pubblika. Madankollu, hija nnotat li FSBesitzG kienet kompletament proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi (0,1 % kienet tappartjeni lis-Saarland direttament u 99,9 % kienet tappartjeni lil vH Saar, li minnha nnifisha kienet tappartjeni 100 % lis-Saarland), li b'hekk kien jagħmilha impriża pubblika. Hija innotat ukoll li minħabba d-diversi mekkaniżmi ta' kontroll, Saarland kellu kontroll kompensiv fuq l-FSBesitzG u waslet għall-konklużjoni preliminari li, kieku l-kuntratt ta' kiri kellu jinstab li ta vantaġġ lil FSBG fil-forma ta' rati tal-kiri taħt il-prezzijiet tas-suq, dan il-vantaġġ kien jinvolvi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u kien ikun imputabbli lill-Istat.
- (65) Id-deċiżjoni tal-ftuħ imbagħad spjegat li mis-sena 2000 'il quddiem, l-FSBG kellha titqies bħala li kienet involuta f'attivitajiet ekonomiċi u, għalhekk, kienet tikkostitwixxi impriża. Fiż-żmien li ġiet adottata d-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ma kienet irċeviet ebda informazzjoni dwar il-kuntratti tal-kiri qabel is-sena 2000 u jekk il-kuntratt ta' kiri li kien jeżisti sal-2006 kienx emendat wara s-sena 2000. Għalhekk, il-kuntratt li kien fis-seħħ sal-2006 seta' kkostitwixxa l-ġhajjnuna eżistenti. Il-Ġermanja ntalbet tipprovdi aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni.
- (66) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-kuntratt tal-kiri tax vantaġġ lil FSBG, id-deċiżjoni tal-ftuħ spjegat id-dubji tal-Kummissjoni dwar jekk il-pagamenti tal-kiri li saru mill-FSBG kinux konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Għaldaqstant, hija talbet lill-Ġermanja sabiex tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn FSBesitzG u FSBG, kif ukoll dwar id-determinazzjoni tat-termini tal-kuntratt tal-kiri u l-loġika ekonomika li fuqha huma bbażati.
- (67) Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, id-deċiżjoni tal-ftuħ waslet għall-konklużjoni preliminari li l-pagamenti tal-kiri magħmula minn FSBG kien fihom element ta' ġhajjnuna mill-Istat.

Il-kompatibbiltà

- (68) Id-deċiżjoni tal-ftuħ tirrimarka li hija waslet għall-konklużjoni preliminari li l-pagamenti tal-kiri kien fihom għajjnuna mill-Istat fis-sens ta' għajjnuna operattiva, minħabba li l-pagamenti taħt il-prezz tas-suq naqqsu l-ispejjeż operattivi li kellha tħallas l-FSBG. Id-deċiżjoni tal-ftuħ irrimarkat li, fil-prinċipju, tali għajjnuna operattiva mhijiex kompatibbli mas-suq intern u talbet lill-Ġermanja sabiex tikkjarifika jekk din l-għajjnuna tistax taqa' taħt il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar jew sabiex tippreżenta argumenti oħrajn dwar il-kompatibbiltà.

2.2.5. SKONTIJJET GĦAL-LINJI TAL-AJRU

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (69) Sal-2007, l-iskeda applikabbli tat-tariffi tal-ajruport f'Saarbrücken ma kienet tipprevedi ebda skont għal-linji tal-ajru. Fl-1 ta' April 2007, FSBG introduċiet skeda ġdida, li pprevediet serje ta' skontijiet disponibbli għal-linji tal-ajru li ssodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Din l-iskeda ġiet adottata wkoll minn FSBesitzG/FSG wara l-amalgamazzjoni taż-żewġ kumpaniji.
- (70) L-iskeda tal-2007 introduċiet tliet tipi ta' skontijiet. L-ewwel tnejn ma setgħux jiġu akkumulati, filwaqt li t-tielet wieħed seta' jkun addizzjonali għal kwalunkwe skont ieħor riċevut.
- (a) Skontijiet għal linji tal-ajru ġodda: għal-linji tal-ajru li joperaw minn Saarbrücken għall-ewwel darba, ġie offrut tnaqqis fit-tariffi tal-moviment, startjar/illandjar tal-ajruplani u fit-tariffi tal-passiġġieri b'50 % fl-ewwel sena, bi 30 % fit-tieni sena u b'20 % fit-tielet sena.
- (b) Skontijiet għal destinazzjonijiet ġodda: ġew offruti skontijiet tal-istess daqs u fuq l-istess tariffi għal-linji tal-ajru li joperaw lejn destinazzjonijiet ġodda, jiġifieri destinazzjonijiet li ma kinux servuti mill-inqas fit-12-il xahar ta' qabel.
- (c) Rimborż għaż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri: dawk il-linji tal-ajru li ttrasportaw bejn 60 000 – 100 000 pax, jew aktar minn 100 000 pax matul sena kalendarja waħda, irċewew rimborż ta' 5 % jew 10 %, rispettivament, fuq it-tariffi tal-passiġġieri li ħallsu matul dik is-sena.

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali*L-eżistenza tal-għajjnuna*

- (71) Id-deċiżjoni tal-ftuħ assumiet li l-iskeda ġdida tal-1 ta' April 2007 kienet adottata minn FSBesitzG. Abbażi ta' dan, id-deċiżjoni tal-ftuħ għaddiet biex tfakkar li minħabba l-kontroll komprensiv li gawdew l-awtoritajiet pubbliċi fuq FSBesitzG, l-introduzzjoni ta' din l-iskeda ġdida kienet imputabbli lill-Istat. Sal-punt li l-iskeda pprevediet tariffi taħt il-prezzijiet tas-suq, hija għalhekk kienet tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat li kien imputabbli lill-Istat.
- (72) Il-Ġermanja sostniet li l-iskontijiet kienu motivati minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u li kienu konformi mat-test tal-MEO. Madankollu, id-deċiżjoni tal-ftuħ enfasizzat li l-Ġermanja għadha ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni biex tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta din l-affermazzjoni b'mod sħiħ. Għalhekk, il-Ġermanja ntalbet tipprovidi informazzjoni komprensiva dwar l-ispejjeż u d-dħul tal-ajruport, b'mod partikolari dawk relatati mal-avjazzjoni tal-passiġġieri kummerċjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet għal kjarifika dwar jekk l-iskeda tat-tariffi kinitx applikata mingħajr diskriminazzjoni bejn il-linji tal-ajru.
- (73) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ikkonkludiet billi esprimiet li kien hemm dubji dwar jekk l-iskontijiet tal-1 ta' April 2007 setgħux jiġu ġustifikati fuq il-bażi tat-test tal-MEO u li, għalhekk, ma setax jiġi eskluż li l-linji tal-ajru inkwistjoni ngħataw vantaġġ fuq oħrajn. Billi l-iskontijiet setgħu wkoll ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-iskontijiet kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.

Il-kompatibbiltà

- (74) Id-deċiżjoni tal-ftuħ evalwat jekk l-iskontijiet setgħux jikkwalifikaw bħala għajjnuna tal-bidu kompatibbli skont it-taqsimha 5 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk id-diversi kundizzjonijiet għall-kompatibbiltà tal-għajjnuna tal-bidu ġewx issodisfati.

- (75) B'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat li:
- (a) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskont għal żieda fl-għadd ta' passiġġieri ssodisfax il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (c) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li dan ma kienx jeħtieġ rotta jew frekwenza ġdida.
 - (b) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskont għal żieda fl-għadd ta' passiġġieri ssodisfax il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (d) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li dan ma kienx digressiv u ta' tul limitat.
 - (c) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskontijiet kollha kinux jissodisfaw il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (f) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li ma kien hemm ebda obbligu fuq il-linji tal-ajru li jergħu jħallsu kwalunkwe wieħed mill-iskontijiet riċevuti jekk ikunu ilhom joperaw minn Saarbrücken għal mill-inqas tliet snin.
 - (d) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskontijiet għal rotot ġodda u għal linji tal-ajru ġodda kinux jissodisfaw il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (g) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li dawn ma kinux jiddependu fuq l-għadd ta' passiġġieri.
 - (e) Kien hemm dubji dwar jekk mill-inqas l-iskontijiet għal żieda fil-passiġġieri kinux jissodisfaw il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (i) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li dawn ma kinux jinkludu r-reqwiżit ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju minn qabel.
 - (f) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskontijiet kollha kinux jissodisfaw il-kundizzjoni speċifikata fil-punt (j) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li xejn mill-informazzjoni meħtieġa ma deher li kienet ġiet ippubblikata.
 - (g) Kien hemm dubji dwar jekk l-iskontijiet kollha kinux jissodisfaw il-kundizzjoni speċifikata fil-punt 80 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li ma kienx ċar jekk dawn setgħux ikunu akkumulati u minħabba li deher li mill-inqas l-iskont għaż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri seta' jiġi kkombinat mat-tnejn l-oħrajn.
- (76) Billi l-kundizzjonijiet kumulattivi għall-għajnuna tal-bidu ma kinux jidhru li ġew issodisfati u minħabba li ma kienet evidenti ebda bażi oħra ta' kompatibbiltà, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-iskontijiet kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli.

2.2.6. GĦAJNUNA TAL-BIDU LIL CIRRUS AIRLINES

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (77) Fis-27 ta' Jannar 2005, FSBesitzG iffirmat kuntratt inizjali ma' Cirrus Airlines Luftfahrtgesellschaft mbH ("Cirrus") b'tul ta' sena. L-iskop tal-kuntratt kien iż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri għar-rotta lejn [...]. Il-kuntratt iddikjara li żieda fl-għadd ta' passiġġieri setgħet tkun possibbli biss jekk il-prezzijiet tal-biljetti jitnaqqsu b'mod konsiderevoli sabiex Cirrus issir attraenti għall-passiġġieri. Il-kuntratt spjega wkoll li dan il-proġett ser iġarrab telf kbir fil-fażi inizjali. Għalhekk, l-ajruport kien lest li jappoġġja l-proġett b'finanzjament inizjali.
- (78) L-operazzjonijiet tat-titjir kienu mistennija jibdew fid-29 ta' Marzu 2005. Il-kuntratt kien ibbażat fuq pjan ta' direzzjoni tan-negozju li kien jinkludi l-għadd ta' passiġġieri u l-qligħ nett medju. Il-kuntratt iddetermina wkoll it-tip ta' ajruplan li għandu jintuża.
- (79) Il-kuntratt obbliga lil Cirrus tipprovdi titjiriet skedati bejn Saarbrücken u [...] bi frekwenza ta' [...] titjiriet fuq [...] jiem fil-ġimgħa, [...] titjiriet [...]. Il-kuntratt iddikjara espliċitament li Cirrus [...]. Il-kuntratt kien sussegwentement estiż u mmodifikat diversi drabi u finalment skada fil-31 ta' Diċembru 2006.
- (80) Ir-rimunerazzjoni dovuta skont il-kuntratt kienet ikkalkolata skont il-formula li ġeja:

(...)

Matul il-kors tat-tul tal-kuntratt, l-ammont annwali ta' rimunerazzjoni mħallsa lil Cirrus minn FSBesitzG kien kif ġej:

Tabella 8

Pagamenti lil Cirrus Airlines f'EUR

Sena	Rimunerazzjoni Netta	Rimunerazzjoni Gross
2005	(...)	(...)
2006	(...)	(...)

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali

L-eżistenza tal-għajnuna

- (81) Id-deċiżjoni tal-ftuħ l-ewwel innotat li d-deċiżjoni ta' FSBesitzG kienet tinvolvi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u kienet imputabbli lill-Istat. Kien jidher ukoll b'mod ċar li Cirrus kienet impriża li twettaq attivitajiet ekonomiċi. Il-mistoqsija kienet imbagħad dwar jekk il-kuntratt tax lil Cirrus vantaġġ li altrimenti l-istess Cirrus ma kinitx tkun tista' tikseb fis-suq. Billi l-Ġermanja ma pprovdiet ebda spjegazzjoni għaliex ġie konkluż il-kuntratt, hija ntalbet tikkjarifika jekk kinitx temmen li, permezz tal-konklużjoni tal-kuntratt, FSBesitzG aġixxiet bħala MEO razzjonali u, jekk iva, tipprovi dokumentazzjoni li ssostni din il-fehma.
- (82) Id-deċiżjoni tal-ftuħ irrimarkat li, fiż-żmien li ġiet adottata d-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet għadha ma rċeviet ebda indikazzjoni li l-Ġermanja qabblet l-ispejjeż mistennija mad-dħul li jirriżulta minn dan il-kuntratt. Abbażi ta' dan, hija kkonkludiet b'mod preliminari li l-kuntratt ma' Cirrus kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

Il-kompatibbiltà

- (83) Id-deċiżjonijiet tal-ftuħ evalwaw jekk il-kuntratt ma' Cirrus setax jikkwalifika bħala għajnuna tal-bidu kompatibbli skont it-taqsima 5 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk id-diversi kundizzjonijiet għal għajnuna tal-bidu kompatibbli ġewx issodisfati.
- (84) B'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat li l-kuntratt ma' Cirrus naqas b'mod evidenti milli jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-punt (c) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li r-rotta ta' Cirrus bejn Saarbrücken u [...] apparentament kienet teżisti diġà u ma ġiet ipprovduta ebda informazzjoni dwar il-frekwenzi ġodda li jistgħu jwasslu għal żieda fil-passiġġieri;
- (b) il-punt (d) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-kuntratt ma kienx jidher li huwa la digressiv u lanqas verament limitat fiż-żmien, meta wieħed iqis li ġie estiż diversi drabi, u minħabba li ma kienx ċar jekk Cirrus urietx il-profittabbiltà fit-tul tar-rotta;
- (c) il-punt (e) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-kuntratt ma kienx jillimita l-appoġġ għall-ispejjeż tal-bidu addizzjonali;
- (d) il-punt (f), l-ewwel subparagrafu tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-kuntratt ma kellu ebda data tal-għeluq fissa u ma kienx jillimita l-ammont ta' għajnuna b'referenza għall-ispejjeż;
- (e) il-punt (f), it-tielet subparagrafu tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li kien hemm dubji dwar jekk iż-żmien li għalih ingħatat l-għajnuna lil Cirrus kienx sostanzjalment inqas mill-perjodu li matulu Cirrus impenjat ruħha li topera minn Saarbrücken;
- (f) il-punt (g) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-għajnuna dehret li kienet marbuta mal-iżvilupp tal-għadd ta' passiġġieri ttrasportati;
- (g) il-punt (h) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li kien hemm dubji dwar jekk il-kuntratt kienx ġie ppubblikat qabel ġie konkluż u jekk kienx tpoġġa disponibbli wkoll għal linji tal-ajru oħrajn;

- (h) il-punt (i) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li kien hemm dubji dwar jekk FSBetriebG kellhiex aċċess għal pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' Cirrus u jekk l-ajruport investigax l-effetti tal-ghajjnuna fuq ir-rotot kompetituri;
 - (i) il-punt (j) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li, apparentement, il-lista meħtieġa ta' rotot issussidjati ma ġietx ippubblikata;
 - (j) il-punt (k) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li kien hemm dubji dwar jekk il-Ġermanja daħħlitx fis-seħħ il-proċedura tal-appelli meħtieġa;
 - (k) il-punt 80 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li deher li Cirrus kienet ikkombinat l-ghajjnuna skont il-kuntratti ma' dik skont l-iskeda tat-tariffi tal-2007.
- (85) Billi l-kundizzjonijiet kumulattivi għal ghajjnuna tal-bidu kompatibbli ma kinux jidhru li ġew issodisfati u minħabba li ma kienet evidenti ebda bażi oħra ta' kompatibbiltà, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kuntratt ma' Cirrus kien jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat inkompatibbli.

2.2.7. FTEHIM TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI MA' AIR BERLIN

Deskrizzjoni dettaljata tal-miżura

- (86) Fis-6 ta' April 2011, FSG iffirmat Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin PLC & Co. Luftverkehrs KG ("Air Berlin"), b'tul sat-2 ta' Mejju 2014. Il-Ftehim obbliga lil Air Berlin sabiex tikkunsinja servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u pubbliċità lil FSG. Il-ftehim iddikjara: [...] FSG stenniet li ż-żieda fil-frekwenzi ser twassal għal dħul ogħla mill-attivitajiet tal-avjazzjoni u minn dawk mhux relatati mal-avjazzjoni. Barra minn hekk, Air Berlin kienet obbligata li tippromwovi ż-żewġ konnessjonijiet minn u lejn Saarbrücken (informazzjoni dwar iż-żieda tal-frekwenzi fl-istampa, permezz ta' e-mails, għoti ta' tagħrif mill-aġenziji tal-ivvjaġġar, rivisti, midja stampata, maċ-check-in, abbord, fuq ir-radju, eċċ.). FSG irrimunerat lil Air Berlin għas-servizz ta' kummerċjalizzazzjoni b'total ta' [EUR 800 000 – EUR 1 700 000].

Ir-raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali

L-eżistenza tal-ghajjnuna

- (87) Simili għall-kuntratt ma' Cirrus, il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż ma' Air Berlin qajjem ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-ftehim kienx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha, bħat-trasferiment imputabbli tar-riżorsi tal-Istat u s-selettività, kienu preżunti bħala li ġew issodisfati.
- (88) Il-Ġermanja sostniet li hija wettqet analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, li wriet li l-kuntratt kien profittabbli għall-ajruport fuq perjodu ta' żmien twil. Madankollu, hija ma pprovdietx dik l-analiżi, nuqqas li impedixxa lill-Kummissjoni milli tevalwa kif l-ajruport ikkalkula l-ispejjeż u d-dħul li mistennija jirriżultaw mill-kuntratt. Meta wieħed jinnota wkoll li l-uniku vantaġġ għall-ajruport mill-kuntratt deher li kien iż-żieda mistennija fl-għadd ta' passiġġieri, il-kuntratt innifsu deher li ma kien xejn aktar minn skont addizzjonali fuq it-tariffi tal-ajruport, li kienu saħansitra akkumulati bl-iskontijiet diġà disponibbli skont l-iskeda tat-tariffi tal-2007.
- (89) Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, id-deċiżjoni tal-ftuħ waslet għall-konklużjoni preliminari li l-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin ta vantaġġ selettiv lil din tal-aħħar. Billi l-elementi l-oħrajn kollha tal-ghajjnuna mill-Istat instabu b'mod preliminari li kienu preżenti, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li dan il-kuntratt kien fih element ta' ghajjnuna mill-Istat.

Il-kompatibbiltà

- (90) Id-deċiżjoni tal-ftuħ evalwat jekk il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni setax jikkwalifika bħala ghajjnuna tal-bidu kompatibbli skont it-taqsimha 5 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni esprimiet id-dubbi tagħha dwar jekk id-diversi kundizzjonijiet għal ghajjnuna tal-bidu kompatibbli ġewx issodisfati.
- (91) B'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-ftuħ osservat li l-ftehim ma' Air Berlin apparentement naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-punt (d) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-kuntratt ma kienx ċar jekk Air Berlin urietx il-profittabbiltà fit-tul tar-rotta;
 - (b) il-punt (e) tal-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li l-kuntratt ma kienx jillimita l-appoġġ għall-ispejjeż tal-bidu addizzjonali;

	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	Total
Neues Zugangs-kontrollsystem													
Container Tor 1													
Rollwegbeschilderung													
Unterbrechungsfreie Stromvers. (Notstrom)													
Abstellfläche Ost, Bombenbedrohte Flz.													
Erweiterung S/L-Bahnköpfe, RESA													
Flughafennavigation													
Summe p.A.													

(¹) Sottomissjoni ta' Informazzjoni mill-Ġermanja fil-5 ta' Mejju 2012, Anness II.

- (95) Il-Ġermanja ssostni li kwalunkwe finanzjament tal-miżuri ta' sigurtà fl-ajruporti skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz*, tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u tal-miżuri ta' sikurezza fl-ajru skont § 27(c)(2) *Luftverkehrsgesetz*, kif ukoll tal-brigata tat-tifi tan-nar, jaq' fl-ambitu tal-politika pubblika. Skont il-Ġermanja, iċ-ċnut madwar l-ajruport u l-mogħdijiet ta' kontroll, il-post minn fejn jgħaddu l-kontejners, is-sinjali ta' fuq ir-runway, l-elettriku f'każ ta' emerġenza, l-ispażji ta' parkeġġ għall-ajruplani soġġetti għal theddidiet ta' bomba u l-estensjoni tar-runway u taż-żoni tas-sikurezza (RESA) jaqgħu taħt § 8 *Luftsicherheitsgesetz* u, għalhekk, jaqgħu wkoll fl-ambitu tal-politika pubblika.
- (96) Fir-rigward tal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27(c)(2) *Luftverkehrsgesetz*, il-Ġermanja ssostni li l-Istat ma jkoprix l-ispejjeż għal dawn il-miżuri għall-ajruporti kollha, iżda li t-trattament differenti ta' ajruporti differenti huwa ġustifikat u, għalhekk, ma jinvolvi ebda vantaġġ. B'mod aktar konkret, § 27(c)(2) tagħmel distinzjoni bejn ċerti ajruporti fejn il-finanzjament ta' dawn il-miżuri ta' sigurtà fil-livell federali jitqies bħala neċessarju għal raġunijiet ta' sikurezza u fl-interess tal-politika dwar it-trasport, u ajruporti oħrajn fejn tali miżuri mhumiex meqjusa bħala strettament neċessarji minn perspettiva federali. Sa issa, il-Ministeru Federali tat-Trasport irrikonoxxa l-finanzjament ta' bosta ajruporti, fosthom dak ta' Saarbrücken, bħala li huwa neċessarju għal raġunijiet ta' sikurezza u fl-interess tal-politika dwar it-trasport. Din hija r-raġuni għaliex il-finanzjament tal-ajruporti reġjonali, li normalment ikollhom iġorru dawk l-ispejjeż huma stess, mhumiex diskriminatorju. Il-finanzjament tal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru, kemm jekk iffinanzjati direttament mill-Istat fil-livell federali kif ukoll jekk iffinanzjati mil-Länder, huwa parti mill-ambitu tal-politika pubblika fil-każijiet kollha.
- (97) Barra minn hekk, l-ispejjeż għall-brigata tat-tifi tan-nar, pereżempju, ma jiġux irregolati fil-livell federali, iżda jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Länder, li hija r-raġuni għaliex il-brigata tat-tifi tan-nar mhijiex iffinanzjata mill-Istat fl-ajruporti kollha. Id-differenza fit-trattament għandha l-għerquq tagħha fraġunijiet storiċi kif ukoll oġġettivi. Primarjament, hija tinsab fin-natura tan-negozju tal-ajruport, li ajruporti reġjonali iżgħar ma jistgħux iġorru l-ispejjeż fissi għoljin li toħloq brigata tat-tifi tan-nar u li, għalhekk, dawn jispiċċaw jitħallsu mil-Land rispettiv.

- (98) Fir-rigward ta' vħ Saar, il-Ġermanja ssostni li l-kumpajja ma tistax titqies bħala impriża. L-ewwelnett, huwa affermat li vħ Saar innifisha ma taġixx fis-suq, iżda sempliċiment għandha ishma f'kumpaniji oħrajn (jiġifieri l-ajruport u HSG). Billi tirreferi għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁽¹⁵⁾, il-Ġermanja tfakkar li s-sempliċi sjeda ta' ishma f'kumpaniji oħrajn, anki jekk ikun sehem ta' kontroll, minnha nnifisha mhijiex attività ekonomika. Ġie sostnut ukoll li fil-każ ta' vħ Saar ma tapplika ebda eċċezzjoni minn dan il-prinċipju, li jgħid li kumpanija azzjonarja tkun qiegħda tinvolvi ruħha f'attività ekonomika meta teżerċita influwenza fuq il-kumpaniji li jkollha ishma fihom.

Vantaġġ

- (99) Il-Ġermanja ssostni, fir-rigward ta' vħ Saar, li l-kumpanija ma ngħatat ebda vantaġġ mir-riżorsi tal-Istat, hekk kif hija għaddiet il-fondi kollha li rċeviet mingħand is-Saarland lil FSBesitzG/FSG. B'konsegwenza ta' dan, hija tiċħad li vħ Saar tista' titqies bħala benefiċjarja.
- (100) Fir-rigward tal-fondi li rċeviet FSBesitzG/FSG mingħand vħ Saar permezz ta' ftehim P&L, il-Ġermanja tasserixxi li ma ngħata ebda vantaġġ, hekk kif il-finanzjament kollu kien jikkumpensa biss lil FSBesitzG/FSG talli pprovdiet servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI) b'konformità mal-ġurisprudenza ta' *Altmark*.

L-ewwel kriterju ta' *Altmark*: inkarigu b'SGEI

- (101) Il-Ġermanja ssostni li l-operat tal-ajruport, inklużi l-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura neċessarja, jikkostitwixxi SGEI. Il-kunċett ta' SGEI huwa definit mill-Ġermanja bħala servizzi mogħtija f'suq, li l-pubbliku jkollu interess ġenerali fil-provvista affidabbli u stabbli tagħhom, li s-suq innifsu ma jistax jipprovdi u li jiġu pprovduti minn entità li tkun ġiet inkarigata b'obbligu korrispondenti.
- (102) Fir-rigward tal-operat tal-Ajruport ta' Saarbrücken, il-Ġermanja ssostni li dan jinvolvi servizzi offruti f'suq. Hija ssostni wkoll li, billi jilqa' fih inqas minn 500 000 passiġġier fis-sena u b'hekk jinsab taħt il-limitu speċifikat fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minn fejn ajruport jista' jkun mistenni li jagħmel profitt, l-ajruport joffri servizzi li altrimenti s-suq ma jipprovdi.
- (103) Skont il-Ġermanja, l-Ajruport ta' Saarbrücken kien inkarigat bl-obbligu li jipprovdi dawn is-servizzi. Il-Ġermanja tiddikjara li dak l-obbligu jirriżulta mil-liċenzja operattiva u mid-dispożizzjoni tal-liġi Ġermaniża dwar l-avjazzjoni. Il-Ġermanja tirreferi speċifikament għal § 45(1) tar-Regolament dwar il-Ħruġ tal-Liċenzji fil-Qasam tal-Avjazzjoni (*Luftverkehrszulassungsordnung*), li jgħid li impriża ta' ajruport għandha "żżomm l-ajruport fi stat sikur biex jopera u toperah kif suppost". L-obbligu tal-operat jinvolvi d-dmir li l-impriża tagħmel is-servizzi fl-ajruport disponibbli għall-ajruplani mingħajr ebda diskriminazzjoni matul is-sigħat tal-operat regolari, li minnhom infushom huma stipulati fil-liċenzja operattiva u li ma jistgħux jinbidlu b'mod unilaterali mill-operatur tal-ajruport. Kwalunkwe ksur tal-obbligu tal-operat tal-ajruport jirriżulta f'multi li jtilghu sa EUR 50 000 skont § 108 *Luftverkehrszulassungsordnung* b'konnessjoni ma' § 58(1)(10)(2) *Luftverkehrsgesetz*. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja ssostni li, minbarra dan, il-Land jiggarrantixxi l-operat xieraq permezz tal-kontroll komprensiv tiegħu fuq l-operatur.
- (104) Billi tikkummenta fuq l-osservazzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ li ma kien jidher li hemm fis-seħħ ebda att ta' inkarigu formali, il-Ġermanja tasserixxi li l-kombinazzjoni tal-fatturi msemmija fil-premessa 103 u, b'mod partikolari, il-kontroll strett u komprensiv fuq l-ajruport eżerċitat mis-Saarland, jiżguraw li l-iskopijiet tal-inkarigu jiġu rrealizzati mill-inqas bl-istess mod kif kien ikun il-każ li kieku kien hemm fis-seħħ att ta' inkarigu formali.
- (105) B'sostenn għall-affermazzjoni tagħha li l-operat tal-ajruport jikkostitwixxi SGEI, il-Ġermanja tasserixxi li l-ajruport jiffirma parti essenzjali mill-infrastruttura tat-traffiku fis-Saarland, li hija partikolarment neċessarja sabiex tgħaqqad lir-reġjun mal-bqija tal-pajjiż u ma' ċentri tal-avjazzjoni ewlenin. Huwa mifhum li l-importanza partikolari ta' din il-konnessjoni ġejja mill-pożizzjoni ġeografika tas-Saarland fuq il-marġini tal-Ġermanja, 'il bogħod ħafna miċ-ċentri metropolitani kbar tal-pajjiż.

⁽¹⁵⁾ Il-Kawża C-222/04, *Ministero dell'Economia e delle Finanze/Cassa di Risparmio di Firenze SpA et al.*, il-punt 111.

- (106) L-ewwelnett, huwa affermat li l-ajruport iservi l-popolazzjoni tar-reġjun billi jakkomoda għall-ħtiġijiet turistiċi u tat-traffiku privat tagħhom. Huwa mifhum li s-Saarland qiegħed jiżviluppa dejjem aktar bħala destinazzjoni għat-turiżmu. It-tieni, il-Ġermanja tasserixxi li l-ajruport huwa vitali għall-konnessjoni tal-istituzzjonijiet xjentifiċi, kulturali u soċjali tas-Saarland, li predominantement jinsabu fil-Belt ta' Saarbrücken. It-tielet, issir enfasi fuq is-sinifikat tal-ajruport għall-ekonomija lokali u għall-iżvilupp reġjonali, speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjoni strutturali kontinwa 'lil hinn minn ekonomija bbażata fuq it-tħaffir fil-minjieri għall-faħam u lejn ekonomija innovattiva u internazzjonali. Il-Ġermanja tirrimarka li l-kumpaniji sikwit jibbażaw id-deċizzjoni tagħhom li jiċċaqilqu lejn is-Saarland fuq il-fatt li hemm ajruport. Hija tirreferi wkoll għal studju tal-2009 li kien jgħid li d-domanda għall-provvista tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru mistennja tiżdied fil-ġejjieni.
- (107) Il-Ġermanja ssostni s-sottomissjoni preċedenti tagħha billi tasserixxi li ż-żieda kostanti fl-għadd ta' passiġġieri f'Saarbrücken matul l-aħħar għexieren ta' snin, ir-riżultati ta' studju li juru potenzjal ta' tkabbir ulterjuri u l-fatt li ajruporti oħrajn fir-reġjun ma jistgħux jissodisfaw id-domanda lokali, kollha juru l-importanza tal-ajruport għall-popolazzjoni u l-ekonomija lokali. Il-Ġermanja tinvoka l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, li jiddikjaraw li "[m]huwiex impossibbli li, f'każijiet eċċezzjonali, il-ġestjoni ġenerali ta' ajruport titqies bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali", pereżempju, meta ajruport ikun jinsab f'"reġjun iżolat", u tasserixxi li Saarbrücken hija każ eċċezzjonali bħal dan minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha u l-bidliet strutturali li għaddeja minnhom l-ekonomija lokali⁽¹⁶⁾. Fl-aħħar nett, hija ssostni li l-finanzjament ma jiffinanzjax attivitajiet li jmorru 'lil hinn mill-"attivitajiet bażiċi" speċifikati fil-punt 53(iv) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (108) Il-Ġermanja mbagħad tasserixxi li l-eżistenza ta' SGEI ma tistax tiddgħajfef min-neċessità allegatament nieqsa tal-ajruport. Hija ssostni li ajruporti oħrajn fir-reġjun ma jistgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet li jakkomoda l-Ajruport ta' Saarbrücken. B'mod partikolari, qed jiġi sostnut li l-ajruporti l-oħrajn fir-reġjun jew huma bogħod wisq miż-żona ta' lħuq ewlenija tal-Ajruport ta' Saarbrücken (bħall-ajruporti tal-Lussemburgu, ta' Netz-Nancy-Lorraine u ta' Frankfurt-Hahn) jew inkella ma jistgħux jitqabblu ma' Saarbrücken minħabba d-daqs iżgħar tagħhom u s-servizzi limitati offruti minnhom (l-aktar dak ta' Zweibrücken).

It-tieni kriterju ta' Altmark: il-parametri tal-kumpens

- (109) Il-Ġermanja ssostni li l-iskop tat-tieni kriterju ta' Altmark huwa li jevita kumpens eċċessiv u li jiżgura l-użu effikaċi tal-finanzjament pubbliku. Hija tasserixxi li abbażi tal-kontroll strett eżerċitat mill-awtoritajiet lokali fuq l-ajruport, l-iżgurar ta' mgħiba ekonomika responsabbli u l-fatt li l-attivitajiet ta' dan tal-aħħar huma limitati għall-provvista ta' SGEI, l-iskop tat-tieni kriterju ntlaħaq. Fl-aħħar nett, hija tasserixxi li, fi kwalunkwe każ, il-modalitajiet tal-finanzjament jifasslu b'tali mod li tiġi eskluża kwalunkwe possibbiltà ta' dipendenza abbużiva fuq il-kumpens ta' SGEI.

It-tielet kriterju ta' Altmark: l-evitar ta' kumpens eċċessiv

- (110) Il-Ġermanja ssostni li l-finanzjament pubbliku qatt ma mar 'lil hinn mill-ammont neċessarju sabiex tiġi ffaċilitata l-provvista tal-SGEI, b'kunsiderazzjoni tad-dħul rilevanti kollu. Huwa enfasizzat li l-attivitajiet tal-ajruport huma limitati għall-provvista tal-SGEI inkwistjoni, bil-konsegwenza li ma tfaċċawx spejjeż oħrajn li setgħu ġew issussidjati b'mod reċiproku. Kien sostnut ukoll li l-infrastruttura u l-operazzjonijiet tal-ajruport huma neċessarji u xierqa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tat-traffiku tal-ajru fiż-żona ta' lħuq tal-Ajruport ta' Saarbrücken. FSBesitzG u FSG la ġġeneraw u lanqas qegħdin jiġġeneraw profitti, filwaqt li FSBG kisbet biss profitti marġinali. Il-Ġermanja tasserixxi li l-awtoritajiet lokali ssorveljaw mill-qrib l-użu tal-fondi pubbliċi u kienu jintervjenu li kieku sabu xi ineffiċjenzi.

Ir-raba' kriterju ta' Altmark: offerta pubblika jew benchmarking

- (111) Minħabba li l-ajruport kien ilu jeżisti għal żmien twil ferm qabel ma l-provvista tas-servizzi tal-ajruport bdiet titqies bħala attività ekonomika, il-Ġermanja ssostni li hija għażlet li ma toħroġx l-SGEI b'offerta, iżda minflok għażlet li tkompli tistrieħ fuq l-ajruport eżistenti. Madankollu, kien sostnut li r-raba' kriterju ġie ssodisfat, billi l-Ġermanja hija tal-fehma li l-awtoritajiet lokali ssorveljaw mill-qrib l-attivitajiet tal-ajruport, sabiex b'hekk setgħu jiżguraw li jiġu rrimborżati biss l-ispejjeż effiċjenti. Filwaqt li s-Saarland ma għandux dejta preċiża dwar ajruporti reġjonali oħrajn, huwa jassumi li l-effiċjenza tal-Ajruport ta' Saarbrücken hija medja u li l-awtoritajiet lokali setgħu jirrikonoxxu u jeliminaw kwalunkwe ineffiċjenza. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja ssostni li minħabba d-differenzi varji li kienu jeżistu bejn l-ajruporti reġjonali fil-Ġermanja, paragun sempliċi ma jkunx sinifikanti. F'din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tkun kuntenta bil-fatt li ma hemm ebda indikazzjoni li l-ajruport ta' Saarbrücken huwa ineffiċjenti.

⁽¹⁶⁾ Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-punt 34.

Konklużjoni intermedjarja dwar Altmark/SGEI

- (112) Billi l-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-erba' kriterji kollha ta' *Altmark* huma ssodisfati, hija ssostni li l-finanzjament tal-ajruport mir-riżorsi tal-Istat ma jikkostitwixxi ebda vantaġġ, iżda sempliċiment kumpens għall-provvista ta' SGEI.

Il-prinċipju tal-operatur fl-ekonomija tas-suq

- (113) Il-Ġermanja tispjega li minħabba s-sinifikat ekonomiku u strutturali kbir tal-Ajruport ta' Saarbrücken għar-reġjun, is-Saarland tqis l-operat bħala SGEI, mhux bħala attività ta' negozju bi skop ta' profitt. Għaldaqstant, l-għeluq tal-ajruport mhux għażla u ma teżisti ebda analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għeluq.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (114) Billi tressaq l-argument li l-finanzjament tal-ajruport ma jfixkilx il-kompetizzjoni u ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Ġermanja ssostni li dan ma jikkostitwixxi ebda għajjnuna mill-Istat. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja tfakkar li l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 jiddikjaraw li l-finanzjament ta' ajruport reġjonali żgħir b'inqas minn miljun pax "mhux probabbli li jfixkel il-kompetizzjoni jew jaffettwa l-kummerċ sa ċertu punt li jmur kontra l-interess komuni" ⁽¹⁷⁾. L-Ajruport ta' Saarbrücken jaqa' f'din il-kategorija ta' każijiet u, skont il-Ġermanja, ma hemm ebda raġuni għaliex wieħed għandu jitlaq mill-preżunzjoni ġenerali: L-Ajruport ta' Saarbrücken huwa ajruport reġjonali tipiku li jilqa' għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni fir-reġjun, tant li l-maġġoranza tal-passiġġieri huma fil-fatt mir-reġjun.
- (115) B'ħarsa lejn ajruporti oħrajn fir-reġjun, speċjalment dawk li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, huwa sostnut li ż-żona ta' lħuq tal-Ajruport ta' Saarbrücken tkopri lil Saarbrücken u ż-żoni tal-madwar, iżda f'tit li xejn testendi għal Stati Membri oħrajn. Tabilħaqq, jintqal li [inqas minn 14%] biss tal-passiġġieri jiġu minn Franza [...] jew mil-Lussemburgu [...]. Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-uniċi ajruporti barranin li jinsabu f'kompetizzjoni diretta ma' Saarbrücken huma l-Ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine u l-Ajruport tal-Lussemburgu. Madankollu, dawn iż-żewġ ajruporti jinsabu aktar minn siegħa sewqan 'il bogħod minn Saarbrücken, sabiex b'hekk – jekk wieħed jassumi li ż-żona ta' lħuq ta' ajruport tkopri l-postijiet kollha minn fejn jista' jintlaħaq dak l-ajruport f'ħin ta' 60 minuta – iż-żoni ta' lħuq tagħhom jikkoinċidu biss marġinalment. Aktar minn hekk, il-postijiet fejn jikkoinċidu huma skarsament popolati u meqjusa bħala li jiġġeneraw f'tit passiġġieri, filwaqt li ż-żona ta' lħuq ewlenija tal-Ajruport ta' Saarbrücken ma taqax fi h'dan iż-żona ta' lħuq tal-ajruporti barranin imsemmija.
- (116) Barra minn hekk, huwa sostnut li l-profilu taż-żewġ ajruporti barranin imsemmija u tal-Ajruport ta' Saarbrücken huma differenti ħafna: il-Lussemburgu huwa ferm akbar (madwar 1,5 miljun passiġġier fis-sena) u joffri aktar aktar rotot differenti, filwaqt li Metz-Nancy-Lorraine huwa ferm iżgħar u joffri titjiriet skedati b'mod esklussiv fi Franza u titjiriet charter lejn it-Tramuntana tal-Afrika. Il-Ġermanja ssostni li, b'mod partikolari fir-rigward tal-Ajruport tal-Lussemburgu, ma teżisti ebda kompetizzjoni, hekk kif iż-żewġ ajruporti jikkumplementaw lil xulxin, aktar milli jissostitwixxu lil xulxin.
- (117) Fir-rigward tal-ajruporti ġirien fil-Ġermanja, il-Ġermanja ssostni li l-Ajruport ta' Saarbrücken ma jinsabx f'kompetizzjoni la ma' Frankfurt-Hahn u lanqas ma' Zweibrücken. Safejn huwa kkonċernat tal-ewwel, huwa affermat li ż-żoni ta' lħuq jikkoinċidu biss b'mod insinifikanti minħabba d-distanza li hemm bejn iż-żewġ ajruporti, Frankfurt-Hahn huwa ferm akbar (madwar 3,5 miljun passiġġier fis-sena) u joffri rotot internazzjonali kważi esklussivi permezz ta' trasportaturi low-cost, filwaqt li dawn it-trasportaturi ma jservux lil Saarbrücken. Barra minn hekk, it-trasport tal-merkanzija bl-ajru huwa importanti fi Frankfurt-Hahn, iżda ma għandu ebda rwol f'Saarbrücken.
- (118) Fir-rigward ta' Zweibrücken, il-Ġermanja tenfasizza li filwaqt li l-Ajruport ta' Zweibrücken huwa, minħabba l-qribija tiegħu ma' Saarbrücken, aktar probabbli li jkun f'kompetizzjoni ma' dak l-ajruport, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ ajruporti hija fil-fatt kumplementarja u mhux kompetittiva. Filwaqt li Zweibrücken ma joffri ebda titjira skedata, iżda jintuża esklussivament għal titjiriet charter, Saarbrücken jispesjalizza f'titjiriet skedati għal dawk li jivvjaġġaw għal skopijiet ta' negozju. Dawn il-profilu differenti huma riflessi fl-infrastruttura rispettiva, bil-faċilitajiet ta' kwalità ogħla ta' Saarbrücken huma tipiċi għall-ajruporti li jiffokaw fuq titjiriet skedati. Barra minn hekk, it-trasport tal-merkanzija bl-ajru għandu rwol fi Zweibrücken, filwaqt li ma jistax jingħad l-istess għal Saarbrücken minħabba r-runway qasira tiegħu u l-projbizzjoni imposta fuq it-titjiriet bil-lejl.

⁽¹⁷⁾ Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-punt 39(2).

- (119) Abbażi tal-kumplimentarjetà perċepita bejn l-ajruporti ta' Zweibrücken u Saarbrücken, il-Ġermanja tiddikjara li hija prevista kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn iż-żewġ ajruporti. Il-gvernijiet reġjonali rispettivi diġà ddeċidew li jikkooperaw aktar mill-qrib fil-ġejjieni, tant li qegħdin jipprevedu l-ħolqien ta' ajruport konġunt ("Saar-Palatinate-Airport") ma' żewġ postijiet (Saarbrücken u Zweibrücken). Il-kooperazzjoni għandha twassal għal sinerġiji u fondi sikuri. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja tagħmel enfasi fuq id-domanda għal servizzi tal-avjazzjoni fir-reġjun (iż-żewġ ajruporti flimkien diġà għandhom 750 000 pax), billi ssostni li huma biss Saarbrücken u Zweibrücken flimkien li jistgħu jissodisfaw din id-domanda kif xieraq, b'mod partikolari minħabba li l-ajruporti ġirien l-oħrajn ma jistgħux iservu bħala sostituti.
- (120) Il-Ġermanja tenfasizza li anki li kieku l-ajruporti f'Saarbrücken, Zweibrücken u Frankfurt-Hahn kellhom jinstabu li huma f'kompetizzjoni ma' xulxin, kwalunkwe miżuri ta' appoġġ pubbliku ma jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tliet ajruporti kollha jinsabu fil-Ġermanja, il-kumpaniji operattivi huma Ġermaniżi u l-azzjonisti huma entitajiet territorjali Ġermaniżi.
- (121) Fl-aħħar nett, huwa affermat li kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni jew effett fuq il-kummerċ ikunu tant marġinali li għandu jiġi applikat "prinċipju de-minimis" fil-każ inkwistjoni, li jwassal għall-konklużjoni li kwalunkwe effett bħal dan mhux apprezzabbli.

3.1.2. L-GĦAJNUNA EŻISTENTI U L-KOMPATIBILITÀ

- (122) B'mod alternattiv u jekk il-Kummissjoni ma ssegwix l-argument tal-Ġermanja li l-miżuri ta' finanzjament ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, il-Ġermanja ssostni li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, huma kompatibbli fi kwalunkwe każ, kif ukoll huma eżentati min-notifika skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, huma konformi mal-kriterji tal-kompatibilità stipulati fit-taqsimiet 4.1 u 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 u jistgħu jiġu ġustifikati bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

L-ġajnuna eżistenti

- (123) Il-Ġermanja tirrimarka li kieku l-ftehim P&L bejn vh Saar u FSBesitzG/FSG kellu jinstab li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, huwa jikkwalifika bħala għajnuna eżistenti. Il-ftehim rilevanti, li huwa l-bażi legali tal-kopertura tad-defiċit annwali, kien konkluż fis-7 ta' Mejju 1996 u, skont il-Ġermanja, baqa' qatt ma nbidel minn dakinhar. Li kieku l-Kummissjoni kellha ssib li l-ftehim P&L jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli, din is-sejba jkollha effett biss għall-ġejjieni.

Id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005

- (124) Il-Ġermanja ssostni li l-finanzjament jaqa' taħt id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, billi l-kriterji tal-applikabbiltà għall-ġajnuna lill-ajruporti (inqas minn miljun pax jew fatturat ta' inqas minn EUR 100 miljun fis-sentejn ta' qabel l-inkarigu; inqas minn EUR 30 miljun ta' kumpens fis-sena) ġew issodisfati. Hija tasserixxi wkoll li l-kundizzjonijiet minqaxa fl-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 (inkarigu b'SGEI, ebda kumpens eċċessiv) ġew irrissettati, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fir-rigward tal-konformità mal-kriterji ta' *Altmark*.
- (125) Il-Ġermanja tirrepeti wkoll li hemm domanda sinifikanti għal servizzi tal-avjazzjoni fir-reġjun li ma tistax tiġi ssodisfata mill-ajruporti ġirien, sabiex b'hekk tirrifjuta s-suġġeriment fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-Ajruport ma kienx meħtieġ sabiex jissodisfa d-domanda lokali għal servizzi ta' traffiku tal-ajru. Hija tenfasizza li l-istudji rilevanti juru li hemm potenzjal għal aktar tkabbir minħabba żieda mbassra fid-domanda tal-passiġġieri li l-ajruporti ġirien mhux ser ikunu jistgħu jissodisfaw (il-Ġermanja tirreferi għall-ispjegazzjonijiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' sostitwibilità bejn l-ajruporti tar-reġjun u n-nuqqas ta' kompetizzjoni korrispondenti bejniethom).
- (126) Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-suġġerimenti fid-deċiżjoni tal-ftuħ li kien hemm neqsin att ta' inkarigu formali, limitazzjoni għall-attivitajiet bażiċi ta' ajruport u f'fissar trasparenti tal-parametri ta' kumpens, il-Ġermanja terġa' tirreferi għas-sottomissjonijiet tagħha rigward il-konformità mal-kriterji ta' *Altmark*, billi ssostni li r-raġunament ippreżentat hemmhekk huwa ugwalment applikabbli fil-kuntest preżenti.

Id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2012

- (127) Il-Ġermanja ssemmi li d-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2012, li ser tkun applikabbli għall-miżuri diskussi f'din id-Deċiżjoni biss wara l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju fl-2014, mistennija tkun rilevanti biss għall-ġejjieni, u mbagħad b'mod partikolari għall-kooperazzjoni prevista bejn l-Ajruport ta' Saarbrücken u l-Ajruport ta' Zweibrücken.

Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005

(128) Il-Ġermanja l-ewwel tasserixxi li l-miżuri ta' finanzjament ġenerali huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat b'konnessjoni mat-taqsimu 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 (għajnuna għall-operat tal-infrastruttura tal-ajruport). B'sostenn għal din is-sottomissjoni, hija sempliċiment terġa' tirreferi għall-argumenti ppreżentati fir-rigward tal-konformità mal-kriterji ta' *Altmark* u għad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.

(129) Fir-rigward tal-kompatibbiltà skont it-taqsimu 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 (il-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport), il-Ġermanja ssostni li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fihom ġew issodisfati.

Il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jissodisfaw objettiv definit b'mod ċar ta' interess ġenerali (l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà, eċċ.)

(130) Il-Ġermanja tirreferi għas-sottomissjonijiet rigward l-eżistenza ta' SGEI bl-iskop li turi li l-Ajruport ta' Saarbrücken jissodisfa objettiv ta' interess ġenerali. Hija ttenni li l-ajruport jissodisfa l-ħtiġijiet tal-avjazzjoni tal-popolazzjoni lokali, li l-aċċessibbiltà tar-reġjun ma tistax tiġi żgurata mill-ajruporti ġirien u li l-ajruport huwa kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun.

L-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonata għall-objettiv

(131) Skont il-Ġermanja, l-infrastruttura, speċjalment il-bini tat-terminal li ilu jintuża sa mis-sena 2000 u r-runway immodernizzata, huma strettament neċessarji sabiex ikun jista' jintlaħaq l-objettiv u mhumiex kbar jew elaborati b'mod sproorzjonat. L-investimenti fl-infrastruttura kienu meħtieġa sabiex issir manutenzjoni ta' jew tinbidel l-infrastruttura eżawrita u bil-ħsara u sabiex l-infrastruttura tiġi adattata għall-għadd dejjem jikber ta' passiġġieri, għad-domandi ogħla f'termini ta' komfort, kif ukoll għar-rekwiżiti aktar stretti tas-sikurezza u s-sigurtà. Mingħajr l-investimenti, l-Ajruport ma jkunx jista' jopera. Il-Ġermanja tfakkar ukoll li l-infrastruttura eżistenti regolarment kienet tispiċċa f'konġestjoni qabel inbena t-terminal il-ġdid (li l-kostruzzjoni tiegħu bdiet fl-1999) [...]. Fl-aħħar nett, hija ssostni li l-investimenti meħtieġa ma setgħux jiġu ffinanzjati mill-kapital proprju tal-kumpanija operattiva.

L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju

(132) Abbażi tal-utilizzazzjoni diġà eżistenti u ż-żieda ulterjuri mistennija fl-għadd ta' passiġġieri, il-Ġermanja ssostni li l-infrastruttura għandha prospetti aktar minn sodisfaċenti għall-użu. Hija tirreferi għal pronjożi tal-iżvilupp tal-avjazzjoni fir-reġjun, fejn turi li d-domanda ser tkompli tikber.

(133) Il-Ġermanja ssostni li, meta bdiet il-kostruzzjoni tal-bini tat-terminal il-ġdid lura fl-1999, ma kienx prevedibbli li l-avvenimenti tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti, tal-isħaba tal-irmied wara l-eruzzjoni ta' vulkan fuq l-Islanda fl-2010 u l-kriżi ekonomika globali bejn l-2008 u l-2011 kienu ser jaffettwaw b'mod negattiv l-għadd ta' passiġġieri f'Saarbrücken. Huwa mifhum li dawn l-avvenimenti affettwaw is-settur tal-avjazzjoni madwar l-Ewropa kollha, biex b'hekk wasslu għal dewmien fl-iżvilupp li altrimenti kien ikun pożittiv. Madankollu, skont il-Ġermanja, ix-xejra pożittiva li kienet diġà viżibbli fl-1999 għadha tista' tiġi osservata u twassal għall-aspettattiva li l-kapaċità tal-Ajruport ta' Saarbrücken ser tkun tista' tiġi utilizzata b'mod sħiħ fuq perjodu ta' żmien medju (b'kunsiderazzjoni wkoll tal-kooperazzjoni prevista mal-Ajruport ta' Zweibrücken).

(134) Fir-rigward tal-prospetti finanzjarji, il-Ġermanja tenfasizza li huwa mistenni EBITDA pożittiv għall-2020 u li dan huwa biżżejjed sabiex jissodisfa r-rekwiżit tal-prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju. Hija tfakkar li l-Kummissjoni nnifisha rrikonoxxiet li l-ajruporti reġjonali ġeneralment ma jiġġenerawx profitti li jkunu jistgħu jiġu investiti mill-ġdid fl-infrastruttura, fatt li ma jistax jipprekludi l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' appoġġ skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.

L-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għaliha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju

(135) Billi l-linji tal-ajru kollha għandhom aċċess għall-ajruport fuq bażi mhux diskriminatorja u jaqgħu taħt l-iskeda ta' tariffi ġeneralment applikabbli, inklużi l-iskontijiet inklużi fiha, il-Ġermanja hija tal-opinjoni li dan il-kriterju huwa ssodisfat. Hija tenfasizza li l-iskontijiet, b'mod speċjali, mhumiex iddisinjati b'tali mod li jistgħu jgħallu vantaġġ selettiv *de facto* għal xi linji tal-ajru. Fl-aħħar nett, hija tasserixxi li l-kuntratti individwali konklużi ma' Cirrus u Air Berlin mhumiex rilevanti f'dan il-kuntest u li, fi kwalunkwe każ, il-linji tal-ajru kollha kellhom il-possibbiltà li jikkonkludu kuntratti bħal dawn.

L-iżvilupp tal-kummerċ mhuwiex affettwat sa ċertu punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni

- (136) Mhuwiex ċar għall-Ġermanja kif l-estensjoni “moderata” tal-infrastruttura fl-Ajruport ta’ Saarbrücken seta’ jkollha jew kellha effetti fuq il-kummerċ. Hija tfakkar li l-Kummissjoni aċċettat li l-appoġġ mogħti lil ajruporti reġjonali żgħar ġeneralment ma jkollux effetti bħal dan. Fir-rigward ta’ effetti possibbli fuq l-Ajruport ta’ Zweibrücken, il-Ġermanja ttenni li ż-żewġ ajruporti mhumiex f’kompetizzjoni ma’ xulxin, iżda għandhom jitqiesu bħala kumplimentarji. Hija ssostni wkoll li l-miżuri tal-infrastruttura ma kellhom ebda effetti fuq l-ajruporti ta’ Metz-Nancy-Lorraine u tal-Lussemburgu li jmur kontra l-interess tal-Komunità.

L-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat

- (137) Il-Ġermanja tasserixxi li għall-inqas għall-perjodu 2000-2005, l-appoġġ finanzjarju għall-ajruport jista’ jinstab li kien kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat. Bl-iskop li turi l-importanza tal-Ajruport ta’ Saarbrücken għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali u għall-aċċessibilità tar-reġjun, il-Ġermanja tirreferi għas-sottomissjonijiet tagħha rigward l-eżistenza ta’ SGEI. Mill-appoġġ finanzjarju bbenifikaw kważi esklussivament il-proġetti ta’ infrastruttura, li kienu konformi mal-miri tal-iżvilupp reġjonali. Permezz ta’ eżempju, il-Ġermanja tissottometti spjegazzjonijiet estensivi rigward in-neċessità tal-akbar tliet investimenti individwali fl-infrastruttura.
- (138) Fir-rigward tal-effetti ta’ inċentivi, il-Ġermanja tispjega li l-ajruport huwa inċentiv importanti għall-kumpaniji *extra-reġjonali* sabiex jinvestu fis-*Saarland*. Bl-istess mod, il-kumpaniji diġà preżenti huma inċentivati sabiex jespandu u jinvestu aktar. Huwa sostnut li jekk ma jkunx hemm effetti ta’ inċentivi, is-*Saarland* ikollu, wara li jikkunsidra s-sitwazzjoni baġitarja diffiċli tiegħu, jerġa’ jikkunsidra l-appoġġ tiegħu għall-ajruport. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja terġa’ tenfasizza li l-operat tal-Ajruport ta’ Zweibrücken mhuwiex affettwat.

3.2. IT-TRASFERIMENT TA’ DIVERSI PLOTTIJET TA’ ART LIL FSBESITZG

3.2.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (139) Il-Ġermanja hija tal-opinjoni li t-trasferiment tal-art serva għal skopijiet ta’ sigurtà u li kien fl-ambitu tal-politika pubblika, b’hekk kien jaqa’ barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. B’mod aktar preċiż, huwa sostnut li wara li nbidlet ir-runway, l-art ittrasferita kienet meħtieġa biex iddawwar fejn tispiċċa r-runway b’żoni estiżi ta’ sigurtà u sikurezza u biex iċ-ċint tas-sigurtà eżistenti jiġi adattat. Skont il-Ġermanja, l-iżgurar tas-sigurtà tat-territorju tal-ajruport huwa fl-interess pubbliku u jikkostitwixxi komputu sovrani, mhux attività ekonomika. L-isfond għal dawn il-miżuri ta’ sigurtà kienu l-bidliet leġiżlattivi li seħħew wara l-avvenimenti tal-11 ta’ Settembru 2001 fl-Istati Uniti.
- (140) Barra minn hekk, il-Ġermanja ssostni li t-trasferiment tal-art wara s-sena 2000 b’valur totali ta’ [...] f’ebda każ ma fixkel il-kompetizzjoni jew affettwa l-kummerċ għall-istess raġunijiet li ssemmev fir-rigward tal-miżuri ta’ finanzjament ġenerali. Abbażi tal-valur baxx, it-trasferiment tal-art jaqa’ taħt ir-regolament *de minimis*.

3.3. GARANZIJI FUQ IS-SELF GĦALL-BENEFIĊĠU TA’ VH SAAR U FSBESITZG

3.3.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (141) Id-deċiżjoni tal-ftuħ assumiet li minn fost tliet garanziji magħrufa għal FSBesitzG, kienet waħda biss li nġhatat wara s-sena 2000. Madankollu, il-Ġermanja tispjega li l-garanzija inkwistjoni fil-fatt inġhatat matul l-1999, jiġifieri qabel inġhatat is-sentenza kruċjali ta’ *Aéroports de Paris*. Għalhekk, huwa sostnut li ebda waħda mit-tliet garanziji ma tista’ tikkostitwixxi miżuri ta’ għajnuna mill-Istat. Madankollu, f’każ li l-Kummissjoni ssib li dawn il-garanziji jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-Ġermanja ssostni li dawn ikunu jridu jiġu vvalutati bħala għajnuna eżistenti, bil-konsegwenza li kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni jkollha biss effetti *ex nunc*.
- (142) Fir-rigward tal-ittri ta’ konfort, il-Ġermanja tirreferi għar-raġunament tagħha rigward il-miżura ta’ finanzjament ġenerali għall-benefiċċju tal-ajruport (il-premessi 93 sa 121), fejn issostni li dan huwa ugwalment applikabbli hawnhekk.

3.3.2. IL-KOMPATIBILITÀ

- (143) Il-Ġermanja ssostni li jekk il-miżuri jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat, huma jkunu kompatibbli mas-suq intern skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. F’dan ir-rigward, hija tirreferi għall-argumenti ppreżentati fir-rigward tal-miżura ta’ finanzjament ġenerali, fejn issostni li dawn huma ugwalment applikabbli hawnhekk.

3.4. IL-KUNTRATT TA' KIRI BEJN FSBESITZG U FSBG

3.4.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (144) Il-Ġermanja tagħmel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' kiri konkluż fl-1997, li kien fis-seħħ sal-1 ta' Lulju 2006, u l-kuntratt ta' kiri li kien validu mill-1 ta' Lulju 2006 sakemm saret l-amalgamazzjoni ta' FSBesitzG u FSBG.
- (145) Fir-rigward tal-kuntratt ta' kiri tal-1997, huwa affermat li jekk dan jinstab li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, huwa jikkwalifika bħala għajnuna eżistenti. Jekk il-Kummissjoni ssib li dan il-kuntratt jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli, deċiżjoni bħal din ikollha biss effett għall-ġejjieni, mhux għall-passat.
- (146) Fir-rigward tal-kuntratt ta' kiri tal-2006, il-Ġermanja ssostni li dan il-kuntratt kien jammonta biss għal modifika tal-għajnuna eżistenti u ma kienx jikkwalifika bħala għajnuna ġdida. Hija tenfasizza notevolment li l-liġi, li abbażi tagħha seta' jiġi konkluż kuntratt ta' kiri, baqgħet ma nbidlitx. Hija tallega li hija meħtieġa bidla fil-bażi leġiżlattiva sabiex il-kuntratt jikkwalifika bħala għajnuna ġdida.
- (147) Barra minn hekk, il-Ġermanja tasserixxi li l-kuntratt ta' kiri tal-2006 kien konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq f'dak iż-żmien. Hija ssostni li pagament tal-kiri varjabbli ma kienx inkomuni u li ma ma hemm ebda indikazzjoni li l-ammont reali mitlub kien baxx b'mod mhux komuni. Barra minn hekk, hija sostniet li l-pagament tal-kiri varjabbli kien jinvolvi wkoll il-possibbiltà li jinkisbu pagamenti tal-kiri ferm ogħla milli setgħu jinkisbu taħt il-kuntratt preċedenti. Ġie sostnut li l-kuntratt ta' kiri tal-2006 tejjeb l-abbiltà tal-FSBG illi taġixxi. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja ssostni li kien fl-interess ta' FSBesitzG li żżomm lil Fraport bħala azzjonista, minħabba li l-involviment tal-kumpanija ppermetta li jkun hemm aċċess għall-għarfien u li jinħolqu s-sinerġiji.
- (148) Fi kwalunkwe każ, il-Ġermanja ssostni li, minkejja l-fatt li ma huwa disponibbli ebda dokument li juri kif ġew ikkalkolati l-pagamenti tal-kiri, l-ammont proprju tal-pagament tal-kiri ma kienx importanti, minħabba li l-konnessjoni mill-qrib bejn FSBesitzG u FSBG kienet tfisser li l-impatt ekonomiku globali kien newtrali. Pagament tal-kiri ogħla kien iwassal lil FSBesitzG biex tirċievi inqas flus mingħand vh Saar, filwaqt li pagament aktar baxx kien jiġi kkompensat permezz ta' trasferimenti ogħla mingħand vh Saar.
- (149) Fir-rigward tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Ġermanja tirreferi għall-argumenti ppreżentati f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-miżuri ta' finanzjament ġenerali, billi ssostni li dawn l-argumenti huma ugwalment applikabbli hawnhekk.

3.5. SKONTIJJET GĦAL-LINJI TAL-AJRU

3.5.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (150) Il-Ġermanja ssostni li l-iskontijiet fuq it-tariffi tal-ajruport li ġew introdotti fl-2007 kienu ekonomikament sensibbli, ma taw ebda vantaġġ selettiv u ma fixklux il-kompetizzjoni/ma kellhom ebda effett fuq il-kummerċ.

It-test tal-operatur fl-ekonomija tas-suq

- (151) Wara t-tluq ta' Hapag Lloyd/TUIFly fl-2006, l-għadd ta' passiġġieri fl-Ajruport ta' Saarbrücken naqas bi 30 %. F'din isitwazzjoni, skont il-Ġermanja, kien hemm bżonn li jittieħdu azzjonijiet li jiżguraw li l-kapaċità eżistenti tintuża kif xieraq fuq perjodu ta' żmien minn medju sa twil u li jiżguraw li jinżammu l-kompetittività u l-attrazzjoni tal-ajruport. L-iskeda ta' tariffi preċedenti wriet li kienet żvantaġġ fil-kompetizzjoni, billi l-ajruport kellu l-ogħla tariffi minn fost l-ajruporti kollha fil-Ġermanja. Il-Ġermanja ssostni li l-iskontijiet fil-fatt wasslu għal żieda kontinwa fl-għadd ta' passiġġieri wara l-2006. Il-Ġermanja tispjega l-effett pożittiv tal-iskontijiet billi tirreferi għad-deċiżjoni ta' Air Berlin li tibda sservi lill-Ajruport ta' Saarbrücken, deċiżjoni li ttieħdet biss wara li ddaħħlu fis-seħħ l-iskontijiet.
- (152) Il-Ġermanja ssostni l-argument tagħha li l-iskontijiet kienu jagħmlu sens ekonomiku, bl-argument li l-iskontijiet ingħataw biss lil linji tal-ajru jew rotot ġodda. B'konsegwenza ta' dan, huwa b'hekk affermat li jista' jkun mistenni li l-iskontijiet ma jkollhom ebda effett immedjat fuq l-istatus quo, iżda jwasslu għal żieda fl-għadd ta' passiġġieri fil-ġejjieni. Huwa mifhum li s-sens ekonomiku ser ikompli jiġi enfasizzat mil-limitazzjoni li l-iskont ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż tal-investment tal-linja tal-ajru ġdida jew tar-rotta ġdida.

- (153) Filwaqt li ssostrni li l-iskontijiet kienu jagħmlu sens ekonomiku, il-Ġermanja tisħaq li minħabba li l-iskontijiet kienu offruti lil-linji tal-ajru kollha, kien impossibbli li jsiru kalkoli *ex ante* preċiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-iskontijiet. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż tal-għeluq tal-ajruport ma ġewx iwwalutati, minħabba li l-għeluq qatt ma kien għażla.

Is-selettività

- (154) Billi tistrieħ fuq il-fatt li l-iskontijiet introdotti fl-2007 kienu disponibbli għal-linji tal-ajru kollha, il-Ġermanja ssostrni li l-miżura ma kinitx selettiva. L-iskeda ta' tariffi ppubblikata, li l-iskontijiet kienu jagħmlu parti minnha, kienet astratta u ġenerali fil-karattru tagħha, l-iskontijiet kienu applikati awtomatikament għal-linji tal-ajru kollha li joperaw minn Saarbrücken u li fornaw id-dejta rilevanti, u l-ajruport ma kellu ebda diskrezzjoni fl-applikazzjoni tal-iskontijiet.
- (155) Il-Ġermanja tasserixxi li l-iskop tal-iskontijiet kien li jżidu l-attrazzjoni tal-Ajruport ta' Saarbrücken u mhux li jiffavorixxu linja tal-ajru partikolari. Selettività *de facto* ser tkun eskluża wkoll mill-fatt li l-istess tariffi kienu applikati għal-linji tal-ajru kollha li jaqbz u l-5 700 kg ta' *Piż Massimu mat-Tluġh* (MTOW), sabiex b'hekk l-ajruplani kollha tat-traffiku kummerċjali jġu ttrattati b'mod ugwali, u billi ma ssirx diskriminazzjoni bejn it-titjiriet domestiċi u daww internazzjonali. Fl-aħħar nett, l-iskontijiet lanqas ma għamlu diskriminazzjoni abbażi tal-għadd ta' ajruplani li llandjaw.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (156) Fir-rigward tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Ġermanja tirreferi għall-argumenti mressqa f'dan ir-rigward għall-miżuri ta' finanzjament ġenerali, billi ssostrni li daww l-argumenti huma ugwalment applikabbli hawnhekk.

3.6. GĦAJNUNA TAL-BIDU LIL CIRRUS AIRLINES

3.6.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (157) Il-Ġermanja ssostrni li meta kkonkludiet il-kuntratt ma' Cirrus, FSBesitzG aġixxiet l-istess kif kien jaġixxi investitur privat, bil-konsegwenza li l-pagamenti li saru lil Cirrus ma kienu jikkostitwixxu ebda għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, ġie sostnut li l-miżura ma kkawżat ebda distorsjoni għall-kompetizzjoni u ma kellha ebda effett fuq il-kummerċ.

It-test tal-operatur fl-ekonomija tas-suq

- (158) Skont il-Ġermanja, l-iskop tal-kuntratt ma' Cirrus kien li tinkiseb żieda fl-għadd ta' passiġġieri. Iż-żieda kienet mistennija li tirriżulta minn frekwenza ogħla fuq it-titjiriet lejn [...], kif ukoll mill-użu ta' ajruplani moderni. Kemm il-frekwenza ogħla kif ukoll l-obbligu li jintużaw ajruplani moderni kienu partikolarment intiżi biex iżidu l-kumdità u l-flessibbiltà għal daww li jivvjaġġaw għal skopijiet ta' negozju.
- (159) Il-Ġermanja ssostrni li l-emendi frekwenti fil-kuntratt juru li FSBesitzG issorveljat mill-qrib l-iżvilupp ekonomiku u setgħet tirreaġixxi malajr għan-neċessità ekonomika. Il-perjodu ta' notifika qasir għall-kanċellazzjoni tal-kuntratt (30 jum) jidher li huwa indikazzjoni oħra tal-enfasi ta' FSBesitzG fuq is-sostenibbiltà ekonomika tal-kuntratt, billi jippermettilha tikkanċella l-ftehim f'każ li l-miri ma jkunux jistgħu jintlaħqu. Fl-aħħar nett, il-profittabbiltà fit-tul kienet mistennija li tissaħħaħ bit-twaqqif ta' Cirrus bħala *t-trasportatur lokali* f'Saarbrücken. Madankollu, skont il-Ġermanja, ma hija disponibbli ebda dejta preċiża dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (160) Fir-rigward tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Ġermanja tirreferi għall-argumenti li saru fir-rigward tal-iskontijiet fuq it-tariffi tal-ajruporti li ġew introdotti fl-2007, billi ssostrni li daww l-argumenti huma ugwalment applikabbli hawnhekk.

3.6.2. IL-KOMPATIBILTÀ

- (161) Il-Ġermanja ssostrni li anki li kieku l-pagamenti lil Cirrus kellhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, huma xorta waħda jistgħu jġu ġustifikati bħala għajnuna tal-bidu kompatibbli skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, kif ukoll fl-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat.

- (162) Billi tfakkar li l-kuntratt ma' Cirrus żied il-frekwenza tas-servizz ta' dik il-linja tal-ajru fuq ir-rotta ta' [...], li FSBesitzG ikkonkludiet dak il-kuntratt bil-għan li jkun profittabbli u li l-effett taż-żieda fil-frekwenza fuq rotot oħrajn ma setax jiġi investigat minħabba li ma kien hemm ebda linja tal-ajru oħra li serviet [...] minn Saarbrücken, il-Ġermanja ssostni li l-kundizzjonijiet rilevanti ġew issodisfati. Hija tispjega wkoll li ma kien hemm ebda konnessjoni oħra ta' veloċità għolja li tgħaqquad lil Saarbrücken u [...] u li l-pagamenti skont il-kuntratt ma ġewx akkumulati bi skontijiet fuq it-tariffi tal-ajruport (l-iskeda tat-tariffi, inklużi l-iskontijiet, daħlu fis-seħħ biss wara li skada l-kuntratt ma' Cirrus). Fl-aħħar nett, il-Ġermanja tispjega li minħabba li hija ma kinitx tqis li l-kuntratt kien fih elementi ta' għajnuna mill-Istat, l-eżistenza tal-kuntratt ma saritx pubblika (fuq lista jew b'mod ieħor) u ma kien previst ebda mekkaniżmu ta' appell speċifiku.

3.7. FTEHIM TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI MA' AIR BERLIN

3.7.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (163) Il-Ġermanja ssostni li l-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin kien konkluż b'konformità mat-test tal-MEO u ma jagħti ebda vantaġġ lill-istess Air Berlin għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, huwa sostnut li l-miżura ma kkawżat ebda distorsjoni għall-kompetizzjoni u ma kellha ebda effett fuq il-kummerċ.

It-test tal-operatur fl-ekonomija tas-suq

- (164) Qabel ikkonkludiet il-kuntratt ma' Air Berlin, FSG evalwat l-ispejjeż u d-dħul mistenni, fejn imbagħad setgħet tikkonkludi li l-kuntratt kien profittabbli għall-ajruport. Il-Ġermanja tispjega li, filwaqt li l-aspettattivi oriġinali ma ntlaħqux għal kollox, estrapolazzjoni tad-dejta reali disponibbli turi li l-kuntratt xorta għadu kjarment profittabbli.
- (165) F'dan il-kontest, il-Ġermanja tikkontesta s-suġġeriment li sar fid-deċizzjoni tal-ftuħ li l-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma kellu ebda valur ġenwin għall-ajruport, minbarra ż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri fuq it-titjiriet ta' Air Berlin. Hija ssostni li l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni maqbula fil-kuntratt isaħħu l-profil tal-Ajruport u tiġbed l-attenzjoni għar-reġjun bħala destinazzjoni tal-ivvjaġġar, li min-naħa tagħha tinvolvi l-possibbiltà li jiġi ġġenerat aktar dħul (mhux relatat mal-avjazzjoni). Il-Ġermanja ssostni li meta linja tal-ajru tikkummerċjalizza destinazzjoni, il-konsumaturi mhux biss jinnotaw il-fatt li din il-linja tal-ajru sservi dik id-destinazzjoni, iżda jsiru konxji wkoll tar-reġjun bħala destinazzjoni tal-ivvjaġġar b'mod ġenerali.
- (166) Il-Ġermanja tikkontesta wkoll is-sejba preliminari inkluża fid-deċizzjoni tal-ftuħ li l-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni introduċa b'mod effettiv skontijiet speċjali addizzjonali għal Air Berlin. Il-Ġermanja tiddikjara li, minflok, il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni għandu valur ekonomiku ġenwin għall-ajruport, b'tali mod li kuntratt bħal dan ikun ġie konkluż ukoll minn investitur privat, liema kuntratt diġà mistenni jkun profittabbli wara tliet snin.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (167) Fir-rigward tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Ġermanja tirreferi għall-argumenti li saru fir-rigward tal-iskontijiet fuq it-tariffi tal-ajruporti li ġew introdotti fl-2007, billi ssostni li dawk l-argumenti huma ugwalment applikabbli hawnhekk.

4. KOMMENTI RIĊEVUTI MINN AIR BERLIN

- (168) Qabel issostni li ż-żewġ miżuri li jaffettwaw direttament lil Air Berlin – jiġifieri l-iskema ġenerali ta' skontijiet fuq it-tariffi tal-ajruporti u l-kuntratt tas-suq konkluż bejn FSG u Air Berlin – huma konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-linja tal-ajru l-ewwel tagħmel ir-rimarka ġenerali li hija tal-fehma li teżisti domanda ġenwina għal servizz tal-avjazzjoni fir-reġjun ta' Saarbrücken. Hija tenfasizza li t-titjiriet ta' Air Berlin lejn [...] u [...] jilhqqu "Fattur tat-Tagħbija tal-Passiġġieri" komparabbli għal dak milħuq fuq it-titjiriet ta' Air Berlin għall-istess destinazzjonijiet minn [...]. Barra minn hekk, Air Berlin hija tal-opinjoni li ebda wieħed mill-ajruporti eżistenti l-oħrajn fir-reġjun ma jista' jkun alternattiva vijabbli għal Saarbrücken, li min-naħa tagħha tipprekludi l-effett fuq il-kummerċ. B'mod partikolari, Air Berlin tenfasizza li hija qatt ma kkunsidrat lill-ajruporti ġirien [...] bħala bażi alternattiva, minħabba li d-domanda għal titjiriet minn dawk l-ajruporti lejn [...], destinazzjoni tal-btajjel popolari l-aktar mat-turisti Ġermaniżi, mhijiex komparabbli mad-domanda għal destinazzjonijiet bħal dawn mill-Ajruport ta' Saarbrücken.

4.1. SKONTIJJET GĦAL-LINJI TAL-AJRU

- (169) Fir-rigward tal-iskontijiet imsemmija fl-iskeda tat-tariffi tal-ajruporti tal-2007, Air Berlin, bħall-Ġermanja, issostni li minħabba l-karattru astratt u ġenerali tagħha, l-iskontijiet ma setgħux jitqiesu bħala selettivi. Kull meta linja tal-ajru tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkati, l-iskontijiet jingħataw mingħajr ebda diskrezzjoni min-naħa tal-ajruport.
- (170) Barra minn hekk, Air Berlin tikkontesta l-fatt li teżisti kompetizzjoni bejn linji tal-ajru minn Stati Membri differenti. Billi tfakkar li hemm linja tal-ajru waħda biss minn Stat Membru ieħor li topera minn Saarbrücken, hija ssostni li s-suppożizzjoni li l-miżuri għandhom effett fuq il-kummerċ mhijiex sostenibbli.
- (171) Air Berlin issostni wkoll li s-sistema ta' skontijiet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fis-sentenza *Charleroi* tal-Qorti, jiġifieri li l-iskontijiet huma limitati fiż-żmien, digressivi u mhux disponibbli għal aktar minn 50 % tal-ispejjeż reali tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-bidu.
- (172) Fl-aħħar nett, Air Berlin tasserixxi li, meta mqabbla ma' dawk ta' ajruporti Ġermaniżi oħrajn, it-tariffi fl-Ajruport ta' Saarbrücken mhumiex partikolarment baxxi. Huwa sostnut li t-tariffi tal-passiġġieri huma bejn [...] u [...] aktar baxxi fi [...].

4.2. FTEHM TA' KUMMERĠJALIZZAZZJONI MA' AIR BERLIN

- (173) Air Berlin tispjega li l-iżvilupp tal-għadd ta' passiġġieri minn mindu ġie konkluż il-kuntratt jikkonferma l-aspettattivi li kien hemm f'dak iż-żmien. Abbażi ta' dan, jista' jiġi preżunt li ż-żieda fid-dħul mill-avjazzjoni u minn attivitajiet mhux relatati mal-avjazzjoni, li kienet qiegħda tistenna li tikseb l-FSG minn dan il-kuntratt, ser timmaterjalizza.
- (174) Barra minn hekk, Air Berlin telenka d-diversi konnessjonijiet disponibbli permezz ta' [...], kif ukoll id-diversi attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni li ħadet sabiex tippromwovi lill-Ajruport ta' Saarbrücken. Hija ssostni li l-kombinazzjoni taż-żieda fil-frekwenza, il-konnessjonijiet attraenti u l-promozzjoni tal-Ajruport ta' Saarbrücken bħala destinazzjoni tal-btajjel u għan-negozju għandha valur sinifikanti għall-ajruport u għar-reġjun b'mod ġenerali. B'konsegwenza ta' dan, skont Air Berlin, il-kuntratt jagħmel sens ekonomiku għall-ajruport u, għalhekk, dan seta' jiġi konkluż ukoll minn investitur privat.

5. VALUTAZZJONI

5.1. IL-FINANZJAMENT TA' VH SAAR, FSG U FSBESITZG (INJEZZJONIJET TA' KAPITAL FVH SAAR, INJEZZJONIJET TA' KAPITAL FFSBESITZG/FSG SABIEX JIĠI KOPERT IT-TELF)

- (175) Il-finanzjament ta' vh Saar, FSG u FSBesitzG taħt valutazzjoni kien jikkonsisti fil-miżuri li ġejjin: vh Saar injettat kapital f'FSBesitzG/FSG sabiex tkopri t-telf tagħhom, vh Saar iffinanzjat dan b'injezzjonijiet ta' kapital illi hija rċeviet mingħand is-Saarland u minn dħul ieħor.

5.1.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (176) Permezz tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat "...kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti għandha, safejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."
- (177) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin. Jiġifieri, l-appoġġ finanzjarju għandu:
- jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat;
 - jiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti;
 - iwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni; u
 - jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża

- (178) Skont każistika stabbilita, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tistabbilixxi jekk vh Saar, FSG u FSBesitzG humiex impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-kunċett ta' impriża jkopri lil kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata⁽¹⁸⁾. Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika⁽¹⁹⁾.
- (179) Fis-sentenza tagħha "*L-ajruport ta' Leipzig-Halle*", il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-operat ta' ajruport għal skopijiet kummerċjali u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport jikkostitwixxu attività ekonomika⁽²⁰⁾. Ladarba operatur ta' ajruport jinvolvi ruħu f'attivitajiet ekonomiċi billi joffri servizzi bi ħlas fl-ajruport, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu jew mill-mod kif jiġi ffinanzjat, huwa jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u, għalhekk, ir-regoli tat-Trattat dwar l-ghajjnuna mill-Istat jistgħu jiġu applikati għal vantaġġi mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat lil dak l-operatur tal-ajruport⁽²¹⁾.
- (180) Fir-rigward tal-mument fiż-żmien minn meta l-kostruzzjoni u l-operat ta' ajruport ikunu saru attività ekonomika, il-Kummissjoni tfakkar li l-iżvilupp gradwali tal-forzi tas-suq fis-settur tal-ajruport ma jippermettix li tiġi ddeterminata dejta preċiża. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet l-evoluzzjoni fin-natura tal-attivitajiet tal-ajruport u, fis-sentenza tagħha fil-kawża "*L-Ajruport ta' Leipzig/Halle*", il-Qorti Ġenerali sostniet li, mis-sena 2000 'il quddiem, ma setgħetx tibqa' tiġi eskluża l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport. Konsegwentement, mid-data tas-sentenza fil-kawża "*Aéroports de Paris*" (it-12 ta' Diċembru 2000), l-operat u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport għandhom jitqiesu bħala komputu li jaqa' fl-ambitu tal-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat.
- (181) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnotta li l-infrastruttura li hija soġġetta għad-Deċiżjoni preżenti kienet ilha titħaddem mill-operatur tal-ajruport FSBG mill-1997, filwaqt li l-infrastruttura tal-ajruport kienet proprjetà ta' FSBesitzG, li kienet responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tagħha.
- (182) Mill-2008 'l hawn, FSG saret kemm is-sid kif ukoll l-operatur tal-ajruport ta' Saarbrücken. L-operatur tal-ajruport – li sal-2008 kien l-FSBG u minn hemm 'il quddiem l-FSG – jitlob ħlas mingħand l-utenti għall-użu tas-servizzi u tal-infrastruttura tiegħu, filwaqt li s-sid tal-infrastruttura – FSBesitzG sal-2008 – kera l-infrastruttura lill-operatur tal-ajruport għal ħlas ta' kiri. Fil-fatt, kemm is-sid tal-infrastruttura kif ukoll l-operatur tal-infrastruttura b'hekk qegħdin jisfruttaw kummerċjalment l-infrastruttura tal-ajruport f'Saarbrücken. Jirriżulta li l-entitajiet li jisfruttaw din l-infrastruttura – FSBesitzG, FSBG u FSG – jikkostitwixxu impriżi għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat mit-12 ta' Diċembru 2000, id-data meta nġat is-sentenza fil-kawża *Aéroports de Paris*, 'il quddiem.
- (183) Fir-rigward ta' vh Saar, il-Ġermanja sostniet li, bħala kumpanija azzjonarja, vh Saar ma setgħetx titqies bħala impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni tfakkar li skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "*is-sempliċi pussess ta' ishma, saħansitra azzjonisti kontrollanti, mhuwiex biżżejjed biex jikkarakterizza attività ekonomika tal-entità fil-pussess ta' dawk l-ishma, meta dan jagħti biss lok għall-eżerċitar tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' azzjonist jew membru, kif ukoll, jekk ikun xieraq, il-wasla ta' dividendi, li huma sempliċement il-frott tal-proprjetà ta' assi.*"⁽²²⁾ Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "[m]in-naħa l-oħra, entità li, billi għandha azzjonisti kontrollanti f'kumpanija, effettivament teżerċita dak il-kontroll billi tinvolvi lilha nnifisha direttament jew indirettament fil-ġestjoni tagħha, għandha titqies bħala li tiegħu sehem fl-attività ekonomika mwettqa mill-impriża kkontrollata."

⁽¹⁸⁾ Il-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1998] Ġabra I-3851; C-41/90 *Höfner u Elser* [1991] Ġabra I-1979; il-Kawża C-244/94 *Fédération Française des Sociétés d'Assurances vs Ministère de l'Agriculture et de la Pêche* [1995] Ġabra I-4013; il-Kawża C-55/96 *Job Centre* [1997] Ġabra I-7119.

⁽¹⁹⁾ Il-Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1987] Ġabra 2599; il-Kawża 35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1998] Ġabra I-3851.

⁽²⁰⁾ Il-Kawżi *Konġunti T-443/08 u T-455/08 Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig Halle GmbH vs il-Kummissjoni*, ("*Leipzig/Halle judgment*"), [2011] Ġabra II-1311, b'mod partikolari l-paragrafi 93 u 94; ikkonfermati mill-Kawża C-288/11 P *Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig-Halle vs il-Kummissjoni*, [2012] li għadha ma ġietx irrapportata.

⁽²¹⁾ Il-Kawżi C-159/91 u C-160/91, *Poucet vs AGV u Pistre vs Cancave* [1993] Ġabra I-637.

⁽²²⁾ Il-Kawża C-222/04 *Ministero dell'Economia e delle Finanze/Casse di Risparmio di Firenze SpA et al* [2006] I-289, paragrafu 111.

- (184) Il-Kummissjoni tfakkar li l-funzjoni statutorja ta' vH Saar hija li tikkoordina l-“attivitajiet relatati mal-kostruzzjoni, l-estensjoni u l-operat tal-portijiet u l-ajruporti pubbliċi fis-Saarland”. Dik il-koordinazzjoni tipikament tmur 'lil hinn mis-sempliċi eżerċitar tad-drittijiet marbuta mal-istatus tal-azzjonist. Fl-istess ħin, ma teżisti ebda evidenza li turi li vH Saar effettivament teżerċita l-kontroll jew tinvolvi ruħha direttament fil-ġestjoni ta' FSBesitzG jew FSG. F'dan l-isfond, mhuwiex ċar għal kollox jekk vH Saar tistax tiġi kkaratterizzata bħala impriża. Madankollu, il-Kummissjoni ssib li hija tista' tħalli din il-mistoqsija miftuħa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-premessa 203 aktar 'l isfel, jiġifieri li vH Saar ma rċeviet ebda vantaġġ.

L-ambitu tal-politika pubblika

- (185) Għalhekk, filwaqt li FSBesitzG, FSG u FSBG għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu impriżi għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, għandu jiġi mfakkar li mhux l-attivitajiet kollha ta' operatur jew ta' sid ta' ajruport huma neċessarjament ta' natura ekonomika⁽²³⁾.
- (186) Il-Qorti tal-Ġustizzja⁽²⁴⁾ sostniet li l-attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċitar tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika mhumiex ta' natura ekonomika u ma jaqgħux fl-ambitu tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Tali attivitajiet jinkludu, pereżempju, is-sigurtà, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija u d-dwana. Il-finanzjament għandu jkun strettament limitat għall-kumpens tal-ispejjeż li għalihom jagħtu lok dawn l-attivitajiet u ma jistax jintuża minflok sabiex jiffinanzja attivitajiet ekonomiċi oħrajn⁽²⁵⁾.
- (187) Għalhekk, il-finanzjament ta' attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika, jew ta' infrastruttura direttament relatata ma' dawk l-attivitajiet b'mod ġenerali, ma jikkostitwixxi ebda għajjnuna mill-Istat⁽²⁶⁾. F'ajruport, attivitajiet bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar, l-attivitajiet meħtieġa sabiex jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa għat-twertiq ta' dawn l-attivitajiet, huma ġeneralment meqjusa bħala ta' natura mhux ekonomika⁽²⁷⁾.
- (188) Madankollu, il-finanzjament pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi neċessarjament marbuta mat-twertiq ta' attività ekonomika ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni bla bżonn bejn il-manijers tal-ajruporti u l-linji tal-ajru. Tabilħaqq, hija każistika stabbilita li jkun hemm vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jeħilsu lill-impriżi mill-ispejjeż inerenti għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom⁽²⁸⁾. Għalhekk, jekk f'sistema legali partikolari huwa normali li l-manijers tal-ajruporti jew il-linji tal-ajru jħallsu l-ispejjeż ta' ċerti servizzi, filwaqt li xi manijers ta' ajruporti jew linji tal-ajru li jipprovdu l-istess servizzi f'isem l-istess awtoritajiet pubbliċi ma jkollhomx għaliex iħallsu dawk l-ispejjeż, dawn tal-aħħar jistgħu jgawdu vantaġġ, anki jekk dawk is-servizzi minnhom infushom jitqiesu bħala mhux ekonomiċi. Għalhekk, jeħtieġ li ssir analiżi tal-qafas legali applikabbli għall-operatur tal-ajruport sabiex jiġi vvalutat jekk, taħt dak il-qafas legali, il-manijers tal-ajruporti jew il-linji tal-ajru humiex mitluba li jħallsu l-ispiża tal-provvista ta' xi attivitajiet li minnhom infushom jistgħu ma jkunux ekonomiċi, iżda li jkunu inerenti għall-iskjerament tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom.
- (189) Il-Ġermanja tispjega li l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika, bil-konsegwenza li t-twertiq tagħhom jikkostitwixxi attività ekonomika: miżuri ta' sigurtà fl-ajruport skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz* (il-Liġi dwar is-Sigurtà fl-Ajru)⁽²⁹⁾ (iċ-ċnut madwar l-ajruport u l-mogħdijiet ta' kontroll, il-post minn fejn jgħaddu l-kontejners, is-sinjali ta' fuq ir-runway, l-elettriku f'każ ta' emerġenza, l-ispazji ta' parkeġġ għall-ajruplani soġġetti għal theddidiet ta' bomba u l-estensjoni tar-runway u taż-żoni tas-sikurezza (RESA) li kollha jaqgħu taħt § 8 *Luftsicherheitsgesetz*); il-brigata tat-tifi tan-nar; u l-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27(c)(2) *Luftverkehrsgesetz* (il-Liġi dwar it-Traffiku tal-Ajru).

⁽²³⁾ Il-Kawża C-364/92 *SAT Fluggesellschaft vs Eurocontrol* [1994] Ġabra I-43.

⁽²⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N309/02 tad-19 ta' Marzu 2003 dwar is-sigurtà fl-Avjazzjoni – kumpens għall-ispejjeż imġarrba wara l-attakk tal-11 ta' Settembru 2001.

⁽²⁵⁾ Il-Kawża C-343/95 *Cali & Figli vs Servizi ecologici porto di Genova* [1997] Ġabra I-1547; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N309/02 tad-19 ta' Marzu 2003; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N438/02 tas-16 ta' Ottubru 2002, Għajjnuna b'sostenn għall-funzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi fis-settur tal-portijiet Belġjani.

⁽²⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N309/02 tad-19 ta' Marzu 2003.

⁽²⁷⁾ Ara, b'mod partikolari, il-Kawża C-364/92 *SAT/Eurocontrol* [1994] Ġabra I-43, il-paragrafu 30 u l-Kawża C-113/07 *P Selex Sistemi Integrati vs il-Kummissjoni* [2009] Ġabra I-2207, il-paragrafu 71.

⁽²⁸⁾ Ara i.a. il-Kawża C-172/03 *Wolfgang Heiser vs Finanzamt Innsbruck* [2005] Ġabra I-01627, il-paragrafu 36, u l-każistika ċċitata.

⁽²⁹⁾ Il-miżuri skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz* jinkludu, fost l-oħrajn, il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport, li tippermetti li jsiru biżżejjed kontrolli tas-sigurtà; ċerti miżuri relatati mal-bagalji u l-merkanzija; l-iżgurar tas-sigurtà f'żoni ristretti; il-kontroll tal-persunal u tal-oġġetti li jkollhom aċċess għal żoni ristretti; l-għoti ta' tahrġ lill-persunal tas-sigurtà; it-tneħħija u l-ħatt tal-ajruplani li jikkostitwixxu theddidiet għas-sigurtà.

- (190) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżuri skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz*, il-miżuri skont § 27(c)(2) *Luftverkehrsgesetz* u l-brigata tat-tifi tan-nar jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu bħala li jikkostitwixxu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika.
- (191) Madankollu, fir-rigward tal-miżuri li huma purament relatati mas-sikurezza operattiva, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-iżgurar ta' operazzjonijiet sikuri fl-ajruport huwa parti normali mill-attività ekonomika tal-operat ta' ajruport⁽³⁰⁾. Soġġetta għal analiżi aktar iddettaljata fir-rigward ta' attivitajiet u spejjeż individwali (ara l-premessi 196 u 197), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri li huma maħsuba biex jiżguraw is-sikurezza tal-operazzjonijiet fl-ajruport ma jikkostitwixxux attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika. Kwalunkwe impriża li tkun tixtieq topera ajruport għandha tiżgura s-sikurezza tal-installazzjonijiet, bħal dik tar-runway u tas-superfiċje asfaltata fl-ajrudrom.
- (192) Fir-rigward tal-qafas legali, il-Ġermanja sostniet li fir-rigward tal-brigata tat-tifi tan-nar ma hemmx regoli legali li jimponu strettament dawn l-ispejjeż fuq l-operatur tal-ajruport. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li r-rimunerazzjoni tal-ispejjeż għall-brigata tat-tifi tan-nar hija soġġetta għal responsabbiltajiet reġjonali u li dawn l-ispejjeż ġeneralment jiġu rrimunerati mill-awtoritajiet reġjonali rilevanti. Ir-rimunerazzjoni ta' dawn l-ispejjeż hija limitata sa fejn hija neċessarja sabiex jiġu koperti dawn l-ispejjeż.
- (193) Fir-rigward tal-miżuri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru, § 27(d) *Luftverkehrsgesetz* tistabbilixxi li l-ispejjeż relatati mal-miżuri f'§ 27(c) *Luftverkehrsgesetz* huma koperti mill-Istat għal għadd ta' ajruporti speċifiċi. L-ajruporti huma eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż bħala "ajruporti rikonoxxuti" skont § 27(d) *Luftverkehrsgesetz* jekk il-Ministeru Federali tat-Trasport ikun irrikonoxxa neċessità tal-miżuri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru għal raġunijiet ta' sigurtà u għal interessi relatati mal-politika dwar it-trasport⁽³¹⁾. L-ajruporti Ġermaniżi li ma ġewx rikonoxxuti mhumiex eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż skont § 27(d) *Luftverkehrsgesetz* u, għalhekk, fil-prinċipju, iridu jħallsu l-ispejjeż relatati mal-miżuri previsti fi § 27(c) *Luftverkehrsgesetz* huma stess. Dawn l-ispejjeż huma inerenti għall-operat tal-ajruporti. Minħabba li xi ajruporti jkollhom iħallsu dawn l-ispejjeż huma stess, filwaqt li ajruporti oħrajn ma jħallsux, dawn tal-aħħar jistgħu jingħataw vantaġġ, anki jekk il-miżuri ta' kontroll u ta' sikurezza fl-ajru jistgħu jitqiesu bħala mhux ekonomiċi. Il-Kummissjoni tinnota li l-Ajruport ta' Saarbrücken kien rikonoxxut bħala ajruport eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż skont § 27(d) *Luftverkehrsgesetz*. Ajruporti oħrajn ikollhom iħallsu dawn l-ispejjeż huma stess. Għalhekk, il-kopertura tal-ispejjeż tal-Ajruport ta' Saarbrücken relatati mal-miżuri tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27(d) *Luftverkehrsgesetz* tagħti vantaġġ lill-Ajruport ta' Saarbrücken, anki jekk il-miżuri ta' kontroll u ta' sikurezza fl-ajru jistgħu jitqiesu bħala ta' natura mhux ekonomika.
- (194) Fir-rigward tal-miżuri skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz*, jidher li l-Ġermanja hija tal-fehma li l-ispejjeż kollha relatati mal-miżuri preskritti hemmhekk jistgħu jitħallsu mill-awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li skont § 8(3) *Luftsicherheitsgesetz* huma biss l-ispejjeż relatati mal-provvista u l-manutenzjoni tal-ispazji u tal-bini neċessarji għat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fi § 5 *Luftsicherheitsgesetz* li jistgħu jiġu rrimborżati. L-ispejjeż l-oħrajn kollha għandhom jitħallsu mill-operatur tal-ajruport. Sakemm il-finanzjament pubbliku mogħti lil FSBesitzG jew FSG jeħles lil dawk l-impriżi mill-ispejjeż li kien ikollhom iħallsu skont § 8(3) *Luftsicherheitsgesetz*, dak il-finanzjament pubbliku mhuwiex eżentat minn skrutinju skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Konklużjoni dwar l-ambitu tal-politika pubblika

- (195) Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni ssib li huwa xieraq li tħejji konklużjonijiet aktar speċifiċi rigward l-ispejjeż tal-investment u l-ispejjeż operattivi li allegatament jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika.

⁽³⁰⁾ Id-deċizzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2014 fil-kawża dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35847 (2012/N) – ir-Repubblika Ċeka – l-Ajruport ta' Ostrava, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU, il-premessa 16.

⁽³¹⁾ § 27(d)(1) *Luftverkehrsgesetz*: "Flugsicherungsdienste und die dazu erforderlichen flugsicherungstechnischen Einrichtungen werden an den Flugplätzen vorgehalten, bei denen das Bundesministerium für Verkehr, Bau und Stadtentwicklung einen Bedarf aus Gründen der Sicherheit und aus verkehrspolitischen Interessen anerkennt".

- (196) Fir-rigward tal-ispejjeż operattivi, il-Kummissjoni taċċetta li l-ispejjeż operattivi marbuta mal-brigata tat-tifi tan-nar jikkwalifikaw bħala spejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika, safejn ir-rimunerazzjoni ta' dawn l-ispejjeż tkun strettament limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu dawn l-attivitajiet. Fir-rigward tal-ispejjeż operattivi marbuta mal-miżuri meħuda skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz*, il-Kummissjoni hija tal-fehma li huma biss dawk l-ispejjeż li fil-konfront tagħhom l-operatur tal-ajruport huwa intitolat għal rimborż skont § 8(3) *Luftsicherheitsgesetz* li jikkwalifikaw bħala spejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika. Fir-rigward tal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27c(2) *Luftverkehrsgesetz*, wara li tinnota li Saarbrücken huwa wieħed mill-ajruporti eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż, filwaqt li ajruporti oħrajn mhumiex, il-Kummissjoni ssib li l-kopertura tal-ispejjeż operattivi marbuta mal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27 (d) *Luftverkehrsgesetz* tagħti vantaġġ lill-Ajruport ta' Saarbrücken, anki jekk il-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru jistgħu jitqiesu bħala mhux ekonomiċi. Bl-istess mod, l-ispejjeż operattivi relatati mal-iżgurar tas-sikurezza operattiva tal-ajruport ma jikkwalifikawx bħala spejjeż fl-ambitu tal-politika pubblika.
- (197) Fir-rigward tal-investimenti li saru bejn is-sena 2000 u l-2012, il-Kummissjoni taċċetta li l-investimenti li huma direttament relatati mal-brigata tat-tifi tan-nar jikkwalifikaw bħala spejjeż fl-ambitu tal-politika pubblika safejn ir-rimunerazzjoni ta' dawk l-ispejjeż tkun strettament limitata għal dak li huwa neċessarju għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet. Fir-rigward tal-investimenti marbuta mal-miżuri meħuda skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz*, il-Kummissjoni hija tal-fehma li huma biss dawk l-ispejjeż li fil-konfront tagħhom l-operatur tal-ajruport huwa intitolat għal rimborż skont § 8(3) *Luftsicherheitsgesetz* li jikkwalifikaw bħala spejjeż fl-ambitu tal-politika pubblika. Fir-rigward tal-investimenti marbuta mal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27(c)(2) *Luftverkehrsgesetz*, wara li tinnota li Saarbrücken huwa wieħed mill-ajruporti eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż, il-Kummissjoni ssib li dawk l-investimenti relatati mal-miżuri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u tas-sikurezza fl-ajru skont § 27(d) *Luftverkehrsgesetz* jagħtu vantaġġ lill-Ajruport ta' Saarbrücken, anki jekk il-miżuri ta' kontroll u ta' sikurezza fl-ajru jistgħu jitqiesu bħala mhux ekonomiċi. Bl-istess mod, l-investimenti relatati mal-iżgurar tas-sikurezza operattiva tal-ajruport ma jikkwalifikawx bħala spejjeż fl-ambitu tal-politika pubblika. B'mod partikolari, dan ifisser li l-investimenti fiċ-ċnut madwar l-ajruport, fis-sinjali ta' fuq ir-runway u fl-estensjoni tar-runway u taż-żoni tas-sikurezza ma jistgħu jikkwalifikaw bħala li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika.
- (198) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mill-klassifikazzjoni legali ta' dawk l-ispejjeż bħala li jaqgħu fl-ambitu pubbliku jew le, intwera li dawn għandhom jitħallsu mill-operatur tal-ajruport, taħt il-qafas legali applikabbli. Għaldaqstant, li kieku l-Istat kellu jħallas għal dawk l-ispejjeż, l-operatur tal-ajruport jinħeles minn spiża li normalment ikollu jħallas.

Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (199) Sabiex tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, jeħtieġ li l-miżura inkwistjoni tkun iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.
- (200) Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat japplika għal kwalunkwe vantaġġ mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilu⁽³²⁾. Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tar-riżorsi tal-Istat skont it-Trattat⁽³³⁾.
- (201) L-injezzjonijiet ta' kapital ipprovduti lil vh Saar joriġinaw direttament mill-baġit tal-*Land Saarland* u, għalhekk, jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.
- (202) Fir-rigward tal-finanzjament ta' FSBesitzG/FSG minn vh Saar, ta' min jinnota li vh Saar hija kollha kemm hi proprjeta tal-*Land Saarland* u, għalhekk, tikkostitwixxi impriża pubblika. B'hekk, il-finanzjament ipprovdut minn vh Saar lil FSBesitzG/FSG jikkostitwixxi telf ta' riżorsi tal-Istat. Fir-rigward tal-imputabbiltà tal-ftehim P&L u t-trasferimenti li saru taħtu, il-Kummissjoni tinnota li l-istatuti, li permezz tagħhom vh Saar ġiet stabbilita mill-Ministeru tal-Ekonomija tal-*Land Saarland*, huma datati s-7 ta' Mejju 1996. F'dak il-jum stess, ġie stabbilit il-ftehim P&L bejn vh

⁽³²⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs il-Kummissjoni ("Stardust Marine")* [2002] Ġabra I-4397.

⁽³³⁾ Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011 fil-Kawżi Konġunti T-267/08 u T-279/08, *Nord-Pas-de-Calais*, li għadha ma ġietx ippubblikata, il-paragrafu 108.

Saar u FSBesitzG/FSG. Skont il-Ġermanja, v^h Saar taġixxi taħt il-*"kontroll fattwali u legali komprensiv tal-Land Saarland"* b^ħala l-azzjonista waħdanija tal-kumpanija. F[']dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li, skont ir-rapporti annwali ta' v^h Saar, il-kumpanija tista' titqies b^ħala li tikkontrolla lil FSBesitzG/FSG⁽³⁴⁾. Skont l-istatuti, il-gvern tas-Saarland jaħtar il-bord ta' superviżjoni ta' v^h Saar u l-president tal-bord ta' superviżjoni huwa rappreżentant tal-Ministeru tal-Land responsabbli g^hall-avjazzjoni. L-istatuti jipprevedu wkoll li l-bord tad-diretturi jinħatar mill-assemblea ġenerali, li tikkonsisti frapreżentanti tal-proprietarju, jiġifieri s-Saarland. Fl-aħħar nett, l-istatuti jistabbilixxu li v^h Saar kellha tikkonkludi ftehim ta' kontroll⁽³⁵⁾ mal-FSG. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ftehim P&L bejn v^h Saar u FSBesitzG/FSG u t-trasferimenti li saru taħtu huma imputabbli lill-Istat.

Vantaġġ ekonomiku

- (203) Il-Ġermanja kkonfermat li l-fondi pubbliċi kollha pprovduti lil v^h Saar jintużaw mill-entità sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-ftehim P&L ma' FSBesitzG/FSG, jiġifieri li l-fondi kollha jiġu ttrasferiti minn v^h Saar lil FSBesitzG/FSG. G^ħalhekk, billi v^h Saar hija biss intermedjarja li permezz tagħha l-finanzjament jiġi ttrasferit mill-Istat lil FSBesitzG/FSG, v^h Saar ma tistax titqies b^ħala li tirċievi vantaġġ ekonomiku hija stess.

FSBesitzG/FSG: MEO

- (204) Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma setg^hetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat⁽³⁶⁾. Huwa biss l-effett tal-miżura fuq l-impriża li huwa rilevanti, mhux il-kawża jew l-g^hhan tal-intervent mill-Istat⁽³⁷⁾. Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża titjeb b^ħala riżultat ta' intervent mill-Istat, mela allura jkun hemm il-preżenza ta' vantaġġ.
- (205) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li *"l-kapital impoġġi direttament jew indirettament g^hhad-dispożizzjoni ta' impriża mill-Istat f'ċirkostanzi li jikkorrespondu g^hall-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jistax jitqies b^ħala g^hhajnuna mill-Istat"*⁽³⁸⁾. F[']dan il-każ, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-finanzjament pubbliku tal-Ajruport ta' Saarbrücken jag^hhtix vantaġġ lil FSBesitzG/FSG li ma jistg^hhux jirċievu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Kummissjoni g^ħandha tqabbal il-kondotta tal-azzjonisti pubbliċi li jipprovdu l-finanzjament ma' dik ta' MEO li jiġi ggwidat minn prospetti ta' profittabbiltà fit-tul⁽³⁹⁾.
- (206) Il-valutazzjoni g^ħandha tħalli fil-ġenb xi riperkussjonijiet pożittivi fuq l-ekonomija tar-reġjun fejn jinsab l-ajruport, minħabba li l-Qorti kkjarifikat li l-mistoqsija rilevanti g^hall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-MEO hija jekk *"f'ċirkostanzi simili, azzjonist privat, wara li jkun ikkunsidra l-prevedibbiltà li jinkiseb redditu u wara li h^ħalla fil-ġenb il-kunsiderazzjonijiet soċjali, tal-politika reġjonali u settorjali kollha, ikunx issottoskriva l-kapital inkwistjoni"*⁽⁴⁰⁾.
- (207) Fil-kawża Stardust Marine, il-Qorti ddikjarat li, *"[...] sabiex jiġi eżaminat jekk l-Istat adottax jew le l-imġiba ta' investitur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq, jeħtieġ li wieħed iqieg^hhed lilu nnifsu fil-kuntest tal-perodu li matulu twettqu l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju sabiex tiġi vvalutata r-razzjonalità ekonomika tal-imġiba tal-Istat u, b[']hekk, joqg^hhod lura milli jag^hhmel xi valutazzjoni msejsa fuq sitwazzjoni sussegwenti"*⁽⁴¹⁾.
- (208) Barra minn hekk, fil-kawża EDF, il-Qorti ddikjarat li, *"[...] g^hħall-finijiet li jintwera li, qabel jew fl-istess ħin li jag^hhti l-vantaġġ, l-Istat Membru ħa dik id-deċiżjoni b^ħala azzjonista, mhuwiex biżżejjed li wieħed jistrie^h fuq l-ewvalwazzjonijiet ekonomiċi mag^hhmula wara li jkun ingħata l-vantaġġ, fuq sejba retrospettiva li l-investment mag^hhmul mill-Istat Membru kkonċernat kien tabilħaq profittabbli, jew fuq ġustifikazzjonijiet sussegwenti tal-kors ta' azzjoni tabilħaq mag^hhżul"*⁽⁴²⁾.

⁽³⁴⁾ v^h Saar u FSBesitzG/FSG jistg^hu jitqiesu b^ħala kumpaniji konnessi skont it-tifsira ta' § 290 HGB.

⁽³⁵⁾ Kuntratt li permezz tieġ^hu kumpanija waħda tippreżenta d-direzzjoni tal-kumpanija lil impriża oħra.

⁽³⁶⁾ Il-Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u oħrajn vs La Poste u oħrajn* [1996] Ġabra I-3547, il-paragrafu 60 u l-Kawża C-342/96 *Ir-Renju ta' Spanja vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1999] Ġabra I-2459, il-paragrafu 41.

⁽³⁷⁾ Il-Kawża 173/73 *Ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1974] Ġabra 709, il-paragrafu 13.

⁽³⁸⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs il-Kummissjoni ("Stardust Marine")* [2002] Ġabra I-4397, il-punt 69.

⁽³⁹⁾ Il-Kawża C-305/89 *L-Italja vs il-Kummissjoni ("Alfa Romeo")* [1991] Ġabra I-1603; il-Kawża T-296/97 *Alitalia vs il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-3871.

⁽⁴⁰⁾ Il-Kawża 40/85 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* [1986] Ġabra I-2321.

⁽⁴¹⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-04397.

⁽⁴²⁾ Il-Kawża C-124/10P *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France (EDF)* [2012], li g^ħadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, ("Sentenza tal-EDF"), il-paragrafu 85.

- (209) Sabiex tkun tista' tapplika l-prinċipju tal-MEO, il-Kummissjoni għandha tpoġġi lilha nnifisha fiż-żmien meta ttiġdet kull deċiżjoni li jiġu ffinanzjati l-miżuri inkwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tibbaża wkoll il-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u s-suppożizzjonijiet li kienu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet lokali rilevanti fiż-żmien meta ttiġdet id-deċiżjoni li tikkonċerna l-arranġamenti finanzjarji tal-miżuri inkwistjoni.
- (210) Il-Kummissjoni tieġu nota tas-sottomissjoni tal-Ġermanja li l-*Land Saarland*, li jippossedi u jfinanzja l-Ajruport ta' Saarbrücken, mhuwiex ikkonċernat b'redditu fuq l-investiment, iżda minflok jara l-finanzjament bħala li huwa relatat mal-provvista ta' infrastruttura essenzjali. Skont il-Ġermanja, huwa wkoll għal din ir-raġuni li ma teżisti ebda analiżi tal-ispejjeż tal-għeluq potenzjali tal-ajruport. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-ajruport beda jġarrab telf dejjem jidied mis-sena 2000 u li EBIDTA pożittiv, iżda mhux riżultat globali pożittiv, huwa mistenni biss għall-2020. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-finanzjament pubbliku ta' FSBesitzG/FSG ma jstax jikkwalifika bħala li huwa konformi mal-prinċipju tal-MEO.

FSBesitzG/FSG: Il-kumpens għal SGEI

- (211) Il-Ġermanja sostniet li, f'dan il-każ, il-finanzjament pubbliku jikkostitwixxi kumpens għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li ma jagħti ebda vantaġġ ekonomiku. Skont il-ġurisprudenza *Altmark*⁽⁴³⁾ tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpens għall-provvista ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ma jagħti ebda vantaġġ ekonomiku meta jiġu ssodisfati l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
- L-ewwelnett, l-impriża benefiċjarja għandha tabilħaqq ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq, u l-obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar ("*il-kriterju 1 ta' Altmark*").
 - It-tieni, il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens għandhom jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti ("*il-kriterju 2 ta' Altmark*").
 - It-tielet, il-kumpens ma jstax jaqbeż dak li huwa neċessarju sabiex ikopri l-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli ("*il-kriterju 3 ta' Altmark*").
 - Ir-raba', meta l-impriża li tkun trid twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku, f'każ speċifiku, ma tintgħażilx skont proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti l-għażla tal-offerent li jista' jipprovi dawk is-servizzi bl-inqas spiża għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża tipika, immexxija sewwa u pprovduta b'mod adegwat bil-mezzi sabiex tkun tista' twettaq is-servizz bil-għan li tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti neċessarji tas-servizz pubbliku, tkun ġarrbet fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi ("*il-kriterju 4 ta' Altmark*").
- (212) Skont *il-kriterju 4 ta' Altmark*, l-ammont ta' kumpens għandu jiġi ddeterminat jew wara proċedura ta' akkwist pubbliku jew, minflok, fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li setgħet iġġarrab impriża tipika mmexxija sewwa. Fil-każ tal-Ajruport ta' Saarbrücken, l-operat tal-ajruport ma ġiex esternalizzat b'seġha għall-offerti, iżda minflok ġie fdat lill-impriża Statali FSBesitzG/FSG. Barra minn hekk, l-ammont ta' kumpens ma kienx iddeterminat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li setgħet ġarrbet impriża tipika mmexxija sewwa. Il-modalitajiet tal-finanzjament kienu u huma tali li kwalunkwe telf iġġenerat minn FSBesitzG/FSG jiġi kopert mir-riżorsi tal-Istat, irrISPettivament minn jekk tali telf jikkorrespondix għall-ispejjeż li setgħet ġarrbet impriża tipika mmexxija sewwa.
- (213) Sabiex jiġi ssodisfat *il-kriterju 4 ta' Altmark*, mhuwiex biżżejjed li l-awtoritajiet tal-*Land Saarland*, li bħala azzjonist waħdieni għandu setgħat komprensivi ta' superviżjoni u kontroll, jaffermaw li żguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Filwaqt li l-Ġermanja ssostni li huma biss l-ispejjeż imġarrba bħala konsegwenza tal-operazzjonijiet effiċjenti li daħlu fil-kopertura tad-defiċit, il-ftehim P&L ma jipprevedi ebda limitazzjoni bħal din, iżda minflok jipprevedi l-kopertura ta' kwalunkwe telf li seta' kien iġġenerat.
- (214) Lanqas ma huwa biżżejjed li wieħed iqabbel l-ispejjeż tal-Ajruport ta' Saarbrücken ma' dawk ta' impriżi oħrajn li huma proprjetà tal-Istat u attivi f'setturi oħrajn, minħabba li ma tista' ssir ebda konklużjoni minnhom fir-rigward tal-effiċjenza tal-operatur tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, ma kien hemm ebda tentattiv li jsir paragun ma' operaturi ta' ajruporti oħrajn, minħabba li kien meqjus li l-ajruporti reġjonali kienu ferm differenti minn xulxin f'dak li għandu x'jaqşam mal-ispejjeż u d-dħul tagħhom sabiex ikun jista' jsir paragun sinifikanti.

⁽⁴³⁾ Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* [2003] Ġabra I-7747, il-paragrafi 87 – 93.

- (215) Fl-analiżi finali tagħha, għalhekk, il-Ġermanja tistrieħ primarjament fuq l-apprezzament tagħha li ma hemm ebda indikazzjoni li l-operatur tal-ajruport f'Saarbrücken kien ineffiċjenti. Hija sostniet li, fl-imgħoddi, il-Kummissjoni aċċettat in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' ineffiċjenza bħala suffiċjenti għall-konformità mal-kriterju 4 ta' *Altmark*. Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li d-deċiżjoni msemmija mill-Ġermanja b'ebda mod ma hija bbażata biss fuq in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' ineffiċjenza. F'dak il-każ, il-Kummissjoni rreferiet għal raġunijiet varji sabiex issib li l-kriterju 4 ta' *Altmark* kien issodisfat u enfasizzat li r-raġunament tagħha kien ibbażat fuq il-*"limitazzjonijiet legali u fattwali speċifiċi li jipprevalu f'dan il-każ"* ⁽⁴⁴⁾.
- (216) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-kriterju 4 ta' *Altmark* mhuwiex issodisfat fil-każ preżenti. Billi l-erba' kriterji ta' *Altmark* huma strettament kumulattivi, mhuwiex neċessarju li tiġi vvalutata l-konformità mal-kriterji l-oħrajn.

Is-selettività

- (217) L-Artikolu 107 (1) tat-Trattat jesiġi li miżura, sabiex tiġi definita bħala għajjnuna mill-Istat, għandha tiffavorixxi lil *"ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti"*. Fil-każ inkwistjoni, il-Kummissjoni tinnotta li mill-finanzjament pubbliku tibbenfika biss FSBesitzG/FSG. B'hekk, dan il-finanzjament huwa kjarment selettiv skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (218) Meta l-għajjnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fis-suq intern, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala li ġew affettwati minn dik l-għajjnuna ⁽⁴⁵⁾. F'dan il-każ, il-vantaġġ ekonomiku mogħti mill-miżura lill-operatur tal-ajruport isaħħaħ il-pożizzjoni ekonomika tiegħu, billi l-operatur tal-ajruport ser ikun jista' jistabbilixxi n-negozju tiegħu mingħajr ma jgħorr l-ispejjeż operattivi u għall-investment inerenti.
- (219) Kif ġie vvalutat fil-premessi 178 *et seq.*, l-operat ta' ajruport huwa attività ekonomika. Minn naħa waħda, il-kompetizzjoni sseħħ bejn l-ajruporti sabiex jattiraw il-linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija) u, min-naħa l-oħra, bejn il-manijers tal-ajruporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom sabiex jiġu fdati bil-ġestjoni ta' ajruport partikolari. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasportaturi low-cost u l-operaturi tat-titjiriet charter, ajruporti li ma jkunux jinsabu fl-istess żona ta' lħuq jew saħansitra li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti jistgħu wkoll ikunu fkompetizzjoni ma' xulxin sabiex jattiraw lil dawk il-linji tal-ajru.
- (220) Kif issemma fil-punt 40 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 u kif affermat mill-ġdid fil-punt 45 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, mhuwiex possibbli li jiġu esklużi saħansitra ajruporti żgħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (221) L-Ajruport ta' Saarbrücken bħalissa qed iservi madwar 425 000 passiġġier fis-sena u fl-imgħoddi ġieli serva daqs madwar 520 000 passiġġier fis-sena. Il-previżjonijiet ipprovduti mill-Ġermanja jistabbilixxu li l-għadd ta' passiġġieri mistenni jżdid għal hejn inqas minn [...] passiġġier fis-sena fl-2020. Kif ġie osservat fil-premessa 16 aktar 'il fuq, dan l-ajruport jinsab fil-viċinanza immedjata tal-Ajruport ta' Zweibrücken (39 kilometru) u f'distanza ta' saġhtejn sewqan minn sitt ajruporti oħrajn. Skont id-dejta pprovduta mill-Ġermanja, madwar [inqas minn 14%] tal-passiġġieri li jużaw l-Ajruport ta' Saarbrücken joriġinaw minn Stati Membri oħrajn. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-finanzjament pubbliku lil FSBesitzG/FSG iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u għandu mill-inqas effett potenzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (222) Minbarra dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-Ajruport ta' Saarbrücken huwa jew għall-inqas kien fkompetizzjoni diretta mal-Ajruport ta' Zweibrücken. L-ewwelnett, ta' min jinnotta li TUIFly, li qabel kienet l-akbar klijent tal-Ajruport ta' Saarbrücken, ħalliet l-ajruport u ttrasferiet l-operat tagħha lejn Zweibrücken fl-2007. It-tieni, għal perjodu ta' żmien sostanzjali (madwar erba' snin), it-titjiriet lejn Berlin kienu qed jiġu offruti kemm minn Zweibrücken (Germanwings) kif ukoll minn Saarbrücken (Air Berlin u Luxair) b'mod parallel, fatt li wera li kien hemm kompetizzjoni kemm bejn l-ajruporti kif ukoll bejn il-linji tal-ajru ⁽⁴⁶⁾.

⁽⁴⁴⁾ Ara l-ĠU L 219, 24.8.2007, p. 9, il-premessi 111 *et seq.*

⁽⁴⁵⁾ Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest vs il-Kummissjoni* [1998] Ġabra II-717.

⁽⁴⁶⁾ Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 fil-kawża dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.27339 – il-Ġermanja – l-ajruport ta' Zweibrücken, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

- (223) Minbarra dawn l-indikaturi għall-kompetizzjoni bejn l-Ajruport ta' Saarbrücken u l-Ajruport ta' Zweibrücken, hemm ukoll evidenza li – minkejja s-sottomissjoni uffiċjali mill-Ġermanja li ż-żewġ ajruporti qatt ma kkunsidraw lilhom infushom bħala li jinsabu f'kompetizzjoni diretta – l-uffiċjali tal-Land Rhineland-Palatinate kienu tal-fehma li kien hemm eżistenza ċara ta' kompetizzjoni. F'żewġ noti interni tal-gvern tar-Rhineland-Palatinate miktuba fl-2003, il-pożizzjoni difiża mill-awturi hija li l-kooperazzjoni bejn l-Ajruport ta' Zweibrücken u l-Ajruport ta' Saarbrücken ma kinitx possibbli/rakkomandabbli f'dak iż-żmien. Minflok, nota waħda spjegat li mill-inqas sakemm Fraport AG tkun involuta mal-Ajruport ta' Saarbrücken⁽⁴⁷⁾, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ ajruporti tkun waħda ta' kompetizzjoni⁽⁴⁸⁾. In-nota tesprimi wkoll li "mill-perspettiva tar-Rhineland-Palatinate, jista' jkun mistenni li l-Ajruport ta' Zweibrücken jipprevali f'din il-kompetizzjoni fuq perjodu ta' żmien twil"⁽⁴⁹⁾. Dawn id-dikjarazzjonijiet jindikaw li għall-inqas fl-2003, ir-relazzjoni perċepita bejn iż-żewġ ajruporti kienet tabilħaqq waħda ta' kompetizzjoni.
- (224) Il-Ġermanja tieħu l-pożizzjoni li skont il-punt 39 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-finanzjament pubbliku pprovdut lil ajruporti reġjonali żgħar "mhux probabbli li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jaffettwa l-kummerċ sa ċertu punt li jmur kontra l-interess komuni". Hija ssostni wkoll li l-kompetizzjoni ma' ajruporti oħrajn hija limitata minn għadd ta' fatturi, bħall-mudell tan-negozju, id-daqs u d-distanza. F'kull każ, kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni jew effett fuq il-kummerċ ikunu minimi.
- (225) Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-indikaturi deskritti fil-premessi 221 sa 223 juru l-eżistenza ta' mill-inqas distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ. Il-Kummissjoni tenfasizza li d-definizzjoni ta' għajnunata mill-Istat ma tirrikjedix li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ ikunu sinifikanti jew materjali, anki jekk hija tal-fehma li, minħabba l-qrubija tal-ajruporti ta' Saarbrücken u Zweibrücken u r-relazzjoni kompetittiva diretta tagħhom kif indikat hawn fuq, dan tabilħaqq kien il-każ.
- (226) Hemm titjiriet internazzjonali mill-ajruport ta' Saarbrücken lejn destinazzjonijiet bħal Mallorca jew Ankara, jew destinazzjonijiet oħrajn tal-btajjel. Ir-runway f'Saarbrücken hija ta' tul suffiċjenti (2 000 m) u tippermetti lil-linji tal-ajru jservu destinazzjonijiet internazzjonali b'rotot medji.
- (227) F'dan l-isfond, il-finanzjament pubbliku mogħti lil FSBesitzG/FSG għandu jitqies bħala li jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkollu effett fuq il-kummerċ.

5.1.2. L-GĦAJNUNA EŻISTENTI U L-GĦAJNUNA ĠDIDA

- (228) Il-Kummissjoni tfakkar li miżura ta' għajnunata tikkostitwixxi l-għajnunata eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽⁵⁰⁾ fejn jista' jiġi stabbilit li fiż-żmien meta ddaħħlet fis-seħħ il-miżura ta' għajnunata, hija ma kienet tikkostitwixxi ebda għajnunata mill-Istat u, sussegwentement, saret għajnunata minħabba l-evoluzzjoni tas-suq komuni u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Membru. Il-Ġermanja ssostni li l-ftehim P&L bejn FSBesitzG/FSG u vh Saar, li jikkostitwixxi l-bażi għall-kopertura tad-defiċit annwali li kienet meqjusa bħala li tikkostitwixxi għajnunata mill-Istat, iddaħħal fis-seħħ meta l-finanzjament pubbliku tal-ajruporti kien għadu mhux meqjus bħala li jikkostitwixxi għajnunata mill-Istat u kien għadu ma nbidilx.
- (229) Il-Kummissjoni tfakkar li l-iżvilupp gradwali tal-forzi tas-suq fis-settur tal-ajruporti ma jippermettix li tiġi ddeterminata data preċiża minn meta l-operat ta' ajruport kellha mingħajr ebda dubju titqies bħala attività ekonomika. Kif ġie ddikjarat fil-premessa 180, mid-data tas-sentenza fil-kawża "Aéroports de Paris" (it-12 ta' Diċembru 2000), l-operat u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport għandhom jitqiesu bħala kompitu li jaqa' fl-ambitu tal-kontroll tal-għajnunata mill-Istat.
- (230) Bil-maqlub, minħabba l-inċertezza li kienet teżisti qabel ingħatat is-sentenza fil-kawża "Aéroports de Paris", l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament jikkunsidraw il-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruporti bħala li ma kien jikkostitwixxi ebda għajnunata mill-Istat. Jirriżulta li, abbażi tar-regoli dwar l-għajnunata mill-Istat, il-Kummissjoni issa ma tistax tqajjem dubji dwar il-miżuri ta' finanzjament mogħtija qabel ingħatat is-sentenza fil-kawża "Aéroports de Paris".
- (231) B'konsegwenza ta' dan, il-miżuri ta' għajnunata mill-Istat li ngħataw lill-operaturi tal-ajruport qabel id-data tas-sentenza fil-kawża "Aéroports de Paris" ma kienu jikkostitwixxu ebda għajnunata mill-Istat fiż-żmien meta ddaħħlu fis-seħħ, u saru għajnunata eżistenti sat-12 ta' Diċembru 2000.

⁽⁴⁷⁾ Fraport AG kellha sehem ta' 51 % fl-FSBG sat-30 ta' Ġunju 2007.

⁽⁴⁸⁾ Vorlage für den Ministerrat, Gemeinsame Kabinettsitzung der Regierung des Saarlandes und der Landesregierung von Rheinland-Pfalz am 27. Mai 2003, Ministerium für Wirtschaft, Verkehr, Landwirtschaft und Weinbau, il-15 ta' Mejju 2003.

⁽⁴⁹⁾ Einschätzung der rheinland-pfälzischen Innenministeriums, il-15 ta' Mejju 2003.

⁽⁵⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

- (232) Fil-każ preżenti, il-ftehim P&L bejn FSBesitzG/FSG u vh Saar (li abbażi tiegħu saru injezzjonijiet ta' kapital individwali) daħal fis-seħħ fl-1996 u, skont il-Ġermanja, baqa' ma nbidilx minn dakinhar. Għalhekk, jista' jiġi kkunsidrat li, mis-sena 2000 'il quddiem, il-finanzjament pubbliku annwali mogħti skont dan il-ftehim kien jikkostitwixxi l-ghajjnuna eżistenti.
- (233) Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-ghajjnuna eżistenti saret ghajjnuna ġdida mill-1 ta' Ġunju 2007. Fil-punt 83 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, u skont dak li issa huwa l-Artikolu 108(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni pproponiet miżuri xierqa għall-Istati Membri, fejn talbithom iġibu l-iskemi eżistenti kollha tagħhom relatati mal-ghajjnuna mill-Istat koperta minn dawk il-Linji Gwida f'konformità ma' dawk il-Linji Gwida sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2007. L-Istati Membri ntabu jikkonfermaw l-aċċettazzjoni tagħhom bil-miktub. F'każ li Stat Membru jonqos milli jaġixxi skont l-impenn tiegħu, l-ghajjnuna eżistenti ssir ghajjnuna illegali wara d-data stabbilita fil-miżuri xierqa u tkun soġġetta għal irkupru.
- (234) Il-Ġermanja aċċettat il-miżuri xierqa permezz ta' ittra tat-30 ta' Mejju 2006. Fid-dawl tal-fatt li l-ftehim P&L stabbilixxa skema ta' ghajjnuna li pprovdiet il-bażi għal pagamenti mtennija ta' ghajjnuna matul iż-żmien, il-Ġermanja kellha tiżgura li l-iskema ta' ghajjnuna tkun konformi mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2007. Minn dik id-data 'il quddiem, il-finanzjament pubbliku ta' FSBesitzG/FSG ma baqax jikkostitwixxi l-ghajjnuna eżistenti.

5.1.3. KONKLUŻJONI

- (235) Fid-dawl tal-argumenti ppreżentati fil-premessi 176 sa 225, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-finanzjament pubbliku mogħti fil-forma ta' kopertura tat-telf annwali lil FSBesitzG/FSG matul is-snin 2000-2012 (ara d-dejta finanzjarja spjegata fid-dettall fit-Tabelli 3 u 4) jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat safejn kien relatat mal-attivitatijiet li jaqgħu barra mill-ambitu tal-politika pubblika u, għalhekk, kien jikkostitwixxi ghajjnuna ġdida mill-1 ta' Ġunju 2007 'il quddiem.
- (236) Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li, b'mod partikolari fid-dawl tal-argumenti ppreżentati fil-premessa 203, l-injezzjonijiet ta' kapital mogħtija lil vh Saar ma jikkostitwixxu ebda ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, minħabba li vh Saar ittrasferiet il-fondi pubbliċi kollha li rċeviet u, għalhekk, hija stess ma kisbet ebda vantaġġ ekonomiku.

5.1.4. IL-LEGALITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (237) Skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe pjanijiet li jaqgħu jew ibiddlu l-ghajjnuna, u ma għandhomx jimplimentaw il-miżuri proposti qabel ma l-proċedura ta' notifika tirriżulta f'deċiżjoni finali.
- (238) Billi l-finanzjament diġà tpoġġa għad-dispożizzjoni ta' FSBesitzG/FSG, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Ġermanja ma rrispettatx il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat ⁽⁵¹⁾.

5.1.5. IL-KOMPATIBBILTÀ

5.1.5.1. *L-applikabbiltà tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 u tal-2014*

- (239) L-Artikolu 107(3) tat-Trattat jipprevedi ċerti eżenzjonijiet għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat li l-ghajjnuna mill-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern. L-ghajjnuna inkwistjoni tista' tiġi vvalutata biss fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, li jistipula li: "*l-ghajjnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitatijiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, fejn tali ghajjnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tan-negozjar sa ċertu punt li jmur kontra l-interess komuni*", tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.
- (240) F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jipprovdu qafas għall-valutazzjoni ta' jekk l-ghajjnuna lill-ajruporti tistax tiġi ddkjarata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

⁽⁵¹⁾ Il-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost vs il-Kummissjoni* [2004] Ġabra II-127.

- (241) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat illeġittima⁽⁵²⁾ japplika għall-ghajjnuna għall-investment illeġittima mogħtija lill-ajruporti. F'dan ir-rigward, jekk l-ghajjnuna għall-investment illeġittima tkun ingħatat qabel l-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni tapplika r-regoli dwar il-kompatibbiltà li kienu fis-seħħ fiż-żmien meta ngħatat l-ghajjnuna għall-investment illeġittima. Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet fil-premessa 238 li l-kopertura annwali tat-telf minn vħ Saar tikkostitwixxi l-ghajjnuna mill-Istat illeġittima li ngħatat qabel l-4 ta' April 2014. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 fil-każ ta' ghajjnuna għall-investment illeġittima mogħtija lill-ajruporti qabel l-4 ta' April 2014⁽⁵³⁾.
- (242) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-avviż dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat illeġittima ma għandhomx japplikaw għall-każijiet pendenti ta' ghajjnuna operattiva illeġittima mogħtija lill-ajruporti qabel l-4 ta' April 2014. Minflok, il-Kummissjoni ser tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-ghajjnuna operattiva (in-notifiki pendenti u l-ghajjnuna mhux innotifikata illeġittima) lill-ajruporti, anki jekk l-ghajjnuna tkun ingħatat qabel l-4 ta' April 2014 u l-bidu tal-perjodu tranżitorju⁽⁵⁴⁾.

5.1.5.2. *Distinzjoni bejn l-Ghajjnuna għall-Investment u l-Ghajjnuna Operattiva*

- (243) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 imsemmija fil-premessi 241 u 242, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi ghajjnuna għall-investment jew ghajjnuna operattiva illeġittima.
- (244) Skont il-punt 25 (18) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna għall-investment hija definita bħala "ghajjnuna maħsuba biex tiffinanzja l-assi kapitali fissi, speċifikament, sabiex tiġi koperta d-diskrepanza fil-finanzjament tal-ispejjeż kapitali". Barra minn hekk, skont il-punt 25 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna għall-investment tista' tkun relatata kemm ma' pagament bil-quddiem (jiġifieri sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-investment bil-quddiem) kif ukoll mal-ghajjnuna mħallsa fil-forma ta' pagamenti akkont perjodiċi (sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kapitali, f'termini tad-deprezzament annwali u l-ispejjeż tal-finanzjament).
- (245) Min-naħa l-oħra, l-ghajjnuna operattiva hija relatata mal-kopertura tal-ispejjeż operattivi kollha jew ta' parti mill-ispejjeż operattivi ta' ajruport, definiti bħala "l-ispejjeż sottostanti tal-provvista ta' servizzi offruti fl-ajruport, inklużi kategoriji bħall-ispejjeż tal-persunal, tas-servizzi kuntrattati, tal-komunikazzjoni, tal-iskart, tal-enerġija, tal-manutenzjoni, tal-kera, tal-amministrazzjoni, eċċ., iżda esklużi l-ispejjeż kapitali, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jew kwalunkwe inċentivi oħrajn mogħtija lil-linji tal-ajru mill-ajruport, u l-ispejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika"⁽⁵⁵⁾.
- (246) Fid-dawl ta' dawn id-definizzjonijiet, jista' jiġi kkunsidrat li l-parti tal-injezzjonijiet kapitali annwali li ntużaw sabiex ikopru t-telf operattiv annwali⁽⁵⁶⁾ ta' FSBesitzG/FSG nett tal-ispejjeż inklużi fl-EBITDA, li jaqa' fl-ambitu tal-politika pubblika, kif stabbilit fil-premessi 186 sa 197, jikkostitwixxu ghajjnuna operattiva lil FSBesitzG/FSG.
- (247) Il-Kummissjoni tinnota li FSBesitzG/FSG irċeviet ammont totali ta' madwar [...] sabiex tkopri t-telf li hija ġarrbet fis-snin 2000-2012. F'dan il-perjodu ta' żmien, l-EBITDA totali akkumulat ta' FSBesitzG (FSBG)/FSG kien jammonta għal bejn wieħed u ieħor – [...]. Minn dan l-ammont ikunu jridu jitnaqqsu l-ispejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika⁽⁵⁷⁾. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ammont massimu ta' ghajjnuna operattiva mogħtija fl-implementazzjoni tal-ftehim P&L lil FSBesitzG/FSG fis-snin 2000-2012 huwa ta' madwar [...].

⁽⁵²⁾ ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

⁽⁵³⁾ Il-punt 173 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁵⁴⁾ Il-punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁵⁵⁾ Il-punt 25 (22) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁵⁶⁾ Espress fi qligħ qabel l-Imgħax, it-Taxxa, id-Deprezzament u l-Ammortizzament (minn hawn 'il quddiem: EBITDA).

⁽⁵⁷⁾ Madankollu, mhumiex disponibbli figuri preċiżi dwar l-ispejjeż relatati mal-ambitu tal-politika pubblika fis-snin 2000-2012.

- (248) Fl-aħħar nett, il-parti tal-injezzjonijiet kapitali annwali li jkopru t-telf ta' FSBesitzG/FSG u li mhumiex inklużi diġà fl-EBITDA (jiġifieri d-deprezzament annwali tal-assi, l-ispejjeż tal-finanzjament u oħrajn), neqsin l-ispejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika kif stabbilit fil-premessi 186 sa 197, jikkostitwixxu għajjnuna għall-investment favur FSBesitzG/FSG.
- (249) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 247 sa 248, jista' jiġi konkluż li l-ammont massimu ta' għajjnuna għall-investment huwa ta' madwar [...] ⁽⁵⁸⁾.

5.1.5.3. *Għajjnuna għall-investment*

- (250) Skont il-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi stipulati fil-punti (a) sa (e) ġewx issodisfati:
- (a) il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar (l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà, eċċ.);
- (b) l-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonali għall-objettiv li ġie ffissat;
- (c) l-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-infrastruttura eżistenti;
- (d) l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għaliha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju; u
- (e) l-iżvilupp tal-kummerċ mhuwiex affettwat sa ċertu punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.

- (251) Barra minn hekk, l-għajjnuna mill-Istat lill-ajruporti, bħal kwalunkwe miżura oħra ta' għajjnuna mill-Istat, għandu jkollha effett ta' inċentiv u għandha tkun neċessarja u proporzjonali għall-objettiv leġittimu segwit sabiex tkun kompatibbli.

Il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar (l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà, eċċ.)

- (252) Il-miżuri ta' għajjnuna għall-investment taħt valutazzjoni kienu mmirati biex jiffinanzjaw il-kostruzzjoni ta' terminal ġdid b'kapaċità ta' 700 000 passiġġier minħabba li t-terminal l-antik (b'kapaċità ta' 390 000 passiġġier) kien f'konġestjoni diġà f'it snin qabel b'dew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, l-għajjnuna għall-investment intużat biex tiffinanzja għadd ta' miżuri li għenu sabiex l-ajruport jiġi adattat għar-reqwiziti attwali b'infrastruttura ta' ajruport modern bil-għan li jinżamm operattiv b'mod sħiħ.
- (253) Skont il-Ġermanja, l-għan prinċipali tal-finanzjament tal-infrastruttura fl-Ajruport ta' Saarbrücken kien li jtejjeb l-aċċessibbiltà tat-trasport bl-ajru fir-reġjun permezz tat-tneħħija tal-konġestjoni fl-ajruport u, b'hekk, li jstimula l-iżvilupp reġjonali.
- (254) L-Ajruport ta' Saarbrücken huwa kruċjali għall-iżvilupp tar-reġjun fid-dawl tat-tranżizzjoni strutturali kontinwa tar-reġjun u t-tranżizzjoni tiegħu mill-industrija tat-tħaffir fil-minjieri u tal-produzzjoni tal-azzar għal reġjun b'orjentazzjoni lejn it-teknoloġija u s-servizzi, li għaliha huwa indispensabbli li jkun hemm konnessjoni tajba maċ-ċentri tan-negożju prinċipali tal-Ġermanja. L-Ajruport ta' Saarbrücken ikompli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-konnettività tar-reġjun, b'mod partikolari fid-dawl tal-faċilitajiet akkademiċi u ta' riċerka tiegħu li għadhom qegħdin jiżviluppaw. Il-profil tan-negożju tal-Ajruport ta' Saarbrücken jikkorrespondi għal dawn il-ħtiġijiet tar-reġjun, billi joffri infrastruttura komda u żviluppata sewwa għal għadd ta' titjiriet skedati lejn iċ-ċentri tan-negożju ewlenin fil-Ġermanja (Berlin, Hamburg u fil-passat anki Munich).
- (255) Il-Kummissjoni tinnotta li fid-dawl tal-prossimità mill-qrib bejn Saarbrücken u Zweibrücken, duplikazzjoni possibbli tal-infrastruttura tal-ajruport tista' timmilita kontra konstatazzjoni li l-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura f'Saarbrücken jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar. Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li sal-2006, l-ajruport ta' Zweibrücken ma offra ebda servizz tal-avjazzjoni kummerċjali ⁽⁵⁹⁾, li b'hekk renda lil Saarbrücken bħala l-uniku ajruport li kien jipprovi konnettività tal-avjazzjoni fir-reġjun. Wara l-2006, meta l-ajruport ta' Zweibrücken daħal fis-suq tal-avjazzjoni kummerċjali, huwa essenzjalment idduplika l-infrastruttura f'Saarbrücken ⁽⁶⁰⁾; fl-istess ħin, ma jstax jiġi konkluż li minħabba d-dħul fis-suq tal-ajruport ta' Zweibrücken, il-finanzjament pubbliku kontinwu tal-Ajruport ta' Saarbrücken li kien eżistenti qabel ittrasforma ruħu f'daqqa f'finanzjament ta' duplikazzjoni.

⁽⁵⁸⁾ Il-Kummissjoni tinnotta li mhumiex disponibbli figuri preċiżi dwar l-ispejjeż li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ma tinsabx f'pożizzjoni li tiddetermina l-ammont preċiż ta' għajjnuna għall-investment mogħtija lil FSBesitzG/FSG.

⁽⁵⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

⁽⁶⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

- (256) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura fl-Ajruport ta' Saarbrücken jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar.

L-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonali għall-objettiv li ġie ffissat

- (257) L-ghajjnuna għall-investment għall-Ajruport ta' Saarbrücken għandha tkun neċessarja u proporzjonali għall-objettiv segwit. Aspett wieħed importanti f'dan il-kuntest huwa jekk l-investment jikkostitwixxi duplikazzjoni ta' infrastruttura mhux profittabbli eżistenti.

- (258) L-ewwelnett, il-Kummissjoni tinnotta li t-terminal il-ġdid, li jżid il-kapaċità annwali minn 390 000 passiġġier għal 700 000 passiġġier, inbena fis-sena 2000. Il-kapaċità annwali tat-terminal l-antik inqabżet għall-ewwel darba fl-1996 u l-ġhadd ta' passiġġieri kompli jikber sas-sena 2000 meta laħaq 484 566 passiġġier. Matul il-perjodu 1996-2000, it-terminal l-antik ta' spiss kien f'konġestjoni, b'mod partikolari matul il-perjodi tas-sajf, li kkawżat ħinijiet twal ta' stennija, żoni ffollati bil-passiġġieri jew passiġġieri jistennew barra t-terminal. Barra minn hekk, it-terminal l-antik ma baqax konformi mar-rekwiżiti tas-sigurtà. It-terminal il-ġdid huwa mġhammar b'sistema ta' sigurtà ġdida. Barra minn hekk, bejn l-2009 u l-2010, ġew implimentati miżuri ta' sigurtà addizzjonali fir-runway u fiż-żona tas-sigurtà, b'mod partikolari, id-dwal tar-runway ġew aġġustati f'post aħjar biex jagħtu sinjali aħjar lill-bdoti, ġew installati d-dwal ("guard lights") tul ir-runway u s-superstruttura tal-kurva tar-runway ġiet aġġustata għall-ħtiġijiet tal-ajruplani moderni. Fl-aħħar nett, saret manutenzjoni tar-runway sabiex jiġi evitat li ssir ħsara lill-ajruplani li joperaw fl-ajruport. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-investimenti fl-infrastruttura kienu neċessarji sabiex din tiġi adattata għall-ġhadd dejjem jiżdied tal-passiġġieri, kif ukoll sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti attwali għall-infrastruttura tal-ajruporti moderni. L-ajruport jista' jservi l-konnettività u l-iżvilupp tar-reqjun biss bl-infrastruttura mibnija.

- (259) It-tieni, l-investment ġdid ma kien jikkostitwixxi eba duplikazzjoni tal-infrastruttura mhux profittabbli eżistenti, minħabba li tlieta minn fost l-eqreb ajruporti, jiġifieri dawk tal-Lussemburgu (121 km bogħod minn Saarbrücken), ta' Metz-Nancy-Lorraine (96 km bogħod minn Saarbrücken) u ta' Frankfurt Hahn (128 km bogħod minn Saarbrücken) ma jinsabux fl-istess żona ta' lħuq u fil-fatt isegwu mudelli ta' negozju li huma differenti b'mod sinifikanti minn dak tal-Ajruport ta' Saarbrücken. Saarbrücken joffri primarjament titjiriet skedati li jgħaqqdu lil Saarbrücken ma' ċentri tan-negozju ewlenin fil-Ġermanja (Berlin, Hamburg u fil-passat anki Munich) u għadd ta' destinazzjonijiet tal-btajjel. Il-Lussemburgu joffri primarjament titjiriet skedati lejn bliet kapitali Ewropej, Metz-Nancy-Lorraine huwa ffokat fuq titjiriet skedati lejn bliet Franċiżi u destinazzjonijiet fit-Tramuntana tal-Afrika u l-mudell tan-negozju ta' Frankfurt Hahn huwa bbażat fuq trasportaturi low-cost li joffru titjiriet lejn għadd ta' destinazzjonijiet tal-btajjel, iżda xejn lejn bliet Ġermaniżi oħrajn, kif ukoll fuq it-trasport ta' merkanzija bl-ajru.

- (260) L-unika duplikazzjoni ta' infrastruttura li tista' tiġi osservata hija bejn Saarbrücken u Zweibrücken (39 km bogħod minn Saarbrücken). Madankollu, għandu jintqal li Saarbrücken huwa ajruport stabbilit sewwa li ddeċieda li jinvesti f'terminal ġdid sabiex jelimina l-konġestjoni fit-terminal l-antik eżistenti meta l-ġhadd ta' passiġġieri tiegħu kien qed jikber b'mod kostanti u l-Ajruport ta' Zweibrücken kien għadu mhux qed joffri servizzi għall-avjazzjoni kummerċjali⁽⁶¹⁾. Id-deċiżjoni tal-investment meħuda mill-Ajruport ta' Saarbrücken kienet ekonomikament ġustifikata u neċessarja sabiex tiġi żgurata l-konnettività tar-reqjun. Għalhekk, kien l-Ajruport ta' Zweibrücken li dduplika l-infrastruttura disponibbli meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-konverżjoni tiegħu minn ajruport militari għal wieħed kummerċjali⁽⁶²⁾.

- (261) Għalhekk, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-ghajjnuna għall-investment lill-Ajruport ta' Saarbrücken isegwu mill-konġestjoni kif ukoll mill-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti attwali għall-infrastruttura tal-ajruporti moderni. L-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport sabiex iservi l-konnettività u l-iżvilupp tar-reqjun. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-infrastruttura inkwistjoni hija neċessarja u proporzjonali għall-objettivi segwiti.

⁽⁶¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

⁽⁶²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-infrastruttura eżistenti

- (262) Wara perjodu ta' tkabbir sinifikanti, it-traffiku tal-ajru fil-Ġermanja u fl-Ewropa fis-snin riċenti kien affettwat b'mod negattiv mill-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2009, li rriżultat fi tnaqqis ta' 4,6 % fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru fil-Ġermanja fl-2009 u, b'hekk, waħda mill-aġar snin għat-traffiku tat-titjiriet. Madankollu, ix-xejra ġenerali tat-tkabbir fit-trasport bl-ajru ma waqfitx, iżda sempliċiment waqgħet xi ftit lura. Sa minn Ġunju 2010, ir-rati ta' tkabbir fix-xahar fit-traffiku tal-passiġġieri bl-ajru fil-Ġermanja kienu qegħdin jiżdiedu u kienu 7 % ogħla mir-rati ta' tkabbir fix-xahar tas-sena preċedenti. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li, skont il-previżjonijiet, sa mill-2009, il-Ġermanja gawdiet minn tkabbir ekonomiku qawwi ta' madwar 3 % fis-sena. It-tkabbir tas-suq tat-traffiku tal-ajru normalment ikun ogħla mit-tkabbir ekonomiku ġenerali ⁽⁶³⁾.
- (263) L-użu sodisfaċenti ta' nofs it-terminu tat-terminal il-ġdid fl-Ajruport ta' Saarbrücken huwa kkonfermat mill-fatt li l-għadd ta' passiġġieri annwali baqa' ferm 'il fuq mil-limitu superjuri (jiġifieri 390 000 pax) tal-kapaċità tat-terminal l-antik. L-uniku tnaqqis drastiku fl-għadd ta' passiġġieri seħħ fl-2007, li kkoïncida ma' żieda qawwija fl-għadd ta' passiġġieri fl-Ajruport ta' Zweibrücken. Dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li, fl-2007, il-linja tal-ajru Hapag Lloyd/TUIFly ħalliet l-Ajruport ta' Saarbrücken u bdiet topera mill-Ajruport ta' Zweibrücken. Is-sitwazzjoni nbidlet b'mod sinifikanti fl-2008, meta b'518 288 passiġġier, Saarbrücken innota l-ogħla quċċata assoluta fl-għadd ta' passiġġieri tiegħu. Skont il-Ġermanja, minħabba l-kriżi finanzjarja fil-Ġermanja, dan il-livell ma setax jinżamm fis-snin ta' wara ⁽⁶⁴⁾.
- (264) Il-kapaċità fix-xahar totali tal-Ajruport ta' Saarbrücken tammonta għal [...] passiġġieri. Sa mhux aktar tard mill-2005, din il-kapaċità bdiet tintuża kollha kemm hi jew saħansitra qabżet il-kapaċità tagħha fix-xhur tas-sajf (minn Lulju sa Settembru) ⁽⁶⁵⁾. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-Ajruport ta' Saarbrücken issa diġà qiegħed juża ħafna mill-kapaċità ġdida tiegħu u li l-prospetti ta' nofs it-terminu għall-użu tal-kapaċità huma sodisfaċenti.

L-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għaliha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju

- (265) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja ⁽⁶⁶⁾, l-infrastruttura dejjem kienet miftuħa għall-utenti potenzjali kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni kummerċjalment mhux ġustifikata.

L-iżvilupp tal-kummerċ mhuwiex affettwat sa ċertu punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni

- (266) Skont il-punt 39 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-kategorija tal-ajruport tista' tipprovdi indikazzjoni tal-punt safejn l-ajruporti qegħdin jikkompetu ma' xulxin u, għalhekk, anki tal-punt safejn il-finanzjament pubbliku mogħti lil ajruport jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni. Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, filwaqt li l-finanzjament pubbliku lil ajruporti reġjonali zġhar (il-kategorija D) mhux probabbli li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jaffettwa l-kummerċ sa ċertu punt li jmur kontra l-interess komuni, dan ma kienx ibbażat fuq is-suppożizzjoni, u lanqas ma kien maħsub biex jindika, li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ huma esklużi.
- (267) Il-kapaċità annwali tat-terminal l-antik tal-Ajruport ta' Saarbrücken kienet ta' 390 000 passiġġier. Wara l-bini tat-terminal il-ġdid, il-kapaċità annwali tal-ajruport zdiegħet għal 700 000 passiġġier. B'din il-kapaċità, l-ajruport beda jaqa' fil-kategorija D ta' "ajruport reġjonali zġhir", kif definit mill-punt 15 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Sa mis-sena 2000, it-traffiku tal-passiġġieri annwali fl-Ajruport ta' Saarbrücken baqa' stabbli fil-livell ta' madwar 500 000 passiġġier, li jammonta għal nofs l-għadd ta' passiġġieri stabbilit bħala limitu superjuri għal ajruport reġjonali zġhir. Barra minn hekk, l-Ajruport ta' Saarbrücken huwa ajruport tipiku orjentat lejn il-livell reġjonali, kif rifless mill-fatt li għadd sinifikanti tal-passiġġieri li jużaw dan l-ajruport ġejjin minn Saarland. L-għadd ta' passiġġieri li jiġu minn żoni fil-fruntieri ta' Franza u l-Lussemburgu huwa limitat u kien jammonta għal [inqas minn 14 %] [...] minn Franza u [...] mil-Lussemburgu ⁽⁶⁷⁾.
- (268) Meta wieħed jikkunsidra l-kunċett ta' żona ta' lħuq ta' madwar 100 km u ħin tal-ivvjaġġar ta' 60 minuta, jista' jiġi preżunt li tlieta minn fost l-ajruporti li jinsabu l-aktar fil-qrib ta' Saarbrücken, jiġifieri l-Ajruport tal-Lussemburgu (121 km bogħod minn Saarbrücken), l-Ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine (97 km bogħod minn Saarbrücken) u l-Ajruport ta' Frankfurt Hahn (128 km bogħod minn Saarbrücken) ma jinsabux fl-istess żona ta' lħuq. Huma jsegwu wkoll mudelli ta' negozju li huma differenti b'mod sinifikanti minn dak tal-Ajruport ta' Saarbrücken.

⁽⁶³⁾ Aktualisierte Stellungnahme zur Nachfrageprognose für den Flughafen Kassel-Calden, Intraplan Consult GmbH, it-12 ta' Marzu 2012, p. 8.

⁽⁶⁴⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja tas-16 ta' April 2012, p. 65.

⁽⁶⁵⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja tas-16 ta' April 2012, p. 9 u d-dokument mehmuż Nru 2.

⁽⁶⁶⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja tas-16 ta' April 2012, p. 66.

⁽⁶⁷⁾ Sottomissjoni ta' informazzjoni mill-Ġermanja tas-16 ta' April 2012, p. 33.

- (269) Fir-rigward tal-Ajruport tal-Lussemburgu, il-mudelli tan-negozju tal-Lussemburgu u ta' Saarbrücken huma differenti. L-Ajruport tal-Lussemburgu, b'madwar 1,5 miljun pax, huwa ferm akbar mill-Ajruport ta' Saarbrücken. Huwa joffri varjetà ta' titjiriet skedati u charter, dawn tal-aħħar lejn il-bliet kapitali Ewropej. Din l-għażla ta' destinazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-impjegati tal-istituzzjonijiet finanzjarji u internazzjonali li jinsabu fil-Lussemburgu. B'kuntrast ma' dan, l-Ajruport ta' Saarbrücken joffri l-aktar titjiriet skedati lejn għadd ta' bliet Ġermaniżi li huma meqjusa bħala ċentri tan-negozju fil-Ġermanja (Berlin, Hamburg u Munich) u lejn għadd ta' destinazzjonijiet tal-btajjel.
- (270) Fir-rigward tal-Ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine, jista' jiġi osservat li ftit li xejn hemm koinċidenza fir-rigward tat-titjiriet offruti minn dan l-ajruport u mill-Ajruport ta' Saarbrücken, minħabba li l-ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine joffri prinċipalment titjiriet skedati lejn bliet Franċiżi u titjiriet charter lejn it-Tramuntana tal-Afrika.
- (271) Fil-biċċa l-kbira tagħhom, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn Saarbrücken u Frankfurt Hahn jistgħu wkoll jiġu esklużi diġà minħabba d-distanza bejn dawk iż-żewġ ajruporti, li tammonta għal sagħtejn ta' vvaġġar. Barra minn hekk, Frankfurt Hahn huwa servut primarjament minn trasportaturi low-cost (Ryanair) u l-merkanzija tikkostitwixxi element pjuttost importanti fil-mudell tan-negozju tiegħu, filwaqt li l-Ajruport ta' Saarbrücken joffri primarjament titjiriet skedati lejn destinazzjonijiet nazzjonali u joffri biss trasport limitat ta' merkanzija bl-ajru.
- (272) Aktar rilevanti hija r-relazzjoni kompetittiva bejn l-Ajruport ta' Saarbrücken u l-Ajruport ta' Zweibrücken, li hija dovuta għall-qribija tagħhom (39 km jew 34 minuta ħin ta' vvaġġar) u l-koinċidenza kbira taż-żoni ta' lħuq tagħhom. Il-Ġermanja ssostni li ż-żewġ ajruporti għandhom mudelli ta' negozju differenti: l-Ajruport ta' Saarbrücken huwa ajruport stabbilit sewwa (fetaħ aktar minn 80 sena ilu) u għandu infrastruttura aktar sofistikata li toffri aktar kumdità lill-passiġġieri (bi proporzjon kbir ta' persuni li jivvaġġaw għal skopijiet ta' negozju). Huwa joffri primarjament titjiriet skedati lejn ċentri ta' negozju ewlenin fil-Ġermanja u għadd ta' destinazzjonijiet tal-btajjel. L-Ajruport ta' Zweibrücken għandu infrastruttura li toffri kumdità pjuttost baxxa u l-mudell tan-negozju tiegħu huwa bbażat fuq it-trasportaturi low-cost, it-titjiriet għall-btajjel u t-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li minkejja l-fatt li l-mudelli tan-negozju taż-żewġ ajruporti jidhru li huma sa ċertu punt differenti, jidher b'mod ċar li n-negozju prinċipali tal-Ajruport ta' Zweibrücken (it-titjiriet għall-btajjel, b'mod partikolari lejn Antalya/Palma de Mallorca) huwa pprovdut ukoll minn Saarbrücken. Huwa minnu li altrimenti Saarbrücken jikkonċentra fuq it-titjiriet skedati lejn bliet ewlenin bħal-Lussemburgu, Berlin u Hamburg. Madankollu, dan ma jbidilx il-fatt li Zweibrücken jidher li għandu biss negozju limitat li mhux jew ma jistax ikun servut minn Saarbrücken.
- (273) Barra minn hekk, jista' jiġi osservat li żieda sinifikanti fl-għadd ta' passiġġieri fl-Ajruport ta' Zweibrücken fl-2007 kienet tikkoinċidi ma' tnaqqis pjuttost qawwi fl-għadd ta' passiġġieri f'Saarbrücken fl-istess sena. B'hekk, jidher li għalkemm il-pjanijiet tan-negozju tal-ajruporti huma sa ċertu punt kumplementarji, huma jikkompetu wkoll ma' xulxin.
- (274) Fl-istess ħin, ta' min jinnota li Saarbrücken ilu ajruport stabbilit sewwa għal aktar minn 80 sena. Wara l-bini tat-terminal il-ġdid fis-sena 2000, il-kapaċità annwali tiegħu żdiedet minn 390 000 passiġġier għal 700 000 passiġġier. Madankollu, din il-kapaċità qatt ma setgħet tintuża għal kollox, potenzjalment minħabba li fl-2006 l-Ajruport ta' Zweibrücken beda jopera wkoll servizzi operattivi għall-avjazzjoni kummerċjali tal-passiġġieri b'żidiet gradwali fl-għadd ta' passiġġieri. Minħabba l-iżvilupp storiku taż-żewġ ajruporti (Saarbrücken kien parti mix-xenarju tal-ajruporti fil-Ġermanja għal aktar minn 80 sena), il-pożizzjoni ġeografika tagħhom (trikkib taż-żoni ta' lħuq) u l-kapaċità ħielsa disponibbli fl-Ajruport ta' Saarbrücken fiż-żmien meta l-Ajruport ta' Zweibrücken daħal fis-suq tal-avjazzjoni kummerċjali, jiġifieri fl-2006, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ftuħ tal-Ajruport ta' Zweibrücken jikkostitwixxi duplikazzjoni bla bżonn tal-infrastruttura b'effett ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni, minflok bil-maqlub.
- (275) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ghajjnuna għall-investment mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken la twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u lanqas taffettwa l-kummerċ sa ċertu punt li jmur kontra l-interess komuni.

L-ghajjnuna hija neċessarja u proporzjonali: l-effett ta' incċentiv

- (276) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken biddlitx l-imġiba tal-benefiċjarju b'tali mod li involva ruħu f'attività li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni li (i) ma tkunx tista' twettaq mingħajr l-ghajjnuna, jew (ii) li twettaq b'mod aktar ristrett jew differenti. Barra minn hekk, l-ghajjnuna titqies bħala proporzjonata biss jekk l-istess riżultat ma jkunx jista' jintlaħaq b'inqas ghajjnuna u b'inqas distorsjoni. Dan ifisser li l-ammont u l-intensità tal-ghajjnuna għandhom ikunu limitati għall-minimu meħtieġ sabiex tkun tista' titwettaq l-attività meħjuna.

- (277) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja, mingħajr l-ghajjnuna, l-investment qatt ma seta' jsir realtà. Mit-Tabella 3 jidher li l-ajruport għadu qed jagħmel it-telf. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-ghajjnuna kienet neċessarja sabiex isiru l-investimenti bil-għan li titneħħa l-konġestjoni fl-infrastruttura tal-ajruport, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti attwali għall-infrastruttura moderna tal-ajruport. Mingħajr l-ghajjnuna, l-Ajruport ta' Saarbrücken ma kienx ikun jista' jilħaq id-domanda mistennija tal-linji tal-ajru u tal-passiġġieri fiż-żona ta' l-huq; il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport kien jispiċċa jitnaqqas. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura ta' ghajjnuna inkwistjoni għandha effett ta' inċentivi, li l-ammont ta' ghajjnuna huwa limitat għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attività megħjuna u, b'hekk, huwa proporzjonat.

Konklużjoni

- (278) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ghajjnuna għall-investment mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken hija kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat, minħabba li hija konformi mal-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stipulati fil-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (279) Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li minħabba li hija sabet li l-ghajjnuna mill-Istat lil FSBesitzG/FSG kienet kompatibbli taħt it-taqsimu 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, hija ma għandhiex bżonn tivvaluta kwalunkwe raġunijiet oħrajn ta' kompatibbiltà potenzjali preżentati mill-Ġermanja.

5.1.5.4. Ghajjnuna operattiva

- (280) It-taqsimu 5.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tistabbilixxi l-kriterji li tapplika l-Kummissjoni meta tiġi biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-ghajjnuna operattiva mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat. Skont il-punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni ser tapplika dawn il-kriterji għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-ajruport, inklużi n-notifikati pendenti u l-każijiet ta' ghajjnuna illegali mhux innotifikata.
- (281) L-ghajjnuna operattiva illegali mogħtija qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mal-firxa sħiħa ta' spejjeż operattivi skoperti diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin ⁽⁶⁸⁾:
- (282) Il-kriterji tal-kompatibbiltà għall-ghajjnuna operattiva, li tista' tingħata għal perjodu tranżitorju ta' 10 snin li jibda mid-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, huma:
- Il-kontribut għal objettiv ta' interess komuni definit sewwa:* din il-kundizzjoni tiġi ssodisfata jekk, fost l-oħrajn, l-ghajjnuna żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni jew tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali ⁽⁶⁹⁾;
 - Il-ħtieġa għal intervent mill-Istat:* l-ghajjnuna għandha tiġi mmirata lejn sitwazzjonijiet fejn tali ghajjnuna tista' għiib magħha titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax iwassal ⁽⁷⁰⁾;
 - L-eżistenza tal-effett ta' inċentivi:* din il-kundizzjoni tiġi ssodisfata jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas ta' ghajjnuna operattiva, u b'kunsiderazzjoni tal-preżenza possibbli tal-ghajjnuna għall-investment u l-livell tat-traffiku tal-ajru, il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jitnaqqas b'mod sinifikanti ⁽⁷¹⁾;
 - Il-proporzjonalità tal-ammont ta' ghajjnuna (ghajjnuna limitata għall-minimu neċessarju):* sabiex tkun proporzjonata, l-ghajjnuna operattiva lill-ajruporti għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attività megħjuna ⁽⁷²⁾;
 - L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ* ⁽⁷³⁾.

⁽⁶⁸⁾ Skont il-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, mhux il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fit-taqsimu 5.1 tal-Linji Gwida japplikaw għall-ghajjnuna operattiva li nġhatat fl-imġhoddi.

⁽⁶⁹⁾ Il-punti 113 u 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁷⁰⁾ Il-punti 116 u 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁷¹⁾ Il-punti 124 u 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁷²⁾ Il-punti 125 u 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁷³⁾ Il-punti 131 u 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

L-ghajjnuna operattiva tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar

- (283) L-ghajjnuna operattiva taħt valutazzjoni, li tikkompreni t-telf ta' FSBesitzG/FSG mis-sena 2000 u l-injezzjonijiet ta' kapital korrispondenti minn vH Saar, iffinanzjata minn injezzjonijiet ta' kapital riċevuti mingħand is-Saarland kif muri fit-Tabella 3, kellha l-għan li żżomm il-livell xieraq ta' operat tal-Ajruport ta' Saarbrücken.
- (284) Skont il-punt 113 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-ajruporti titqies bħala li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' interess komuni jekk hija żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni, tiġġieled il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ewlenin tal-Unjoni jew tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali.
- (285) Kif ġie spjegat fil-premessa 235, l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken ikkontribwixxiet għall-konnettività u l-iżvilupp tar-reġjun minħabba t-tranżizzjoni strutturali tiegħu mill-industrija tat-tħaffir fil-minjieri u tal-produzzjoni tal-azzar għal reġjun b'orientazzjoni lejn it-teknoloġija u s-servizzi, kif ukoll l-iżvilupp tiegħu f'ċentru akkademiku u ta' riċerka reġjonali. L-iżvilupp tal-Ajruport ta' Saarbrücken kien ibbażat ukoll fuq previżjoni tajba tal-għadd ta' passiġġieri, minħabba li l-kapaċità estiża tal-ajruport, fil-biċċa l-kbira tagħha, issa diġà bdiet tintuża b'mod sħiħ.
- (286) Madankollu, jista' jkun problematiku l-fatt li l-infrastruttura fl-Ajruport ta' Saarbrücken kienet duplikata b'infrastruttura simili fl-Ajruport ta' Zweibrücken. F'xenarju ta' duplikazzjoni, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jassumu fil-punt 114 tagħhom li l-ghajjnuna mill-Istat ma tikkontribwixxix għal objettiv ta' interess komuni. Jekk tingħata ħarsa lejn is-sekwenza tal-avvenimenti rigward l-estensjoni tal-Ajruport ta' Saarbrücken u l-konverżjoni tal-Ajruport ta' Zweibrücken minn ajruport militari għal wieħed tal-avjazzjoni ċivili, huwa viżibbli b'mod ċar li l-ftehim P&L, li taħtu kien ikkumpensat it-telf tal-Ajruport ta' Saarbrücken, iddaħħal fis-seħħ meta l-Ajruport ta' Zweibrücken kien għadu ma daħalx fis-suq għall-avjazzjoni kummerċjali u l-Ajruport ta' Saarbrücken kien ilu għal xi snin f'konġestjoni. Għalhekk, l-argument tad-duplikazzjoni japplika minflok għall-ghajjnuna mill-Istat mogħtija lill-Ajruport ta' Zweibrücken ⁽⁷⁴⁾.
- (287) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken ikkontribwixxiet sabiex intlaħaq l-objettiv ta' interess komuni li jittejjbu l-konnettività u l-iżvilupp reġjonali tar-reġjun ta' Saarland permezz tal-operat ta' infrastruttura tat-trasport sikura bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtijiet tar-reġjun fir-rigward tat-trasport.

Il-ħtieġa għal intervent mill-Istat

- (288) Skont il-punt 116 et seq. tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna operattiva lill-ajruporti titqies bħala neċessarja jekk iġġib magħha titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax iwassal. Il-linji gwida jirrikonoxxu wkoll li l-ħtieġa għal finanzjament pubbliku li jiffinanzja l-ispejjeż operattivi normalment tkun proporzjonalment akbar għal ajruporti iżgħar minħabba l-ispejjeż fissi ogħla u li l-ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali ta' bejn 200 000 u 700 000 passiġġier ma jkunux jistgħu jkopru l-ispejjeż operattivi tagħhom b'mod sostanzjali.
- (289) Minn meta nbena t-terminal il-ġdid, l-għadd ta' passiġġieri annwali fl-Ajruport ta' Saarbrücken stabbilizza f'madwar 500 000, li huwa ferm inqas minn 700 000 passiġġier, in-numru stabbilit mil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 bħala limitu superjuri għal din il-kategorija ta' ajruporti reġjonali. Għalkemm il-kapaċità tal-ajruport qiegħda tintuża b'mod sħiħ mill-inqas fi [...], l-ajruport ma jistax jiġġenera biżżejjed dħul sabiex ikopri l-ispejjeż operattivi tiegħu, li l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jidentifikaw bħala tipiċi għal ajruporti ta' dan id-daqs.
- (290) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken hija neċessarja.

⁽⁷⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

L-adeqwatezza tal-ghajjnuna mill-Istat bħala strument ta' politika

- (291) Skont il-punt 120 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna operattiva għandha tkun strument ta' politika xieraq sabiex jintlaħaq l-għan maħsub jew sabiex tiġi riżolta l-problema li trid tiġi indirizzata. Minħabba li l-Ajruport ta' Saarbrücken qed jagħmel it-telf fil-livell operattiv, l-uniku strument xieraq huwa l-ghajjnuna operattiva, li tippermetti lill-ajruport jissokta b'operazzjonijiet li jiżguraw il-konnettività tar-reġjun ta' Saarland. Strumenti oħrajn, bħall-ghajjnuna għall-investment jew miżuri regolatorji, ma jidhrux li huma xierqa biex jindirizzaw il-problemi finanzjarji tal-Ajruport ta' Saarbrücken fil-livell operattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken hija strument xieraq.

L-eżistenza ta' effett ta' incēntiv u l-proporzjonalità tal-ammont ta' ghajjnuna (ghajjnuna limitata għall-minimu neċessarju)

- (292) Skont il-punt 124 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna operattiva jkollha effett ta' incēntiv jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas tal-ghajjnuna operattiva u b'kunsiderazzjoni tal-preżenza possibbli tal-ghajjnuna għall-investment u l-livell tat-traffiku tal-ajru, il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport jitnaqqas b'mod sinifikanti.
- (293) L-Ajruport ta' Saarbrücken irċieva ghajjnuna għall-investment sabiex jibni terminal ġdid u jimplementa r-reqwiżiti attwali għal infrastruttura tal-ajruport moderna. Din l-ghajjnuna ppermettiet lill-ajruport jissodisfa l-konnettività u l-ħtiġijiet tat-trasport tar-reġjun ta' Saarland, li espressi fl-għadd ta' passiġġieri, stabbilizzaw matul l-aħħar snin fil-livell ta' 500 000 passiġġier fis-sena. Madankollu, minkejja l-għadd pjuttost stabbli ta' passiġġieri, l-ajruport ma jistax ikopri l-ispejjeż operattivi tiegħu. Mingħajr l-ghajjnuna operattiva, l-ajruport ma kienx ikun jista' jżomm il-livell attwali tat-traffiku u l-attività ekonomika tiegħu kienet tonqos. Fl-istess ħin, l-ghajjnuna ma qabzix l-ammont meħtieġ sabiex jiġi kopert it-telf operattiv u, għalhekk, l-ammont ta' ghajjnuna huwa limitat għall-minimu neċessarju.
- (294) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ghajjnuna operattiva lill-Ajruport ta' Saarbrücken għandha effett ta' incēntiv u hija proporzjonata.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (295) Skont il-punt 131 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, meta tiġi biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-ajruport, il-Kummissjoni tieħu f'kunsiderazzjoni d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ. Indikazzjoni ta' distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni jew ta' effett potenzjali fuq il-kummerċ tista' tkun il-fatt li l-ajruport jinsab fl-istess żona ta' lħuq bħal ajruport ieħor b'kapaċità żejda.
- (296) Kif muri fil-premessi 237 *et seq.*, b'kunsiderazzjoni tal-kunċett ta' żona ta' lħuq ta' madwar 100 km u ħin ta' vvjaġġar ta' 60 minuta, jista' jiġi preżunt li tlieta minn fost l-eqreb ajruporti għal Saarbrücken, jiġifieri l-Ajruport tal-Lussemburgu (121 km bogħod minn Saarbrücken), l-Ajruport ta' Metz-Nancy-Lorraine (96 km bogħod minn Saarbrücken) u l-Ajruport ta' Frankfurt Hahn (128 km bogħod minn Saarbrücken) ma jinsabux fl-istess żona ta' lħuq u fil-fatt isegwu mudelli ta' negozju li huma differenti b'mod sinifikanti minn dak tal-Ajruport ta' Saarbrücken. Saarbrücken joffri primarjament titjiriet skedati li jgħaqqdu lil Saarbrücken ma' ċentri tan-negozju ewlenin fil-Ġermanja (Berlin, Hamburg u fil-passat anki Munich) u għadd ta' destinazzjonijiet tal-btajjel. Il-Lussemburgu joffri primarjament titjiriet skedati lejn bliet kapitali Ewropej, Metz-Nancy-Lorraine huwa ffokat fuq titjiriet skedati lejn bliet Franċiżi u destinazzjonijiet fit-Tramuntana tal-Afrika u l-mudell tan-negozju ta' Frankfurt Hahn huwa bbażat fuq it-trasportaturi low-cost u t-trasport ta' merkanzija bl-ajru.
- (297) Il-problema tad-duplikazzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport fl-istess żona ta' lħuq tinħass biss fir-rigward tal-Ajruport ta' Zweibrücken. Madankollu, kif ġie spjegat fil-premessa (252) u b'kunsiderazzjoni tas-sekwenza tal-avvenimenti li jikkonċernaw l-estensjoni tal-infrastruttura tal-Ajruport ta' Saarbrücken u t-trasformazzjoni tal-Ajruport ta' Zweibrücken minn ajruport militari f'wieħed tal-avjazzjoni ċivili, li ħolqu l-kapaċità żejda fiż-żona tas-Saarland, jista' jiġi konkluż li huwa l-Ajruport ta' Zweibrücken li dduplika l-infrastruttura bla bżonn b'effett ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni.

Konklużjoni

- (298) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ghajjnuna operattiva mogħtija lill-Ajruport ta' Saarbrücken hija kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stipulati fit-taqsima 5.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

- (299) Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li minn mindu sabet li l-għajnuna operattiva lil FSBesitzG/FSG hija kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, hija ma għandha b'zonn tikkunsidra ebda bażi oħra ta' kompatibbiltà potenzjali ppreżentata mill-Ġermanja.

5.2. IT-TRASFERIMENT TA' DIVERSI PLOTTIJJET TA' ART LIL FSBSITZG

5.2.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (300) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 179 sa 182, FSBesitzG għandha titqies bħala impriża mis-sena 2000 'il quddiem.

Għalhekk, safejn huma kkonċernati d-diversi trasferimenti ta' artijiet imsemmija fid-deċiżjoni tal-ftuħ, huma biss dawk li sehew wara s-sena 2000 li huma rilevanti għall-finijiet tad-Deċiżjoni preżenti. Mit-trasferimenti li sehew qabel is-sena 2000 ma bbenifikat ebda impriża u, għalhekk, dawn ma setgħux jammontaw għal għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tat-trasferimenti li sehew wara s-sena 2000, il-Ġermanja ssostni li dawn kienu meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza u, b'hekk, jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika u jiġu eżentati mill-iskrutinju bħala għajnuna mill-Istat. Fil-fehma tal-Ġermanja, it-trasferimenti jaqgħu taħt § 8 *Luftsicherheitsgesetz*. Bl-istess mod bħal fil-premessi (185) sa (193), il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżuri skont § 8 *Luftsicherheitsgesetz* jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu bħala li jikkostitwixxu attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-politika pubblika. Madankollu, sakemm it-trasferiment tal-plottijiet jeħles lil FSBesitzG jew FSG mill-ispejjeż li kien ikollhom iħallsu skont § 8(3) *Luftsicherheitsgesetz*, it-trasferimenti ma jiġux eżentati mill-iskrutinju skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

- (301) Wara s-sena 2000, saru tliet trasferimenti ta' art, tnejn minnhom [...] (fl-2002 u fl-2003) u wieħed bi ħlas (fl-2004). Il-plottijiet tal-art kienu ttrasferiti mil-Land Saarland. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li t-trasferimenti tal-art lil FSBesitzG jinvolvu riżorsi tal-Istat fil-forma ta' għotjiet diretti mill-baġit tal-Istat u, għalhekk, huma imputabbli lill-Istat.
- (302) Iż-żewġ trasferimenti li saru bla ħlas għandhom jitqiesu bħala li taw vantaġġ lil FSBesitzG, li altrimenti ma setgħetx tikseb fis-suq. Il-Ġermanja pprovdiet evalwazzjoni interna tal-valur ta' dawn iż-żewġ plottijiet ta' art, li turi li l-valur ikkombinat fis-suq jammonta għal madwar [...]. It-tielet plott ta' art inbiegħ għal prezz ta' [...]. Il-Ġermanja pprovdiet evalwazzjoni tal-plottijiet ta' art li ġew ittrasferiti fl-2002. Skont din l-evalwazzjoni, il-plottijiet ittrasferiti barra l-ilqugħ oriġinali kellhom valur ta' [...]; il-plottijiet ta' art fil-bini tal-ajruport kellhom valur ta' [...]. Hija ssostni li din l-evalwazzjoni tista' tintuża wkoll sabiex tiddetermina l-valur tal-plott mibjugħ fl-2004. Abbażi ta' dan, il-Ġermanja stmat li l-valur tal-plott mibjugħ fl-2004 kien jammonta għal [...] fiż-żmien tat-tranżazzjoni, li kien ugwali għall-prezz tal-bejgħ li ħallset FSBesitzG. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-evalwazzjoni msemmija mill-Ġermanja ma saritx minn espert indipendenti, iżda internament, mit-taqsimi fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi tas-Saarland responsabbli mill-bejgħ tal-art. Barra minn hekk, il-Ġermanja ma pprovdiet ebda spjegazzjoni dwar kif hija waslet għall-konklużjoni tagħha. B'mod partikolari, hija ma kinitx ċara dwar liema plottijiet ta' art kienu jinsabu fil-bini u liema kienu barra mill-bini tal-ajruport. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax teskludi li l-prezz imħallas kien taħt il-valur tas-suq u li, b'hekk, ta vantaġġ lil FSBesitzG. Billi kienet biss FSBesitzG li bbenifikat mit-tliet trasferimenti, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li dawn kienu selettivi fin-natura tagħhom. Fl-aħħar nett, bl-istess mod bħal fil-premessi 217 sa 224, it-trasferimenti jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkollhom effett fuq il-kummerċ. Għaldaqstant, it-trasferiment tat-tliet plottijiet ta' art kien jammonta għal għajnuna mill-Istat.
- (303) Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li billi l-għajnuna kienet relatata mat-trasferiment ħieles ta' assi kapitali fissi, l-għajnuna għandha tikkwalifika bħala għajnuna għall-investment.

5.2.2. IL-KOMPATIBILITÀ

- (304) L-għajnuna għall-investment intużat sabiex tkun tista' ssir l-estensjoni tar-runway u taż-żoni tas-sikurezza (RESA). Kif ġie stabbilit fit-taqsimi 5.1.5.3, dan l-investment sar bil-għan li l-ajruport jinżamm operattiv b'mod sħiħ u, b'hekk, jissaħħaħ l-iżvilupp reġjonali. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna għall-investment fil-forma ta' trasferiment tal-art tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha sabiex tiġi stabbilita l-kompatibbiltà skont il-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, minħabba li r-raġunijiet stipulati fit-taqsimi 5.1.5.3 japplikaw b'mod ugwali. Għalhekk, ġie konkluż li l-għajnuna għall-investment fil-forma tat-trasferiment tal-art hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

5.3. GARANZIJI FUQ IS-SELF GĦALL-BENEFIĊĠU TA' VH SAAR U FSBESITZG

5.3.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (305) Il-Kummissjoni tinnota li l-*Land Saarland* iggarantixxa self lil FSBesitzG fi tliet okkażjonijiet mingħajr ma rċieva xi tip ta' remunerazzjoni. Madankollu, hija tinnota wkoll li l-garanziji ngħataw kollha qabel is-sena 2000. Billi FSBesitzG setgħet titqies biss bħala li tikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat mis-sena 2000 'il quddiem, il-Kummissjoni ssib li l-garanziji ma taw ebda vantaġġ lil impriża u, għalhekk, ma jammontawx għal għajjnuna mill-Istat.
- (306) Fir-rigward tal-ittri ta' konfort ipprovduti lil vh Saar, il-Kummissjoni tfakkar fil-konklużjoni preċedenti tagħha fil-premessa 2023 li vh Saar tuża l-finanzjament li rċeviet sabiex tissodisfa l-obbligi ta' finanzjament tagħha lejn l-Ajruport ta' Saarbrücken. Is-self meħud minn vh Saar wara l-ittri ta' konfort kien ittrasferit ukoll lill-Ajruport ta' Saarbrücken. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li mill-vantaġġ inkluż f'dawn l-ittri ma bbenifikatx vh Saar, iżda li l-vantaġġ fihom, jekk kien hemm, kien ittrasferit lill-Ajruport.
- (307) Fir-rigward tal-vantaġġ mogħti lill-ajruport, is-self garantit mill-ittri ta' konfort kien ittrasferit sabiex jiffinanzja l-investimenti fl-infrastruttura. Jekk l-ittri ta' konfort kienu jinvolvu xi għajjnuna, mela allura din kienet kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat għar-raġunijiet imsemmija fit-taqsimha 5.1.5.3.

5.4. IL-KUNTRATT TA' KIRI BEJN FSBESITZG U FSBG

5.4.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (308) Il-Kummissjoni diġà ddeterminat fil-premessa 1801 li FSBG kienet impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi vvalutat biss jekk il-kuntratti ta' kiri tawx vantaġġ lil FSBG, jekk tali vantaġġ ingħataw mir-riżorsi tal-Istat u jekk dan wassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew jekk affettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Distinzjoni bejn għajjnuna eżistenti u għajjnuna ġdida

- (309) Il-Kummissjoni l-ewwel tosserva li jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kuntratt ta' kiri li kien konkluż fis-7 ta' Lulju 1997 u li kien effettiv sal-1 ta' Lulju 2006 ("il-kuntratt tal-1997") u l-kuntratt li kien effettiv mill-1 ta' Lulju 2006 'il quddiem ("il-kuntratt tal-2006"). Kif kien enfasizzat aktar 'il fuq, il-bini u l-operat ta' ajruport ma kienx meqjus bħala li jikkostitwixxi attività ekonomika sas-sena 2000, bil-konsegwenza li kwalunkwe skema ta' għajjnuna implimentata qabel dik id-data, jekk titqies bħala li tammonta għal għajjnuna mill-Istat, tkun tikkostitwixxi *għajjnuna eżistenti* wara dik id-data (ara t-taqsimha 5.1.2.). B'hekk, mhuwiex neċessarju li jkompli jiġi investigat jekk il-kuntratt tal-1997 (li ppreveda pagamenti tal-kera annwali fissi) kienx fil-fatt jammonta għal għajjnuna, meta wieħed iqis li, fi kwalunkwe każ, dan ikun irid jikkwalifika bħala għajjnuna eżistenti.
- (310) Min-naħa l-oħra, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kiri ġdid minn FSBG fl-2006 b'kundizzjonijiet mibdula għad-determinazzjoni tal-kera annwali li trid titħallas (b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' element ta' prezz ġdid, jiġifieri t-trasferiment ta' perċentwal partikolari tal-profit annwali ta' FSBG) ma tistax titqies bħala sempliċi "*modifika*]" ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma tistax taffettwa l-*evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajjnuna mas-suq komuni*"⁽⁷⁵⁾. Għalhekk, il-kuntratt tal-2006 ma jistax jitqies bħala għajjnuna eżistenti, jekk ikun jammonta għal għajjnuna mill-Istat, iżda minflok jikkostitwixxi għajjnuna ġdida.

Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (311) Sabiex tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, il-miżura inkwistjoni għandha tiġi ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.

⁽⁷⁵⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

- (312) Il-kuntratt tal-2006 kien konkluż bejn FSBesitzG u FSBG. FSBesitzG kienet (indirettament) 100 % proprjetà tal-Istat, li b'hekk kien f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll fuq il-kumpanija. Il-qbil fuq kuntratt ta' kiri b'kera aktar baxxa mill-prezz tas-suq iwassal għal nuqqas ta' qligħ minn dik il-kumpanija u mill-proprjetarju tagħha, jiġifieri fl-aħħar mill-aħħar is-Saarland, u b'hekk ikun iffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat. Fir-rigward tal-imputabbiltà, il-Kummissjoni tinnota li, skont l-istatut ta' FSBesitzG, il-membri tal-bord ta' superviżjoni ta' FSBesitzG jinħatru mill-gvern tas-Saarland u li l-president jinħatar mill-Ministeru responsabbli għall-avjazzjoni. Il-konklużjoni tal-kuntratt tal-2006 kienet teħtieġ il-kunsens tal-bord ta' superviżjoni⁽⁷⁶⁾, li jirrappreżenta lill-gvern tas-Saarland. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-miżura hija imputabbli lill-Istat.

Vantaġġ ekonomiku

- (313) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kuntratt tal-2006 tax vantaġġ ekonomiku lil FSBG, huwa neċessarju li jew jitqabblu t-termini ta' dak il-kuntratt ma' dawk li kienu komuni fis-suq fiż-żmien rilevanti għall-istess tip ta' kuntratt, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, li jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm operatur fl-ekonomija tas-suq orjentat lejn il-profitti li kien involut f'din it-tranżazzjoni.
- (314) Il-Ġermanja ma pprovdiet ebda evidenza li turi li l-kuntratt tal-2006 kien konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq f'dak iż-żmien. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi analizzat jekk MEO prudenti, interessat li jagħmel profitt raġonevoli, setax jikkonkludi l-kuntratt tal-2006.
- (315) Il-Kummissjoni tosserva li FSBesitzG ġarrbet telf konsistenti mill-inqas sa mis-sena 2000 (ara t-Tabella 3). Meta wieħed iqis li l-kuntratt ta' kiri ma' FSBG kien virtwalment l-uniku sors ta' dħul tagħha (minbarra l-kopertura tat-telf annwali riċevuta mingħand vħ Saar), jidher illi kieku kien hemm fis-seħħ MEO raġonevoli, FSBesitzG kienet tkun tista' tipprova tkopri l-ispejjeż tagħha mid-dħul iġġenerat minn dan il-kuntratt ta' kiri. L-ispejjeż imġarrba minn FSBesitzG kienu ogħla mid-dħul li hija ġġenerat mill-kiri tal-ajruport lil FSBG. Barra minn hekk, lanqas ma kien jidher li FSBesitzG, meta kkonkludiet il-kuntratt tal-2006, kienet qiegħda ssegwi strateġija ta' profittabbiltà speċifika fit-tul.
- (316) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-konklużjoni tal-kuntratt tal-2006 ma tistax titqies bħala konformi mal-prinċipju tal-MEO u, għalhekk, tat vantaġġ lil FSBG.

Is-selettività

- (317) L-Artikolu 107 (1) tat-Trattat jesiġi li sabiex miżura tiġi definita bħala għajnuna mill-Istat, hija għandha tiffavorixxi "ċerti impriji jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti". Minħabba li mill-kuntratt tal-2006 ibbenifikat biss l-FSBG, dan jista' jitqies bħala selettiv skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (318) Fl-aħħar nett, il-miżura setgħet twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkollha effett fuq il-kummerċ għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima 5.1.1.

Konklużjoni

- (319) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kuntratt tal-2006 kien jinvolvi għajnuna mill-Istat għal FSBG. Huwa għandu jiġi vvalutat bħala għajnuna operattiva.

5.4.2. IL-KOMPATIBBILTÀ

- (320) Kif ġie deskritt fit-taqsima 5.1.5.4, l-għajnuna operattiva mogħtija qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli b'mod sħiħ mal-ispejjeż operattivi skoperti, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin⁽⁷⁷⁾:

- Il-kontribut għal objettiv ta' interess komuni definit sewwa;
- Il-ħtieġa għal intervent mill-Istat;
- L-eżistenza ta' effett ta' inċentiv;

⁽⁷⁶⁾ Ara § 10 ittra (i) tal-Istatut ta' FSBesitzG, li jgħid li kwalunkwe bidla fil-kuntratt tal-kiri bejn FSBesitzG u FSBG kellha tiġi approvata mill-bord ta' sorveljanza ta' FSBesitzG.

⁽⁷⁷⁾ Skont il-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, mhux il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fit-taqsima 5.1 tal-Linji Gwida japplikaw għall-għajnuna operattiva li nġhatat fl-imġhoddi.

- Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu neċessarju);
 - L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.
- (321) L-għajnuna operattiva taħt valutazzjoni, li kienet tikkonċerna l-kiri tal-infrastruttura ta' ajruport taħt il-prezz tas-suq, kellha l-għan li żżomm il-livell xieraq ta' operat fl-Ajruport ta' Saarbrücken.
- (322) Skont il-punt 113 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-għajnuna operattiva lill-ajruporti titqies bħala li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess komuni jekk hija żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni, tiġġieled il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ewlenin tal-Unjoni jew tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali.
- (323) Kif ġie spjegat fil-premessa 254, l-għajnuna operattiva lill-Ajruport ta' Saarbrücken ikkontribwixxiet għall-konnettività u l-iżvilupp tar-reġjun. Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 284, l-argument tad-duplikazzjoni japplika minflok għall-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-Ajruport ta' Zweibrücken.
- (324) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna operattiva mogħtija lil FSBG ikkontribwixxiet sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess komuni li jittejbu l-konnettività u l-iżvilupp reġjonali tar-reġjun tas-Saarland permezz tal-operat ta' infrastruttura tat-trasport bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tar-reġjun fir-rigward tat-trasport.
- (325) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, ajruporti iżgħar jistgħu jsibu diffikultajiet sabiex jiżguraw il-finanzjament tal-operat tagħhom mingħajr finanzjament pubbliku. Skont il-punt 118 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali taħt is-700 000 passiġġier fis-sena ma jkunux jistgħu jkopru l-ispejjeż operattivi tagħhom b'mod sostanzjali. It-traffiku fl-Ajruport ta' Saarbrücken kien kostantament taħt is-700 000 passiġġier. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna kienet neċessarja, minħabba li hija ppermettiet li jsir titjib fil-konnettività tar-reġjun li s-suq innifsu qatt ma seta' jikseb.
- (326) Kif ġie rrimarkat aktar 'il fuq, l-Ajruport ta' Saarbrücken irċieva għajnuna għall-investment li ppermettiet lill-ajruport jissodisfa l-ħtiġijiet tal-konnettività u t-trasport tar-reġjun tas-Saarland (ara l-premessa 285). Minkejja l-għadd pjuttost stabbli ta' passiġġieri, l-ajruport ma jistax ikopri l-ispejjeż operattivi tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li anki FSBG kienet qiegħda tagħmel it-telf fis-snin 2006 u 2007, meta kien applikabbli l-kuntratt tal-2006 (it-telf irreġistrat kien jammonta għal EUR – 214 709 fl-2006 u EUR – 2 737 773 fl-2007). It-telf kien imġarrab minkejja l-fatt li l-kera mħallsa minn FSBG f'dawk is-snin kienet aktar baxxa mill-kera mħallsa taħt il-kuntratt tal-1997 (ara t-Tabella 7). B'hekk, jista' jiġi preżunt li l-għajnuna involuta fil-kuntratt tal-2006 kellha effett ta' incenċiv u li ma qabzix l-ammont meħtieġ sabiex jiġi kopert it-telf operattiv u, b'hekk, kienet limitata għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attività meħjuna.
- (327) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet tal-kompatibbiltà stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ġew issodisfati.

5.5. SKONTIJJET GĦAL-LINJI TAL-AJRU/FTEHIMIET TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI

5.5.1. L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (328) Billi jipprovdu servizzi ta' trasportazzjoni bl-ajru, il-linji tal-ajru qeġhdin iwettqu attività ekonomika u, għalhekk, jikkostitwixxu impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għandu jiġi analizzat jekk l-arranġamenti bejn il-linji tal-ajru u l-ajruport inkwistjoni tawx vantaġġ ekonomiku lil tal-ewwel.

Vantaġġ ekonomiku

- (329) Meta ajruport ikollu riżorsi pubbliċi għad-dispożizzjoni tiegħu, l-għajnuna lil linja tal-ajru tista', fil-prinċipju, tiġi eskluża meta r-relazzjoni bejn l-ajruport u l-linja tal-ajru tissodisfa t-test tal-MEO. Normalment, l-eżistenza ta' vantaġġ tista' tiġi eskluża jekk (a) il-prezz mitlub għas-servizzi jkun jikkorrespondi għall-prezz tas-suq jew (b) ikun jista' jintwera permezz ta' analiżi *ex ante* li l-arranġament mal-ajruport/linja tal-ajru jkun ser iwassal għal kontribuzzjoni pożittiva ta' profitt inkrementali għall-ajruport u jkun parti minn strateġija globali li twassal għal profittabbiltà fit-tul.

- (330) Sabiex jiġi vvalutat jekk arranġament konkluż minn ajruport ma' linja tal-ajru jissodisfax it-test tal-MEO, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni d-dħul mistenni minn operazzjonijiet mhux ajrunawtiċi li jirriżulta mill-attività tal-linja tal-ajru, flimkien mat-tariffi tal-ajruport, netti minn kwalunkwe ribassi, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jew l-iskemi ta' inċentivi. Bl-istess mod, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-ispejjeż kollha li mistennija jiġġarrbu b'mod inkrementali mill-ajruport fir-rigward tal-attività tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Tali spejjeż inkrementali jistgħu jinkludu l-kategoriji kollha ta' spejjeż jew investimenti, bħal spejjeż inkrementali marbuta mal-persunal, mat-tagħmir u mal-investiment ikkawżati mill-preżenza tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Pereżempju, jekk l-ajruport ikollu bżonn jespandi jew jibni terminal għid jew faċilitajiet oħrajn primarjament sabiex jakkomoda l-ħtiġijiet ta' linja tal-ajru speċifika, tali spejjeż għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu kkalkolati l-ispejjeż inkrementali. B'kuntrast ma' dan, l-ispejjeż li l-ajruport ikollu jħallas xorta waħda, irrispettivament mill-arranġament li jkun sar mal-linja tal-ajru, ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni fit-test tal-MEO.
- (331) Barra minn hekk, l-infrastruttura tal-ajruport għandha tkun miftuħa għal-linji tal-ajru kollha u mhux tkun iddedikata għal linja tal-ajru speċifika sabiex jiġi eskluż li l-vantaġġ li jirriżulta mill-ghajjnuna kompatibbli lill-operatur tal-ajruport ma jiġix ittrasferit lil linja tal-ajru speċifika.
- (332) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ser tivvaluta l-iskema globali tat-tariffi tal-ajruport applikabbli fl-Ajruport ta' Saarbrücken, kif ukoll il-kuntratti individwali bejn il-linji tal-ajru u l-Ajruport ta' Saarbrücken li jiddevjaw minn jew jaqgħu barra mill-ambitu tal-iskema tat-tariffi tal-ajruport.

Skontijiet għal-linji tal-ajru

- (333) Fl-1 ta' April 2007, ġiet introdotta skeda ġdida ta' tariffi fl-Ajruport ta' Saarbrücken (l-iskeda tat-tariffi tal-2007). Din l-iskeda pprevediet skontijiet għal-linji tal-ajru li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, l-iskeda tat-tariffi tal-2007 offriet skontijiet għal-linji tal-ajru ġodda, destinazzjonijiet ġodda u żieda fl-għadd ta' passiġġieri. Sa dakinhar, ma kien previst ebda skont fl-iskeda tat-tariffi. L-Ajruport ta' Saarbrücken adotta skeda ġdida ta' tariffi, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013 wara li ħadet post l-iskeda tat-tariffi tal-2007. L-iskeda tat-tariffi tal-2013 mhijiet soġġetta għad-deċjżjoni preżenti.
- (334) Meta tiġi biex tapplika t-test tal-MEO għall-miżura inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tiddetermina jekk il-prezz mitlub jikkorrespondix għal prezz tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha dubji li fiż-żmien preżenti, jista' jiġi identifikat valur referenzjarju xieraq sabiex jiġi stabbilit prezz tas-suq veru għas-servizzi pprovduti mill-ajruporti. Fin-nuqqas ta' valur referenzjarju identifikabbli fis-suq, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-profittabbiltà inkrementali *ex ante* tal-iskeda tat-tariffi tal-2007.
- (335) L-iskeda tat-tariffi tal-2007 ġiet introdotta bil-għan li ttejjeb il-kompetittività tal-Ajruport ta' Saarbrücken. Meta ġie biex ifassal l-iskeda tat-tariffi tal-2007, l-operatur tal-Ajruport ta' Saarbrücken analizza l-għadd ta' passiġġieri, il-movimenti fl-ajruport, kif ukoll ir-riżultati finanzjarji tas-snin 1997-2006. Skont il-Ġermanja, analiżi tas-suq li saret f'dak iż-żmien uriet li l-ajruport ta' Saarbrücken kien wieħed mill-aktar ajruporti għaljin fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni tosserva li TUIFly telqet minn Saarbrücken mill-aħħar tal-2006. Barra minn hekk, l-Ajruport ta' Saarbrücken iffaċċja kompetizzjoni ġdida minn Zweibrücken wara l-2006. Dawn il-fatturi kollha flimkien wasslu lill-Ajruport ta' Saarbrücken sabiex jerġa' jikkunsidra l-politika tal-ipprezzar tiegħu u jintroduċi skeda riveduta ta' tariffi li toffri inċentivi fil-forma ta' skontijiet bil-għan li jiżgura l-vijabbiltà u l-profittabbiltà tiegħu fil-ġejjieni.
- (336) Filwaqt li, skont l-informazzjoni disponibbli, ma tħejja ebda studju tal-profittabbiltà *ex ante* għall-iskeda tat-tariffi tal-2007, il-Ġermanja sostniet li l-Ajruport ta' Saarbrücken stenna li virtwalment ma jkun meħtieġ ebda investiment addizzjonali sabiex jiġu pprovduti servizzi addizzjonali fl-ajruport lil-linji tal-ajru u li mhux ser ikun hemm spejjeż operattivi addizzjonali. Għalhekk, fil-fehma tal-Ġermanja, ma kien meħtieġ ebda studju tal-profittabbiltà *ex ante*. B'hekk, l-ispejjeż inkrementali kienu limitati għall-inċentivi offruti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tosserva li l-iskeda tat-tariffi tal-2007 tabilħaqq offriet skontijiet biss għal linji tal-ajru ġodda, konnessjonijiet ġodda jew żidiet fl-għadd ta' passiġġieri, bil-konsegwenza li ma ħallietx impatt negattiv fuq l-istatus quo fl-ajruport. Il-Kummissjoni tosserva li qabel l-introduzzjoni tal-iskeda tat-tariffi tal-2007, kienet uttilizzata biss 50 % tal-kapaċità tal-ajruport ta' Saarbrücken. Tabilħaqq, l-għadd ta' passiġġieri naqas minn 487 000 fl-2005 għal 350 000 fl-2007, meta fil-fatt il-kapaċità annwali potenzjali tal-ajruport setgħet tkun ta' 700 000 passiġġier fis-sena. Il-Kummissjoni tinnotta li wara t-tluq ta' TUIFly, l-Ajruport ta' Saarbrücken kellu kapaċitajiet żejda, bil-konsegwenza li t-traffiku addizzjonali seta' jiġi mmaniġġjat mingħajr il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-infrastruttura jew li jinkiseb tagħmir addizzjonali jew li jiġu ingaġġati impjegati ġodda. Il-Ġermanja kkonfermat li ma kienx hemm ħtieġa li jiġu ingaġġati impjegati ġodda jew li tiġi estiża l-infrastruttura eżistenti jew tagħmir ieħor bil-għan li jservu linji tal-ajru jew konnessjonijiet ġodda (pereżempju, iċ-ċinturini tal-bagalji u l-persunal eżistenti kienu biżżejjed).

- (337) Kwalunkwe linja tal-ajru jew konnessjoni ġdida tista' twassal sabiex jiġi ġġenerat dħul ajrunawtiku kif ukoll mhux ajrunawtiku. Skont il-Ġermanja, minħabba li l-livell tal-ispejjeż baqa' stabbli, kwalunkwe linja tal-ajru jew konnessjoni ġdida għandha tippovdi kontribut pożittiv għall-profittabbiltà tal-ajruport. Il-fatt li Saarbrücken tabilħaqq irnexxielu jattira għadd ta' linji tal-ajru ġodda (bħal Air Berlin, li bdiet topera minn Saarbrücken fl-aħħar tal-2007) u jistabbilixxi konnessjonijiet ġodda wara l-introduzzjoni tal-iskeda tat-tariffi tal-2007 jindika wkoll li l-istrateġija bbażata fuq l-iskontijiet, li kienet maħsuba biex tkabbar in-negozju tiegħu, kisbet suċċess. Fl-aħħar nett, id-dejta disponibbli turi li l-iskeda tat-tariffi tal-2007 irriżultat f'żieda gradwali ta' dħul għall-ajruport (minn [...] fl-2007 għal [...] fl-2010).
- (338) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li meta tiġi biex tivvaluta l-arranġamenti tal-ajruport/linji tal-ajru, hija għandha tivvaluta wkoll il-punt safejn l-arranġamenti jistgħu jitqiesu bħala parti mill-implimentazzjoni ta' strateġija globali tal-ajruport sabiex jasal għal profittabbiltà, għall-inqas fuq perjodu ta' żmien twil. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-evidenza fattwali li kienet disponibbli, u l-iżviluppi li b'mod raġonevoli setgħu jkunu mistennija, fiż-żmien meta tħejjiet l-iskeda tat-tariffi tal-2007, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq, notevolment il-bidliet fis-suq xprunati mil-liberalizzazzjoni fis-suq tat-trasport bl-ajru, id-dħul fis-suq u l-iżvilupp ta' trasportaturi low-cost u trasportaturi oħrajn li joperaw minn punt sa punt, il-bidliet fl-istruttura organizzattiva u ekonomika tal-industrija tal-ajruporti, kif ukoll il-livell ta' diversifikazzjoni u l-kumplessità tal-funzjonijiet imwettqa mill-ajruporti, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni bejn il-linji tal-ajru u l-ajruporti, l-ambjent ekonomiku inċert minħabba l-bidliet fil-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq jew kwalunkwe inċertezza oħra fl-ambjent ekonomiku. Il-Kummissjoni tinnota li, kif ġie deskritt fil-premessa 335, kien hemm bosta raġunijiet (bħall-kompetizzjoni ġdida minn Zweibrücken wara l-2006 u t-tluq ta' TUIFly mill-aħħar tal-2006) li wasslu lill-Ajruport ta' Saarbrücken jikkunsidra l-introduzzjoni ta' skeda riveduta ta' tariffi bi skontijiet bħala pass neċessarju sabiex jiġu żgurati l-vijabbiltà u l-profittabbiltà tiegħu fil-ġejjieni.
- (339) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-infrastruttura tal-ajruport hija miftuħa għal-linji tal-ajru kollha u mhijiex iddedikata għal linja tal-ajru speċifika.
- (340) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, billi taċċetta li, virtwalment, żieda fl-attività ma rriżultatx fi spejjeż inkrementali, iżda tista' tkun mistennija li toħloq dħul inkrementali, il-Kummissjoni taċċetta li bl-adozzjoni tal-iskeda tat-tariffi tal-2007 u l-iskontijiet inklużi fiha, l-Ajruport ta' Saarbrücken aġixxa bħala MEO. Għalhekk, il-miżura ma tat ebda vantaġġ ekonomiku lil-linji tal-ajru affettwati.

Ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin

- (341) Fil-kuntratt konkluż bejn Air Berlin u l-Ajruport ta' Saarbrücken fis-6 ta' April 2011, iż-żewġ partijiet qablu li Air Berlin għandha żżid il-frekwenza tat-titjiriet tagħha lejn u minn Berlin b'ammont addizzjonali ta' ħames titjiriet bir-ritorn fil-ġimgħa, kif ukoll il-frekwenza tat-titjiriet tagħha lejn u minn [...] b'ammont addizzjonali ta' tliet titjiriet bir-ritorn fil-ġimgħa sal-aħħar ta' April 2014. Bi tpattija lura għal din iż-żieda fil-frekwenza u l-impenn minn Air Berlin li ser tirreklama l-frekwenza l-ġdida, l-Ajruport ta' Saarbrücken impenja ruħu li jħallas ammont totali ta' [EUR 800 000 – EUR 1 700 000] lil Air Berlin fl-2011 u fl-2012.
- (342) Il-Ġermanja pprovdi analiżi tal-profittabbiltà tal-kuntratt li setgħet tkun mistennija fiż-żmien meta ġie konkluż il-kuntratt, imwettaq minn FSG. Ġie sostnut li minbarra l-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni diretti, iż-żieda fil-frekwenza ma għandha tikkawża ebda spiża addizzjonali ⁽⁷⁸⁾ għall-ajruport, li skont il-Ġermanja jista' jimmaniġġja t-traffiku addizzjonali abbażi tal-infrastruttura u l-persunal eżistenti. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-aspettattivi li ġejjin:

Tabella 10

Il-profittabbiltà ex ante tal-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin (figuri f'EUR)

	2011	2012	2013	2014	2011-2014
Dħul Inkrementali	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Spejjeż Inkrementali	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)

⁽⁷⁸⁾ L-ispejjeż inkrementali ppreżentati fit-Tabella 10 jikkonċernaw il-pagamenti tal-kummerċjalizzazzjoni.

	2011	2012	2013	2014	2011-2014
Riżultat	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)

- (343) Filwaqt li l-analiżi *ex ante* mwettqqa minn FSG u sottomessa mill-Ġermanja ma wasslitx għal tnaqqis fil-pagamenti futuri sad-data li fiha ġie konkluż il-kuntratt, jidher ċar li l-kuntratt kien mistenni jkun profittabbli. Il-Ġermanja kkonfermat li sal-lum, iż-żieda fil-frekwenza kif prevista mill-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma wasslitx għall-ħtieġa li jiġu ingaġġati impjegati ġodda jew li jsiru investimenti speċifiċi: B'mod ġenerali, l-aspettattivi tal-Ajruport fil-biċċa l-kbira tagħhom intlaħqu u l-kuntratt kien profittabbli. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja pprovdiet projezzjoni għad-durata tal-kuntratt, abbażi tal-profitti li saru fl-ewwel 8 xhur tal-perjodu tal-kuntratt (minn April 2011 sa Jannar 2012), li pprevediet li l-kuntratt kien ser ikun profittabbli.
- (344) Wara li analizzat il-kuntratt u l-aspettattivi tal-FSG fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt, il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-kuntratt ikkontribwixxa għall-profittabbiltà tal-Ajruport ta' Saarbrücken, fis-sens li d-dħul inkrementali mistenni kien ogħla mill-ispejjeż inkrementali mistennija. B'hekk, billi l-kuntratt ikkonforma mal-prinċipju tal-MEO, huwa ma ta ebda vantaġġ lil Air Berlin.

Konklużjoni

- (345) Wara li nstab li l-iskeda tat-tariffi tal-2007 u l-iskontijiet inklużi fiha, kif ukoll il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni tal-2011 bejn Air Berlin u l-Ajruport ta' Saarbrücken ma taw ebda vantaġġ lil-linji tal-ajru rispettivi, ma hemmx bżonn li jiġu vvalutati l-kriterji l-oħrajn għall-eżistenza tal-ghajjnuna. Jista' jiġi konkluż li ma ngħatat ebda ghajjnuna mill-Istat lil-linji tal-ajru inkwistjoni.

5.6. GĦAJNUNA TAL-BIDU LIL CIRRUS AIRLINES

- (346) Il-Kummissjoni tosserva li Cirrus Airlines, li rċeviet pagamenti diretti mingħand FSBesitzG fl-2005 u fl-2006, applikat għal insolvenza f'Jannar 2012; il-proċedura tal-insolvenza nfetħet f'April 2012. B'konsegwenza ta' dan, Cirrus Airlines waqqfet l-attività ekonomika tagħha. Minħabba li l-eżitu tal-proċedimenti tal-insolvenza mhux ien ċar, għalissal-Kummissjoni ma tinsabx f'pożizzjoni li tagħti l-fehma tagħha dwar jekk l-investigazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti lil Cirrus Airlines spiċċatx mingħajr skop. Għalhekk, il-pagamenti lil Cirrus Airlines mhumiex soġġetti għal din id-Deċiżjoni.

6. KONKLUŻJONI

- (347) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament ta' FSBesitzG/FSG permezz ta' injezzjoni ta' kapital sabiex jiġi kopert it-telf imġarrab matul is-snin 2000-2012 jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat safejn kien relatat ma' attivitajiet li jaqgħu barra mill-ambitu tal-politika pubblika. L-ghajjnuna tikkostitwixxi ghajjnuna ġdida mill-1 ta' Ġunju 2007 'il quddiem. Parti mill-ghajjnuna hija ghajjnuna għall-investment kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 u parti mill-ghajjnuna hija ghajjnuna operattiva kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-injezzjonijiet ta' kapital mogħtija lil vh Saar ma jikkostitwixxu ebda ghajjnuna mill-Istat, hekk kif vh Saar ittrasferiet il-fondi pubbliċi kollha li rċeviet u, għalhekk, minnha nnifisha ma kisbet ebda vantaġġ ekonomiku.
- (348) It-trasferiment ta' plottijiet tal-art mingħajr remunerazzjoni jew bi prezz taħt il-prezz tas-suq fis-snin 2002, 2003 u 2004 jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat safejn kien relatat ma' attivitajiet li jaqgħu barra mill-ambitu tal-politika pubblika. L-ghajjnuna hija kompatibbli bħala ghajjnuna għall-investment skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (349) Il-garanziji fuq is-self ingħataw kollha qabel is-sena 2000 u, għalhekk, ma jikkostitwixxu ebda ghajjnuna mill-Istat. Il-vantaġġ inkluż fl-ittri ta' konfort, jekk kien hemm, ġie ttrasferit mingħand vh Saar lil FSBesitzG/FSG.
- (350) Il-kuntratt tal-kiri tal-2006 kien jinvolvi ghajjnuna mill-Istat għal FSBG, li hija ghajjnuna operattiva kompatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.
- (351) Ma ngħatat ebda ghajjnuna mill-Istat lil-linji tal-ajru permezz tal-iskeda tat-tariffi tal-2007 u l-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin. L-ghajjnuna tal-bidu favur Cirrus Airlines mhijiex soġġetta għad-Deċiżjoni preżenti.

(352) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li fis-17 ta' Ġunju 2014, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni li hija qiegħda taċċetta b'eċċezzjoni li din id-deċiżjoni tiġi adottata bil-lingwa Maltija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna mill-Istat implimentata mill-Ġermanja għall-Ajruport ta' Saarbrücken hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(ċ) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-miżuri implimentati mill-Ġermanja għal-linji tal-ajru (l-iskeda tat-tariffi tal-2007, il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Air Berlin) ma jikkostitwixxu ebda għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1072

tal-1 ta' Ottubru 2014

dwar miżuri mill-Ġermanja favur Propapier PM2 GmbH – Ghajjnuna mill-istat SA.23827 (2013/C) (ex NN 46/12) (ex N 582/07)

(notifikata bid-dokument C(2014) 6837)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa vinkolanti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari s-subsezzjoni 1 tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Permezz ta' ittra datata t-8 ta' Ottubru 2007 u rreġistrata mill-Kummissjoni dak inhar stess, il-Ġermanja nnotifikat b'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE l-ghajjnuna ppjanata favur Propapier PM2 GmbH (ara l-punt 2.2 "il-benefiċjarju tal-ghajjnuna") għal proġett ta' investiment kbir f'Eisenhüttenstadt (Brandenburg-Nordost, il-Ġermanja), fuq il-bażi tal-Linji Gwida għall-ghajjnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 ⁽¹⁾ (minn hawn "il quddiem imsejħin il-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali"). L-ghajjnuna ppjanata ġiet irreġistrata bin-numru N 582/07.
- (2) Wara li rċeviet aktar informazzjoni u bosta lmenti formali ⁽²⁾ u wara li ltaqgħet mar-rappreżentanti tal-Ġermanja u l-benefiċjarju tal-ghajjnuna, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tat-2 ta' April 2008 ⁽³⁾ li ma tqajjem ebda oġġezzjoni għall-ghajjnuna notifikata.
- (3) Wara li adottat id-deċiżjoni tagħha fit-2 ta' April 2008, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjonijiet oħrajn mingħand l-ilmentaturi li kkontestaw il-valutazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni tagħha li ma tqajjem ebda oġġezzjoni għall-miżura tal-ghajjnuna. Smurfit Kappa Group plc (minn hawn "il quddiem imsejjaħ "Smurfit Kappa") issottometta wkoll informazzjoni fl-24 ta' Ġunju 2008 u talab li l-Kummissjoni tħassar id-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi tar-raġuni li Propapier PM2 GmbH & Co. KG kienet irċeviet għajjnuna infrastrutturali addizzjonali. Il-Kummissjoni fetħet inkjesta separata bin-numru SA.36147 (C 30/10) ⁽⁴⁾ sabiex tqis it-tali allegazzjoni.
- (4) Fil-5 ta' Awwissu 2008, Smurfit Kappa fetaħ proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex titħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008.
- (5) Permezz ta' ittra tas-7 ta' Novembru 2008, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-investiment li għandu jiġi ssusidjat. Permezz tal-ittri tat-22 ta' Diċembru 2008 u t-13 ta' Jannar 2010, il-Ġermanja avżat lill-Kummissjoni dwar għadd ta' bidliet fil-proġett notifikat.
- (6) Permezz tas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2012 fil-kawża T-304/08 *Smurfit Kappa Group plc v Il-Kummissjoni*, il-Qorti ddikjarat li t-tali Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008 hija nulla u bla effett (minn hawn "il quddiem tissejjaħ id-"deċiżjoni annullata"). Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha terġa' tikkunsidra l-miżura tal-ghajjnuna u tadotta deċiżjoni ġdida, jiġifieri kienet fl-istess sitwazzjoni li kienet fiha fit-2 ta' April 2008. ⁽⁵⁾

⁽¹⁾ ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

⁽²⁾ Dawn inkludew ilmenti formali mill-assoċjazzjonijiet li ġejjin: Is-Swedish Forest Industries Federation (il-"Federazzjoni Svediża tal-Industriji tal-Foresti") u l-Finnish Forest Industry Federation (il-"Federazzjoni Finlandiża tal-Industrija tal-Foresti") tal-20 ta' Diċembru 2007 (irreġistrati fil-fajl bir-ref. CP 365/07), Koninklijke Vereniging van Nederlandse Papier- en Kartonfabrieken tat-3 ta' Jannar 2008 (irreġistrati fil-fajl bir-ref. CP 3/08) u Procelpac – Groupement français des fabricants de papiers et cartons d'emballage à base de cellulose tat-22 ta' Frar 2008 (irreġistrati fil-fajl bir-ref. CP 47/08).

⁽³⁾ ĠU C 131, 29.5.2008, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU C 7, 12.1.2011, p. 10.

⁽⁵⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2011 dwar l-Ghajjnuna mill-Istat C 28/05 għal Glunz AG (ĠU L 228, 3.9.2011, p. 22) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2012 dwar l-Ghajjnuna mill-Istat SA.28855 (N 373/09) (ex C 10/09, ex N 528/08) għal ING – Ghajjnuna għar-ristrutturar (ĠU C 260, 29.8.2012, p. 1).

- (7) Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-Ġermanja organizzaw laqgħa fl-14 ta' Awwissu 2012 li għaliha attendew ukoll rappreżentanti tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Il-Ġermanja sottomettiet kummenti permezz ta' ittri datati l-24 ta' Awwissu 2012 u l-5 ta' Frar 2013.
- (8) Ta' min jinnota li l-għajnuna inkwistjoni kellha tiġi approvata mill-Kummissjoni qabel ma tingħata mill-Ġermanja. Il-Ġermanja bdiet tagħti l-għajnuna biss ladarba l-Kummissjoni kienet adottat id-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' April 2008, li eventwalment għet annullata. Madankollu, wara l-annullament mill-Qorti, hemm bżonn li kollox jitreggħa' lura daqslikieku d-deċiżjoni annullata mill-Kummissjoni qatt ma għet adottata u l-għajnuna pjanata mill-Ġermanja qatt ma għet approvata kif xieraq mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni daħħlet il-każ bin-numru SA.23827 (2012/NN-46) fir-reġistru tal-għajnuna mhux notifikata.
- (9) Permezz tal-ittra tal-15 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni avżat lill-Ġermanja dwar id-deċiżjoni tagħha li tibda proċedimenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-għajnuna reġjonali nazzjonali mogħtija lil Propapier PM2 GmbH (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“deċiżjoni ta' ftuħ”). Id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-Kummissjoni għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-8 ta' Awwissu 2013 ⁽⁶⁾. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jissottomettu l-kummenti tagħhom.
- (10) Il-Ġermanja sottomettiet kummenti permezz tal-ittra tal-15 ta' Lulju 2013 (2013/073407).
- (11) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mingħand il-Ġermanja permezz tal-ittra elettronika tal-20 ta' Settembru 2013 (2013/092832) u l-ittra tal-20 ta' Novembru 2013 (2013/113552), li l-Ġermanja pprovdiet bl-ittri tas-16 ta' Ottubru 2013 (2013/102801), id-9 ta' Diċembru 2013 (2013/123872) u l-21 ta' Jannar 2014 (2014/007118).
- (12) Permezz tal-ittra tas-6 ta' Settembru 2013 (2013/090228), Smurfit Kappa sottometta kummenti bħala parti interessata (dawn għaddew lill-Ġermanja mal-ittra tat-13 ta' Settembru 2013 (2013/091012) u avża li jista' jkun li jibgħat kummenti oħrajn. Permezz tal-ittra tat-30 ta' Settembru 2013 (2013/095929), il-Kummissjoni talbet lil Smurfit Kappa sabiex jissottometti l-kummenti tiegħu sat-30 ta' Ottubru 2013. Bl-ittra elettronika tat-30 ta' Ottubru 2013 (2013/107610), Smurfit Kappa ddikjara li ma kellu ebda kumment ieħor u talab informazzjoni dwar il-proċedimenti. Il-Kummissjoni wiegħbet bl-ittra tad-29 ta' Novembru 2013 (2013/119741). Il-Ġermanja wiegħbet għall-kummenti ta' Smurfit Kappa bl-ittra tal-14 ta' Ottubru 2013 (2013/101451).
- (13) Permezz tal-ittri tat-30 ta' Settembru 2013 (2013/095932, 2013/095939, 2013/095941, 2013/095942), il-Kummissjoni avżat lill-ilmentaturi ta' qabel (Swedish Forest Industries Federation und Finnish Forest Industry Federation, Koninklijke Vereniging van Nederlandse Papier- en Kartonfabrieken und Procelpac – Groupement français des fabricants de papiers et cartons d'emballage à base de cellulose), li kienu ppreżentaw ilmenti matul l-analiżi preliminari ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata (ara l-premessa 2), li kienet inbdiet proċedura ta' investigazzjoni formali u stednithom jissottomettu l-kummenti. L-ebda wieħed minn dawn l-ilmentaturi ma sottometta kummenti.

2. DESKRIZZJONI DDETTALJATA

2.1. OBIETTIV

- (14) L-intenzjoni tal-Ġermanja kienet li tkompli l-iżvilupp reġjonali billi tagħti lil Propapier PM2 GmbH & Co. KG għajnuna għall-investiment reġjonali għal fabbrika tal-karti ġdida f'Eisenhüttenstadt. Eisenhüttenstadt tinsab bejn Brandenburg-Nordost, żona assistita skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE, li fiha l-għajnuna reġjonali massima fuq il-bażi tal-mappa tal-għajnuna reġjonali tal-Ġermanja għall-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 hija 30 % tal-ekwivalenti tal-għotja gross (EGħG) ⁽⁷⁾.

2.2. BENEFIĊJARJU TAL-GĦAJNUNA

- (15) Il-benefiċjarju tal-għajnuna msemmi fid-deċiżjoni annullata kien Propapier PM2 GmbH & Co. KG, impriża kbira li tagħmel parti minn Progroup AG (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “Progroup”).

⁽⁶⁾ ĠU C 230, 8.8.2013, p. 39.

⁽⁷⁾ Għajnuna mill-Istat N 459/06 (ĠU C 295, 5.12.2006, p. 6).

- (16) L-istruttura tal-parteċipazzjoni bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u l-grupp hija kif ġej: Propapier PM2 Beteiligungs GmbH għandha sehem ta' [...] (*) % fil-kapital ta' Propapier PM2 GmbH & Co. KG bħala sieħeb ġenerali tas-sħubija limitata. L-ishma fi Propapier PM2 Beteiligungs GmbH huma ta' Propapier Papiererzeugung GmbH ([...] %) u tas-Sur Jürgen Heindl ([...] %). L-uniku azzjonist ta' Propapier Papiererzeugung GmbH kien Progroup, li fih is-Sur Jürgen Heindl għandu [...] % tal-ishma permezz ta' JH-Holding GmbH. Il-[...] % tal-ishma li jifdal fi Progroup inqasmu kif ġej: żewġ azzjonisti kellhom sehem ta' [...] % kull wieħed u azzjonist ieħor kellu sehem ta' [...] %. L-ebda wieħed minn dawn l-azzjonisti ma kellu drittijiet tal-vot.
- (17) Progroup jimmanifattura materjal ikkorrugat għall-kontenituri u kartun korrugat li jqassam permezz tas-sussidjarji tiegħu. Fl-2007, meta saret in-notifika, il-kartun korrugat kien qiegħed jiġi mmanifatturat f'impjanti fl-Ewropa (minn Prowell GmbH & Co. KG u s-sussidjarji tagħha Prowell S.A. (Franza), Prowell s.r.o. (ir-Repubblika Ċeka) u, lejn tmiem l-2008, Prowell Sp. z.o.o. (Il-Polonja)). Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri kien qiegħed jiġi mmanifatturat minn Propapier Papiererzeugung GmbH. Il-kumpaniji l-oħrajn ta' Progroup jipprovdu servizzi marbutin mal-bejgħ ta' kartun korrugat.
- (18) Il-proġett, kif deskritt fin-notifika oriġinali tal-2007, kien jinvolvi l-bini ta' impjant tal-enerġija li jforni lill-fabbrika tal-karti ġdida. Il-parti ewlenija tal-proġett ta' investiment kienet tikkonċerna l-bini tal-fabbrika tal-karti, li kellha tinbena u titħaddem minn Propapier PM2 GmbH & Co. KG stess, filwaqt li l-impjant tal-enerġija li jforni l-fwar u l-enerġija għall-proċess tal-manifattura fil-fabbrika tal-karti kellu jinbena u jiġi ffinanzjat minn Propower GmbH (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Propower"), li wkoll tagħmel parti minn Progroup. Propower hija tal-istess grupp u għandha l-[...] % tal-ishma li jifdal fi Propapier PM2 GmbH & Co. KG. Liċenzja għall-impjant tal-enerġija kellha tiġi trasferita lil Propapier PM2 GmbH & Co. KG skont lokazzjoni eżegwita bejn il-partijiet.
- (19) Il-Ġermanja spjegat li, skont il-liġijiet fiskali tal-Ġermanja, l-assi li jappartjenu għall-assi operatorji straordinarji ta' azzjonist (f'dan il-każ Propower) ta' sħubija (f'dan il-każ Propapier PM2 GmbH & Co. KG) huma inklużi fl-assi tas-sħubija u mhux fl-assi tal-azzjonist għal skopijiet tat-taxxa, anki jekk l-azzjonist kien proprjetarju tal-assi skont il-liġi ċivili. Dan huwa konsegwenza tar-rekwiżiti ta' trasparenza imposti fuq is-sħubijiet mil-liġi fiskali. B'konsegwenza ta' dan, Propapier PM2 GmbH & Co. KG irnexxielha tapplika għall-għajnuna għall-proġett ta' investiment sħiħ, inkluż il-bini tal-impjant tal-enerġija li ser jitħaddem minn Propower.
- (20) Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata, il-Ġermanja avżat lill-Kummissjoni li l-impjant tal-enerġija ma kienx għadu parti mill-proġett ta' investiment assistit u li ma kienet saret ebda applikazzjoni għal għajnuna u lanqas ma ġiet approvata xi għajnuna għall-bini tal-impjant tal-enerġija. Propower kellha tinbiegħ lil EnBW Energy Solutions GmbH (ESG), sussidjarja ta' EnBW Energie Baden-Württemberg AG.
- (21) Skont id-dritt soċjetarju tal-Ġermanja, sħubija limitata jrid ikollha minimu ta' żewġ azzjonisti, u wieħed minn dawn irid ikollu responsabbiltà limitata; għalhekk, Propapier PM2 GmbH & Co. KG kellha tiġi xolta ladarba tinbiegħ Propower. L-azzjonist l-ieħor, Propapier PM2 Beteiligungs GmbH, ġie kkonvertit minn kumpanija ta' investiment għal kumpanija operatorja u nġhata l-isem il-ġdid ta' Propapier PM2 GmbH (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Propapier"), u wara dan sar il-benefiċjarju tal-miżura ta' għajnuna.
- (22) Il-Ġermanja ddikjarat li issa Propapier Papiererzeugung GmbH bdiet tinnegozja bħala Propapier PM1 GmbH u hija l-proprjetarja tal-ishma kollha fi Propapier PM 2.


2.3. PROĠETT TA' INVESTIMENT

2.3.1. PRODOTTI U TEKNOLOĠIJA

- (23) Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri huwa l-karta użata fil-manifattura tal-kartun korrugat u jinkludi kemm inforri kif ukoll skanalatura. L-inforra tiffirma saff ġewwieni/estern lixx u l-iskanalatura tintuża għas-saff immewweġ. Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri huwa magħmul minn fibra tal-injam naturali jew fibra rriċiklata. L-inforri li jsiru minn fibra tal-injam (minn hawn "il quddiem "fibra ġdida") huma magħrufin bħala kraftliners u inforri magħmulin minn fibra rriċiklata huma magħrufin bħala testliners. Skanalatura magħmula minn fibra ġdida tissejjaħ skanalatura SC u skanalatura magħmula minn fibra rriċiklata tissejjaħ skanalatura rriċiklata. Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri magħmul minn karta rriċiklata jinkludi l-materjal ikkorrugat għall-kontenituri kollu magħmul minn fibra rriċiklata, jiġifieri testliners u skanalatura rriċiklata. Il-Figura 1 turi d-diversi tipi ta' materjal ikkorrugat għall-kontenituri.

(*) Sigriet kummerċjali.

Figura 1



- (24) Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri jintuża bħala l-bażi għall-manifattura tal-kartun korrugat (li matulha jitwawhlu l-inforri u l-iskanalatura). Imbagħad, il-kartun korrugat jiġi pproċessat sabiex jipproduċi kaxxi tal-kartun korrugat għall-imballaġġ.
- (25) L-impjant tfassal biex jipproduċi żewġ tipi ta' materjali ikkorrugat għall-kontenituri: testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata.
- (26) Skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju fi żmien in-notifika, sehem kbir (madwar 75 %) mill-materjal ikkorrugat għall-kontenituri immanifatturat fl-impjant assistit kien qiegħed jintuża fil-manifattura tal-prodott downstream (kartun korrugat) fi ħdan Progroupp. Progroupp ibiġh kartun korrugat bħala prodott finali. Il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri mhux użat internament kellu jinbiegħ lil parti terza. Progroupp ma kienx involut fil-manifattura ta' kaxxi tal-kartun korrugat għal klijenti finali.
- (27) Il-fabbrika tal-karti li kellha tinbena kellha tinkludi tħejji tal-karta rriċiklata, magna tal-karti għall-manifattura tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri, bini tal-uffiċċji, maħżen tal-parts tal-bdil, bini għal kmamar tax-xogħol u maħżen tar-rombli tal-karti.
- (28) L-impjant tal-enerġija kellu jipproduċi l-fwar meħtieġ fil-proċess tal-produzzjoni. Sabiex isir użu effiċjenti mill-enerġija termali, l-impjant tal-enerġija kellu jipproduċi biżżejjeġ enerġija biex ikopri madwar [< 60] % tal-enerġija meħtieġa minn Propapier ukoll.

2.3.2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

- (29) L-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment bdiet f'Diċembru 2007 u kellha titlesta sa nofs l-2010. Il-produzzjoni sħiħa (615 000 tunnellata materjal ikkorrugat għall-kontenituri fis-sena) għandha tinkiseb b'mod gradwali (sal-2015).

2.4. SPEJJEŻ ELIĠIBBLI

- (30) Il-kostijiet eliġibbli ta' investiment huma kkalkolati fuq il-bażi tal-kostijiet tal-investiment inizjali. Fin-notifika oriġinali, in-nefqa eliġibbli ġiet ikkalkolata għal EUR 643 862 500 (nominali) jew EUR 586 722 900 (skontata) ⁽⁸⁾ għal bini, impjant, tagħmir u kostijiet mixxelanji skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.
- (31) "Spejjeż mixxelanji" kienu jinkludu nefqa għal installazzjonijiet interni, l-informatika u liċenzji tas-software. Il-Ġermanja kkonfermat li l-liċenzji tas-software li kienu jiswew EUR [...] kienu ser jintużaw biss fl-istabbiliment li jirċievi l-għajnuna u li kienu ser jiġu rrapportati bħala assi deprezzabbli mixtrijin mingħand partijiet terzi li kienu ser jibqgħu f'dak l-istabbiliment għal ħames snin.

⁽⁸⁾ Għall-finijiet ta' din id-decizzjoni, il-kostijiet eliġibbli u l-għajnuna huma skontati għas-sena tan-notifika oriġinali bir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument tan-notifika, f'dan il-każ 5,42 % (ara l-punt 41 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali).

- (32) Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata, il-Ġermanja avżat lill-Kummissjoni li l-ispejjeż eliġibbli kienu naqsu sew wara l-esklużjoni tal-impjant tal-enerġija mill-proġett assistit u li l-kostijiet eliġibbli għall-proġett emendat kienu laħqu total ta' EUR 385 944 683 (nominali) jew EUR 352 974 825 (skontati).

2.5. FINANZJAMENT TAL-PROĠETT

- (33) Skont in-notifika oriġinali tal-Ġermanja, madwar 73 % tal-ispejjeż globali tal-proġett kellhom jiġu ffinanzjati minn self bankarju mhux tal-ġhajjnuna (mhux kopert minn garanziji tal-gvern). 14 % oħrajn mill-kostijiet ġenerali kienu jkunu koperti minn ekwità u l-bqija kellhom jiġu ffinanzjati mill-ġhajjnuna.
- (34) Il-Ġermanja kkonfermat li, anki wara t-tnaqqis tal-investiment fl-impjant tal-enerġija, il-kundizzjoni li kienet tirrekjedi li l-benefiċjarju tal-ġhajjnuna jagħmel kontribuzzjoni tiegħu stess mhux tal-ġhajjnuna ta' aktar minn 25 % tal-kostijiet eliġibbli totali xorta waħda kienet għadha ssodisfata.

2.6. BAŻI LEGALI

- (35) Il-bażi legali li ġejja ġiet iċċitata għall-ġhajjnuna fin-notifika oriġinali:
- (a) L-Att dwar l-Għotjiet ta' Investiment 2007 tal-15 ta' Lulju 2006, kif promulgat fit-23 ta' Frar 2007 (Gazzetta tal-Liġi Federali I/07, p. 282) (ġhajjnuna eżentata nru XR 6/07⁽⁹⁾);
- (b) L-att dwar il-kompitu konġunt għat-"titjib tal-istruttura ekonomika reġjonali" tas-6 ta' Ottubru 1969 (Gazzetta tal-Liġi Federali I, p. 1861), emendat l-aħħar mill-Artikolu 102 tar-Regolament tal-25 ta' Novembru 2003 (Gazzetta tal-Liġi Federali I, p. 2304), flimkien mal-Qafas Nru 36 għall-kompitu konġunt għat-"titjib tal-istruttura ekonomika reġjonali" għall-2007 sal-2010 (rekord uffiċjali tal-Bundestag 16/5215 tas-27 ta' April 2007) (ġhajjnuna eżentata nru XR 31/07⁽¹⁰⁾);
- (c) Il-Linji Gwida tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi dwar miżuri li jippromwovu l-ekonomija skont il-qafas tal-kompitu konġunt għat-"titjib tal-istruttura ekonomika reġjonali" tas-7 ta' Diċembru 2006 (Gazzetta Uffiċjali ta' Brandenburg Nru 51 tas-27 ta' Diċembru 2006, p. 798);
- (d) Regolamenti tal-Baġit Reġjonali tal-21 ta' April 1999 (Gazzetta tal-Liġijiet u r-Regolamenti I/99, p. 106) u d-dispożizzjonijiet amministrattivi assoċjati.
- (36) Il-Ġermanja avżat li wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata, l-ġhajjnuna kollha kienet ser tingħata fuq l-unika bażi tal-Att tal-2007 dwar l-Għotjiet ta' Investiment, jiġifieri l-ġhajjnuna nru XR 6/07 eżentata fuq il-bażi tar-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija.

2.7. MIŻURA TA' GĦAJNUNA

- (37) Il-benefiċjarju tal-ġhajjnuna applika għall-ġhajjnuna fil-15 ta' Mejju 2007, jiġifieri qabel ma bdew ix-xogħlijiet f'Diċembru 2007, fejn il-Ġermanja kkonfermat bil-miktub, soġġetta għall-eżitu tal-verifika ddetaljata, li kienu ġew issodisfati l-prekundizzjonijiet għall-eliġibbiltà (ittra mill-Bank ta' Investiment tal-Istat Federali ta' Brandenburg tal-24 ta' Mejju 2007).
- (38) L-ġhajjnuna nnotifikata mill-Ġermanja laħqet total ta' EUR 82 509 500 (nominali) u EUR 72 145 700 (skontati). Il-Ġermanja kkonfermat li l-ġhajjnuna ma kinitx qiegħda tingħata flimkien ma' xi ġhajjnuna oħra għall-istess kostijiet eliġibbli.
- (39) Aktar tard, il-Ġermanja avżat li l-ġhajjnuna ta' EUR 50 559 153 (nominali) u EUR 44 172 973 (skontati) għall-proġett ta' investiment imnaqqas kienet inħarġet għal Propapier. Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li l-intensità tal-ġhajjnuna mħallsa kienet taqbeż it-12,30 % EChG stipulata fid-deċiżjoni annullata u li l-ammont skontat ibbażat fuq il-kostijiet eliġibbli mnaqqsin kien ta' EUR 43 415 903.

⁽⁹⁾ Ippubblikata fil-ĠU C 41, 24.2.2007, p. 9, fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-ġhajjnuna għall-investiment nazzjonali bi skop reġjonali (regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-ġhajjnuna ta' investiment reġjonali) (ĠU L 302, 1.11.2006, p. 29).

⁽¹⁰⁾ Ippubblikata fil-ĠU C 102, 5.5.2007, p. 11. L-ġhajjnuna ġiet implimentata skont ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-ġhajjnuna għall-investiment (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9).

- (40) Il-Ġermanja kienet qablet fil-qafas tan-notifika oriġinali li żżomm l-intensità massima tal-għajnuna għal 12,30 % EĠG. B'hekk, il-Ġermanja kkonfermat permezz ta' ittra datata l-21 ta' Jannar 2014 li kienet kisbet rifużjoni li tilħaq total ta' EUR 1 099 539 mingħand Propapier (għajnuna addizzjonali bl-imgħax).
- (41) L-awtorità awtorizzanti għall-għotja ta' investiment hija l-Uffiċċju tal-Finanzjament ta' Frankfurt (Oder).

2.8. KONTRIBUZZJONI GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

- (42) Brandenburg-Nordost kien reġjun bi problemi ekonomiċi u soċjali konsiderevoli, li fih il-PDG per capita fl-2004 kien ta' 76,3 % tal-medja tal-EUR-27 ⁽¹¹⁾ u r-rata tal-qgħad fl-2005 kienet ta' 19,8 % (220 % tal-medja tal-UE-27 u 178 % tal-medja tal-Ġermanja).
- (43) Sabiex tippromwovi l-iżvilupp reġjonali f'din iż-żona, il-Ġermanja ddeċidiet li l-appoġġ u l-għajnuna għandhom jingħataw lill-industrija tal-manifattura u l-ipproċessar tal-karta, bħala settur promettenti tal-ekonomija ta' Brandenburg-Nordost. Ħasbet li l-fabbrika tal-karti, li għebet teknoloġija importanti fir-reġjun, kienet thegġegħ lil industrija primarja ġodda sabiex jirrilokaw u jestendu l-katina tal-valur miżjud (impjanti tal-kartun korrugat, imballaġġ eċċ.). Ħasbet ukoll li l-investiment f'fabbrica tal-karti moderna kien juri li Eisenhüttenstadt kienet ħerqana li tiddiversifika l-profil ekonomiku tagħha, u ma tiffokax biss fuq l-industrija tal-metall. Il-manifattura ta' materjal ikkorrugat għall-kontenituri, minn fibra rriċiklata żżomm mal-pjan tal-belt ta' Eisenhüttenstadt sabiex tistabbilixxi ekonomija ta' rriciklaġġ fiż-żona.
- (44) Skont in-notifika oriġinali, il-proġett ta' investiment ikun ser johlq 150 impjieg dirett (inklużi 36 fl-impjant tal-enerġija) u madwar 450 impjieg indirett ⁽¹²⁾.

3. TĦASSIB DWAR IL-KOMPETIZZJONI U RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

- (45) Fid-deċiżjoni annullata l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinux inqabżu l-limiti stabbiliti skont il-punti 68(a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali. Il-Kummissjoni kompliet billi ddikjarat li, skont il-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, il-Kummissjoni kellha setgħa diskrezzjonali biex tagħmel verifika ddettaljata biss sabiex tara jekk il-benefiċċji tal-miżura tal-għajnuna kinux jisbqu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'każijiet biss li fihom jinqabeż wieħed mil-limiti stipulati fil-punt 68(a) jew (b). Il-Kummissjoni kompliet billi qalet li l-konformità mal-limiti stabbiliti għall-ishma mis-suq u ż-żidiet tal-kapaċità u tnaqqis fl-intensità massima tal-għajnuna skont il-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali tiżgura li kwalunkwe effett li t-tfikkil potenzjali tal-kompetizzjoni tal-għajnuna ma jaqbiżx livell li jikkonforma mal-oġettiv tal-iżvilupp reġjonali. Argumentat ukoll li l-prekundizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jiżguraw li l-għajnuna tagħmel kontribuzzjoni għall-iżvilupp reġjonali. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni sabet li l-miżura kienet kompatibbli mal-Artikolu 87(3)(a) KE.
- (46) Fis-sentenza tagħha fil-kawża T-304/08, il-Qorti stabbilixxiet li l-issodisfar tal-kriterji rilevanti kollha tal-kompatibbiltà fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali mhijiex prova biżżejjed li l-miżura inkwistjoni ser ikollha impatt pożittiv fuq l-iżvilupp reġjonali u li mill-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali ma jidherx li l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali huwa prekluż meta ma jkunux inqabżu l-limiti għall-ishma mis-suq u ż-żidiet tal-kapaċità ⁽¹³⁾. Il-Qorti sabet ukoll li, waħedhom, il-valutazzjonijiet li saru fid-deċiżjoni kkontestata ma setgħux jippermettu lill-Kummissjoni tneħħi kull dubju dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq komuni fid-dawl tad-deroga pprovdata fl-Artikolu 107(3)(a) TFUE, peress li l-applikazzjoni ta' dik id-deroga tassumi li l-benefiċċji tal-miżura inkwistjoni jisbqu l-iżvantaġġi tagħha, limitati kemm ikunu limitati dawn tal-aħħar. B'konsegwenza ta' dan, fis-sentenza tagħha l-Qorti tindika li l-Kummissjoni hija obbligata tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali b'konformità mal-Artikolu 108(2) TFUE f'każijiet li fihom ikun hemm dubji dwar l-impatt pożittiv tal-għajnuna, anki jekk ma jkunux inqabżu l-limiti stabbiliti fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.
- (47) Fil-paragrafi 118 u 127 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni tirreferi għall-argument tal-ilmentatur li l-kapaċità maħluqa mill-proġett ta' Propapier kienet taqbeż il-limitu ta' 5 % stipulat fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna

⁽¹¹⁾ Fuq il-bażi tal-istandard tal-kapaċità tal-akkwist.

⁽¹²⁾ Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata, il-Ġermanja avżat li l-proġett kien ħoloq total ta' 675 impjieg fir-reġjun (li 36 minnhom fl-impjant tal-enerġija). Propapier stess tħaddem 123 ħaddiem u 23 impjegat tal-uffiċċju. Propapier kienet ħolqot 11-il post ta' taħriġ ukoll.

⁽¹³⁾ Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-304/08, paragrafu 88.

Reġjonali fis-swieq rilevanti għall-valutazzjoni u li l-ghajjnuna favur Propapier kienet toħloq distorsjoni serja għall-kompetizzjoni f'settur li kien qiegħed ibati minn kapaċità strutturali żejda. Skont l-ilmentatur, l-industrija kienet irreaġixxiet billi naqqset il-kapaċità, iżda l-kapaċità maħluqa minn Propapier kienet tkompli tgħarraq il-problemi settorjali eżistenti billi toħloq kapaċitajiet ġodda li kienu jieħdu post il-kapaċità tal-fabbriki tal-produzzjoni li kienu ġew dekommissjonati sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanċ kompetittiv fis-suq tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri.

- (48) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk kinitx teżisti sitwazzjoni ta' kapaċità strutturali żejda fis-settur u jekk l-ghajjnuna lil Propapier kinitx ser tgħin sabiex tinżamm jew tissaħħaħ dik is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħalliet miftuħa għal kummenti mingħand partijiet terzi l-kwistjoni dwar jekk, fil-fatt, l-effett ta' żieda tal-kapaċità li kellu jiġi kkunsidrat kienx jaqbeż il-5 % tal-konsum apparenti fis-suq rilevanti. Il-Kummissjoni stqarret li ma setgħetx tasserixxi bla dubju fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata li l-effetti pożittivi tal-ghajjnuna kienu jisbqu l-effetti negattivi tagħha (id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri) jew li ma kienx ser jinqabeż il-limitu stabbilit fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali.
- (49) Għaldaqstant, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet sabiex jikkummentaw dwar l-applikazzjoni t-tajba tat-test stabbilit fil-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni talbet informazzjoni li tippermettilha tikkonkludi jekk is-suq rilevanti kellux kapaċità strutturali żejda matul il-perjodu 2001-2006, jekk l-ghajjnuna notifikata kinitx iżżomm jew issaħħaħ it-tali sitwazzjoni, u jekk l-effetti pożittivi tal-ghajjnuna lil Propapier setgħux jisbqu l-effetti negattivi tagħha f'termini ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

4. KUMMENTI MILL-ILMENTATUR SMURFIT KAPPA

4.1. RIMARKI PRELIMINARI

- (50) L-ewwel nett, Smurfit Kappa jindika li l-Ġermanja trid turi li l-proġett ta' Propapier mhuwiex ser jikkaġuna distorsjoni inaċċettabbli tal-kompetizzjoni, u mhux Smurfit Kappa.
- (51) Smurfit Kappa jinsisti li, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża T-304/08, il-Kummissjoni hija meħtieġa tivverifika jekk il-benefiċċji antiċipati tal-ghajjnuna jisbqux id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tosserva li l-limiti stabbiliti fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali saru irrilevanti peress li nbdiat proċedura ta' investigazzjoni formali.

4.2. DEFINIZZJONI TAS-SUQ

- (52) Smurfit Kappa jikkummenta fuq id-definizzjoni provviżorja tas-suq tal-prodotti stipulat fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-Kummissjoni (li hija l-istess bħad-definizzjoni fid-deċiżjoni annullata) u jirreferi għat-talba tiegħu lill-Qorti tal-5 ta' Awwissu 2008 sabiex tannulla d-deċiżjoni dwar l-ghajjnuna oriġinali Nru 582/07 (minn hawn 'il quddiem imsejħa t-"talba"), li fiha Smurfit Kappa argumenta li d-definizzjoni kienet żbaljata.
- (53) Skont Smurfit Kappa, ma hemmx suq għal testliners li jiżnu sa 150 g/m² jew għal skanalatura rriċiklata u Propapier kellha l-ħsieb li tuża l-magna tal-karti l-ġdida tagħha, PM2, biex timmanifattura skanalatura u testliners III li jiżnu 70/100 g/m² u skanalatura li tiżen 70/130 g/m² (informazzjoni mill-istqarrijiet għall-istampa), mhux testliners li jiżnu sa 150 g/m² jew skanalatura rriċiklata, u dan jimplika li jrid jiġi kkunsidrat suq saħansitra iċken. Għalhekk, Smurfit Kappa jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi s-suq tal-prodotti rilevanti bi preċiżjoni akbar.

4.3. KALKOLU TAŻ-ŻIEDA TAL-KAPAĊITÀ

- (54) Smurfit Kappa jirreferi għal informazzjoni minn intervisti u stqarrijiet għall-istampa li jiddikjaraw li l-fabbrika tal-karti l-ġdida ser tkun tiffaħ timmanifattura 650 000 tunnellata jew saħansitra 750 000 tunnellata ta' materjal ikkorrugat għall-kontenituri fis-sena, ferm aktar mill-kapaċità notifikata mill-Ġermanja. Smurfit Kappa jikkonkludi li l-Kummissjoni ma għandhiex toqgħod fuq il-figuri notifikati mill-Ġermanja u għandha tagħmel investigazzjonijiet għal rasha.

- (55) Smurfit Kappa jibbaża l-biċċa l-kbir tal-argumenti tiegħu fuq studju li sar minn London Economics (Economic analysis of State aid given to Progroup AG ⁽¹⁴⁾) li sar fl-2007, ikkummissjonat minn Smurfit Kappa u li jiddikjara li l-espansjoni fil-produzzjoni ser jibdel lil Progroup minn xerrej nett tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri għal bejjiegħ nett ta' madwar 250 000 tonnellata fis-sena. Fuq il-bażi tal-kapaċità ġenerali ta' 650 000 tonnellata fis-sena tal-impjant il-ġdid PM2 (figura preżunta minn Smurfit Kappa), dan inaqqas id-domanda tal-kumpanija għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri mixtri xi mkien ieħor b'400 000 tonnellata fis-sena. Minn dan, Smurfit Kappa jikkonkludi li s-650 000 tonnellata sħaħ fis-sena għandhom ikunu inklużi fid-dejta dwar is-suq ħieles (jiġifieri s-suq għall-bejgħ lil partijiet terzi biss, filwaqt li jiġu injorati l-provvisti prodotti).
- (56) Smurfit Kappa jargumenta li jrid jiġi kkunsidrat l-"effett tal-qlib" (ix-"shifting effect" deskritt fl-istudju ta' London Economics). Skont Smurfit Kappa, il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri użat fil-grupp finalment ser isir a skapitu tal-bejgħ minn manifatturi oħrajn fis-suq ħieles, jiġifieri Progroup mhuwiex ser jibqa' jixtri dak il-materjal ikkorrugat għall-kontenituri mis-suq ħieles. Għalhekk, iż-żieda propja tal-kapaċità tiġi daqsliekieku kienet bejgħ ġdid minn Propapier fis-suq ħieles, flimkien mal-bejgħ ta' manifatturi oħrajn "meħlusin" fis-suq ħieles. Skont Smurfit Kappa, b'dan tinkiseb il-kapaċità tal-produzzjoni globali l-ġdida propja.
- (57) Smurfit Kappa ssottometta tabella tal-Excel datata t-30 ta' Ġunju 2008 (Anness A.10 għall-applikazzjoni) u juża ċerti figuri tagħha minn rapport ta' Henry Poole Consulting ⁽¹⁵⁾ datat 2007. It-tabella turi domanda ta' 240 000 tonnellata fis-sena fis-suq tal-materjal irriċiklat ikkorrugat għall-kontenituri għal Progroup fl-2008 u tbassar li Propapier ser tipproduċi u tbigħ 285 000 tonnellata fis-sena ta' materjal irriċiklat ikkorrugat għall-kontenituri fis-suq fl-2010 (jiġifieri wara l-proġett tal-investment). Smurfit Kappa huwa tal-fehma li l-impatt globali tal-proġett ta' investment assistit fis-suq miftuħ tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri huwa ekwivalenti għat-total ta' dawn iż-żewġ figuri (525 000 tonnellata fis-sena = 285 000 tonnellata fis-sena mhux użati fil-grupp + 240 000 tonnellata fis-sena li Progroup ma jibqax ikollu b'żonn jixtri mis-suq ħieles) u li dan għandu jintuża biex tiġi kkalkolata ż-żieda tal-kapaċità skont it-tifsira tal-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.
- (58) Smurfit Kappa jirrifjuta wkoll il-figura ta' 150 000 tonnellata fis-sena kkwotata minn Propapier għaż-żieda tal-kapaċità għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri fis-suq ħieles. Smurfit Kappa jiddikjara li l-impjant il-ġdid tal-kartun ikkorrugat mibni minn Progroup fi Stryków (il-Polonja) ser juża biss madwar 100 000 tonnellata karta rriċiklata fis-sena. Anki jekk din id-domanda addizzjonali titnaqqas mis-650 000 tonnellata fis-sena, il-kapaċità globali ta' 550 000 tonnellata fis-sena tibqa' xorta waħda.
- (59) Fuq dik il-bażi, Smurfit Kappa jikkonkludi li ż-żieda tal-kapaċità mill-proġett ta' investment assistit ta' Propapier taqbeż il-limitu ta' 5 % stabbilit fil-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali (imkejla fil-konfront tal-figuri għall-2006 għas-suq ħieles għal materjal ikkorrugat għall-kontenituri).

4.4. KAPAĊITÀ ŻEJDA

- (60) Smurfit Kappa jargumenta li s-suq tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri kien qiegħed ibati minn kapaċità strutturali żejda fil-ħin materjali (2001 sal-2006). Skont Smurfit Kappa, is-suq kien qiegħed iġarrab nuqqas ta' tkabbir raġonevoli fid-domanda u ħafna mill-kapaċità l-ġdida kienet iffinanzjata bl-għajnuna mill-Istat, u b'hekk kienet qiegħda tkompli żżid il-kapaċità żejda. Għalhekk, manifatturi oħrajn tal-karti kellhom jagħliq il-faċilitajiet ta' produzzjoni sabiex jibqgħu kompetittivi (Smurfit Kappa għalaq 14-il magna tal-karti bejn l-2001 u l-2008). Smurfit Kappa jirreferi għall-istudju ta' London Economics, li jiddikjara li l-kapaċità l-ġdida (speċjalment il-kapaċità ġdida ffinanzjata bl-għajnuna mill-Istat) qiegħda tħalli impatt negattiv serju fuq il-kompetizzjoni. L-istudju jirreferi għal diffikultajiet kbar fis-suq Ewropeu tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri bejn l-2002 u l-2006 u problemi serji ta' kapaċità żejda f'dan is-settur. Il-figuri huma bbażati fuq id-dejta mingħand il-Groupement Ondulé kif ukoll Smurfit Kappa u jikkwotaw li ntużat anqas minn 90 % tal-kapaċità bejn l-2003 u l-2005. Il-figuri għall-2006 u l-2007 huma aktar minn 90 %, għalkemm l-istudju jinkludi figuri alternattivi għal daww is-sinjura li mill-ġdid jagħtu użu tal-kapaċità ta' anqas minn 90 % "bla ebda żieda tal-kapaċità".

⁽¹⁴⁾ Economic analysis of State aid given to Progroup AG, London Economics, 9 ta' Novembru 2007.

⁽¹⁵⁾ Henry Poole Consulting: Strategic Planning Aid for Corrugated Europe (03/07).

4.5. KONTRIBUZZJONI GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U ANALIŻI TAL-EFFETTI POŻITTIVI U NEGATTIVI

- (61) F'termini tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna f'termini tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'suq li jbati minn kapaċità strutturali żejda, Smurfit Kappa jiddikjara li l-bini ta' magna tal-karti f'post u t-trasport u l-installazzjoni tagħha f'żona oħra ma jikkontribwixxux għall-iżvilupp teknoloġija ta' dik iż-żona *per se*. Smurfit Kappa jżid li, minbarra l-impjant tal-enerġija u l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi, li t-tnejn li huma jagħmlu parti mill-proġett ta' Propapier, il-proġett mhuwiex ser jattira xi investment ieħor lejn iż-żona u li l-iffullar tal-fabbriki tal-karti ma jstax ikun mistenni li jiġġenera titjib fl-effiċjenza. Lanqas ma tista' tkun mistennija xi estensjoni fil-katina tal-valur miżjud, peress li ma hemm ebda klijenti għall-kartun ikkorruġat fiż-żona u, għalhekk, ma hemm xejn x'jiġġustifika l-bini ta' impjant tal-kartun ikkorruġat.
- (62) Smurfit Kappa jkompli jiddikjara fl-2007 diġà kien ċar li, ikunu xi jkunu n-numru u l-kwalità tal-impjiegi maħluqin mill-investment ta' Propapier, l-għadd ta' impjiegi mitlufin xi mkien ieħor ikun ogħla.
- (63) Fuq il-bażi tal-figuri kkwotati fid-deċiżjoni ta' ftuħ, Smurfit Kappa jikkalkola li kull impjieg dirett maħluq ser jiswa EUR 350 000 f'għajnuna. Smurfit Kappa jistaqsi kemm daww l-impjiegi verament ser jibqgħu fir-reġjun għal dejjem u jekk jistgħux jitqiesu bħala impjiegi ta' kwalità. Smurfit Kappa jiddubita wkoll li r-reġjun fil-fatt ser jiġġwadanja minn dawn l-impjiegi, peress li wħud mill-impjegati ta' Propapier jivvjaġġaw minn reġjuni oħrajn. Smurfit Kappa għandu dubji għaliex mhuwiex persważ jekk il-fatt li ċerti membri tat-tim ta' produzzjoni ċentrali ġejjin mill-impjant ta' Propapier f'Burg (Sassonia-Anhalt) jstax jitqies bħala vantaġġ li jiġġustifika l-għajnuna.
- (64) Rigward il-529 impjieg indirett, Smurfit Kappa jikkwota membru tal-bord tad-diretturi ta' Propapier, li qal li fl-2010 kienu ser jinħolqu 329 impjieg dirett biss u li kemm kemm aktar minn 60 % (biss) tal-impjegati kienu ġejjin mir-reġjun. Smurfit Kappa huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' informazzjoni li tidħol fid-dettall (eż. dwar jekk l-impjiegi għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni jew proġetti ta' infrastruttura ġewx inklużi u jekk l-impjiegi indiretti humiex ser ikunu permanenti) sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tal-impatt fuq ir-reġjun u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tivverifika dan kollu fid-dettall.

4.6. GĦAJNUNA INFRASTRUTTURALI GĦAL PROPAPIER

- (65) Smurfit Kappa jirreferi għad-deċiżjoni separata tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-għajnuna infrastrutturali lil Propapier (kawża SA.36147), u huwa tal-fehma li l-għajnuna għall-impjant tat-trattament tal-ilma mormi hija għajnuna għall-investment li ma tistax titqies li hija separata mill-għajnuna indirizzata fid-deċiżjoni ta' ftuħ fil-kawża SA.23827 u jsejjaħ lill-Kummissjoni sabiex teżamina ż-żewġ miżuri taħt l-istess proċedura u tispjega għaliex ma jstgħux jitqiesu bħala partijiet mill-istess proġett.

5. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

5.1. KUMMENTI PRELIMINARI

- (66) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-Kummissjoni ma missiex fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE wara l-annullament tad-Deċiżjoni N 582/07; minflok, missha adottat deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽¹⁶⁾. Il-Ġermanja tindika li s-sentenza tal-Qorti fil-kawża T-304/08 ma rrikjedix li l-Kummissjoni tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali. Barra minn hekk, il-Ġermanja ma tistax tifhem kif, fin-nuqqas ta' fatti ġodda, il-Kummissjoni issa qiegħda tixħet dubji fuq jekk is-suq tal-materjal ikkorruġat għall-kontenituri kienx qiegħed ibati minn kapaċità żejda qabel l-2008, wara li fid-deċiżjoni annullata kienet iddikjarat li ma kienx qiegħed ibati minn kapaċità żejda u li ma kienx inqabeż il-limitu ta' 5 % stabbilit fil-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali u wara li ddefendiet dak l-argument quddiem il-Qorti Ġenerali.
- (67) Il-Ġermanja tosserva li s-sempliċi fatt li lmentatur daħal f'kuntatt ma jissostanzjax "diffikultajiet serji" għall-Kummissjoni f'termini tal-istabbiliment ta' jekk l-għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq intern u tispjega li l-għażla tal-proċedura applikabbli ma tistax tiġi stabbilita minn "operaturi tas-suq terzi". Skont il-Ġermanja, dawn il-konklużjonijiet huma sostnuti mill-fatt li l-benefiċjarju tal-għajnuna ma għandux influwenza akbar fuq il-

⁽¹⁶⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi r-regoli ddetaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1), kif emendat.

kompetizzjoni wara l-investiment milli kellu qabel (peress li ma għandux sehem mis-suq akbar). Il-Ġermanja tindika li, primarjament, il-fabbrika tal-karti kellha l-għan li tissodisfa d-domanda addizzjonali għal materjal ikkorugat għall-kontenituri fi Progroup.

- (68) Il-Ġermanja żżid li, jekk tiddeċiedi li tagħmel verifika ddettaljata, il-Kummissjoni għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-limiti stabbiliti fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali ma kinux inqas bħala indikatur importanti tal-fatt li l-għajnuna għandha impatt limitat biss fuq il-kompetizzjoni.
- (69) Il-Ġermanja ssottomettiet diversi studji:
- (a) rapport mill-2013 dwar analiżi ekonomika tal-għajnuna għall-investiment lil Progroup (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-“rapport ECA”) ⁽¹⁷⁾, ikkummissjonat minn Progroup sabiex jintuża mal-kawża SA.23827. Ir-rapport huwa msejjes fuq informazzjoni pprovduta minn Pöyry Management Consulting Oy (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “Pöyry”);
- (b) rapport mill-2013 ta' Roland Berger Strategy Consultants ⁽¹⁸⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-rapport ta' Roland Berger”) ikkummissjonat minn Progroup. Ir-rapport fih paragun *ex post* bejn il-post tal-investiment magħżul (Eisenhüttenstadt) u post alternattiv ([...]);
- (c) rapport ta' analiżi minn Deutsche Bank Research dwar Smurfit Kappa mill-2007 ⁽¹⁹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “l-istudju ta' Deutsche Bank”).
- (70) Il-Ġermanja ssottomettiet ukoll kopji tat-talbiet u l-esibiti użati fil-kawża T-304/08.

5.2. DEFINIZZJONI TAS-SUQ

5.2.1. IS-SUQ RILEVANTI GĦALL-MATERJAL IKKORUGAT GĦALL-KONTENITURI – SUQ ĦIELES IMQABBEL MAS-SUQ GLOBALI

- (71) Il-Ġermanja toġġezzjona għad-dikjarazzjonijiet ta' Smurfit Kappa li l-magna ta' PM2 għet ottimizzata għall-produzzjoni ta' piżijiet tal-gramma ta' bejn 70 g/m² u 130 g/m², iżda tista' tiġi kkonvertita għal karta itqal jew eħfef fi kwalunwke stadju, li, minn perspettiva teknika, il-magna ta' PM2 tista' tipproduċi piżijiet tal-gramma li jaslu sa 150 g/m² u li Propapier għandha wkoll interess kummerċjali fil-manifattura ta' piżijiet tal-gramma itqal, peress li l-prezz tas-suq tagħhom qiegħed jiżdied. Il-Ġermanja żżid li l-argumenti ta' Smurfit Kappa jikkontradixxu l-prattika stabbilita ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (l-ispeċifikazzjonijiet applikati minn Smurfit Kappa jxekklu anki l-iżgħar segmentazzjoni tas-suq applikata mill-Kummissjoni għall-fini ta' definizzjoni tas-suq f'każijiet simili).
- (72) Fil-kummenti tagħha, il-Ġermanja tiddikjara wkoll li distinzjoni bejn is-suq ħieles u s-suq globali hija irrilevanti. Is-suq ħieles mhuwiex is-suq tal-prodotti rilevanti; huwa parti mis-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri. Il-Ġermanja targumenta li ma hemm ebda statistika indipendenti fis-suq ħieles u li l-impatt tal-investiment assistit fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ jista' jiġi vvalutat biss fuq il-bażi tas-suq globali.
- (73) Il-Ġermanja targumenta wkoll li d-distinzjoni bejn materjal ikkorugat għall-kontenituri użat f'impriża integrata vertikament u materjal ikkorugat għall-kontenituri fornit lis-suq ħieles tidher li hija distinzjoni artifiċjali u arbitrarja, li l-karta pproċessata f'impriżi integrati vertikament hija kważi kompletament interkambjabbli mal-karta mqiegħda għad-dispożizzjoni tas-suq ħieles (materjal bażi identiku u karatteristiċi tal-prodott simili) u li manifatturi integrati vertikament jinnegozjaw miż-żewġ naħat tas-suq (u dan jirriżulta f'effetti tas-suq fuq il-prezz tal-provvista/domanda fis-suq globali u fil-katina tal-valur miżjud), u dan ifisser li ma hemm ebda suq ħieles indipendenti. Il-materjal ikkorugat għall-kontenituri użat fi grupp u materjal ikkorugat għall-kontenituri fornit lis-suq ħieles huma interdipendenti: manifatturi integrati vertikament ifornu materjal ikkorugat għall-kontenituri anki direttament lil fabriki kompetituri tal-kartun ikkorugat u jixru wkoll materjal ikkorugat għall-kontenituri mingħand fabriki kompetituri oħrajn sabiex jottimizzaw il-produzzjoni u l-loġistika tagħhom. Skont il-Ġermanja, il-kwantitajiet involuti fit-tali tranżazzjonijiet ta' ottimizzazzjoni għandhom jiġu askritti għas-suq ħieles għall-materjal tal-kaxxi mmewġin, jekk fil-fatt issir dik id-distinzjoni.

⁽¹⁷⁾ Economic analysis of investment aid to Progroup, Report for Federal Republic of Germany, 11 ta' Lulju 2013.

⁽¹⁸⁾ Propapier PM2 Investment Grant, Discussion Paper, Roland Berger Strategy Consultants, 15 ta' Lulju 2013.

⁽¹⁹⁾ Deutsche Bank AG Global Markets Research Division, Smurfit Kappa analysis report, 24 ta' April 2007.

- (74) Il-Ġermanja tkompli billi targumenta li hemm suq uniku għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri li jkopri materjal ikkorugat għall-kontenituri minn fibra rriċiklata u ġdida, indipendentement mill-piż tal-gramma tagħha, li testliners u skanalatura rriċiklata, minn naħa, u kraftliners u skanalatura SC, mill-oħra, huma interkambjabbli kemm għall-fornituri kif ukoll għall-klijenti, li kważi kull fabbrika tal-karti għandha l-kapaċità teknika li tuża l-istess magni biex timmanifattura materjal ikkorugat għall-kontenituri kemm minn fibra rriċiklata kif ukoll ġdida u li l-fabbrika ta' Eisenhüttenstadt tkun tista' tuża fibra ġdida wara investiment ta' darba ta' EUR [...] miljun, li mhuwiex aktar minn [...] % mill-investiment globali.
- (75) Targumenta li l-manifatturi jaqilbu l-produzzjoni tagħhom għal piżijiet tal-gramma aktar baxxi jew ogħla b'rabta mal-prezzijiet li jaqgħu għal ċerti piżijiet tal-gramma, li l-ktajjen ta' sostituzzjoni mbagħad iġibu magħhom aġġustamenti fil-prezzijiet u l-kwantitajiet u li, min-naħa tad-domanda, il-klijenti (kumpaniji tal-imballaġġ) jistgħu jibdlu l-piżijiet tal-gramma itqal ma' bosta saffi ta' piżijiet tal-gramma eħfef orħos sabiex jikkumpensaw għad-differenzi sinifikanti fil-prezzijiet bejn il-materjal ikkorugat għall-kontenituri eħfef u dak itqal.
- (76) Tkompli targumenta li, min-naħa tal-provvista, l-inforri u l-iskanalatura huma kompletament interkambjabbli u li l-magni jistgħu jipproduċu t-tnejn li huma u faċilment jistgħu jiġu kkonvertiti.
- (77) Fir-rigward tas-suq ġeografiku rilevanti, il-Ġermanja tispjega li bosta fatturi jindikaw li s-suq jestendi lil hinn miż-ŻEE. Pereżempju, kunsinni kbar ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri huma importati fiż-ŻEE, pereżempju miċ-Ċina, u esportati miż-ŻEE, pereżempju, lejn l-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Asja u t-Turkija (585 000 tunnellata fl-2005). Fl-2007, madwar [...] % tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri mixtri minn Progroup ġie importat minn barra ż-ŻEE ([...] tunnellata minn [...]).
- (78) Finalment, il-Ġermanja tindika li hemm suq rilevanti wieħed biss għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri, li tal-anqas ikopri ż-ŻEE u jinkludi fih il-bejgħ intragrupp, l-inforri, u l-iskanalatura, il-piżijiet kollha tal-gramma u l-materjal ikkorugat għall-kontenituri immanifatturat kemm minn fibra rriċiklata kif ukoll ġdida. Skont il-Ġermanja, din il-konklużjoni hija sostnuta mir-rabta mill-qrib bejn il-prezzijiet għat-testliners tal-piżijiet tal-gramma kollha u l-prezzijiet għat-testliners u l-kraftliners (anki wara li jitqiesu l-kostijiet tal-input għall-materja prima użata)⁽²⁰⁾.

5.2.2. IS-SUQ RILEVANTI GĦALL-KARTUN IKKORRUGAT

- (79) Il-Ġermanja taqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fid-deċizzjoni ta' ftuħ tagħha li l-kartun ikkorugat jirrappreżenta suq tal-prodotti rilevanti separat (kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda).
- (80) Fil-kummenti tagħha l-Ġermanja tiddikjara li s-suq ġeografiku rilevanti għall-kartun ikkorugat ikopri ż-ŻEE (kif stipulat fil-punt 70 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali), li ma hemm ebda ostakolu għall-kummerċ, ebda differenza teknika u ebda preferenza nazzjonali, li l-kartun ikkorugat huwa prodott bi standards uniformi u li l-prezzijiet medji fiż-ŻEE huma bejn wieħed u ieħor l-istess. Il-Ġermanja tiddikjara li l-akbar impjant ta' Progroup (Burg) jibgħat aktar minn [...] % mill-produzzjoni tal-kartun ikkorugat tiegħu (skont il-volum) tal-anqas 400 km 'il bogħod, aktar minn [...] % tal-anqas 500 km 'il bogħod u madwar [...] % bejn 700 u 1 100 km 'il bogħod. Il-Ġermanja tiddikjara li, jekk jitqiesu l-impjanti kollha ta' Progroup f'daqqa, fl-2007 Progroup forna tal-anqas [...] % mill-produzzjoni tiegħu lil klijenti li jinsabu tal-anqas 400 km 'il bogħod, u ġeneralment jaqşam tal-anqas fruntiera nazzjonali waħda, li ħafna miż-żoni tal-kunsinna ta' Progroup jidħlu ġo xulxin u jkopru sehem kbir miż-ŻEE u li l-kunsinni ta' bejn [...] % u [...] % tal-kunsinni tal-kartun ikkorugat mill-impjanti ta' Progroup jaqsmu tal-anqas fruntiera waħda, u dan ifisser li definizzjoni tas-swieq ġeografiki rilevanti bbażata fuq l-impjanti tirriżulta fi swieq internazzjonali.
- (81) Tiddikjara li l-prezzijiet medji għall-kartun ikkorugat fil-pajjiżi ŻEE forniti jkun iwarja b'anqas minn 10 % u li din id-differenza għandha titqies bħala waħda żgħira, peress li l-prezzijiet għal tipi individwali ta' kartun ikkorugat jistgħu jvarjaw sa 20 % mill-medja fil-Ġermanja.
- (82) Tiddikjara li l-kostijiet tat-trasport imġarrbin fil-Progroup sħiħ għal kunsinni tal-kartun ikkorugat ittrasportat tal-anqas 600 km huma anqas minn [...] % mill-fatturat totali. Madankollu, dak il-perċentwal jiddependi b'mod sinifikanti fuq it-tip ta' kwalità.

⁽²⁰⁾ Rapport ECA, p. 19.

- (83) Il-Ġermanja tiddikjara li, minħabba s-sovrappożizzjonijiet fis-swieq lokali, effett tal-katina ta' sostituzzjoni japplika u jaffettwa l-prezzijiet u l-kundizzjonijiet f'żona li hija ferm akbar miż-żona tal-qbid tal-bejgħ ta' impjant wieħed u li, jekk fabbrika waħda twaqqa' l-prezzijiet tagħha, iż-żona tal-provvista tinxtered fiż-żona tal-eqreb kompetituri, li jirreaġixxu għat-tnaqqis fid-domanda għall-produtt tagħhom u l-użu tal-kapaċità tagħhom li jonqos b'politika tal-prezzijiet aktar aggressiva, li mbagħad taffettwa żoni mhux affettwati mill-espansjoni oriġinali taż-żona tal-provvista. Aktar ma jkunu kbar is-sovrappożizzjonijiet bejn iż-żoni tal-provvista, aktar ikunu qawwijin l-effetti tal-prezz. Hemm sovrappożizzjonijiet ferm qawwijin fis-suq tal-kartun ikkorrugat.
- (84) Għalhekk, il-Ġermanja targumenta li ma hemmx bżonn li jiġi kkunsidrat suq iċken (meta mqabbel mas-suq ikkunsidrat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha), li jinkludi biss il-pajjiżi ewlenin forniti minn Propapier PM2.

5.2.3. SEHEM MIS-SUQ

- (85) Il-Ġermanja tiddikjara li, fuq il-bażi tad-definizzjonijiet tas-suq proposti mill-Ġermanja, is-sehem mis-swieq rilevanti ta' Progroup kien ferm anqas minn 25 % kemm qabel kif ukoll wara l-investment. Il-Ġermanja tissottometti l-istess deġta dwar is-sehem mis-suq (għal materjal ikkorugat għall-kontenituriu kartun ikkorugat) bħal fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-Kummissjoni u tissottometti figuri addizzjonali għal materjal ikkorugat għall-kontenituriu fuq il-bażi tal-assunzjoni li s-suq ġeografiku rilevanti jkopri ż-ŻEE u l-pajjiżi tal-viċinat. Dawn il-figuri addizzjonali juru l-ishma mis-suq għall-2011, li huma fit anqas mill-ishma kkwotati fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-Kummissjoni.

5.3. KALKOLU TAŻ-ŻIEDA TAL-KAPAĊITÀ

- (86) Il-Ġermanja tiċħad il-figuri tal-kapaċità adottati minn Smurfit Kappa, li huma bbażati fuq kapaċità maħluqa ta' 650 000 jew saħanistra 750 000 tunnellata fis-sena. Il-Ġermanja tispjega li l-figura ta' 650 000 tunnellata kull sena kkwotata minn Smurfit Kappa b'rabta mal-kapaċità ta' Propapier tirrifletti l-kapaċità teknika massima possibbli u mhux il-kapaċità ta' produzzjoni propja ta' Propapier PM2, li hija anqas peress li l-magna tal-karti użata minn Propapier PM2 aktarx ser tintuża l-aktar biex tipproduċi materjal ikkorugat għall-kontenituri ta' piż tal-gramma eħfef (u, peress li l-manifattura tagħha hija aktar ikkumplikata, fi kwantitajiet iżgħar). Il-Ġermanja tiddikjara li, fl-2012, Propapier PM2 ipproduċi madwar [$< 615\,000$] tunnellata.
- (87) Il-Ġermanja żżid li, anki jekk wieħed jassumi produzzjoni ta' 650 000 tunnellata fis-sena, iż-żieda tal-kapaċità fis-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri ma taqbiżx il-5 %. Il-Ġermanja tkompli tispjega li l-kapaċità ta' 750 000 tunnellata fis-sena kkwotata minn Smurfit Kappa hija l-kapaċità teorika użata sabiex tinkiseb liċenzja skont l-Att Federali tal-Ġermanja dwar il-Kontroll tal-Emissjonijiet.
- (88) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-kapaċità globali ta' 615 000 tunnellata fis-sena għandha tiġi injorata sabiex tiġi kkalkolata ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles peress li, minn dik il-kapaċità totali, [$> 365\,000$] tunnellata fis-sena jintużaw internament u [$< 250\,000$] tunnellata biss fis-sena jinbiegħu fis-suq ħieles. Il-Ġermanja tiddikjara li l-Kummissjoni kkalkolat kif suppost iż-żieda tal-kapaċità bħala proporzjon tas-suq globali fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha ⁽²¹⁾ u li d-determinazzjoni taż-żieda tal-kapaċità b'rabta mad-daqs tas-suq ħieles mhijiex adattata.
- (89) Il-Ġermanja tqis li l-figuri dwar il-kapaċità kkwotati minn Smurfit Kappa huma żbaljati, speċjalment il-figura ta' 285 000 tunnellata ta' materjal irriċiklat ikkorugat għall-kontenituri prodott minn Propapier fl-2010 bħala produzzjoni żejda għall-bejgħ fis-suq ħieles. Il-Ġermanja tiddikjara li dawn il-figuri huma bbażati fuq sors mhux magħruf.
- (90) Il-Ġermanja tirrifjuta l-metodu propost mill-ilmentatur sabiex tiġi kkalkolata ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles, li jqis l-"effett tal-qlib". Il-Ġermanja targumenta li ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles u fis-suq globali tibqa' l-istess ikun xi jkun is-sehem li Propapier fil-fatt tbigħ fis-suq ħieles; b'hekk, iż-żieda tal-kapaċità kkalkolata għas-suq ħieles ma tinbidilx lanqas jekk Propapier ma tkun forniet ebda materjal ikkorugat għall-kontenituri affattu fis-suq ħieles u tuża l-produzzjoni kollha l-għida internament. Il-Ġermanja spjegat li l-kapaċità ta' Propapier PM2 użata internament ma żżidix il-provvista lejn is-suq ħieles; id-domanda li trid tiġi ssodisfata sempliċiment tonqos. Għaldaqstant, il-Ġermanja tinsisti li, meta tiġi kkalkolata ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles, in-numeratur għandu jinkludi biss il- $< 250\,000$

⁽²¹⁾ Il-Kummissjoni applikat l-istess metodu fil-kawżi N 203/08 LIP – DE – Għajnuna lill-fabbrika tal-karti ta' Hamburger Spremberg GmbH & Co KG u SA.32063 (2011/NN) Polonja – LIP – Mondy Świecie.

tunnellata fis-sena għall-bejgħ fis-suq ħieles u d-domanda spostata ta' 240 000 tunnellata fis-sena għandha tiġi kkunsidrata fid-denominatur, sabiex jonqos il-volum globali tas-suq ħieles.

- (91) Il-Ġermanja tiddikjara li figura ta' [$< 250\,000$] tunnellata fis-sena mibjugħa esternament hija figura realistika u kienet aċċettata mill-Kummissjoni meta adottat id-deċiżjoni oriġinali u fid-deċiżjoni ta' ftuħ, u huwa wieħed jassum li l-impjant il-ġdid tal-kartun ikkorugat ta' Progroup ser juża madwar [100 000-200 000] tunnellata materjal ikkorugat għall-kontenituri fis-sena u li Progroup qiegħed jippjana li jiftaħ aktar impjanti fil-Lvant tal-Ewropa, li ser ikunu jeħtieġu sehem mill-produzzjoni ta' Propapier PM2 għal użu intern ukoll.

5.4. TKABBIR TAS-SUQ U KAPAĊITÀ ŻEJDA

- (92) Il-konformità mal-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali hija vverifikata bit-tqabbil tar-rata medja ta' tkabbir fis-sena fil-konsum apparenti tal-prodott ikkonċernat matul l-aħħar ħames snin mar-rata medja ta' tkabbir fis-sena tal-prodott domestiku gross fiż-ŻEE.
- (93) Il-Ġermanja ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha li, tul il-perjodu rilevanti (2001 sal-2006), is-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri f'termini tal-volum u r-rata tat-tkabbir raeli tal-PDG taż-ŻEE żdiedu (rata tat-tkabbir ta' 2,15 % għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri meta mqabbla mar-rata ta' tkabbir ta' 1,97 % għall-PDG), filwaqt li s-suq ċkien f'termini tal-valur (rata tat-tkabbir nominali ta' 0,02 % għas-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri, meta mqabbla ma' rata tat-tkabbir nominali ta' 3,98 % għall-PDG taż-ŻEE).
- (94) Il-Ġermanja tiddikjara li t-tkabbir tas-suq f'termini tal-volum biss jirrifletti ż-żieda propja fid-domanda f'dan is-suq. Il-Ġermanja tassumi li kapaċità addizzjonali f'suq li fih id-domanda tikber aktar mill-PDG malajr tista' tiġi assorbita u, għalhekk, f'tit li xejn tħalli effett fuq il-kompetizzjoni.
- (95) Il-Ġermanja tiddikjara wkoll li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessi 106 *et seq.* tad-deċiżjoni ta' ftuħ, li l-PDG qiegħed jikber b'rata aktar mgħaġġla mis-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri, tagħti stampa żbaljata, peress li tqabbel it-tkabbir tas-suq f'termini tal-valur mat-tkabbir tal-PDG f'termini tal-prezzijiet propji, jiġifieri b'dejta mhux ikkoreġuta għall-inflazzjoni. Il-Ġermanja hija tal-fehma li d-dejta fuq il-valur tirrifletti fatturi li jħallu impatt fuq l-ipprezzar, iżda li m'għandhom xejn x'jaqsmu mad-domanda propja (pereżempju, żieda fil-kostijiet tal-input tiġġenera tkabbir, anki jekk id-domanda propja tibqa' kif inhi) u li n-nota f'qiegħ il-paġna 62 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, li tiddikjara li l-konsum apparenti jrid jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-"produzzjoni", tissuġġerixxi li l-kalkoli għall-fini ta' verifika skont il-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali għandhom isiru fuq il-bażi tal-kwantità prodotta bħala riżultat tal-proġett ta' investiment (fuq il-bażi tal-volum).
- (96) Il-Ġermanja tirreferi għall-istudju ta' Deutsche Bank mill-2007, li b'rabta mal-kapaċità tal-impjant ippjanat ta' Propapier PM2 jispjega li l-kapaċitàjiet il-ġodda mhumiex theddida; ifissru li hemm bżonn li tintlaħaq id-domanda ⁽²²⁾. Il-Ġermanja tieħu l-pożizzjoni li dikjarazzjoni ċara bħal din magħmula minn esperti fl-industrija fl-2007 isserraħ l-irjus biżżejjed rigward il-kapaċità strutturali żejda.
- (97) Il-Ġermanja tiddikjara li l-kapaċità dekkummissjonata fis-settur tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri li għalih jirreferi Smurfit Kappa kienet makkinarju qadim u ineffiċjenti u li d-dekkummissjonar ma kienx xprunat minn sforzi sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanċ fis-suq bejn il-provvista u d-domanda. Ir-raġunijiet għad-dekkummissjonar kienu jinkludu 1) it-tendenza dejjem aktar spissa fost il-klijenti li jmorru għal materjal eħfef ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri li ma jstax jiġi mmanifatturat b'magni qodma; 2) l-ekonomiji ta' skala iżgħar bil-magni l-qodma minħabba l-kapaċitàjiet ta' produzzjoni iżgħar tagħhom u 3) standardizzazzjoni dejjem akbar tal-wisgħa tal-prodott tal-makkinarju tal-kartun ikkorugat għal 2,5/2,8 m, li rriżultat f'sehem kbir ta' fdalijiet fil-prodotti ta' magni mhux standardizzati li bihom il-materjal ikkorugat għall-kontenituri ikun fornit b'wisgħa differenti ⁽²³⁾. Tiddikjara wkoll li Smurfit Kappa kien għalaq impjanti minn jeddu, filwaqt li fl-istess ħin investa f'kapaċitàjiet ġodda fiż-ŻEE. Tirreferi

⁽²²⁾ Studju ta' Deutsche Bank, p. 21.

⁽²³⁾ Rapport ECA, p. 9.

għall-istudju ta' Deutsche Bank, li kkwantifika l-konsolidazzjoni ta' Smurfit Kappa (wara l-fużjoni mal-Jefferson Smurfit Group fl-2005) bħala tentattiv sabiex itejjeb il-kwalità tal-portafoll tal-assi tiegħu ⁽²⁴⁾. Il-Ġermanja żżid li Smurfit Kappa mhux biss ma naqqasx, talli żied il-kapaċità netta tiegħu ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri fiż-ŻEE fi 8 mill-10 snin qabel l-2007 u matul il-perjodu kollu ⁽²⁵⁾.

- (98) Mill-istudju ta' Deutsche Bank kien jidher ċar ukoll li kien hemm bżonn ta' tliet żidiet ipplanati magħrufin tal-kapaċità fl-Ewropa fl-2007 (Progroup, Mondy u SAICA) sabiex tiġi ssodisfata d-domanda antiċipata bejn l-2009 u l-2012 u dak l-użu tal-kapaċità ser jibqa' għoli minkejja dawk iż-żidiet. Il-Ġermanja tosserva li l-istudju ta' Deutsche Bank u d-dejta minn Pöyry għall-perjodu bejn l-2006 u l-2008 jikkwotaw rati ta' użu tal-kapaċità ta' aktar minn 90 %. L-istudju jikkwota wkoll it-tkabbir fil-PDG bħala l-fattur ewlieni tad-domanda fl-industrija tal-kartun immewweġ u l-materjal tal-kaxxi mmewġin u josserva li r-rata tat-tkabbir stmata tal-PDG ta' 2,2 % (2007) u 2 % (2008) issostni s-CAGR li assumu għad-domanda ⁽²⁶⁾ ta' 2,9 % għall-perjodu bejn l-2006 u l-2009. Id-dejta dwar il-volum minn Pöyry, kif aċċettata fl-2007, tindika tkabbir annwali ta' 1,5 % għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri bejn l-2005 u l-2015 fl-Ewropa tal-Punent u 6,2 % bejn l-2005 u l-2010 fl-Ewropa tal-Lvant, li jonqos għal 3,8 % għall-perjodu bejn l-2010 u l-2015. Fil-fehma tal-Ġermanja, perjodi bi tnaqqis fil-prezzijiet, perjodi twal għal espansjoni tal-kapaċità u domanda li tvarja huma normali f'dawn is-setturi ċikliċi u ma għandhomx jitqiesu bħala indikaturi tal-kapaċità strutturali żejda.
- (99) Finalment, il-Ġermanja tosserva li l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni meta għet adottata d-deċiżjoni annullata kienet tindika li s-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri kien qiegħed jikber meta ttieħdet id-deċiżjoni ta' investiment u kien ser jibqa' jikber wara l-2007 u li ma kien hemm xejn li jissuġġerixxi li hemm xi żbilanċ fis-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri.

5.5. EFFETT TA' INĊENTIV

- (100) Il-Ġermanja hija tal-fehma li ma hemmx bżonn li jiġi vverifikat fid-dettall jekk l-ghajjnuna kellhiex effett ta' inċentiv, peress li s-sehem mis-suq u l-limiti tal-kapaċità stabbiliti fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Regionali ma nqabżux fuq il-bażi tal-figuri tal-Ġermanja. Il-Ġermanja tindika li dan l-effett ta' inċentiv fiż-żmien li għet adottata d-deċiżjoni annullata kien ivverifikat biss fuq il-bażi ta' kriterji formali u li dawk il-kriterji formali kollha kienu ssodisfati. B'hekk, dak iż-żmien ma kienx hemm bżonn li jiġi sottomess pjan sħiħ ta' direzzjoni tan-negozju sabiex jintwera li l-ghajjnuna fil-fatt kienet fattur materjali fid-deċiżjoni li jiġi implimentat l-investiment f'żona assistita, u din hija r-raġuni għaliex Progroup ma ħejja ebda pjan iddettaljat bħal dan dak iż-żmien. Madankollu, il-Ġermanja tindika li l-president tal-bord u s-sid ta' Progroup ikkonferma li l-ghajjnuna lil Progroup kienet fattur materjali fl-għażla ta' Eisenhüttenstadt bħala s-sit għall-proġett ta' investiment ta' Propapier PM2 u li, mingħajrha, [...] kienet tingħażel bħala s-sit tal-investiment. Għalhekk, Progroup ikkummissjona lil Roland Berger Strategy Consultants biex iqabblu l-fatturi ekonomiċi ta' sit f[...] mal-fatturi ekonomiċi tas-sit f'Eisenhüttenstadt.
- (101) Ir-rapport ta' Roland Berger mill-2013 josserva li l-iskop tal-investiment kien li jtejjeb il-[...] ta' Progroup, li [...] tqies l-aħjar sit minħabba [...] u li vantaġġi oħrajn tas-sit ta' [...] kienu: [...] irħas, [...] irħas u anqas [...] u [...] ⁽²⁷⁾. Skont ir-rapport, id-deċiżjoni li tingħażel Eisenhüttenstadt minflok [...] irriżultat f'kostijiet annwali addizzjonali ta' bejn EUR [...] miljun u EUR [...] miljun u l-kostijiet addizzjonali skontati ser jilhq u bejn EUR [...] miljun u EUR [...] miljun. Uħud minn dawn l-ispejjeż addizzjonali ġew ikkumpensati mill-ghajjnuna u l-[...] antiċipati. Eisenhüttenstadt offriet ukoll potenzjal ta' espansjoni fil-ġejjieni (anqas kostijiet tal-art, provvista ggarantita ta' ilma ħelu, provvista ta' fwar mill-impjant ipplanat tal-enerġija).
- (102) Il-Ġermanja ddikjarat li, jekk l-istrateġija globali ta' [...] irnaxxiet, l-ghajjnuna għall-investiment kienet biżżejjed biex tkopri l-iżvantaġġi ta' sit fir-reġjun żvantaġġat ta' Brandenburg-Nordost. Skont il-Ġermanja, Progroup ħa d-deċiżjoni kummerċjali li jinvesti f'Eisenhüttenstadt fuq dik il-bażi u b'hekk l-ghajjnuna għall-investiment mogħtija tat lil Progroup l-inċentiv meħtieġ biex jagħżel lil Eisenhüttenstadt bħala s-sit għal Propapier PM2 minflok [...].

⁽²⁴⁾ Studju ta' Deutsche Bank, p. 12.

⁽²⁵⁾ Rapport ECA, p. 10.

⁽²⁶⁾ CAGR (rata medja komposta tat-tkabbir fis-sena).

⁽²⁷⁾ Id-differenzjali tal-paga dovuta għal taħriġ u kostijiet oħrajn, eż. sussidji tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-kiri, fuq il-bażi ta' paragon bejn is-siti eżistenti ta' Prowell fi [...].

5.6. KONTRIBUZZJONI GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

- (103) Il-Ġermanja tispjega li l-proġett ta' investiment ta' Propapier PM2 jagħmel parti minn strateġija industrijali sabiex tiġi appoġġjata l-industrija tal-karta fl-istat federali ta' Brandenburg u li l-industrija tal-karta hija waħda mill-industriji identifikati fil-ftehim ta' koalizzjoni għar-raba' perjodu leġiżlattiv (2004-2009) fl-istat federali ta' Brandenburg ⁽²⁸⁾.
- (104) Dokument ta' Pöyry mill-2007 ikkummissjonat mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi ta' Brandenburg ⁽²⁹⁾ fih informazzjoni li, meta ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, tbassar li l-industrija tal-karta kienet tinsab f'fażi ta' tkabbir u li, għalkemm ma kien ġie identifikat ebda pjan speċifiku għid ta' investiment għall-industrija tal-karta (minbarra Propapier PM2), żgur li kien hemm potenzjal għal żidiet tal-kapaċità, diversifikazzjoni jew prodotti addizzjonali fl-impriżi stabbiliti.
- (105) Il-Ġermanja tindika li l-investiment sar f'reġjun ferm żvantaġġat, fejn il-PDG per capita kien 76,3 % tal-medja tal-UE-27 fl-2004 u r-rata tal-qgħad kienet ta' 19,8 % fl-2005 (220 % tal-medja tal-UE-27 u 178 % tal-medja tal-Ġermanja). Eisenhüttenstadt tagħmel parti miċ-ċentru tat-tkabbir reġjonali ta' Frankfurt (Oder)/Eisenhüttenstadt, li rrapporta tnaqqis ta' 15 % fl-għadd ta' impjegati li jistgħu jirċievu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (7 573 ħaddiem) fl-2006 meta mqabblin mal-1998.
- (106) Il-Ġermanja tiddikjara li tistenna li l-proġett ta' Propapier jikkontribwixxi b'mod importanti f'termini ta' diversifikazzjoni tal-istruttura ekonomika monolitika tar-reġjun, li jiddependi ħafna mill-industrija tal-azzar, li hija esposta għal sforzi ta' razzjonalizzazzjoni (Arcelor). Il-Ġermanja tirreferi għall-mijiet ta' impjegi li ntilfu fl-industrija tal-azzar f'Eisenhüttenstadt mill-2003.
- (107) Il-Ġermanja tirreferi wkoll għall-vantaġġi potenzjali tal-proġett ta' investiment ta' Propapier PM2 f'termini ta' estensjoni tal-katina tal-valur miżjud (eż. investimenti f'fabbriki tal-kartun ikkorrugat u fl-industrija tal-imballaġġ).
- (108) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-ħolqien ta' 150 impjieg dirett ta' kwalità (li 82 % minnhom kienu stabbiliti fir-reġjun fl-2012) u ta' madwar 450 impjieg indirett ser jikkontribwixxi b'mod importanti għat-tkabbir fir-reġjun tasew żvantaġġat ta' Brandenburg. Il-Ġermanja tirreferi wkoll għall-attivitajiet ta' taħriġ estensivi ⁽³⁰⁾ għall-ħaddiema lokali u l-kooperazzjoni mal-Università tat-Teknoloġija ta' Brandenburg f'Cottbus. L-attivitajiet ta' taħriġ itejbu l-livell tal-kwalifiki tal-ħaddiema b'mod ġenerali f'reġjun milqut minn nuqqas ta' persunal ikkwalifikat teknikament, xi ħaġa li tista' tiġbed aktar investituri. Il-Ġermanja żżid li l-ħtieġa ta' ħaddiema tas-sengħa inkoraġġit ukoll lill-istituzzjonijiet edukattivi fir-reġjun sabiex joffru korsijiet ta' taħriġ speċifiku.
- (109) Il-Ġermanja tosserva li l-magna ta' Propapier PM2 hija ferm innovattiva u kienet l-ewwel magna fid-dinja li kapaċi timmanifattura materjal ferm ħafif tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri. Għaldaqstant, ir-reġjun ta' Eisenhüttenstadt kiseb reputazzjoni ta' kompetenza fl-industrija.
- (110) Il-Ġermanja tiċħad is-sottomissjonijiet minn Smurfit Kappa u tispjega li l-bini tal-fabbrika tal-karti ta' Propapier PM2 ma ġegħillhiex tnaqqas il-forza tax-xogħol tagħha. Il-Ġermanja tikkonferma wkoll li l-magna tal-karti kienet immuntata f'Eisenhüttenstadt u li f'tit partijiet biss kienu mmanifatturati barra l-Ġermanja.
- (111) Il-Ġermanja tirreferi wkoll għall-importanza fit-tul tal-investiment f'termini tal-kisba ta' tkabbir sostenibbli fir-reġjun. Skont il-Ġermanja, l-impenn ta' Progroup sa mill-istadji inizjali ta' ppjanar tqis bħala proġett fit-tul fil-kuntest ta' integrazzjoni vertikali u implimentazzjoni tal-istrateġija għall-Ewropa tal-Lvant, u dan ifisser li l-investiment ta' Propapier PM2 ser jigarantixxi effetti pożittivi dejjiema wkoll.
- (112) Il-Ġermanja żżid li l-investiment ta' Propapier PM2 ser jgħin ukoll sabiex iżid l-istandard tal-għajxien fir-reġjun, li l-pagi mħallsin minn Propapier fi Brandenburg għandhom it-tendenza li jkunu ogħla mill-pagi u s-salarji gross medji fi Brandenburg (EUR 22 932 fl-2008) u li dan jgħin sabiex jiżied il-PDG per capita u b'hekk jistimola t-tkabbir fir-

⁽²⁸⁾ Assoċjazzjoni Reġjonali ta' Brandenburg SPD u Assoċjazzjoni Reġjonali ta' Brandenburg CDU, Ftehim ta' kooperazzjoni f'koalizzjoni tal-gvern għar-raba' perjodu leġiżlattiv tal-Landtag ta' Brandenburg (2004-2009), Potsdam, Ottubru 2004.

⁽²⁹⁾ Pöyry, Karta tal-Istrateġija Industrijali ta' Brandenburg (Sommarju) ikkummissjonata mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi ta' Brandenburg, Novembru 2007.

⁽³⁰⁾ Pereżempju, seminars u apprendistati fil-Ġermanja u barra l-pajjiż, taħriġ tekniku fl-idrawlika u l-pneumatika, taħriġ speċifiku għal operaturi tal-magni ta' Propapier PM2.

reġjun. Il-Ġermanja tkompli tosserva li l-fatturat antiċipat mill-investment ta' Propapier u l-impjegji maħluqin ser iżid id-dħul mit-taxxi fir-reġjun, li jista' jintuża għal investimenti pubbliċi oħrajn sabiex jissaħħaħ it-tkabbir soċjoekonomiku fir-reġjun.

5.7. EFFETTI NEGATTIVI

- (113) Il-Ġermanja tindika li l-ghajjnuna ma rriżultatx f'kapaċità żejda fl-industrija u li, wara li ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, il-Kummissjoni kienet approvat miżuri oħrajn ta' ghajjnuna mill-Istat fl-industrija tal-karti ⁽³¹⁾, li għalihom bilfors li qieset il-kapaċità maħluqa mill-investment ta' Propapier sabiex tivvaluta ż-żieda tal-kapaċità fis-suq rilevanti. Il-Ġermanja tiddikjara li l-Kummissjoni ma kinitx tapprova dawk il-miżuri li kieku l-industrija kienet qiegħda tbat i minn kapaċità żejda sinifikanti.
- (114) Il-Ġermanja targumenta li l-impjant il-ġdid kien jinbena anki mingħajr ghajjnuna mill-Istat, iżda f'post differenti. Peress li l-kapaċità disponibbli fis-suq rilevanti (ŻEE) mhux ser jinbidel għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri, il-Ġermanja tassumi li l-ghajjnuna ma jistax ikollha impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u li, għalhekk, l-ghajjnuna ma tistax titqies bħala l-kawża għas-sensji mill-kompetituri f'postijiet oħrajn, kif iddikjarat minn Smurfit Kappa, u għandha titqies bħala l-kawża tal-ħolqien ta' impjegji ġodda fi Brandenburg.
- (115) Il-Ġermanja żżid li s-suq Ewropew tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri huwa ddominat minn kompetitur wieħed (Smurfit Kappa) u bosta fornituri iżgħar, inkluż Progroup, u li Smurfit Kappa, li huwa l-akbar operatur tas-suq bil-bosta, jopera fuq il-bażi ta' politika kummerċjali aggressiva msejsa fuq espansjoni enormi bl-akkwiżizzjoni ta' diversi kompetituri. Min-naħa l-oħra, Progroup, huwa operatur tas-suq żgħir imsejjes fuq tkabbir organiku, u mhux ix-xiri tal-kompetituri. B'konsegwenza ta' dan, peress li l-prodotti tal-impjant ta' Propapier PM2 jikkompetu direttament mal-prodotti forniti minn Smurfit Kappa, il-Ġermanja tqis li l-investment ta' Propapier PM2 ser jgħin biex tonqos il-pożizzjoni sovrastanti ta' dan l-operatur tas-suq dominanti u b'hekk iżid il-kompetizzjoni fis-suq tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri iġenerali.

6. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI SKONT IL-LIĠI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

6.1. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 107(1) TFUE

- (116) Il-Ġermanja tat l-ghajjnuna finanzjarja għall-miżura fil-forma ta' għotja ta' investment imħallsa bir-riżorsi tal-Istat. Għalhekk, l-appoġġ jista' jitqies bħala ghajjnuna mill-Istat mogħtija bir-riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 (1) TFUE.
- (117) Peress li l-ghajjnuna għenet biss lil impriża waħda (Propapier), din hija miżura selettiva.
- (118) L-appoġġ finanzjarju ħeles lil Propapier minn kostijiet li l-impriża normalment kien ikollha ġġarrab hija stess u b'hekk taha vantaġġ ekonomiku fuq il-kompetituri tagħha.
- (119) L-appoġġ finanzjarju mill-Ġermanja kien jikkonċerna investment li jħaffef il-manifattura ta' diversi tipi ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri. Peress li dawn il-prodotti huma nnegożjati bejn l-Istati Membri, l-ghajjnuna tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u tfixkel il-kompetizzjoni.
- (120) Konsegwentement, f'din il-valutazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li **l-miżura** tikkostitwixxi **ghajjnuna mill-Istat** lil Propapier skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

6.2. LEGALITÀ TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA

- (121) L-Artikolu 108(3) TFUE jeħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw il-miżuri ta' ghajjnuna kollha minn qabel, sakemm ma jkunux koperti minn eżenzjoni ta' kategorija. Għalkemm l-ghajjnuna nġhatat taħt ghajjnuna eżenti nru XR 6/2007 (ara l-paragrafi 35 u 36), din ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament rilevanti ta' eżenzjoni ta' kategorija (f'dan il-każ ir-Regolament (KE) Nru 1628/2006 ⁽³²⁾), peress li taqbeż il-limitu ta' notifika individwali (f'dan il-każ EUR 22.5 miljun).

⁽³¹⁾ Kawżi N 203/08 LIP – DE – Ghajjnuna lill-fabbrika tal-karti ta' Hamburger Spremberg GmbH & Co KG, N 865/2006 LIP – DE – Ghajjnuna lill-kumpanija tal-proġetti Projektgesellschaft Papierfabrik Adolf Jass Schwarza GmbH u SA.32063 (2011/NN) Il-Polonja – LIP – Mondi Świecie.

⁽³²⁾ Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ghajjnuna għall-investment reġjonali, ara n-nota fqiegħ il-paġna 9.

- (122) Il-Ġermanja nnotifikat il-miżura ta' għajjnuna fl-2007, u b'hekk ikkonformat mal-obbligu ta' notifika individwali skont l-Artikolu 7(e) tar-Regolament (KE) Nru 1628/2006. Peress li d-deċiżjoni oriġinali tal-Kummissjoni għet annullata u l-għajjnuna kienet ingħatat qabel ma l-Qorti qatgħet is-sentenza dwar it-talba għal annullament ippreżentata minn Smurfit Kappa, l-għajjnuna trid titqies illegali.
- (123) Peress li l-għajjnuna pjanata taqbeż il-limitu ta' notifika individwali fl-Artikolu 7(e) tar-Regolament (KE) Nru 1628/2006, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-miżura fuq il-bażi tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali.

6.3. SKADENZA MATERJALI GĦALL-FINIJIET TA' VALUTAZZJONI U L-PROĊEDURA APPLIKABBLI

- (124) Kif spjegat il-Kummissjoni fil-paragrafi 47 sa 50 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, trid tibbaża l-valutazzjoni provviżorja ripetuta tagħha tal-miżura ta' għajjnuna b'mod fundamentali fuq il-fatti li kienu japplikaw meta għet adottata d-deċiżjoni annullata sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża T-304/08. Peress li l-Kummissjoni hija meħtieġa tadotta deċiżjoni ġdida mhux ivvizzjata min-nuqqas ta' raġunijiet identifikati mill-Qorti fis-sentenza msemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tista' tqis biss il-fatti, ir-rapporti u dejta oħra disponibbli għaliha meta adottat id-deċiżjoni oriġinali tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajjnuna ⁽³³⁾.
- (125) F'dan il-każ, il-proġett ta' investiment tnaqqaslu l-kamp ta' applikazzjoni wara li għet adottata d-deċiżjoni annullata fit-2 ta' April 2008 u b'hekk, anki l-ispejjeż eliġibbli naqsu u l-għajjnuna mogħtija naqset ukoll. Anki jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar il-miżura ta' għajjnuna fil-fatt implimentata, filwaqt li tqis il-fatt li kemm l-ispejjeż eliġibbli kif ukoll l-għajjnuna mogħtija lil Propapier mill-Ġermanja kienu anqas minn dawk stmati fil-bidu, il-Kummissjoni trid tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni disponibbli meta kienet għet adottata d-deċiżjoni annullata u r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Unjoni li kienu applikabbli dak iż-żmien. Fil-każ ta' għajjnuna reġjonali għal proġetti ta' investiment kbar, il-Kummissjoni normalment ikollha tadotta deċiżjoni msejsa fuq previżjonijiet u dejta tas-suq stmata qabel ma l-investiment fil-fatt jiġi implimentat. L-intensitajiet tal-għajjnuna approvati mhumiex aġġustati aktar tard, anki jekk bosta snin wara jidher li s-suq ikun żviluppa b'mod differenti minn dak li kien mistenni meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha.
- (126) Il-proċedura biex tiġi adottata deċiżjoni ġdida tista' titkompla fil-waqt preċiż li fih seħħet l-illegalità ⁽³⁴⁾. B'rabta mar-regoli dwar l-għajjnuna l-Qorti ddikjarat li, jekk l-investigazzjoni tal-Kummissjoni b'rabta ma' deċiżjoni ta' qabel kienet inkompluta u rriżultat fl-annullament ta' dik id-deċiżjoni, il-proċedura sabiex tiġi sostitwita dik id-deċiżjoni tista' titkompla f'dak il-waqt billi tiġi ripetuta l-analiżi diġà mwettqa ⁽³⁵⁾.

6.4. KOMPATIBILITÀ MAD-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI TAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJJNUNA REĠJONALI

- (127) Meta d-deċiżjoni annullata għet adottata fl-2008, ir-reġjun ta' Brandenburg-Nordost ikkwalifika għall-għajjnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE.
- (128) L-għajjnuna nnotifikata kellha tingħata għal investiment inizjali skont it-tifsira tas-Sezzjoni 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali u l-ispejjeż eliġibbli kienu jinkludu l-kostijiet għall-binjiet u l-impjant tal-produzzjoni (ara l-paragrafu 30), b'konformità mas-Sezzjoni 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali. Il-Ġermanja kkonfermat li l-assi intanġibbli ser jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-punt 56 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali (ara l-paragrafu 30).
- (129) Il-kontribuzzjoni mhux tal-għajjnuna għall-ispejjeż eliġibbli mill-benefiċjarju tal-għajjnuna hija ogħla mil-limitu ta' 25 % meħtieġ skont is-Sezzjoni 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali (ara l-paragrafu 34).
- (130) Inżammet konformità mad-dispożizzjonijiet formali dwar l-effett ta' inċentiv fil-punt 38 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali: fir-rigward tal-għotja diretta oriġinarjament ippjanata, il-benefiċjarju tal-għajjnuna applika għaliha fil-15 ta' Mejju 2007 u l-Ġermanja kkonfermat bil-miktub fl-24 ta' Mejju 2007 (qabel ma l-proġett beda

⁽³³⁾ Ara l-kawżi C 28/2005 Glunz AG; C 54/1996 Alitalia (Deċiżjoni tal-Kummissjoni (ĠU L 271, 12.10.2001, p. 28)), SA.23839 (C 44/2007) FagorBrandt (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/283/UE (ĠU L 166, 18.6.2013, p. 1)) u SA.28855(2012/C) ING – Għajjnuna għar-ristrutturar.

⁽³⁴⁾ Kawża 34/86 *Il-Kunsill v Il-Parlament* [1986] Ġabra 2155, paragrafu 47; kawża C-415/96 *Spanja v Il-Kummissjoni* [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 31; kawża C-458/98 P *Industrie des poudres sphériques v Il-Kunsill* [2000] Ġabra I-8147, paragrafu 82.

⁽³⁵⁾ Kawża C-415/96 *Spanja v Il-Kummissjoni* [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 34.

f'Diċembru 2007) li, soġġetti għall-eżitu tal-verifika ddettaljata, il-prekundizzjonijiet stabbiliti fir-regola rilevanti kienu ġew issodisfati.

- (131) L-ghajjnuna kollha finalment ingħatat fil-forma ta' għotja ta' investment, li titħallas b'mod awtomatiku jekk huma ssodisfati l-kriterji oġġettivi tal-bażi legali rilevanti (ghajjnuna eżenti nru XR 6/2007). Ma hemm bżonn tal-ebda applikazzjoni għall-ghajjnuna u l-ebda konferma bil-miktub li l-proġett fundamentalment jissodisfa l-kriterji tal-ghajjnuna għal għotja ta' investment. Skont in-nota f'qiegħ il-paġna 41 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali, fil-każ ta' skemi ta' ghajjnuna fiskali approvati li fihom tingħata eżenzjoni jew tnaqqis tat-taxxa b'mod awtomatiku lin-nefqa li tikkwalifika bla ebda diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet, l-Istati Membri ma għandhomx bżonn jikkonfermaw qabel ma jibda l-proġett li, soġġett għall-eżitu tal-verifika ddettaljata, il-proġett jissodisfa l-kriterji tal-ghajjnuna b'mod fundamentali.
- (132) Il-Ġermanja kkonfermat li l-investment jinżamm fir-reġjun assistit għal tal-anqas ħames snin wara li jitlesta l-proġett (Paragrafu 4.1 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali).
- (133) Il-Ġermanja kkonfermat ukoll li tinżamm konformità mar-regoli dwar il-kumulazzjoni (Paragrafu 4.4 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali).
- (134) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, il-Kummissjoni hija tal-fehma li **l-miżura ta' ghajjnuna tikkonforma mal-kriterji ta' kompatibilità rilevanti tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali.**

6.5. KOMPATIBILITÀ MAD-DISPOŻIZZJONIJET TAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJNUNA REĠJONALI FI PROĠETTI TA' INVESTIMENT KBAR

- (135) Peress li l-ghajjnuna reġjonali nġhatat għal proġett ta' investment kbir, il-Kummissjoni trid tivvaluta wkoll il-konformità mal-prekundizzjonijiet speċifiċi għall-ghajjnuna reġjonali għal proġetti ta' investment kbar stabbiliti fil-Paragrafu 4.3 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali.

6.5.1. INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA (PUNT 67 TAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJNUNA REĠJONALI)

- (136) Peress li l-ispejjeż eliġibbli skontati notifikati jilhqg total ta' EUR 586 722 900 u japplika limitu massimu tal-ghajjnuna reġjonali standard ta' 30 % EGHG għar-reġjun ta' Brandenburg-Nordost, l-intensità tal-ghajjnuna permissibbli skont il-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali hija ta' 12,30 % EGHG.
- (137) Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni annullata, il-Ġermanja avżat lill-Kummissjoni li l-ispejjeż eliġibbli kienu naqsu b'mod proporzjonat wara l-esklużjoni tal-impjant tal-enerġija mill-proġett assistit. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' tnaqqis fil-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali għall-ispejjeż eliġibbli aktar baxxi kienet tirriżulta f'intensità tal-ghajjnuna oġhla. Madankollu, il-benefiċjarju tal-ghajjnuna kien beda miżuri tal-proġett f'sitwazzjoni li fiha kienet ġiet notifikata intensità tal-ghajjnuna ta' 12,30 % EGHG lill-Kummissjoni li mbagħad approvatha. Għaldaqstant jista' jiġi konkluż li l-intensità tal-ghajjnuna approvata oriġinarjament kienet tipprovdi inċentiv biżżejjed għad-deċiżjoni ta' investment u li ma hemm ebda raġuni għaliex wieħed jassumi li intensità tal-ghajjnuna oġhla kien ikollha effett ulterjuri ta' inċentiv⁽³⁶⁾.
- (138) L-ghajjnuna ta' EUR 50 559 153 (nominali) jew EUR 44 172 973 (valur attwali) ingħatat lil Propapier għall-proġett ta' investment imnaqqas. Din tikkorrispondi għal intensità tal-ghajjnuna ta' 12,51 % EGHG u b'hekk taqbeż l-intensità massima permissibbli tal-ghajjnuna ta' 12,30 %. Madankollu, il-Ġermanja tikkonferma li Propapier raddet lura l-ghajjnuna addizzjonali ta' EUR 1 099 539 bl-imgħax. B'hekk, l-ghajjnuna li fadal miżmuma mill-benefiċjarju tal-ghajjnuna ma taqbiżx is-somma ta' EUR 43 415 903, li tikkorrispondi għal intensità tal-ghajjnuna ta' 12,30 % EGHG għall-ispejjeż eliġibbli mnaqqsin tal-proġett ta' investment. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni **tikkonkludi li l-ammont mogħti f'ghajjnuna huwa konformi mal-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali.**
- (139) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha dwar il-kawża SA.36147 (C 30/2010)⁽³⁷⁾, il-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha li l-investment fil-fabbrika tal-karti ta' Propapier u bosta miżuri infrastrutturali oħrajn tal-gvern fiż-żona industrijali fejn kienet tinsab il-fabbrika tal-karti ppjanata ta' Propapier jista' jikkostitwixxi proġett ta' investment wieħed skont

⁽³⁶⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/262/KE tal-21 ta' Settembru 2005 dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 5/2004 (ex N 609/2003) li l-Ġermanja trid tagħti lil Kronoply (ĠU L 94, 1.4.2006, p. 50).

⁽³⁷⁾ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4.

it-tifsira tal-punt 60 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali. Għaldaqstant, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha dwar il-kawża tal-għajnuna għall-investment reġjonali SA.23827 (2013/C) – Il-Ġermanja – LIP – Propapier PM2 GmbH, il-Kummissjoni ddikjarat li jekk wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-kawża SA.36147 (C 30/10) – Il-Ġermanja – Għajnuna infrastrutturali allegata għal Propapier PM2, hija tikkonkludi li l-investimenti assistiti l-oħrajn u l-investment fil-fabbrika tal-karti ta' Propapier isawru proġett wieħed ta' investment jew li Propapier irċeviet għajnuna oħra fil-forma ta' miżuri infrastrutturali, ikollha tiġi vverifikata l-kompatibbiltà tal-pakkett sħiħ tal-għajnuna mal-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

- (140) Meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni finali dwar il-kawża SA.36147 (C 30/10)⁽³⁸⁾, ser tqis l-għajnuna reġjonali mogħtija lil Propapier meta tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżuri tal-għajnuna infrastrutturali.

6.5.2. APPLIKAZZJONI TAL-VERIFIKI MSEMMIJIN FIL-PUNTI 68(A) U (B) TAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJNUNA REĠJONALI

- (141) Peress li l-ammont globali fl-għajnuna minn sorsi oħrajn jaqbeż il-limitu ta' notifika individwali, il-Kummissjoni trid tagħmel il-verifiki msemmijin fil-punt 68(a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

- (142) L-għajnuna għal proġetti ta' investment kbar li jaqgħu taħt il-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, li fihom

— il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa involut f'aktar minn 25 % tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat qabel jew wara l-investment jew

— il-kapaċità maħluqa mill-proġett hija aktar minn 5 % tas-suq imkejjejl permezz tad-dejta tal-konsum apparenti, sakemm ir-rata medja tat-tkabbir tal-konsum apparenti tiegħu tul l-aħħar ħames snin ma tkunx ogħla mir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-prodott domestiku gross taż-Żona Ekonomika Ewropea,

tista' tiġi approvata biss, wara t-tnedija tal-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 108(2) TFUE, wara li ssir verifika ddetaljata li l-għajnuna hija meħtieġa sabiex tippovdi effett ta' inċentiv u l-benefiċċji tal-miżura ta' għajnuna jisbqu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta.

- (143) Sabiex isiru l-verifiki b'konformità mal-punti 68(a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, il-Kummissjoni l-ewwel trid tiddefinixxi s-suq tal-prodotti rilevanti u s-suq ġeografiku rilevanti.

6.5.2.1. Prodotti kkonċernati

- (144) Għalkemm (kif allegat minn Smurfit Kappa) Progroup jista' jkun qiegħed jippjana li juża l-magna ta' Propapier PM2 biex jimmanifattura testliners li jiżnu 70/100 g/m² u skanalatura li tiżen 70/130 g/m², il-Kummissjoni tqis li d-definizzjoni tas-suq għandha tkun ibbażata fuq il-kapaċità ta' produzzjoni potenzjali propja tal-magna. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonferma li l-proġett ta' investment notifikat mill-Ġermanja u deskritt fil-paragrafu 25 jikkonċerna direttament żewġ tipi ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri: **testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata.**

- (145) Huwa stmat li 75 % tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri immanifatturat fl-impjant assistit għandu jintuża għall-manifattura tal-prodott downstream fi Progroup, il-Kummissjoni tqis li l-prodott downstream (**kartun ikkorugat**) huwa prodott ikkonċernat mill-proġett ta' investment ukoll skont it-tifsira tal-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

6.5.2.2. Suq tal-prodotti rilevanti

- (146) Skont il-punt 69 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, is-suq tal-prodotti rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu meġjusin bħala tali jew mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet u l-użu maħsub tal-prodott) jew mill-produttur (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni).

⁽³⁸⁾ Ara l-paragrafu 3.

Suq tal-prodotti rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri

- (147) Il-Ġermanja ddikjarat li ż-żewġ tipi ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri li huma mmanifatturati fl-impjant assistit jappartjenu għall-istess suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri li, minbarra dawn iż-żewġ tipi (testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata), jinkludi anki kraftliners u skanalatura SC, jiżnu kemm jiżnu. Il-Ġermanja sostniet din l-asserzjoni b'referenza għall-fatt li dawn iż-żewġ prodotti jistgħu jissostitwixxu lil xulxin.
- (148) Il-Kummissjoni tiegħu l-pożizzjoni wkoll li l-iskanalatura magħmula minn fibra rriċiklata u l-iskanalatura magħmula minn fibra ġdida jitqiesu li huma interkambjabbli min-naħa tal-provvista. L-iskanalatura magħmula minn fibra ġdida tista' tiġi mmanifatturata f'impjant tal-iskanalaturi rriċiklati wkoll, sakemm l-impjant ikun konvertit għall-materja prima alternattiva (dan jinvolvi investiment ta' darba ta' EUR [...] miljun, li huwa anqas minn [...] % mill-kost sħiħ tal-investment). Barra minn hekk, fil-prattika, l-iskanalatura magħmula minn fibra ġdida hija mmanifatturata minn taħlita ta' fibra ġdida u rriċiklata li fiha sa 40-50 % fibra rriċiklata.
- (149) Skanalatura magħmula minn fibra ġdida tiswa madwar 15 % aktar minn skanalatura rriċiklata pura. Sa fejn huma kkonċernati l-klijenti tal-iskanalatura, iż-żewġ prodotti essenzjalment għandhom l-istess karatteristiċi u jaqdu l-istess skop maħsub. Il-klijenti jistgħu jibdlu skanalatura magħmula minn fibra ġdida eħfef (eż. 127 g/m²) ma' skanalatura rriċiklata itqal (eż. 140 g/m²) Il-fatt li l-iskanalatura magħmula minn fibra ġdida eħfef tista' tintuża minflok skanalatura rriċiklata jfisser li d-differenzi fil-prezz ma jibqgħux importanti. B'hekk, il-Kummissjoni tqis li ż-żewġ prodotti jitqiesu li huma interkambjabbli min-naħa tad-domanda wkoll.
- (150) L-istess japplika għas-sostitwibbiltà tat-testliners (magħmulin minn fibra rriċiklata) u kraftliners (magħmulin minn fibra ġdida) min-naħa tad-domanda. It-tnejn jaqdu l-istess skop maħsub u l-prezz ogħla tal-kraftliners huwa kkompensat mill-fatt li l-kraftliners eħfef jistgħu jidhulhom posthom testliners itqal.
- (151) Skanalatura (kemm irriċiklata kif ukoll dik magħmula minn fibra ġdida), testliners u kraftliners huma kompletament sostitwibbli min-naħa tal-provvista, peress li l-magni tal-karta moderni, inklużi l-magni li jappartjenu għall-benefiċjarju tal-għajjuna, jistgħu jipproduċu t-tnejn li huma..
- (152) Anki materjali ikkorugat għall-kontenituri li jiżnu differenti (jiġifieri anqas u aktar minn 150 g/m²) jappartjenu għall-istess suq rilevanti, peress li l-klijenti jqisuhom interkambjabbli. Il-klijenti jistgħu jibdlu saff wieħed tal-materjal itqal ikkorugat għall-kontenituri ma' bosta saffi ta' materjal eħfef u irħas tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri.
- (153) Jista' jiġi konkluż li, fuq il-bażi tar-raġunijiet spjegati hawn fuq, is-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri huwa s-suq tal-prodotti rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri. Madankollu, f'deċiżjonijiet dwar l-amalgamazzjonijiet preċedenti⁽³⁹⁾, il-Kummissjoni ħalliet il-kwistjoni tas-suq tal-prodotti rilevanti u, b'mod partikolari, is-subdiviżjoni fi prodotti li jsiru minn fibra ġdida u prodotti li jsiru minn fibra qadima miftuħa. Il-Kummissjoni tosserva li l-Ġermanja sottomettiet anki dejta għall-aktar definizzjoni ristretta possibbli tas-suq tal-prodotti rilevanti (suq għal testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata).
- (154) Progroup huwa manifattur tal-karta integrat vertikament li jikkompeti fis-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri, li fih kull manifattur integrat jista' jiddeċiedi li jisfrutta t-termini aħjar sabiex jixtri prodotti partikolari mingħand Progroup minflok ma jimmanifatturaw hu stess. L-istħarriġijiet iddettaljati sottomessi mill-Ġermanja juru li anki l-manifatturi integrati vertikament li huma stess jimmanifatturaw il-kwantitajiet ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri meħtieġa għall-produzzjoni tal-kartun ikkorugat tagħhom (imkejla f'tunnellati), jixtru u jbigħu materjal ikkorugat għall-kontenituri mingħand u lil kompetituri sabiex iqisu r-rekwiżiti speċifiċi għal ċerti tipi ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri u r-rekwiżiti loġistiċi. Peress li l-manifatturi integrati vertikament għandhom pożizzjoni dominanti fis-suq, ishma kbar mis-suq fis-suq ħieles (jiġifieri għal provvisti lil partijiet terzi biss) mhux bilfors ifissru saħħa fis-suq. Għalhekk, il-Ġermanja kkonkludiet li s-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri huwa s-suq tal-prodotti rilevanti u jinkludi kemm provvisti interni tal-materjal ikkorugat għall-kontenituri kif ukoll provvisti lil partijiet terzi (= suq globali). Madankollu, il-Ġermanja pprovdiet ukoll informazzjoni fis-suq ħieles biss.

⁽³⁹⁾ Ara COMP/M.3935 – Jefferson Smurfit/Kappa (10 ta' Novembru 2005); COMP/M.2391 – CVC/Cinven/AssiDomän (10 ta' Mejju 2001); COMP/M.2243 – Stora Enso/AssiDomän/JV (22 ta' Diċembru 2000); COMP/M.2020 – Metsä-Serla/MODO (4 ta' Awwissu 2000).

- (155) Il-Kummissjoni ma tara ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed mill-prattika tagħha fid-deċiżjonijiet preċedenti f'kawżi dwar l-ghajjnuna ⁽⁴⁰⁾ u ta' kontroll tal-amalgamazzjonijiet ⁽⁴¹⁾ fl-industrija tal-karti (li fihom il-Kummissjoni jew għamlet distinzjoni bejn is-swieq għall-materjali kollha ikkorugat għall-kontenituri u s-suq għall-materjal irriċiklat ikkorugat għall-kontenituri jew ħalliet id-definizzjoni miftuħa u għamlet distinzjoni bejn is-suq globali/suq ħieles jew inkella ħalliet id-definizzjoni miftuħa jew iddefinit is-suq bħala s-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri iżda kkalkolat iż-żewġ xenarji). Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni qabel ma adottat id-deċiżjoni annullata u l-kummenti li rċeviet wara d-deċiżjoni ta' ftuħ dwar il-fatti kif kienu qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, il-Kummissjoni ddeċidiet li twestaq il-verifiki sabiex tikkonforma mal-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali fil-livell tas-suq għall-**materjal kollu** ikkorugat għall-kontenituri u s-**suq għat-testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata** kemm fis-suq globali kif ukoll fis-suq ħieles.

Suq tal-prodotti rilevanti għall-kartun ikkorugat

- (156) Il-kartun ikkorugat mhuwiex immanifatturat fl-impjant assistit, iżda huwa prodott downstream ikkonċernat mill-proġett ta' investment.
- (157) Il-Ġermanja ddikjarat li, mill-perspettiva tal-fornitur, il-kartun ikkorugat jirrappreżenta suq indipendenti, peress li l-impjanti tal-kartun ikkorugat jistgħu jiġu kkonvertiti sabiex jimmanifatturaw prodotti oħrajn b'kost konsiderevoli.
- (158) Min-naħa tad-domanda, l-aktar prodott paragonabbli għall-kartun ikkorugat huwa l-imballaġġ tal-kartun, għalkemm l-imballaġġ tal-kartun ikkorugat huwa eħfef, aktar stabbli u orħos. Għalhekk, il-klijenti tal-kartun ikkorugat (manifatturi tal-imballaġġ) ma jistgħux jibdlu prodotti oħrajn mal-kartun ikkorugat għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' imballaġġ.
- (159) Peress li fuq dan il-punt ma sar ebda kumment ieħor, il-Kummissjoni ma tara ebda raġuni għaliex titbiegħed mill-prattika preċedenti tagħha fid-deċiżjonijiet imsemmijin aktar 'il fuq dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet u tikkonferma l-pożizzjoni li ħadet fid-deċiżjoni annullata u d-deċiżjoni ta' ftuħ: il-**kartun ikkorugat** huwa suq tal-prodotti rilevanti separat.

6.5.2.3. Is-suq ġeografiku rilevanti

- (160) B'rabta mal-verifiki meħtieġa skont il-punti 68(a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali, il-punt 70 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali jiddikjara: "Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punti (a) u (b), il-bejgħ u l-konsum apparenti ser jiġu ddefiniti fil-livell xieraq tal-klassifikazzjoni PRODKOM, normalment fiż-ŻEE, jew, jekk it-tali informazzjoni ma tkunx disponibbli jew rilevanti, fuq il-bażi ta' kwalunkwe segmentazzjoni tas-suq oħra ġeneralment aċċettata li għaliha diġà jkun hemm dejta statistika disponibbli".

Is-suq ġeografiku rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri

- (161) Il-Ġermanja tqis li s-suq ġeografiku rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri tal-anqas ikopri u saħansitra jestendi lil hinn miż-ŻEE (inklużi reġjuni fil-viċinat taż-ŻEE). Madankollu, il-Kummissjoni ma tara ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed mill-prattika tagħha fid-deċiżjonijiet preċedenti f'kawżi dwar l-ghajjnuna u ta' kontroll tal-amalgamazzjonijiet, li fihom iż-ŻEE tqieset li hija s-**suq ġeografiku rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri**, u għalhekk għandha tagħmel verifika tas-suq skont it-tifsira tal-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali fuq il-bażi tas-segmentazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata tas-suq ġeografiku rilevanti għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri u l-materjal irriċiklat ikkorugat għall-kontenituri li għalih hemm dejta disponibbli, viz. iż-ŻEE.

Is-suq ġeografiku rilevanti għall-kartun ikkorugat

- (162) Il-kartun ikkorugat huwa mmanifatturat f'impjanti oħrajn ta' Progroup meta mqabbel mal-materjal ikkorugat għall-kontenituri immanifatturat fl-impjant ta' Eisenhüttenstadt. Il-pjan meta ġie nnotifikat il-proġett kien li Propapier tforni l-materjal ikkorugat għall-kontenituri lil impjanti ta' Progroup fil-Ġermanja, Franza u r-Repubblika Ċeka u, aktar tard, lill-impjant fi Stryków (il-Polonja), wara l-bini tagħha fl-2008. Dawn l-impjanti jimmanifatturaw il-prodott downstream (kartun ikkorugat).
- (163) Il-Ġermanja tiddikjara li s-suq ġeografiku rilevanti għall-kartun ikkorugat ma jistax jiġi ddefinit b'mod aktar ristrett miż-ŻEE; minkejja dan, issottomettiet dejta anki għar-reġjun li tinkludi l-aktar pajjiżi ta' destinazzjoni importanti tal-

⁽⁴⁰⁾ Kawżi N 203/08 LIP – DE – Għajjnuna lill-fabbrika tal-karti ta' Hamburger Spremberg GmbH & Co KG, N 865/06 LIP – DE – Għajjnuna lill-kumpanija tal-proġetti Projektgesellschaft Papierfabrik Adolf Jass Schwarza GmbH u SA.32063 (2011/NN) Il-Polonja – LIP – Mondy Świecie.

⁽⁴¹⁾ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 38.

kunsinni ta' Progroup (jiġifieri r-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, in-Netherlands u l-Polonja). Filwaqt li qieset l-aġġar xenarju possibbli u s-sejbiet fid-deċiżjonijiet preċedenti f'kawżi tal-kontroll tal-amalgamazzjonijiet⁽⁴²⁾ jiġifieri li l-kunsinni tal-kartun ikkorruġat huma ekonomiċi sa distanza ta' 400 km mill-fabbrika, il-Kummissjoni beħsiebha tħalli d-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti għall-kartun ikkorruġat miftuħa u trid tikkalkola l-ishma mis-suq kemm fil-livell taż-ŻEE kif ukoll għar-reġjun li sempliċment jinkludi **l-aktar pajjiżi ta' destinazzjoni importanti għal Progroup**.

6.5.2.4. Ishma mis-suq

- (164) Sabiex tistabbilixxi jekk inqabixx il-limitu stabbilit fil-punt 68(a) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, il-Kummissjoni trid tanalizza s-sehem mis-suq tal-benefiċjarju tal-għajnuna fil-livell tal-grupp qabel u wara l-investment. Il-proġett ta' investment beda fl-2007 u tlesta sa nofs l-2010; madankollu, il-kapaċità tal-produzzjoni sħiħa ser tintlaħaq biss fl-2015. Meta nnotifikat il-proġett il-Ġermanja osservat li d-dejta minn sorsi indipendenti dwar il-konsum apparenti fis-swieq rilevanti fis-sena ta' wara s-sena li fiha għandha tintlaħaq il-kapaċità ta' produzzjoni sħiħa (jiġifieri fl-2016) ma kinitx disponibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinvestiga l-ishma mis-suq fl-2011 (is-sena ta' wara t-tlestija tal-investment), li għaliha l-previżjonijiet mis-sorsi indipendenti diġà kienu disponibbli. Din hija approssimazzjoni aċċettabbli, peress li sa dak iż-żmien għandha tkun disponibbli 92 % tal-kapaċità maħluqa mill-proġett.
- (165) Sabiex jiġi stabbilit is-sehem mis-suq ta' Progroup fil-livell tal-grupp, il-Kummissjoni qabblet il-volum u l-valur tal-provvisti kollha tagħha (lil partijiet terzi u fi ħdan il-grupp) fis-sena magħżula mal-konsum apparenti fis-swieq rilevanti. L-ishma mis-suq għas-suq ħieles għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri (jiġifieri bbażat biss fuq il-bejgħ barra Progroup⁽⁴³⁾) u l-volum totali tas-suq għall-provvisti lil partijiet terzi ġew ikkalkolati b'mod separatu.
- (166) Id-dejta dwar il-volum u l-valur tal-konsum apparenti kollu fiż-ŻEE fis-swieq għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri, testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata u għal kartun ikkorruġat issawret għall-fini tan-notifika minn Pöyry, ditta globali tal-inġinerija u l-konsulenza li tispesjalizza fis-setturi tal-enerġija, il-forestrija u l-infrastruttura u l-ambjent, fuq talba tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Pöyry bniet id-dejta mill-bażi ta' dejta tagħha stess u minn sorsi disponibbli għall-pubbliku (eż. minn ġurnali tekniċi u assoċjazzjonijiet industrijali).
- (167) Peress li ma kien hemm ebda dejta disponibbli dwar il-volum tas-suq ħieles mingħand sorsi indipendenti, il-Ġermanja bbażat l-istimi tagħha dwar il-volum ta' dak is-suq fuq id-dejta tal-kapaċità minn Pöyry għall-2006 u mbagħad qabblet il-kapaċità ta' produzzjoni ta' kull manifattur integrat għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri mal-kapaċità ta' produzzjoni tagħha għall-kartun ikkorruġat. Jekk il-kapaċità tal-produzzjoni għall-kartun ikkorruġat hija akbar mill-kapaċità tal-produzzjoni għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri, teorikament dan jirriżulta f'domanda proporzjonata għal dik il-materja prima fis-suq ħieles. Id-domanda għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri minn manifatturi mhux integrati tal-kartun ikkorruġat fis-suq ħieles tiżdied ma' din id-domanda addizzjonali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri minn manifatturi integrati. Dan il-kalkolu juri li l-volum tas-suq ħieles għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri jammonta għal madwar 37 % tas-suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri. Dan il-proporzjon intuża wkoll bħala bażi meta ġie stmat il-volum tas-suq ħieles fl-2011⁽⁴⁴⁾.
- (168) Peress li ma hemm ebda dejta separata disponibbli dwar il-kapaċitajiet ta' produzzjoni għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri magħmul minn karta rriċiklata u fibra ġdida, dan il-metodu ma jistax jintuża biex jagħti stima tal-volum tas-suq ħieles għat-testliners u l-iskanalatura magħmula minn karta rriċiklata. Madankollu, materjal ikkorruġat għall-kontenituri ibbażat fuq il-karta u irriċiklat jammonta għal madwar 70-80 % tas-suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri u huwa ferm probabbli li dan il-perċentwal japplika għas-suq ħieles, u dan ifisser li l-ishma mis-suq ta' Progroup fis-suq ħieles għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri irriċiklat ibbażat fuq il-fibri huma biss ftit ogħla minn daww fis-suq ħieles għat-tipi kollha ta' materjal tal-materjal ikkorruġat għall-kontenituri.
- (169) Id-dejta dwar il-volum tas-suq għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri fir-reġjun ewlieni fornit minn Progroup (jiġifieri r-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, in-Netherlands u l-Polonja) issawret minn statistika tal-PEFCO⁽⁴⁵⁾ miksuba qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, u skont din dak ir-reġjun jammonta għal 58 % tas-suq sħiħ taż-ŻEE.

⁽⁴²⁾ Pereżempju COMP/M.3935 – Jefferson Smurfit/Kappa; COMP/M.2391 – CVC/Cinven/AssiDomän.

⁽⁴³⁾ N.B. Progroup ibiġh biss materjal irriċiklat ikkorruġat għall-kontenituri (jiġifieri testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalaturi rriċiklati) fis-suq ħieles.

⁽⁴⁴⁾ Peress li l-manifatturi integrati jinnegozjaw fis-suq ħieles kemm minħabba l-kapaċità insuffiċjenti kif ukoll id-domandi loġistiċi, kif spjegat aktar 'il fuq, skont id-domanda speċifika tagħhom għal bosta tipi ta' materjal tal-kaxxi mmewġin, dan il-metodu jissottovaluta l-volum tas-suq ħieles u għaldaqstant ipiġi kunċett tal-aġġar xenarju possibbli.

⁽⁴⁵⁾ FEFCO hija l-organizzazzjoni umbrella tal-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-manifatturi tal-kartun ikkorruġat.

- (170) L-ishma mis-suq ta' Progroup fis-swieq rilevanti fis-sena ta' qabel u s-sena ta' wara l-investment, li ġew ikkalkolati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-Ġermanja (permezz tad-dejta ta' Pöyry u FEFCO) jingħataw fit-Tabella 1.

Tabella 1:

L-ishma mis-suq ta' Progroup fis-swieq rilevanti fil-livell tal-grupp

Sehem mis-suq (%)	2006		2011	
	Volum	Valur	Volum	Valur
Materjal ikkorugat għall-kontenituri (suq globali – ŻEE)	[0-10]	[0-10]	[0-10]	[0-10]
Materjal ikkorugat għall-kontenituri irriċiklat biss (testliners li jiżnu sa 150 g/m ² u skanalatura rriċiklata) (suq globali – ŻEE).	[0-10]	[0-10]	[0-10]	[0-10]
Materjal ikkorugat għall-kontenituri (suq ħieles – ŻEE)	[0-10]	[0-10]	[0-10]	[0-10]
Kartun immewweġ (ŻEE)	[0-10]	[0-10]	[0-10]	[0-10]
Kartun korrugat (pajjiżi ewlenin forniti)	[0-10]	[0-10]	[0-10]	[0-10]

- (171) Is-sehem mis-suq ta' Progroup huwa ferm anqas mil-limitu ta' 25 % stabbilit fil-punt 68(a) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali għad-definizzjonijiet kollha tas-suq ikkunsidrati. Il-limitu ta' 25 % għas-sehem mis-suq rilevanti ma jinqabiżx lanqas jekk is-suq ikompli jiġi segmentat skont piż tal-gramma sa 130 g/m².
- (172) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna vverifikata **ma taqbiżx il-limitu stabbilit fil-punt 68(a) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.**

6.5.2.5. Żieda tal-kapaċità u prestazzjoni tas-suq

- (173) Il-Kummissjoni trid tivverifika wkoll l-għajnuna inkwistjoni skont il-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, jiġifieri trid tivverifika jekk il-kapaċità maħluqa mill-proġett ta' investment, imkejla bl-użu tad-dejta apparenti dwar il-konsum għall-prodott ikkonċernat, hijiex anqas minn 5 % tas-suq, sakemm ir-rata medja ta' tkabbir fis-sena tal-konsum apparenti tiegħu fl-aħħar ħames snin tkun aktar mir-rata ta' tkabbir annwali tal-PDG taż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (174) L-ewwel nett, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi fuq il-bażi tar-rata medja tat-tkabbir fis-sena tal-konsum apparenti tal-prodott ikkonċernat jekk is-suq għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri huwiex qiegħed jiċkien fiż-ŻEE⁽⁴⁶⁾.
- (175) L-aħħar figuri disponibbli fi żmien in-notifika kienu marbutin mal-perjodu bejn l-2001 u l-2006. Fuq il-bażi ta' dik id-dejta, ir-rata medja ta' tkabbir fis-sena fis-suq globali għall-materjal ikkorugat għall-kontenituri fiż-ŻEE tul il-perjodu bejn l-2001 u l-2006 kienet ta' 2,15 % (volum) jew 0,02 % (valur). Ir-rata medja ta' tkabbir fis-sena tal-konsum apparenti tat-testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata fiż-ŻEE tul dak il-perjodu kienet ta' 3,25 % (volum) u 1,22 % (valur).
- (176) Peress li r-rata medja ta' tkabbir fis-sena tal-PDG⁽⁴⁷⁾ fiż-ŻEE tul il-perjodu bejn l-2001 u l-2006 kienet ta' 1,97 % bi prezzijiet kostanti (volum) jew 3,98 % bil-prezzijiet kurrenti (valur), kemm ir-rata medja ta' tkabbir fis-sena tal-konsum ta' materjal ikkorugat għall-kontenituri kif ukoll dik tat-testliners li jiżnu sa 150 g/m² u l-iskanalatura rriċiklata kienu ogħla skont il-volum iżda anqas skont il-valur.

⁽⁴⁶⁾ In-nota f'qiegħ il-paġna 62 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali tiddefinixxi "konsum apparenti tal-prodott ikkonċernat" bħala "produzzjoni flimkien mal-importazzjonijiet li minnhom jitnaqqsu l-esportazzjonijiet". Id-dejta dwar il-konsum apparenti għal finijiet ta' notifika ġiet ikkompilata minn Pöyry.

⁽⁴⁷⁾ Fuq il-bażi tad-dejta tal-UE-27.

Volum u/jew valur

- (177) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kumment tal-Ġermanja li r-rata medja ta' tkabbir fis-sena għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-volum waħdu u mhux il-valur (ara l-paragrafi 93 u 94). Għalkemm li huwa minnu li, f'dan il-każ partikolari, hemm bżonn biss li jiġi kkalkolat jekk inqabiżx il-limitu ta' 5 % stabbilit fil-punt 68(b) fuq il-bażi ta' kalkolu tal-valur, dipendenza ġenerali fuq il-kalkoli tal-valur tidħol f'kunflitt mal-prattika attwali tal-Kummissjoni u xxekkel l-effettività tal-verifika f'termini tal-istabbiliment tal-kapaċitajiet żejda, eż. fejn it-tkabbir fil-provvista jaqbeż dak li diġà huwa tkabbir għoli fid-domanda u l-kostijiet varjabbli medji huma baxxi meta jitqabblu. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivverifika jekk il-kapaċità maħluqa mill-proġett ta' investiment taqbiżx il-5 % tad-daqs tas-suq rilevanti.

Verifika tal-kapaċità u kalkolu taż-żieda tal-kapaċità

- (178) Iż-żieda tal-kapaċità hija kkalkolata skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali bħala parti mill-konsum apparenti tal-prodott ikkonċernat li, skont id-definizzjoni, jinkludi provvisti lil partijiet terzi u provvisti interni tal-materjal ikkorruġat għall-kontenituri.
- (179) L-iskop tal-verifika tal-kapaċità (punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali) huwa li tipprevjeni żieda tal-kapaċità sinifikanti (jiġifieri żieda ta' aktar minn 5 %) meta ma jkun hemm ebda żieda korrispondenti fid-domanda (jiġifieri ż-żieda fid-domanda tkun anqas mir-rata ta' tkabbir tal-PDG taż-ŻEE), u b'hekk jitħalla impatt negattiv fuq il-kompetituri, speċjalment minħabba l-effett fuq il-prezzijiet. Żidiet tal-kapaċità huma kkwalifikati bħala "sinifikanti" b'rabta mal-volum tas-suq. Fil-każ tal-materjal ikkorruġat għall-kontenituri, il-volum tas-suq finalment jiddependi mill-volum tas-suq għall-prodott downstream, irrilevanti minn jekk huwiex immanifatturat internament jew minn partijiet terzi. Għalhekk mhuwiex rakkomandat li titkejjel il-kapaċità maħluqa unikament fuq il-bażi tal-volum tas-suq ħieles għal materjal ikkorruġat għall-kontenituri. Barra minn hekk, kif spjegat aktar 'il fuq, roħs fil-prezz fis-suq ħieles jaffettwa d-deċiżjoni tal-manifatturi integrati dwar jekk għandhomx jimmanifatturaw internament jew ibiġhux u jikkawunaw direttament żieda fid-domanda fis-suq ħieles, minħabba l-interazzjoni bejn is-suq globali u s-suq ħieles. Għalhekk, bħala regola, il-Kummissjoni tivverifika ż-żieda tal-kapaċità b'rabta mas-suq globali ⁽⁴⁸⁾.
- (180) Il-Ġermanja spjegat li l-proġett għandu joħloq kapaċità globali ta' 615 000 tunnellata materjal ikkorruġat għall-kontenituri (testliners u skanalatura rriċiklata) fis-sena, li tikkorrispondi għal valur ta' EUR [...]. Skont il-Ġermanja, il-konsum apparenti tal-materjal ikkorruġat għall-kontenituri fiż-ŻEE kien ta' 23 363 miljun tunnellata fl-2006 (valur: EUR 9 409,76 miljun) u l-konsum apparenti tat-testliners li jiżnu sa 150 g/m² u l-iskanalatura rriċiklata fiż-ŻEE kienet ta' 18 281 miljun tunnellata (valur: EUR 6 752,698 miljun).
- (181) Fuq il-bażi tad-dejta ta' hawn fuq, il-proġett ta' Propapier f'Eisenhüttenstadt ser joħloq kapaċità ta' 2,6 % tas-suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri (valur: [< 3] % jew 3,4 % tas-suq kombinat għat-testliners li jiżnu sa 150 g/m² u skanalatura rriċiklata (valur: [< 5] %). Dan ifisser li l-kapaċità maħluqa mill-proġett hija anqas minn 5 % tal-konsum apparenti (fiż-ŻEE).
- (182) Anki jekk iż-żieda akbar tal-kapaċità li tassumi Smurfit Kappa tittieħed bħala l-aġhar xenarju possibbli (650 000 tunnellata fis-sena jew 750 000 tunnellata fis-sena), **il-limitu ta' 5 % ma jinqabiżx għas-suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri** (ara t-Tabella 2).

Tabella 2

Żieda tal-kapaċità fis-suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri (ŻEE)

	Suq rilevanti (ŻEE)	Suq globali għall-materjal ikkorruġat għall-kontenituri	Suq globali għall-materjal irriċiklat ikkorruġat għall-kontenituri (testliners li jiżnu sa 150 g/m ² u skanalatura rriċiklata)
Volum fl-2006 (f'eluf ta' tunnellati)		23 363	18 281

⁽⁴⁸⁾ Il-Kummissjoni għamlet l-istess sejbiet fuq il-bażi tal-istess argumenti fil-kawżi li ġejjin li kkonċernaw investimenti oħrajn fl-industrija tal-karta matul l-istess perjodu: N 203/08 LIP – DE – Għajnuna lill-fabbrika tal-karti Hamburger Spremberg GmbH & Co KG u SA.32063 (2011/NN) Il-Polonja – LIP – Mondi Świecie.

Suq rilevanti (ŻEE)	Suq globali għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri	Suq globali għall-materjal irriċiklat ikkorrugat għall-kontenituri (testliners li jiżnu sa 150 g/m ² u skanalatura rriċiklata)
Valur fl-2006 (<i>f'eluf ta' tunnellati</i>)	9 409 760	6 752 698
Żieda tal-kapaċità skont il-volum (jekk wieħed jassumi 615 000 tunnellata fis-sena)	2,6 %	3,4 %
Żieda tal-kapaċità skont il-valur (jekk wieħed jassumi 615 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 5] %
Żieda tal-kapaċità skont il-volum (jekk wieħed jassumi 650 000 tunnellata fis-sena)	2,8 %	3,6 %
Żieda tal-kapaċità skont il-valur (jekk wieħed jassumi 650 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 5] %
Żieda tal-kapaċità skont il-volum (jekk wieħed jassumi 750 000 tunnellata fis-sena)	3,2 %	4,1 %
Żieda tal-kapaċità skont il-valur (jekk wieħed jassumi 750 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 5] %

- (183) Il-Kummissjoni kkalkolat iż-żieda tal-kapaċità bħala perċentwal tal-bejgħ tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri fis-suq ħieles ukoll, sabiex tqis l-aġar xenarju possibbli. Dak ix-xenarju jqis biss is-sehem tal-kapaċità globali maħluqa mill-investiment maħsub għall-produzzjoni għall-bejgħ fis-suq ħieles. Skont il-Ġermanja, dan huwa [< 250 000] tunnellata fis-sena. Is-sehem li jifdal tal-kapaċità maħluqa, jiġifieri [> 365 000] tunnellata fis-sena (li, mingħajr l-investiment, Progroup kien ikollu jikseb mingħand partijiet terzi u li b'hekk tissarraf f'domanda fis-suq ħieles) jintuża fi ħdan il-grupp għall-produzzjoni tal-kartun ikkorrugat u għalhekk għandu jitnaqqas mill-volum tas-suq ħieles.
- (184) Peress li l-volum tas-suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri fiż-ŻEE kien stmat għal 8 644 miljun tunnellata fl-2006⁽⁴⁹⁾, il-kapaċità maħluqa mill-proġett, bħala parti mill-volum tas-suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri, kienet tammonta biss għal [< 3] % b'rabta mal-volum⁽⁵⁰⁾ (ara t-Tabella 3).
- (185) Il-Ġermanja ma rnexxilhiex tipprovdi stima għas-suq ħieles biss għall-materjal irriċiklat tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri (jiġifieri testliners u skanalatura magħmula minn karta rriċiklata) meta saret in-notifika oriġinali. Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Ġermanja ddikjarat li l-volum ta' dak is-suq jista' jiġi stmat għal 6,5 miljun tunnellata fl-2006 fuq il-bażi tad-dejta storika pprovduta minn Pöyry. Dan ifisser li ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles għall-materjal irriċiklat tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri hija ta' [< 3] % b'rabta mal-volum (ara t-Tabella 3 ta' hawn taħt).
- (186) Il-Kummissjoni għamlet ukoll il-kalkoli b'rabta mal-valur, bl-aġar xenarju possibbli bbażat fuq il-kapaċità maħluqa mill-proġett ta' Propapier PM2 fis-suq ħieles ta' 285 000 tunnellata fis-sena (figura adottata minn Smurfit Kappa). Il-**limitu ta' 5 % għas-suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri ma nqabeż** fl-ebda wieħed mix-xenarji (ara t-Tabella 3 ta' hawn taħt).

⁽⁴⁹⁾ Fuq il-bażi tal-aġar xenarju possibbli stabbilit fil-paragrafu 167 ta' din id-deċiżjoni.

⁽⁵⁰⁾ Din il-figura ġiet ikkalkolata kif ġej: [< 250 000] tunnellata fis-sena / (8 600 000 tunnellata fis-sena - [> 365 000] tunnellata fis-sena).

Tabella

Żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri (ŻEE)

Suq rilevanti (ŻEE)	Suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri	Suq ħieles għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri (testliners li jiżnu sa 150 g/m ² u skanalatura magħmula minn karta rriċiklata)
Volum fl-2006 (<i>f'eluf ta' tunnellati</i>)	8 644	6 500
Valur fl-2006 (<i>f'eluf ta' tunnellati</i>)	3 481 611	2 400 990
Żieda tal-kapaċità skont il-volum (jekk wieħed jassumi 150 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 3] %
Żieda tal-kapaċità skont il-valur (jekk wieħed jassumi 150 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 3] %
Żieda tal-kapaċità skont il-volum (jekk wieħed jassumi 285 000 tunnellata fis-sena)	[< 5] %	[< 5] %
Żieda tal-kapaċità skont il-valur (jekk wieħed jassumi 285 000 tunnellata fis-sena)	[< 3] %	[< 5] %

- (187) Il-Kummissjoni tiċħad it-teorija tal-ilmentatur ta' "effett tal-qlib" (ara l-paragrafi 56 u 57), li fiha l-"kapaċità meħlusa", jiġifieri l-kapaċità li Progroup ma jibqax iżomm fis-suq ħieles, għandha tiżdid mal-kwantità tal-produzzjoni ta' materjal ikkorrugat għall-kontenituri mibjugħin minn Progroup fis-suq ħieles sabiex tiġi kkalkolata l-kapaċità maħluqa mill-investment ta' Propapier fis-suq ħieles. Għalkemm li xenarju bħal dan (jekk wieħed jassumi żieda tal-kapaċità ta' 525 000 tunnellata fis-sena) jirriżulta f'żieda tal-kapaċità ta' aktar minn 5 %, approċċ bħal dan, kif tispijega l-Ġermanja wkoll, ikun jimplika li ż-żieda tal-kapaċità fis-suq ħieles u ż-żieda fis-suq globali huma l-istess. Iż-żieda tkun l-istess ukoll li kieku Propapier ma tforni ebda materjal ikkorrugat għall-kontenituri affattu fis-suq ħieles u użat il-produzzjoni l-ġdida kollha tagħha internament, f'liema każ is-suq għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri jista' jiġi injorat kompletament għall-finijiet tal-verifika skont il-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, peress li b'dan il-mod ma jinbiegħ l-ebda materjal ikkorrugat għall-kontenituri prodott, u l-prodott downstream (kartun ikkorrugat) biss jinbiegħ fis-suq.
- (188) Barra minn hekk, il-fajl Excel sottomess minn Smurfit Kappa huwa ta' Ġunju 2008, filwaqt li l-Kummissjoni setgħet tuża biss fatti, rapporti u dejta oħra disponibbli għaliha qabel id-data li fiha għet adottata d-deċiżjoni annullata (it-2 ta' April 2008). Anki jekk il-fajl fih għadd ta' attributi minn studju tal-2007 (Henry Poole Consulting, ara n-nota fqiegħ il-paġna 15), il-kalkoli huma bbażati fuq assunzjonijiet u dejta oħra li ma jidhrux li jinbtu direttament minn dak l-istudju.
- (189) Il-proġett mhuwiex ser joħloq xi kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott downstream (kartun ikkorrugat) u huwa msejjes biss fuq il-produzzjoni tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri (żieda tal-kapaċità għall-kartun ikkorrugat: 0 %). B'konsegwenza ta' dan, **il-limitu ta' 5 % stabbilit fil-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali ma jinqabiżx għall-kartun ikkorrugat.**
- (190) Il-konklużjoni ġenerali tal-Kummissjoni, ibbażata fuq id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq, hija li l-kapaċità maħluqa mill-proġett ta' Propapier PM2 hija anqas minn 5 % tas-swieq rilevanti kkonċernati u b'hekk **l-għajnuna vverifikata ma toħloqx sitwazzjoni li fiha jinqabeż il-limitu stabbilit fil-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali għall-prodotti kkonċernati.**

Kapaċità strutturali żejda

- (191) Kif spjegat fil-paragrafu 60, Smurfit Kappa jargumenta li s-suq għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri kien qiegħed ibati minn kapaċità strutturali żejda fil-perjodu bejn l-2001 u l-2006 u li l-ghajjnuna mill-Istat għal investimenti ġodda fl-industrija għarrqu dik il-kapaċità żejda. Il-Kummissjoni se tanalizza dawn l-argumenti, anki jekk l-eżitu tal-verifika skont il-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali jissuġġerixxi li ma hemmx żieda sinifikanti tal-kapaċità għal suq b'kapaċità strutturali żejda.
- (192) L-argumenti ta' Smurfit Kappa huma bbażati fuq studju ta' London Economics mill-2007, li jirrapporta użu tal-kapaċità ta' anqas minn 90 % tul il-perjodu bejn l-2003 u l-2005 u jissuġġerixxi li l-figura għall-perjodu bejn l-2006 u l-2007 tibqa' anqas mid-90 % sakemm ma tiġix dekommissjonata kapaċità fl-industrija. Min-naħa l-oħra, il-Ġermanja tgħid li l-biċċa l-kbira tal-magni dekommissjonati kienu qodma u ineffiċjenti ⁽⁵¹⁾. Ir-rapport ECA jiddikjara li ħafna mill-każijiet ta' għeluq kien dovut għal bidliet naturali fid-domanda u l-istandards tekniċi u l-isforzi sabiex jinkisbu ekonomiji ta' skala u li l-bżonn li jinbidlu l-magni kien ġej l-aktar minn 1) bidliet fit-teknoloġiji tal-produzzjoni; 2) żvilupp ulterjuri tal-proċessi ta' standardizzazzjoni fl-industrija u 3) spejjeż iffrankati potenzjali mill-ekonomiji ta' skala ġenerati minn magni akbar. Għaldaqstant, il-Ġermanja ħadhet l-argument ta' Smurfit Kappa li l-għeluq kien deċiżjoni konxja mill-industrija sabiex jerġa' jinkiseb il-bilanċ fis-suq bejn il-provvista u d-domanda.
- (193) Il-Kummissjoni tosserva li, skont studju indipendenti mill-2007 (studju ta' Deutsche Bank), l-iskop tal-għeluq tal-impjanti tal-materjal ikkorrugat għall-kontenituri ta' Smurfit Kappa kien li jtejjeb il-kwalità tal-bażi tal-assi tiegħu. Dak l-istudju ssuġġerixxa wkoll li l-kapaċitajiet il-ġodda kienu meħtieġa sabiex tiġi koperta d-domanda għall-perjodu bejn l-2009 u l-2012 (b'referenza għal investimenti ġodda minn Mondy, Progroup u SAICA) u li, minkejja żidiet tal-kapaċità fl-2009, ir-rati tal-użu kienu jibqgħu b'saħħithom ⁽⁵²⁾.
- (194) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tieħu l-pożizzjoni li ma hemm ebda evidenza konvinċenti li l-ghajjnuna mogħtija lil Propapier se ssaħħaħ il-kapaċitajiet strutturali żejda eżistenti fis-suq għall-materjal ikkorrugat għall-kontenituri. Il-figuri ta' kapaċità żejda sottomessi minn Smurfit Kappa huma marbutin l-aktar mal-perjodu ta' qabel l-investiment, filwaqt li l-previżjonijiet li kienu disponibbli meta ġiet adottata d-deċiżjoni annullata, inkluż studju indipendenti (Deutsche Bank), ibassru domanda li ser tkompli tikber mill-2007 'l hemm. Il-Kummissjoni xorta waħda qieset it-tnaqqis relattiv fid-domanda (u l-valur tagħha) bejn l-2001 u l-2006, billi kkalkolat il-perċentwal tal-kapaċità l-ġdida maħluqa fis-suq rilevanti skont il-punt 68(b) tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali.

6.5.3. KONKLUŻJONI DWAR JEKK HEMMX BŻONN TA' VERIFIKA DDETTALJATA FL-APPLIKAZZJONI TAL-IDAC

- (195) Il-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali jstipulaw li, f'każijiet li fihom jinqabżu l-limiti stabbiliti fil-punti 68 (a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali, il-Kummissjoni ser tapprova biss l-ghajjnuna għall-investiment reġjonali, wara li tiftaħ l-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 88(2) KE, wara li tagħmel verifika ddettaljata li l-ghajjnuna hija meħtieġa biex ttiprovdi effett ta' incenċiv u l-benefiċċji tal-miżura ta' ghajjnuna jibqgħu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tosserva li l-limiti stabbiliti fil-punt 68 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali ma jinqabżux f'dan il-każ, jiġifieri ma hemmx bżonn li ssir verifika ddettaljata fl-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-kriterji għal valutazzjoni fil-fond tal-ghajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ⁽⁵³⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IDAC"). Minkejja dan, il-Kummissjoni trid turi li l-kontribuzzjoni li saret mill-ghajjnuna għall-investimenti reġjonali tisboq kwalunkwe impatt avvers potenzjali fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni.

6.5.4. EFFETTI POŻITTIVI/NEGATTIVI TAL-GĦAJNUNA

- (196) Il-Kummissjoni ssib li ġew issodisfati r-rekwiżiti f'termini tal-effett ta' incenċiv imsemmi fil-punt 38 tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali. Il-Kummissjoni ssib ukoll li l-Qorti kkonfermat li l-Kummissjoni tista' tirreferi għall-fatt

⁽⁵¹⁾ Ir-rapport ECA jissuġġerixxi li l-magni tal-karti dekommissjonati fl-Ewropa bejn l-2000 u l-2007 kellhom, bħala medja, 51 sena (p. 55 u l-Appendiċi 2).

⁽⁵²⁾ "Ir-rati tal-użu fl-industrija huma kejl importanti ta' kemm huma b'saħħithom il-kundizzjonijiet tas-suq u jagħtu informazzjoni dwar id-direzzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti. Ir-rati tal-użu kienu ta' 92 % fl-Ewropa s-sena l-oħra u huma mistennijin jiżdedu tul is-sentejn li ġejjin (...). Tkabbir b'saħħtu fid-domanda, flimkien ma' provvista ġdida limitata ser ikompli jikkonsolidaw is-suq." (studju ta' Deutsche Bank, p. 19).

⁽⁵³⁾ ĠU C 223, 16.9.2009, p. 3.

li għadda ż-żmien bħala l-bażi għall-valutazzjoni tal-effett ta' inċentiv⁽⁵⁴⁾. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajjnuna kellha effett ta' inċentiv fuq l-investment u kebbset il-kontribuzzjoni pożittiva tagħha lejn it-tkabbir fiż-żona assistita inkwistjoni.

- (197) Il-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali jstipulaw li l-għajjnuna reġjonali jista' biss ikollha rwol effettiv jekk tintuża darba kultant u b'mod proporzjonat u jekk tkun ikkonċentrata fuq l-aktar reġjuni żvantaġġati tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, il-limiti massimi permissibbli tal-għajjnuna għandhom jirriflettu s-serjetà relattiva tal-problemi li jolqtu l-iżvilupp tar-reġjuni kkonċernati. Barra minn hekk, il-vantaġġi tal-għajjnuna f'termini tal-iżvilupp ta' reġjun żvantaġġat iridu jisbqu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw.
- (198) It-TFUE jippermetti lill-Kummissjoni taċċetta distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u effetti fuq il-kummerċ sabiex tippromwovi l-iżvilupp reġjonali ta' reġjuni eliġibbli skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. L-importanza askritta għall-effett pożittiv tal-investment assistit hija akbar fil-każ ta' reġjuni ferm żvantaġġati skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE milli f'reġjuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.
- (199) L-intensità massima tal-għajjnuna applikabbli għall-proġett (12,30 % EGħG) kienet anqas mill-ispeċifikazzjonijiet għat-tnaqqis tal-limitu massimu standard tal-għajjnuna reġjonali skont il-punt 67 tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali u ma taqbiżx il-limitu massimu applikabbli tal-għajjnuna reġjonali. Għalhekk, tista' titqies proporzjonali għall-iżvantaġġi li jridu jiġu rkuprati fir-reġjun ta' Brandenburg, li kkwalifika għal għajjnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE fiż-żmien materjali.
- (200) Peress li nstab li l-għajjnuna għandha effett ta' inċentiv għall-investment fir-reġjun ikkonċernat u li hija proporzjonata, l-effetti pożittivi u negattivi tal-għajjnuna jridu jiġu ponderati.
- (201) Billi ħoloq 150 impjieg dirett u 450 impjieg indirett u espanda l-bażi industrijali tar-reġjun ikkonċernat, l-investment assistit jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali ta' reġjun li kkwalifika għall-għajjnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Il-Kummissjoni ssib li l-ammont fl-għajjnuna għal kull impjieg maħluq (madwar EUR 300 000 għal kull impjieg dirett maħluq, iżda EUR 75 000 biss għal kull impjieg dirett u indirett maħluq), meta mqabbel ma' każijiet simili ta' għajjnuna reġjonali għal investimenti ta' kapital intensiv fl-industrija tal-karta soġġett għall-istess limitu massimu standard ta' 30 %⁽⁵⁵⁾ għall-għajjnuna reġjonali mhux eċċessiv.
- (202) L-għajjnuna mhijiex ser toħloq pożizzjoni dominanti ġdida fis-suq jew issaħħaħ xi waħda eżistenti għall-benefiċjarju tal-għajjnuna u l-impatt tal-kapaċità maħluqa mill-investment huwa limitat għas-swieq tal-prodotti rilevanti. Ma kien hemm ebda raġuni għaliex meta adottat id-deċiżjonijiet dwar l-investment u l-għajjnuna, il-Kummissjoni għandha ssib jew tistenna li dawn is-swieq kienu ser ibatu minn kapaċità strutturali żejda ladarba jitlesta l-investment.
- (203) Peress li l-għajjnuna tikkonforma mal-limitu massimu għall-intensità tal-għajjnuna mnaqqsa għall-proġetti ta' investment kbar biex tibqa' konformi mal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Reġjonali u mal-mappa approvata tal-għajjnuna reġjonali għall-Ġermanja għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013, il-Kummissjoni tieħu l-pożizzjoni li l-għajjnuna ma taffettwax il-kummerċ tant li tkun inkompatibbli mas-suq intern. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tosserva li ma kien hemm xejn fil-kummenti rċevuti matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali li jissuġġerixxi li, mingħajr l-għajjnuna, il-proġett ta' investment kien jiġi implimentat f'reġjun ieħor tal-Unjoni Ewropea fejn kien japplika limitu massimu oġhla jew ekwivalenti tal-għajjnuna. Barra minn hekk, ma hemm xejn x'jissuġġerixxi li l-għajjnuna ġiegħlet lil Propapier tieħu l-attivajiet kummerċjali tagħha f'reġjuni oħrajn jew tagħlaq siti f'reġjuni oħrajn f'sitwazzjoni soċjoekonomika paragonabbli jew agħar miż-żona assistita fejn Propapier implimentat l-investment.
- (204) Finalment, il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja wriet li l-proġett ta' Propapier PM2 qiegħda jgħin sabiex jintlaħaq l-oġettiv (ta' interess ġenerali) ta' koeżjoni u ġie implimentat fil-qafas ta' strateġija koerenti ta' żvilupp reġjonali. L-investment assistit jagħmel kontribuzzjoni siewja għat-titjib tas-sitwazzjoni soċjoekonomika u għat-tkabbir fir-reġjun ikkonċernat, speċjalment fid-dawl tal-impatt tiegħu fuq l-impjiegi, id-dħul u l-espansjoni tal-bażi industrijali. Minħabba t-tip u d-daqs tal-proġett, il-Kummissjoni tqis li l-għajjnuna mhijiex qiegħda tikkaġuna tfixkil inaċċettabbli tal-kompetizzjoni jew effetti fuq il-kummerċ.
- (205) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-vantaġġi tal-miżura ta' għajjnuna jisbqu d-distorsjonijiet tal-

⁽⁵⁴⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-14 ta' Jannar 2009 fil-kawża T-162/06 *Kronoply v Il-Kummissjoni* [2009], paragrafu 80.

⁽⁵⁵⁾ Ara l-kawża N 203/08 *LIP – DE – Għajjnuna għall-fabbrika tal-karti ta' Hamburger Spremberg GmbH & Co KG* (għajjnuna ta' madwar EUR 183 000 għal kull impjieg dirett maħluq; 200 impjieg dirett; numru ta' impjiegi diretti mhux iddikjarat) u N 865/06 *LIP – DE – Għajjnuna għal Projektgesellschaft Papierfabrik Adolf Jass Schwarza GmbH* (għajjnuna ta' madwar EUR 367 000 għal kull impjieg dirett maħluq; 100 impjieg dirett u 100 impjieg indirett).

kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

7. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni ssib li l-Ġermanja tat l-ghajjnuna lil Propapier PM2 GmbH b'mod irregolari bi ksur tal-Artikolu 108 (3) TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni ssib li l-ghajjnuna tissodisfa l-kriterji standard tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali, ma toħloq sitwazzjoni li fiha jinqabżu l-limiti stabbiliti fil-punt 68(a) u (b) tal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna Reġjonali għall-prodotti kkonċernati, għandha effett ta' inċentiv u hija proporzjonata għall-iżvantaġġi reġjonali li jridu jiġu rkuprati. Il-Kummissjoni ssib ukoll li l-vantaġġi tal-ghajjnuna jisbqu t-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ssib li l-ghajjnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna mill-Istat ta' EUR 43 415 903 (ammont skontat) mogħti mill-Ġermanja lil Propapier PM2 GmbH hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1073

tad-9 ta' Jannar 2015

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.35888 (2013/C) (ex 2013/NN) SA.37220 (2014/C) (ex 2013/NN) SA.38225 (2014/C) (ex 2013/NN) implimentata minn Ċipru għal Cyprus Airways (Public) Ltd

(notifikata bid-dokument C(2014) 9362)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ⁽¹⁾, u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. Proċedura**1.1. L-EWWEL PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI (SA.35888)**

- (1) Fi Frar 2012 id-dipartimenti tal-Kummissjoni kienu infurmati permezz tal-istampa li l-gvern Ċiprijott kien qiegħed jikkunsidra intervent favur Cyprus Airways (Public) Ltd ("Cyprus Airways" jew "il-Kumpanija"). Sabiex tikkjarifika jekk jistgħux jinqalgħu kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni fetħet kawża *ex officio*.
- (2) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni permezz tal-ittri datati 20 ta' Frar 2012, 15 ta' Ġunju 2012 u 23 ta' Awwissu 2012. L-awtoritajiet Ċiprijotti wiegħbu fis-6 ta' April 2012 u fit-30 ta' Awwissu 2012. Fl-4 ta' Ottubru 2012, saret laqgħa fi Brussell bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet Ċiprijotti u ta' Cyprus Airways.
- (3) Fit-13 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet Ċiprijotti nnotifikaw lill-Kummissjoni l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ ta' Cyprus Airways (SA.35888). Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni bl-ittra tad-19 ta' Diċembru 2012. L-awtoritajiet Ċiprijotti wiegħbu fl-4 ta' Jannar 2013.
- (4) Bl-ittra datata s-6 ta' Marzu 2013 ("id-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013"), il-Kummissjoni infurmat lil Ċipru li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") fir-rigward ta' ċerti miżuri tal-Istat deskritti fit-taqsim 3.2.1 aktar 'l isfel ("l-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali").
- (5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2013 li tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Ċiprijotti u lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna.
- (6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Ċiprijotti fil-31 ta' Mejju 2013. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand ħames partijiet interessati matul il-perjodu mill-4 ta' April sat-3 ta' Lulju 2013. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-awtoritajiet Ċiprijotti dwar daww il-preżentati mill-partijiet interessati fl-10 ta' Settembru 2013.

1.2. IT-TIENI PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI (SA.37220 u SA.38225)

- (7) Permezz tal-prenotifika tat-22 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti kkomunikaw lill-Kummissjoni abbozz ta' pjan ta' ristrutturar u fit-23 ta' Ottubru 2013 huma nnotifikaw verżjoni aġġornata ta' dak il-pjan ("il-pjan ta' ristrutturar tal-2013") (SA.37220). Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni permezz tal-ittra tal-15 ta' Novembru 2013. L-awtoritajiet Ċiprijotti wiegħbu fl-10 ta' Jannar 2014.

⁽¹⁾ SA.35888: ĠU C 152, 30.5.2013, p. 12; SA.37220 u SA.38225: ĠU C 117, 16.4.2014, p. 125.

⁽²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

- (8) Fil-kuntest tal-monitoraġġ regolari ta' skemi approvati jew eżentati, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw l-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna għat-taħriġ Ċiprijotta ⁽³⁾. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni fost l-oħrajn dwar l-għajnuna għat-taħriġ lil Cyprus Airways (SA.38225), bl-ittri tat-3 ta' Diċembru 2012, il-15 ta' Frar 2013 u s-6 ta' Mejju 2013. L-awtoritajiet Ċiprijotti wieġbu fid-19 ta' Diċembru 2012, l-14 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' Mejju 2013.
- (9) Bl-ittra datata 4 ta' Frar 2014 ("id-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014"), il-Kummissjoni infurmat lil Ċipru li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-miżuri tal-Istat deskritti fit-taqsimha 3.2.2. ("it-tieni proċedura ta' investigazzjoni formali").
- (10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Frar 2014 kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Ċiprijotti u lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna.
- (11) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-awtoritajiet Ċiprijotti fil-31 ta' Marzu 2014. Fis-16 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand tliet partijiet interessati. Fis-26 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-awtoritajiet Ċiprijotti dwar dawk sottomessi mill-partijiet interessati.
- (12) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni permezz tal-ittri tal-11 ta' April 2014 u tat-2 ta' Lulju 2014. L-awtoritajiet Ċiprijotti wieġbu fil-11 ta' Mejju 2014 u fit-8 ta' Awwissu 2014.
- (13) Bl-ittra datata l-14 ta' Novembru 2014, Ċipru qabel li jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu li joħorġu mill-Artikolu 342 tat-Trattat flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-KE 1/1958 u li d-deċiżjoni preżenti tiġi adottata u nnotifikata bl-Ingliż.

2. IS-SUQ ĊIPRIJOTT TAT-TRASPORT BL-AJRU

- (14) Ċipru għandu żewġ ajruporti internazzjonali, Larnaca (LCA – qrib il-kapitali Nikosia) u Paphos (PFO). Minħabba d-daqs żgħir tal-gżira, il-biċċa l-kbira tal-vjaġġaturi minn/lejn Ċipru jistgħu jilħqu faċilment iż-żewġ ajruporti.
- (15) L-oriġini prinċipali tal-passiġġieri li jaslu huma r-Renju Unit u r-Russja, b'numru konsiderevolment anqas ta' passiġġieri li jaslu mill-Ġermanja, l-Isvezja u l-Greċja. L-ammont ta' passiġġieri li jidħlu jvarja skont l-istaġun: matul ix-xhur tas-sajf (Lulju-Awwissu) ikun hemm iżjed minn tliet darbiet aktar passiġġieri milli matul ix-xhur tax-xitwa (Diċembru-Frar). Madankollu, it-traffiku mill-Greċja m'għandux varjazzjoni staġjonali sinifikanti.
- (16) Cyprus Airways għandha sehem mis-suq medju ta' madwar 15 % tat-traffiku lejn/mill-gżira (dejta tal-2012), iżda sehem mis-suq ta' ta' għajha jvarja skont l-istaġun. L-aktar swieq importanti għall-Kumpanija huma r-rotot bejn Ċipru u l-Greċja u bejn Ċipru u r-Renju Unit. Cyprus Airways kienet attiva wkoll fit-titjiriet domestiċi fis-suq Grieg sa nofs l-2013. Ċerti rotot għal-Lvant Nofsani kienu wkoll swieq tradizzjonali għal Cyprus Airways.
- (17) Il-linji tal-ajru Ewropej prinċipali tradizzjonalment kienu attivi fl-istess swieq bħal Cyprus Airways. Madankollu, xi rotot għal Ċipru huma moqdija biss fuq bażi regionali. Aktar riċentement, Cyprus Airways kienet qiegħda tiffaċċja wkoll kompetizzjoni minn linji tal-ajru low cost, li xi drabi joperaw minn bażi f'Ċipru.
- (18) L-ekonomija Ċiprijotta ilha tiffaċċja diffikultajiet, murija minn tnaqqis fil-PDG mill-2009, żieda fid-defiċit baġitarju u żieda fil-qgħad. Minħabba d-deterjorament tal-kundizzjonijiet finanzjarji tiegħu, Ċipru kien qiegħed jirċievi appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI").

⁽³⁾ SA.27573 (2012/MX) – Skema għal programmi ta' taħriġ kostanti għal intrapriżi individwali – Ċipru, approvata f'Ċipru bid-Deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Ċiprijotta Nru 8025 tal-21 ta' Novembru 2008.

⁽⁴⁾ Aran- nota ta' qiegħ il-paġna 1.

- (19) B'riżultat tar-riċessjoni f'Ċipru, iżda wkoll f'pajjiżi Ewropej oħra, in-numru ta' passiġġieri li jivvjaġġaw lejn u minn Ċipru naqas. In-noll medju wkoll naqas b'mod sinifikanti. Il-prestazzjoni futura tas-suq Ċiprijott se tiddependi fuq l-irkupru fl-Ewropa iżda wkoll fuq is-sitwazzjoni tal-ekonomija lokali.

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA

3.1. IL-BENEFIĊJARJU

- (20) Cyprus Airways twaqqfet fl-1947 u l-attivitajiet prinċipali tagħha huma t-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija bl-ajru u servizzi oħra relatati mal-linja tal-ajru. Il-Kumpanija hija elenkata fil-Borża Ċiprijotta. Mill-bidu tal-2013, wara żieda kapitali azzjonarju (koperta miż-żewġ proċeduri ta' investigazzjoni formali), l-azzjonist prinċipali tal-Kumpanija huwa l-Istat Ċiprijott b'parteċipazzjoni azzjonarja ta' 93,67 % filwaqt li l-investituri privati għandhom l-ishma li jifdal.
- (21) Fl-aħħar tal-2013, Cyprus Airways operat servizzi tal-ajru skedati lejn madwar 15-il destinazzjoni u kellha flotta ta' 6 inġenji tal-ajru (Airbus A320) u madwar 600 impjegat. Għalhekk ikkwalfikat bħala intrapriża kbira ⁽⁵⁾.
- (22) Fl-2005, Cyprus Airways ibbenefikat minn CYP 30 miljun (madwar EUR 51 miljun) ta' għajjnuna għas-salvataġġ u fl-2007 minn numru ta' miżuri ta' ristrutturar li jikkonsistu prinċipalment minn (i) selfiet ta' CYP 55 miljun (madwar EUR 96 miljun), li selfa ta' CYP 45 miljun (madwar EUR 78 miljun) minnhom kienet appoġġata b'garanzija tal-Gvern, u (ii) żieda kapitali ta' CYP 14-il miljun (madwar EUR 24 miljun), li involviet azzjonisti pubbliċi u privati fuq termini ugwali. Dawk il-miżuri, li kienu jinkludu pjan ta' ristrutturar ("il-pjan ta' ristrutturar tal-2007"), kienu approvati mill-Kummissjoni bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli għar-ristrutturar ⁽⁶⁾.
- (23) Cyprus Airways tirċievi kumpens annwali għat-telf imġarrab b'riżultat tal-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija għall-inġenji tal-ajru Ċiprijotti. Il-kumpens huwa bbażat fuq skema ta' għajjnuna awtorizzata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat. Il-benefiċjarji tal-iskema huma kumpaniji tal-ajru stabbiliti f'Ċipru ⁽⁷⁾.

3.2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

3.2.1. L-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali

- (24) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fis-6 ta' Marzu 2013 fir-rigward tal-miżuri li ġejjin:

3.2.1.1. Miżura 1: Kontribuzzjoni mill-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012

- (25) Matul il-perjodu minn Settembru 2012 sa Diċembru 2012, l-Istat żborża EUR 31,33 miljun lil Cyprus Airways fil-forma ta' pagamenti "bil-quddiem" għal żieda ppjanata fil-kapital azzjonarju li tlaħħaq EUR 45 miljun. L-ammont tħallas f'segmenti.
- (26) F'Novembru 2012, ġie kkomunikat pjan tan-negozju ġdid ("pjan ta' bidla fid-direzzjoni") lill-Kummissjoni. Il-pjan kien jipprevedi l-bidla fid-direzzjoni tal-Kumpanija fi żmien 5 snin, abbażi ta' żieda kapitali, titjib fil-fatturi tal-kostijiet u tal-produttività, investimenti ġodda u r-riorganizzazzjoni tal-Kumpanija f'"linja tal-ajru ta' valur ta' klassi waħda ta' servizzi bbażati fuq għażliet". Il-pjan ipprojetta profittabilità marġinali diġà mit-tieni sena tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-pjan kien soġġett għall-approvazzjoni mill-azzjonisti eżistenti, li se jkun qegħdin jipparteċipaw fiż-żieda kapitali neċessarja għall-implimentazzjoni tiegħu. Finalment, ma ġiex implimentat.
- (27) Fiż-żmien tal-għoti tal-miżura 1, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li l-Istat aġixxa bħala investitur f'ekonomija tas-suq, sabiex jissalvagwardja l-assi tiegħu sal-finalizzazzjoni tal-pjan ta' bidla fid-direzzjoni u l-konklużjoni taż-żieda kapitali mill-azzjonisti kollha.

⁽⁵⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2005 fil-kawża N69/2005 (ĠU C 191, 5.8.2005, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/137/KE tas-7 ta' Marzu 2007 Għajjnuna ta' l-Istat C 10/06 (ex N555/05) – Cyprus Airways Public Ltd – Pjan ta' ristrutturar (ĠU L 49, 22.2.2008, p. 25).

⁽⁷⁾ Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-kawża SA.32523 (11/N) (ĠU C 230, 1.8.2012, p. 1).

- (28) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ċiprijotti antiċipaw li ż-żieda kapitali kienet se tiġi konkluża b'parteċipazzjoni *pro rata* tal-azzjonisti privati ta' EUR 13,67 miljun addizzjonali. Madankollu, l-azzjonisti privati kkontribwew biss EUR 106 000, u għalhekk il-kapital azzjonarju tal-Kumpanija żdied biss b'EUR 31,4 miljun. Il-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Istat f'Cyprus Airways għalhekk żdiedet minn 69,62 % għal 93,67 %.

3.2.1.2. Miżura 2: Għajnuna għas-salvataġġ

- (29) Fit-13 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet Ċiprijotti nnotifikaw għajnuna għas-salvataġġ ta' EUR 73 miljun lil Cyprus Airways. Skont dak li qalu l-awtoritajiet Ċiprijotti fin-notifika, dak l-ammont kien jirrifletti l-ħtiġijiet ta' flussi ta' flus netti ta' Cyprus Airways sat-30 ta' Ġunju 2013, jiġifieri, għal sitt xhur. L-għajnuna għas-salvataġġ kienet se tiġi pprovduta bħala selfa mill-gvern b'imgħax ta' 1,76 % u riedet titħallas lura sat-30 ta' Ġunju 2013.
- (30) L-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li mill-EUR 73 miljun tal-għajnuna għas-salvataġġ, EUR 16,3 miljun diġà kienu ngħataw lil Cyprus Airways fil-kuntest tal-miżura 1. Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013 il-Kummissjoni nnutat li l-awtoritajiet Ċiprijotti nnotifikaw għajnuna għas-salvataġġ fil-forma ta' selfa, filwaqt li l-pagament ta' EUR 16,3 miljun kien parti minn żieda kapitali.
- (31) L-awtoritajiet Ċiprijotti argumentaw li l-għajnuna għas-salvataġġ kienet meħtieġa, sabiex tappoġġja lil Cyprus Airways għal perjodu qasir. Huma rrikonxew l-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar fl-2007, iżda spjegaw li kien hemm ċirkustanzi eċċezzjonali, li dawru l-implimentazzjoni inizjali tal-pjan ta' ristrutturar tal-2007 u li dgħajfu l-vijabilità fit-tul tal-Kumpanija. Iċ-ċirkustanzi kienu marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja f'Ċipru u fil-Greċja, tnejn mis-swieq prinċipali fejn hija attiva Cyprus Airways, kif ukoll is-sitwazzjoni politika instabbli fil-Lvant Nofsani, l-effett tal-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija għall-inġenji tal-ajru Ċiprijotti, id-dħul ta' kompetitur ġdid bi prezzijiet baxxi fis-suq, allegatament issussidjat bi skema Statali, u l-pożizzjoni sottokapitalizzata ta' Cyprus Airways.

3.2.1.3. Miżura 3: Kumpens ex gratia

- (32) Skont in-notifika tat-13 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill tal-Ministri Ċiprijott fl-4 ta' Diċembru 2012 iddeċieda li jagħti kumpens *ex gratia* lill-persunal ta' Cyprus Airways, li kien se jitqies żejjed fil-kuntest tar-ristrutturar tal-Kumpanija. Skont dik id-deċiżjoni, il-kundizzjonijiet għal kwalunkwe kumpens *ex gratia* kienu li (i) dan jikkonforma mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat; (ii) it-trejdjunjins tal-Kumpanija jaċċettaw il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju l-ġdid (jiġifieri l-pjan ta' bidla fid-direzzjoni) u (iii) li dan ma jaqbiżx 50 % tal-kumpens normali li għandu jitħallas lill-persunal issensjat mill-Fond Ċiprijott għall-Persunal Issensjat ("RPF").

3.2.2. It-tieni proċedura ta' investigazzjoni formali

- (33) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-4 ta' Frar 2014 fir-rigward tal-miżuri li ġejjin:

3.2.2.1. Miżura 4: Għajnuna għar-ristrutturar

- (34) Fit-23 ta' Ottubru 2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti nnotifikaw għajnuna għar-ristrutturar ta' EUR 102,9 miljun lil Cyprus Airways, akkumpanjata bi pjan ta' ristrutturar ġdid (jiġifieri l-pjan ta' ristrutturar tal-2013), mhux relatat mal-pjan ta' bidla fid-direzzjoni msemmi fil-premessa 26 hawn fuq. L-ammont tal-għajnuna għar-ristrutturar kien jikkonsisti minn:
- (a) Il-parteċipazzjoni ta' EUR 31,33 miljun mill-Istat għaż-żieda kapitali, diġà mogħtija fl-2012 (miżura 1);
- (b) Is-segmenti tas-selfa ta' għajnuna għas-salvataġġ mogħtija lil Cyprus Airways (miżura 2) għal total ta' EUR 34,5 miljun. L-ammont mogħti mhux se jitħallas lura minn Cyprus Airways u d-dejn korrispondenti se jiġi maqlub fekwità;
- (c) Fl-2007 u bħala parti mill-pakkett ta' ristrutturar approvat, l-Istat Ċiprijott ipprova garanzija għal selfa ta' CYP 45 miljun (madwar EUR 78 miljun), li Cyprus Airways ħadet mingħand Hellenic Bank (ara l-premessa (22) above). Din is-selfa kienet isservizzjata b'mod regolari minn Cyprus Airways permezz ta' hłasijiet parzjali darbtejn fis-sena u f'Awwissu 2013 l-ammont pendenti li ried jitħallas lura kien ta' EUR 28,5 miljun. Skont l-għajnuna għar-ristrutturar li ġiet innotifikata, il-Kumpanija ma kinitx se tħallas lura l-ammont pendenti lil Hellenic Bank. B'riżultat ta' dan, tiġi eżerċitata l-garanzija tal-Gvern, li toħloq dejn ġdid ta' Cyprus Airways lejn l-Istat, billi dan tal-aħħar ikun irid iħallas lura s-selfa. Dak id-dejn ta' EUR 28,5 miljun suċċessivament jiġi maqlub mill-Istat fekwità ta' Cyprus Airways;

- (d) Il-Fond Providenti ta' Cyprus Airways għall-impjegati bbażati f'Ċipru (esklużi l-bdoti) huwa skema definita ta' benefiċċji, imħallsa permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-impjegati u Cyprus Airways. L-ammont sħiħ allokati għall-Fond Providenti abbażi tal-intitolamenti kuntrattwali tal-persunal ("kapaċità tal-akkwist") huwa fl-aħħar mill-aħħar għad-dispożizzjoni tal-Kumpanija. Il-kapaċità tal-akkwist tal-Fond Providenti hija garantita wkoll mill-Kumpanija. Minħabba l-prestazzjoni ħażina tal-investment, il-Fond Providenti kien qiegħed jiffaċċja defiċit sinifikanti, fl-1 ta' Jannar 2013 ikkalkulat bħala EUR 12-il miljun fuq bażi ta' negozju avvjat (jiġifieri jekk wieħed jassumi li Cyprus Airways se tkompli topera) jew EUR 14,9 miljun fuq bażi mwaqqfa. Fil-kuntest tal-ghajjnuna għar-ristrutturar, l-Istat Ċiprijott se jkopri EUR 8,6 miljun mid-defiċit tal-Fond Providenti fuq bażi ta' negozju avvjat, filwaqt li l-ammont li jifdal se jiġi kopert permezz ta' tranżazzjonijiet immobiljari (ir-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetà tal-kumpanija f'Nikosia u t-trasferiment tal-proprjetà tal-Kumpanija f'Ateni lill-Fond Providenti).
- (35) L-elementi a) u b) tal-ghajjnuna għar-ristrutturar jikkorrispondu għall-miżuri 1 u 2, li suċċessivament kienu nnotifikati fil-kuntest tal-ghajjnuna għar-ristrutturar lil Cyprus Airways.
- (36) Barra minn hekk, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi wkoll selfa possibbli ta' EUR 10 miljun għal żmien qasir mill-Istat, li, skont l-awtoritajiet Ċiprijotti, tingħata b'termini tas-suq. Madankollu, id-data prevista tal-għoti jew il-kundizzjonijiet ta' din is-selfa ma kinux ċari u din mhijiet inkluża fl-ammont totali ta' EUR 102,9 miljun.
- (37) L-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw li l-pjan ta' ristrutturar tal-2007 inizjalment kien ġie implimentat skont l-iskeda. Madankollu, id-dħul tal-Kumpanija beda jonqos fl-2009, b'riżultat tal-kriżi finanzjarja fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-Greċja u f'Ċipru. Fatturi oħra għad-diffikultajiet ġodda tal-Kumpanija kienu l-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija, li ma tippermettix lil Cyprus Airways li tilħaq swieq prospettivi, bħar-Russja, l-Armenja u l-Ukraina f'ħinjiet ta' titjir kompetittivi, l-inkwjet fil-Lvant Nofsani u l-operat ta' kompetituri low cost b'bażi f'Ċipru.

3.2.2.2. Il-Pjan ta' Ristrutturar tal-2013

- (38) Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ippreveda perġodu ta' ristrutturar minn April 2012 (l-ewwel bejgħ ta' assi fil-kuntest tal-kontribuzzjoni proprja tal-Kumpanija għall-kostijiet tar-ristrutturar tagħha) sal-aħħar tal-2017. L-għan huwa li tiġi restawrata l-profittabilità ta' Cyprus Airways mis-sena finanzjarja 2014. Madankollu, l-awtoritajiet Ċiprijotti kkjarifikaw li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma indirizzax il-mudell kummerċjali fundamentali tal-Kumpanija. Il-Kumpanija diġà wettqet xi wħud mill-miżuri previsti fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013.

Ristrutturar tal-flotta u tal-operazzjonijiet

- (39) Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi tnaqqis tal-flotta għal sitt inġenji tal-ajru (minn 13 fil-bidu ta' April 2012). Dan it-tnaqqis inkiseb sal-10 ta' Diċembru 2013, bil-bejgħ ta' żewġ inġenji tal-ajru proprji f'April 2012 u l-iskadenza tal-kuntratti ta' lokazzjoni għal ħames inġenji tal-ajru oħra. Mill-flotta li jifdal ta' sitt inġenji tal-ajru, ħames inġenji tal-ajru, li kienu mikrija minn Cyprus Airways, se jinżammu fl-operazzjonijiet, filwaqt li inġenju tal-ajru wieħed, sjieda tal-Kumpanija, se jinżamm bħala żejjed.
- (40) It-tnaqqis fil-flotta se jkun rifless f'numru ta' rotot imnaqqsa għal 13. Ir-rotot li ġejjin diġà kienu nqas minn April 2012: LCA-ATH-SKG-LCA; LCA-ATH-HER-LCA; LCA-ATH-RHO-LCA; LCA-LED⁽⁸⁾. Ir-rotot li ġejjin kienu ppjanati wkoll li jingħalqu: LCA-HER-RHO-LCA; LCA-SKG-HER-LCA; LCA-SKG-RHO-LCA; LCA-FCO; LCA-VIE u LCA-LHR, li se tiġi sostitwita b'LCA-STN⁽⁹⁾. Barra minn hekk, il-Kumpanija se tnaqqas il-frekwenza ta' tliet rotot: LCA-LON, LCA-SKG u LCA-HER⁽¹⁰⁾. Ir-rotot li ġejjin kienu previsti li jinżammu: LCA-ATH, LCA-SKG, LCA-HER, LCA-AMS, LCA-CDG, LCA-SVO, LCA-SOF, LCA-FRA, LCA-MUC, LCA-ZRH, LCA-TLV, LCA-BEY, LCA-STN⁽¹¹⁾. Skont l-awtoritajiet Ċiprijotti, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 għalhekk kien jipprevedi tnaqqis ta' 35 % fil-kapaċità f'termini ta' ASK⁽¹²⁾ meta mqabbel mal-kapaċità fl-2012.
- (41) Il-pjan kien jipprevedi allokazzjoni aħjar tal-ħinjiet tat-titjir, sabiex jiġi massimizzat l-użu tal-flotta. Ir-rotta lejn Londra nbidlet minn Heathrow għal Stansted u hija meqjusa bħala strateġika, minħabba l-attrattività tagħha.

⁽⁸⁾ ATH: Ateni; SKG: Tessaloniki; HER: Heraklion-Kreta; RHO-Rodi; LED: San Pietruburgu.

⁽⁹⁾ FCO: Ruma Fiumicino; VIE: Vjenna, LHR: Londra Heathrow, STN: Londra-Stansted.

⁽¹⁰⁾ LON: Kollettivament imsejħa ajruporti fiż-żona ta' Londra.

⁽¹¹⁾ AMS: Amsterdam Schiphol; CDG: Pariġi Charles de Gaulle; SVO: Moska Sheremetyevo; SOF: Sofia; FRA: Frankfurt am Main; MUC: Munich; ZRH: Zurich; TLV: Tel. Aviv; BEY: Beirut.

⁽¹²⁾ Siġġijiet kilometri disponibbli.

Miżuri ta' tnaqqis fil-kostijiet

- (42) Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi tnaqqis ta' kostijiet diretti fl-ammont totali ta' EUR 45,7 miljun sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2014 bħala xenarju bażi. Minn dan it-tnaqqis fil-kostijiet, EUR 16,2 miljun huma dovuti għal tnaqqis fil-volum li jinkludi parti mis-sensji lil persunal u tnaqqis fil-pagamenti relatat ma' dan it-tnaqqis filwaqt li l-EUR 29,5 miljun li jifdal huma dovuti għal iffrankar addizzjonali. Il-komponenti prinċipali huma s-sensji lil persunal (EUR 17,6 miljun); tnaqqis ieħor fil-kostijiet tal-persunal (EUR 4,5 miljun); tnaqqis fil-kostijiet tal-fjuwil (li jirriżulta minn flotta unifikata ta' Airbus A320 b'kapaċità ta' siġġijiet rikonfigurata – EUR 12,5 miljuni); kostijiet iffrankati fuq il-passiġġieri (bħat-tneħħija tal-opzjoni tal-ikel fil-klassi ekonomika – EUR 5,5 miljun); tnaqqis u nnegożjar mill-ġdid tat-tariffi tal-groundhandling fl-ajruport LCA (EUR 4,2 miljuni); tnaqqis u nnegożjar mill-ġdid tat-tariffi tal-ajruport u en route (EUR 3,3 miljun); kostijiet imwaqqfa għal-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru (EUR 4,5 miljun).
- (43) Minbarra t-tnaqqis fil-flotta u fir-rotot, sa Jannar 2014 kienu ġew implimentati l-miżuri li ġejjin: it-tneħħija tal-forniment tal-ikel fil-klassi ekonomika, l-innegożjar mill-ġdid tat-tariffi tal-groundhandling fl-ajruport LCA li wassal għal iffrankar ta' EUR 1,2 miljun (meta mqabbel ma' EUR 0,6 miljun mistennija fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013; tnaqqis ta' 10 % fis-salarji u fil-kontribuzzjonijiet għall-Fond Providenti. Madankollu, it-tnaqqis tat-tariffi tal-inżul u parkeġġ fl-ajruport LCA mhuwiex mistenni li jintlaħaq fil-futur prevedibbli minħabba tilwimiet li għaddejjin dwar imposti oħra li ma jippermettux innegożjar mill-ġdid tat-tariffi tal-inżul u parkeġġ f'dan l-istadju.
- (44) Rigward is-sensji tal-persunal, in-numru ta' persunal naqas minn 1,037 minn Diċembru 2011 għal 650 f'Jannar 2014, filwaqt li jidhru li ġew maqbula sensji oħra ta' 321 membru tal-persunal iżda għadhom pendenti. L-awtoritajiet Ċiprijotti kkjarifikaw li ma ngħata l-ebda kumpens *ex gratia* għal dawn is-sensji.

Inizjattivi tal-introjtu

- (45) Rigward inizjattivi ġodda tal-introjtu, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 assuma żidiet fin-nollijiet ta' 2–3 % fis-sena mill-2015 fix-xenarju bażi. Bħala ipoteżi baxxa, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 assuma tnaqqis fid-dħul ta' 1 % fl-2014 u l-ebda żieda wara l-2015. Barra minn hekk, il-pjan għamel referenza għal dħul anċillari minn servizzi addizzjonali pprovduti lill-passiġġieri, iżda ma pprova l-ebda ammont.

Restawr tal-vijabilità – suppożizzjonijiet

- (46) Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi r-restawr tal-vijabilità tal-Kumpanija mill-2014. Il-pjan ikkunsidra r-riżultati finanzjarji li ġejjin fix-xenarju bażi, bis-suppożizzjoni li r-ristrutturar finanzjarju (taħt il-miżura 4) se jkun implimentat qabel l-aħħar tal-2013:

Tabella 1

Profitt u telf previst (xenarju bażi) (f'miljuni ta' EUR)

	2013	2014	2015	2016	2017
Dħul	168,1	108,2	109,6	111,7	113,1
EBIT	(18,8)	0,4	2,1	4,6	6,0
Riżultat nett qabel it-taxxa	(18,9)	0,4	2,1	4,6	6,0
EBIT %	(24,9)%	0,4 %	1,9 %	4,1 %	5,3 %
Riżervi kapitali	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0
Riżervi totali	(103,1)	(102,7)	(100,5)	(96,0)	(90,0)
Ekwità totali	1,4	1,8	4,0	8,5	14,5

- (47) Rigward il-profittabilità, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ikkunsidra l-profittabilità segwenti:

Tabella 2

Profittabilità prevista

	(f%)			
	2014	2015	2016	2017
ROE (Redditu fuq l-Ekwità)	21,2	54,1	53,5	41,3
ROCE (Redditu fuq il-Kapital Impjegat)	1,2	6,1	11,4	13,0

- (48) Minbarra l-miżuri ta' ristrutturar hawn fuq imsemmija, ir-riżultati kienu bbażati fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:
- Tnaqqis fil-passiġġieri u d-dħul, b'riżultat tan-netwerk imnaqqas;
 - Iffrankar fil-kostijiet tal-fjuwil minħabba użu akbar ta' sistema ta' ġestjoni tal-fjuwil. Il-prezz tal-fjuwil kien preżunt ċatt;
 - Ir-riskedar ipplanat tad-dejn ta' parti terza li jwassal biex ma jkun dovut jew jitħallas l-ebda mgħax u għall-ebda self ġdid;
 - Proporzjon tal-kambju USD/EUR stabbli sal-2017;
 - L-ebda ħħeġġjar kontra r-riskji tal-prezzijiet tal-fjuwil jew tal-kambju USD/EUR minħabba l-inabilità li jiġi pprovdut xi kollateral għal tali strumenti.
- (49) Il-profittabilità kienet xprunata prinċipalment mit-titjiriet li jifdal LCA-BEY, LCA-TLV, LCA-SOF u LCA-SVO, li huma l-uniċi titjiriet b'EBIT pożittiv matul il-perjodu tar-ristrutturar. Ir-rotot l-oħra li nżammu huma previsti li jkollhom profitt nett ta' zero jew negattiv.
- (50) Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jinkludi l-aħjar xenarju possibbli u l-aħgar xenarju possibbli. L-aħgar xenarju possibbli kien jirrifletti biss it-tnaqqis fid-dħul deskritt fil-premessa (45) above u rriżulta (flivell EBIT) f'telf ta' EUR 0,3 miljun għall-2014, EUR 0 għall-2015 u profitt ta' EUR 0,3 miljun għall-2016 u l-2017.
- (51) Il-pjan irrikonoxxa ċerti riskji relatati mar-restawr tal-vijabilità, mingħajr ma rrifletta l-impatt tagħhom fuq ix-xenarji differenti, b'mod partikolari l-aħgar xenarju possibbli. B'mod partikolari:
- Riskju makroekonomiku, speċjalment relatat ma' żieda possibbli fil-prezz taż-żejt jew bidla fir-rata tal-kambju USD/EUR. Għal dawn iż-żewġ riskji, il-pjan ikkalkula separatament l-impatt ta' varjazzjoni ta' 1 % għal madwar EUR 310 elef u EUR 425 elf għal sena, rispettivament.
 - Riskju ta' żieda fil-kompetizzjoni fuq ir-rotot lejn Tel. Aviv (minħabba ftehim għad-deregolamentazzjoni tas-Sema Miftuħ li mistenni jwassal għal żieda fil-kompetizzjoni fuq din ir-rotta mill-2015) u Moska (minħabba ż-żieda mistennija fil-frekwenzi operati mill-kompetitur ta' Cyprus Airways, Transaero). L-impatt potenzjali ta' dawn ir-riskji fuq id-dħul ġejjieni ta' Cyprus Airways ma ġiex immudellat.

Kostijiet u finanzjament tar-ristrutturar

- (52) Il-kostijiet totali tar-ristrutturar ammontaw għal EUR 147,4 miljun u se jkunu allokati skont il-kategoriji li ġejjin:

Tabella 3

Kostijiet tar-ristrutturar (f' miljuni ta' EUR)

Tel.f akkumulat	99,7
-----------------	------

Kostijiet oħra tar-ristrutturar (saldu tal-lokazzjoni tal-inġenji tal-ajru, intitolamenti għas-sensji, eċċ.)	10,4
Kapital operatorju	37,4
Total ta' kostijiet ta' ristrutturar	147,4

- (53) L-għajjnuna totali għar-ristrutturar prevista mill-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kienet tammonta għal EUR 102,9 miljun, jiġifieri 69,8 % tal-kostijiet tar-ristrutturar. Il-Kumpanija se tikkontribwixxi għall-kostijiet tar-ristrutturar ("kontribuzzjoni proprja") permezz tal-bejgħ jew it-trasferiment ta' assi b'valur totali stmat ta' EUR 54,46 miljun. Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi li l-kontribuzzjoni proprja tkun magħmula mill-elementi li ġejjin:

Tabella 4

Kontribuzzjoni proprja ssuġġerita fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013

	L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Data stmata tar-realizzazzjoni
Bejgħ ta' żewġ inġenji tal-ajru A319	22,1	Konkluż f'April 2012
Bejgħ tal-islott ta' filgħaxija f'LHR	15	Qed jiġi nnegozjat
Bejgħ tal-islott ta' filgħodu f'LHR	10	Lejn l-aħħar tal-2014
Bejgħ ta' parts tal-bdil	3,5	EUR 2,0 miljun fl-2013; EUR 1,1 miljun fl-2014; EUR 0,4 miljun fl-2015
Bejgħ ta' proprjetà f'Nikosia	3,1	Konkluż fis-6 ta' Awwissu 2013
Trasferiment ta' proprjetà f'Ateni lill-Fond Providenti	0,76	Il-ftehim ta' trasferiment ġie konkluż f'Awwissu 2013
Kontribuzzjoni proprja totali ssuġġerita	54,46	

- (54) Rigward il-bejgħ konkluż (żewġ inġenji tal-ajru Airbus A319, proprjetà f'Nikosia), l-awtoritajiet Ċiprijotti pprovdew il-kuntratti ta' bejgħ li kkonfermaw l-ammonti assunti mill-pjan ta' ristrutturar tal-2013. Rigward il-bejgħ mhux realizzat, l-awtoritajiet Ċiprijotti kienu pprovdew studji ta' valutazzjoni mwettqa minn kumpaniji speċjalizzati rigward iż-żewġ slots f'LHR u l-proprjetà f'Ateni.

Evitar ta' distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni

- (55) L-awtoritajiet Ċiprijotti pproponew li xi wħud mill-miżuri msemmija qabel jiġu kkunsidrati bħala miżuri ta' kumpens, sabiex jiġi minimizzat l-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kompetituri. B'mod partikolari:
- Twaqqif ta' rotot profittabbli⁽¹³⁾ li jirrappreżentaw 8,8 % tal-ASK tal-2012; HER-SKG; LCA-FCO; LCA-LED; LCA-LED-PFO-LED-LCA; RHO-SKG-RHO. Barra minn hekk, tnaqqis tal-kapaċità fuq ir-rotot profittabbli: LCA-LON; LCA-ATH; LCA-SKG; LCA-HER. L-awtoritajiet Ċiprijotti qiesu li b'mod globali l-ASK se jitnaqqsu b'24 % fuq ir-rotot profittabbli meta mqabbel mal-kapaċità fl-2012;
 - Bejgħ taż-żewġ slots f'LHR. Billi LHR huwa ajruport kompletament ikkoordinat, l-awtoritajiet Ċiprijotti qiesu li dawn l-islotts jipprovdu kumpens suffiċjenti lill-kompetituri potenzjali;

⁽¹³⁾ Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 qies ir-rotot li għandhom kontribuzzjoni grossa pożittiva għall-kostijiet tal-kumpanija, jiġifieri d-dħul tnaqqas minnu l-kost varjabbli, bħala rotot profittabbli.

c. Tnaqqis tal-flotta b'seba' inġenji tal-ajru.

- (56) L-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali tal-2012 ma kinitx ghajjnuna mill-Istat iżda xorta waħda inkludew il-miżura 1 fl-ghajjnuna għar-ristrutturar innotifikata tagħhom. Huma argumentaw ukoll li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien prudenti, kien jinkludi miżuri ta' kumpens suffiċjenti, il-kontribuzzjoni proprja tal-Kumpanija kienet l-ogħla possibbli u li kienet se tirrestawra l-profittabilità tal-Kumpanija fuq terminu medju.
- (57) B'mod ġenerali, l-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw l-importanza tat-trasport bl-ajru għall-ekonomija Ċiprijotta u reġgħu sostnew iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli, li għandhom jippermettu lil Cyprus Airways li tirċievi ghajjnuna għar-ristrutturar addizzjonali. Ma' dawk iċ-ċirkustanzi huma żiedu wkoll l-operazzjoni ta' ajruport "illegali" fil-parti tat-Tramuntana okkupata ta' Ċipru, li linji tal-ajru Torok allegatament qegħdin jużaw sabiex iġibu turisti minn destinazzjonijiet Ewropej lejn Ċipru.

3.2.2.3. Miżura 5: Ghajjnuna għat-taħriġ

- (58) Skont l-awtoritajiet Ċiprijotti, matul il-perjodu 2010-2011, Cyprus Airways irċeviet ghajjnuna għat-taħriġ ta' EUR 269 317,94 taħt l-iskema għall-programmi ta' taħriġ kostanti għal intrapriżi individwali, implimentata mill-awtoritajiet Ċiprijotti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008⁽¹⁴⁾ (Regolament Għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, "GBER").
- (59) Kuntrarju għall-argumentazzjoni tagħhom fir-rigward tal-miżuri nnotifikati (ara pereżempju l-premessa 68), fis-sottomissjonijiet tagħhom rigward l-iskema ta' ghajjnuna għat-taħriġ u b'mod partikolari s-sottomissjoni tal-14 ta' Marzu 2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti argumentaw li Cyprus Airways ma kinitx f'diffikultà meta nġhatat l-ghajjnuna għat-taħriġ inkwistjoni. L-awtoritajiet Ċiprijotti għalhekk iqisu li l-miżura kienet konformi mal-iskema nazzjonali ta' ghajjnuna għat-taħriġ, li hija bbażata fuq il-GBER, u għalhekk hija kompatibbli mas-suq intern.

3.3. RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROCĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

3.3.1. L-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali

- (60) Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013 (premessi 41-46), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li Cyprus Airways tista' titqies bħala impriża f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida tal-Komunità dwar ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà ("Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar")⁽¹⁵⁾ tal-anqas mill-2010.
- (61) F'dak l-isfond, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżuri 1, 2 u 3 kienu jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern. Il-miżuri ma dehrux li kienu konformi mal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, minħabba n-nuqqas ta' pjan ta' ristrutturar għaż-żieda kapitali u l-forma ta' ghajjnuna għall-ghajjnuna għas-salvataġġ, li donnha kienet tinkludi wkoll parti mill-injezzjoni kapitali. Il-Kummissjoni esprimiet dubji wkoll rigward il-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba", li skontu, kumpanija tista' tirċievi biss ghajjnuna għas-salvataġġ u/jew għar-ristrutturar darba biss kull għaxar snin. Hija esprimiet dubji b'mod partikolari dwar jekk il-ġustifikazzjonijiet ippreżentati mill-awtoritajiet Ċiprijotti jikkostitwixxux ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli li jistgħu jippermettu aktar ghajjnuna għar-ristrutturar.

3.3.2. It-tieni proċedura ta' investigazzjoni formali

- (62) Fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni reġgħet sostniet il-konklużjoni preliminari tagħha li Cyprus Airways setgħet titqies bħala impriża f'diffikultà mill-2010. Għalhekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżuri 4 (li kienet tinkludi wkoll il-miżuri 1 u 2) u 5 kienu jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u esprimiet dubji rigward il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern, għaliex il-miżuri ma dehrux li kienu konformi mal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar (miżuri 1, 2 u 4) u l-GBER (miżura 5).

⁽¹⁴⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' ghajjnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

⁽¹⁵⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida tal-Komunità dwar ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2), li l-validità tagħha kienet estiża fl-2009 (ĠU C 156, 9.7.2009, p. 3) u fl-2012 (ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3). Għalkemm il-Kummissjoni adottat u ppubblikat linji gwida ġodda dwar ghajjnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1), f'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni se tkompli tirreferi għal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, minħabba li l-miżuri li qed jiġu investigati kienu nnotifikati qabel l-1 ta' Awwissu 2014. Barra minn hekk, billi l-ghajjnuna nġhatat mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni u għalhekk bi ksor tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat (jiġifieri l-miżuri 1, u 5), hija nġhatat qabel id-dħul fis-seħħ tal-linji l-gwida l-ġodda.

- (63) B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji li l-pjan ta' ristrutturar kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet prudenti u li kien se jirrestawra l-vijabilità tal-Kumpanija fi żmien raġonevoli skont il-prattika tal-każ rilevanti. Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-livell ta' kontribuzzjoni proprja tal-Kumpanija ma kienx suffiċjenti u esprimiet dubji dwar jekk il-miżuri ta' kumpens proposti kinux fil-fatt jirrigwardaw rotot li ma jagħmlux telf.
- (64) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni reġgħet sostniet id-dubji tagħha rigward iċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw eċċezzjoni mill-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba". Hija nnutat li Cyprus Airways espandiet it-titjiriet domestiċi tagħha fil-Greċja bejn l-2011 u l-2013 u għalhekk kienet qiegħda konxjament iżżid l-esponiment tagħha għas-suq Grieg. Il-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija għall-inġenji tal-ajru Ċiprijotti u t-tħaddim ta' ajruport fit-territorju okkupat tal-gżira, wkoll ma setgħux jikkwalifikaw bħala ċirkustanzi eċċezzjonali, billi kienu fis-seħħ għal żmien twil.
- (65) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li l-ammont mogħti bħala għajna għas-salvataġġ kellu jkun parti mill-għajna għar-ristrutturar lil Cyprus Airways u għalhekk ikkunsidrat ukoll fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013.
- (66) Fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni ma ħaditx pożizzjoni dwar il-kwalifika bħala għajna mill-istat ta' selfa possibbli għal terminu qasir ta' EUR 10 miljuni, billi l-kundizzjonijiet ma kinux ċari.

4. KUMMENTI DWAR IL-PROCĊEDURI TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

4.1. KUMMENTI MINN ĊIPRU

- (67) Għalkemm din id-deċiżjoni tirreferi għal tliet proċeduri separati, il-Kummissjoni tinnotta li hemm trikkib tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, billi jirreferu għall-istess benefiċjarju u xi miżuri huma l-istess. Għalhekk, il-Kummissjoni tħoss li huwa opportun li tiġbor fil-qosor flimkien il-kummenti ta' Ċipru dwar iż-żewġ proċeduri ta' investigazzjoni formali.
- (68) Fil-kummenti tagħhom fil-kuntest tal-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Ċiprijotti kkonfermaw li Cyprus Airways kienet impriża f'diffikultà mill-2009.
- (69) Rigward il-kontribuzzjoni mill-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012, l-awtoritajiet Ċiprijotti l-ewwel insistew li l-Istat aġixxa bħala investitur prudenti f'ekonomija tas-suq, sabiex jipproteġi l-valur tal-investment tiegħu u jevita impatt negattiv fuq attivitajiet kummerċjali oħra f'Ċipru li huma relatati ma' Cyprus Airways. In-nuqqas ta' parteċipazzjoni minn azzjonisti oħra kien attribwit għas-sitwazzjoni diffiċli tal-ekonomija Ċiprijotta f'dak iż-żmien. Madankollu, l-awtoritajiet Ċiprijotti aċċettaw li jinkludu l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012 fl-għajna għar-ristrutturar li ġiet innotifikata.
- (70) Rigward l-għajna għas-salvataġġ, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li dik kienet il-likwidità minima meħtieġa mill-Kumpanija sakemm jiġi finalizzat pjan ġdid għar-ristrutturar, li jieħu post il-pjan ta' bidla fid-direzzjoni. Huma sostnew li r-rata tal-imgħax ta' 1,66 %⁽¹⁶⁾ kienet ir-rata għal impriżi b'saħħithom. Huma semmew ukoll l-impatt soċjali ta' falliment ta' Cyprus Airways, mingħajr l-għajna għas-salvataġġ, u l-importanza tal-Kumpanija għall-konnettività tal-gżira.
- (71) Rigward il-kumpens *ex gratia*, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li Cyprus Airways ma kienet obligata tħallas l-ebda kumpens bħal dan lill-persunal issensjat. Għalhekk, kieku l-Istat kellu jipprovdi kumpens *ex gratia*, dan ma jipprovdix vantaġġ lil Cyprus Airways, għax ma jeħlisha mill-ebda pagament kuntrattwali dovut.
- (72) Rigward id-durata tal-perjodu ta' ristrutturar, huma rreferew għal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, li jeħtieġu perjodu ta' ristrutturar "qasir kemm jista' jkun", u kkotaw każijiet fejn il-Kummissjoni approvat perjodi ta' ristrutturar itwal minn ħames snin⁽¹⁷⁾. Huma spjegaw ukoll li l-perjodu sa Diċembru 2012 kien essenzjalment "mitluf", minħabba bidla fil-Bord tad-Diretturi, il-preparazzjoni u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' bidla fid-direzzjoni u t-taħżin tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumpanija, li ma ppermettewx li l-pjan oriġinali jitwettaq, jiġifieri żieda kapitali *pari passu* li ma tinvolvi għajna mill-Istat u selfa ta' għajna għas-salvataġġ.

⁽¹⁶⁾ Din hija aktar baxxa mir-rata tal-imgħax li kienet irrappurtata fin-notifika tal-għajna għas-salvataġġ, ara l-premessa 29.

⁽¹⁷⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2006 fil-kawża N 464/2005, għajna għar-ristrutturar favur AB Kauno ketaus liejykla (ĠU C 270 7.11.2006, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2001 fil-kawża NN 92/1999, miżuri favur Zentrum Mikroelektronik Dresden AG – Sachsen (ĠU C 328, 23.11.2001, p. 5); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2005 fil-kawża N 584/2004, għajna għar-ristrutturar lil AB Vingriai (ĠU C 187, 30.7.2005, p. 15); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/3/KE tas-6 ta' Novembru 2008 dwar għajna mill-Istat C 19/05 (ex N 203/05) mogħtija mill-Polonja lil Stocznia Szczecińska, ĠU L 5, 8.1.2010, p. 1).

- (73) Rigward il-pjan ta' ristrutturar tal-2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew l-opinjoni tagħhom li dan jippermetti lill-Kumpanija tirrestawra l-vijabilità tagħha, minkejja r-riskji ta' żieda fil-kompetizzjoni u t-telf potenzjali ta' passiġġieri minħabba l-eliminazzjoni tal-forniment tal-ikel fil-klassi ekonomika. Huma sostnew ukoll li l-pjan kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet prudenti dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kumpanija, l-effikaċja tan-netwerk miżmum, il-varjazzjoni fil-prezzijiet tal-fjuwil u r-rata tal-kambju EUR/USD. Barra minn hekk, huma rrimarkaw li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien jipprevedi inizjattivi ta' introjtu fuq terminu medju sa twil, li ma kinux inklużi fil-kalkoli tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013, bħall-introduzzjoni possibbli ta' metodi diretti ta' kummerċjalizzazzjoni u bejgħ.
- (74) Għar-rotot li kienu qegħdin jagħmlu t-telf, li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien qiegħed jipprevedi li jżomm, l-awtoritajiet Ċiprijotti argumentaw li dawn kollha kellhom kontribuzzjoni grossa pożittiva (jiġifieri mill-anqas kienu qegħdin ikopru l-kostijiet varjabbli tagħhom) u li l-Kumpanija kien jeħtiġilha li jżomm daqs kritiku tan-netwerk tagħha, sabiex tattira l-passiġġieri.
- (75) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ċiprijotti rreferew għal elementi tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013, li kienu żviluppaw aħjar milli previst, bħat-tnaqqis b'suċċess fl-ispejjeż tal-groundhandling f'LCA. Huma kkjarifikaw ukoll li ma kien hemm l-ebda dejn pendenti lejn il-Kumpanija tal-groundhandling f'LCA.
- (76) Rigward il-miżuri ta' kumpens, l-awtoritajiet Ċiprijotti indikaw li r-rotot kollha proposti sabiex jiġu abbandunati jew sabiex titnaqqas il-kapaċità, ħlief waħda⁽¹⁸⁾, kienu profittabbli fuq livell ta' kontribuzzjoni grossa fl-2012, jiġifieri kienu qegħdin ikopru l-kostijiet varjabbli tagħhom. Huma pprovdew ukoll Tabella bl-ASK għal kull rotta.
- (77) Dwar il-kwistjonijiet tal-ghajjnuna limitata għall-kontribuzzjoni minima u proprja, huma pprovdew assi addizzjonali, li Cyprus Airways kienet beħsiebha tbigħ, sabiex iżżid il-livell tal-kontribuzzjoni proprja, jiġifieri l-inġenji tal-ajru u ż-żewġ magni proprji li kien fadal. Sadanittant, iż-żewġ slots f'LHR nbiegħu għal prezz totali li kien ogħla milli antiċipat, biex hekk il-kontribuzzjoni proprja prevista żdiedet ulterjorment għal 41.8 % tal-kostijiet tar-ristrutturar.
- (78) L-awtoritajiet Ċiprijotti kkonfermaw li l-Fond Providenti huwa parti minn Cyprus Airways iżda entità legali separata u li t-trasferiment tal-proprjetà f'Ateni kien ifisser li Cyprus Airways ma jkollhiex aktar kontroll fuqha. Għalhekk, huma insistew li t-trasferiment tal-proprjetà f'Ateni lill-Fond Providenti kien kontribuzzjoni proprja ġenwina, li naqqset l-kostijiet tar-ristrutturar li jirriżultaw mill-kopertura tad-defiċit tagħha.
- (79) Fil-fatt, l-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw ukoll li l-ghajjnuna għar-ristrutturar skont il-miżura 4 se tkun aġġustata għall-kontribuzzjoni proprja realizzata, sabiex it-total taż-żewġ ammonti jkopri biss l-kostijiet tar-ristrutturar. Għalhekk, dħul ogħla permezz tal-kontribuzzjoni proprja jkun ifisser għajjnuna għar-ristrutturar aktar baxxa.
- (80) Il-kontribuzzjoni proprja finali proposta għalhekk kienet kif ġej:

Tabella 5

Kontribuzzjoni proprja ssuġġerita aġġornata wara l-kummenti minn Ċipru

	L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Realizzazzjoni – Evalwazzjoni
Bejgħ ta' żewġ inġenji tal-ajru Airbus A319	22,1	Konkluż f'April 2012
Bejgħ tal-islott ta' filgħaxija f'LHR	6,3	Il-ftehim ta' trasferiment ġie konkluż f'Marzu 2014
Bejgħ tal-islott ta' filgħodu f'LHR	22,8	Il-ftehim ta' trasferiment ġie konkluż f'Ġunju 2014

⁽¹⁸⁾ Ir-rotta LCA-ATH-LCA dehret li kellha kontribuzzjoni grossa negattiva fl-2012. L-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw li din ir-rotta kienet imħaddma flimkien ma' rotot domestiċi oħra fil-Greċja u li bejn LCA u ATH kienet profittabbli fuq livell tal-kontribuzzjoni grossa. Madankollu, l-awtoritajiet Ċiprijotti qatt ma ssottomettew id-dejta li tiġġustifika din l-affermazzjoni.

	L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Realizzazzjoni – Evalwazzjoni
Bejgħ ta' parts tal-bdil	3,5	L-ebda evalwazzjoni esperta – stmat: EUR 2,0 miljun fl-2013; EUR 1,1 miljun fl-2014; EUR 0,4 miljun fl-2015 Realizzat abbażi tal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet Ċiprijotti: EUR 0,86 miljun
Bejgħ ta' proprjetà f'Nikosija	3,1	Konkluż fis-6 ta' Awwissu 2013
Trasferiment ta' proprjetà f'Ateni lill-Fond Providenti	0,76	Appoġġat b'evalwazzjoni esperta – Il-ftehim ta' trasferiment ġie konkluż f'Awwissu 2013
Bejgħ ta' Airbus A320 wieħed	2,5	L-ebda evalwazzjoni esperta – bejgħ pendenti
Bejgħ ta' żewġ magni	0,51	Konkluż fit-28 ta' April 2014
Kontribuzzjoni proprja totali ssuġġerita	61,57	

- (81) L-awtoritajiet Ċiprijotti rrikonoxxew li l-kontribuzzjoni proprja prevista ta' 41,8 % hija anqas mil-livell meħtieġ mil-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar (50 % tal-kostijiet tar-ristrutturar għall-impriżi l-kbar). Madankollu, huma argumentaw li l-każ ta' Cyprus Airways kien wieħed ta' tbatija partikolari, li għandu jiġġustifika kontribuzzjoni proprja aktar baxxa, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż u l-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija. Huma rreferew ukoll għat-tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità.
- (82) Rigward il-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba", l-awtoritajiet Ċiprijotti f'diversi sottomissjonijiet regġhu sostnew l-argumenti tagħhom rigward l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq il-Greċja u Ċipru, il-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija għall-inġenji tal-ajru Ċiprijotti, l-operazzjoni ta' ajruport "illegali" fil-parti tat-Tramuntana okkupata ta' Ċipru, is-sitwazzjoni politika instabbli fil-Lvant Nofsani u l-fatt li l-għoti ta' għajnuna għas-salvataġġ u/jew għar-ristrutturar m'għandux ikun raġuni suffiċjenti sabiex tiġi pprojbita aktar għajnuna bħal din lill-istess benefiċjarju.
- (83) L-awtoritajiet Ċiprijotti argumentaw li l-espansjoni tat-titjiriet domestiċi ta' Cyprus Airways fil-Greċja fil-perjodu 2011–2013 kienet prova tal-fatt li l-impatt tal-kriżi kien diffiċli biex jiġi mbassar u li xi rotot fil-Lvant Nofsani, li jirrappreżentaw parti "mhux negliġibbli" mid-dħul tal-Kumpanija, kellhom tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' passiġġieri, bħal tnaqqis ta' 94 % fin-numru ta' passiġġieri mill-Eġittu. Twissijiet rilevanti tal-effett avvers tas-sitwazzjoni ekonomika fl-Ewropa u tal-inkwiet fil-Lvant Nofsani fuq Cyprus Airways, li diġà kienu jinsabu fir-rapporti annwali tal-Kumpanija tal-2007, 2008 u 2009 u ssemmev mill-Kummissjoni fid-deċizzjoni tas-6 ta' Marzu 2013, tqiesu bħala "dikjarazzjonijiet ġeneriċi".
- (84) L-awtoritajiet Ċiprijotti rrimarkaw ukoll li n-numru totali ta' passiġġieri fis-suq Ċiprijott baqa' relattivament stabbli matul dawn l-aħħar snin, iżda li l-biċċa l-kbira tal-passiġġieri issa kienu ġejjin mill-Israel u r-Russja. Il-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija kienet tfisser li Cyprus Airways kellha żvantaġġ biex topera lejn is-suq Russu, minħabba l-ħin addizzjonali tat-titjir. Barra minn hekk, huma pprovdew evidenza li għalkemm in-numru ta' passiġġieri fis-suq Grieg naqas b'mod marġinali mill-2008, in-noll medju tat-titjiriet Griegi (inklużi t-titjiriet domestiċi) naqas b'mod sinifikanti.
- (85) Rigward is-selva għal perjodu qasir ta' EUR 10 miljun, l-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw li huma kienu qegħdin jistennew li jbigħu l-islott ta' filgħaxija f'LHR għal prezz għoli u għalhekk l-għoti tas-selva ma jkunx neċessarju.
- (86) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Ċiprijotti ġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna għat-taħriġ matul il-perjodu 2010-2011 billi argumentaw li Cyprus Airways daħlet f'diffikultajiet biss lejn l-aħħar tal-2011. Dan kien f'kontradizzjoni mas-sottomissjonijiet preċedenti tagħhom (ara l-premessa (68) above).

4.2. KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI

- (87) Matul iż-żewġ proċeduri ta' investigazzjoni formali, ġew sottomessi kummenti minn Air France Consulting, tliet kompetituri (Ryanair, International Airlines Group u tliet kompetitur li ma xtaqx li l-identità tiegħu tiġi żvelata), it-trejdjunjins ta' Cyprus Airways ⁽¹⁹⁾ u l-benefiċjarju.
- (88) Air France Consulting, li ppreparat il-pjan ta' bidla fid-direzzjoni, ikkjarifikat li l-pjan kien jipprovdi bidla fid-direzzjoni f'sena u l-irkupru finanzjarju sħiħ ta' Cyprus Airways fi żmien sentejn u li l-kapital meħtieġ seta' jiġi pprovdut permezz ta' ristrutturar finanzjarju, pjuttost milli likwidità. Hija sostniet ukoll it-tweemmin tagħha fil-kredibilità tal-pjan ta' bidla fid-direzzjoni u argumentat li l-pjan kien ibbażat fuq li Cyprus Airways tiżviluppa operazzjonijiet barra minn Atena fuq rotot Ewropej internazzjonali. Barra minn hekk, hija sostniet li d-deċiżjonijiet meħuda minn Cyprus Airways fl-2013 (it-tnaqqis tal-flotta għal 6 inġenji tal-ajru, l-għoti tas-sensja lil 490 membru tal-persunal) kienu se jagħmlu biss is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumpanija aktar fraġli.
- (89) It-tliet kompetituri ma qablux mal-argumenti tal-awtoritajiet Ċiprijotti rigward is-sinifikat ta' Cyprus Airways għall-infrastruttura u l-iżvilupp ta' Ċipru u ddikjaraw ruħhom lesti biex jespandu r-rotot lejn/minn Ċipru.
- (90) Rigward l-eżistenza ta' għajnuna u l-kompatibilità, il-kompetituri qablu mal-Kummissjoni li l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-Kumpanija ma kinitx dak li kien jagħmel investitur f'ekonomija tas-suq.
- (91) Il-kompetituri kellhom dubji wkoll dwar ir-restawr tal-vijabilità tal-Kumpanija, fejn esprimew dubji dwar l-effikaċja tan-netwerk u l-flotta miżmuma u jekk is-suppożizzjonijiet tal-pjan u l-profittabilità prevista kinux realistiki, speċjalment fir-rigward tal-iffrankar tal-fjuwil u d-dħul addizzjonali permezz ta' żieda fin-noll. Huma semmew ukoll iż-żieda fir-riskji tal-kompetizzjoni għar-rotot profitabbli previsti li jinżammu minn Cyprus Airways, flimkien ma' Tel. Aviv u Moska.
- (92) Il-kompetituri esprimew dubji wkoll dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi verament eċċezzjonali u mhux prevedibbli li jiġġustifikaw eċċezzjoni għall-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba". Barra minn hekk, il-kompetitur li ma xtaqx jiżvela l-identità tiegħu qies li l-profittabilità tar-rotot proposti bħala miżuri ta' kumpens għandha titkejjel fuq livell ta' profitt nett, jiġifieri billi jiġu inklużi l-kostijiet fissi allokat, u mhux biss fuq livell gross, jiġifieri billi jiġu inklużi biss il-kost varjabbli.
- (93) Fl-aħħar nett, Ryanair esprimiet dubji dwar jekk il-Kumpanija setgħetx tikseb it-tnaqqis previst fil-persunal minħabba r-reżistenza tat-trejdjunjins u ssuġġeriet li, jekk l-għajnuna għar-ristrutturar lil Cyprus Airways tinstab kompatibbli, dan jista' jkun bil-kundizzjoni li l-Kumpanija tabbanduna r-rotot li jkun baqgħu mhux profitabbli tliet snin wara l-approvazzjoni. Ryanair argumentat ukoll li hija u kumpanija oħra kienu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet fir-rigward tal-inkwriet fil-Lvant Nofsani u l-kriżi ekonomika fil-Greċja u f'Ċipru. Minkejja dan, Ryanair sostniet li kumpaniji oħra rnexxielhom jaddattaw u jikbru fl-ambjent il-għdid, fejn bħala eżempju semmiet it-tkabbir tagħha stess fis-suq Grieg u Ċiprijott f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, fis-sottomissjoni tagħha tas-6 ta' Ġunju 2014, Ryanair irreferiet għal Artikolu fl-istampa tad-19 ta' Mejju 2014 li indika li l-gvern Ċiprijott kien wiegħed li jiġu pprovduti EUR 4 miljuni lill-persunal ta' Cyprus Airways li nġhataw is-sensja u sostniet li dan jikkostitwixxi aktar għajnuna mill-Istat lil Cyprus Airways.
- (94) Cyprus Airways u t-trejdjunjins tagħha appoġġaw l-argumenti tal-awtoritajiet Ċiprijotti u reġgħu sostnew il-konvinzjoni tagħhom fil-vijabilità tal-kumpanija u r-rwol tagħha għall-ekonomija u l-konnettività ta' Ċipru.

4.3. KUMMENTI MINN ĊIPRU DWAR IL-KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI

- (95) L-awtoritajiet Ċiprijotti ħassew li ma kellhomx għalfejn jikkumentaw dwar il-pjan ta' bidla fid-direzzjoni u l-kummenti minn Air France Consulting, la kien hemm pjan ta' ristrutturar aġġornat. Huma reġgħu sostnew ir-rwol importanti ta' Cyprus Airways għall-ekonomija u l-konnettività tal-gżira u insistew li l-inkwriet fil-Lvant Nofsani kien sitwazzjoni eċċezzjonali u mhux prevedibbli li qiegħda taffettwa lil Cyprus Airways. Huma esprimew dubji kemm il-kompetituri jistgħu jimlew kwalunkwe vojt fil-konnettività li jirriżulta minn falliment possibbli ta' Cyprus Airways, minħabba l-istaġjonalità tas-suq.

⁽¹⁹⁾ PASYPI-PALPU (Unjin tal-Bdoti tal-Ajru PanĊiprijotta), SYNIKA (Trejdjunjin tal-Impjegati ta' Cyprus Airways), ASYSEKA (Trejdjunjin Indipendenti tal-Impjegati f'Cyprus Airways Group), SIDIKEK PEO (Trejdjunjin tal-impjegati semi-pubbliċi, muniċipali u komunalni ta' Ċipru), SYPKKA (Trejdjunjin tal-Flight Attendants ta' Cyprus Airways).

- (96) Rigward il-kompatibbiltà tal-miżuri mal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, l-awtoritajiet Ċiprijotti insistew li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiki u ma kien qiegħed jissottovaluta l-ebda effett negattiv li jirriżulta mill-flotta żgħira jew id-diffikultajiet fir-realizzazzjoni ta' inizjattivi relatati mal-kostijiet.
- (97) Fl-aħħar nett, fis-sottomissjoni tagħhom tad-9 ta' Settembru 2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li ma kien se jingħata l-ebda pagament *ex gratia* lill-impjegati li ngħataw is-sensja. Sussegwentement, fis-sottomissjoni tagħhom tat-3 ta' Awwissu 2014, l-awtoritajiet Ċiprijotti spjegaw li, għal raġunijiet soċjoekonomiċi, il-Gvern iddeċieda li jikkompensa direttament lill-ex impjegati ta' Cyprus Airways li diġà kienu rriżenjaw jew ingħataw is-sensja. Id-deċizzjoni ttieħdet u l-kumpensi tħallsu biss wara li r-riżenji jew is-sensji kienu ġew finalizzati u għalhekk ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat lil Cyprus Airways. L-obbligi legali kollha ta' Cyprus Airways lejn dawk l-impjegati kienu onorati b'mod sħiħ mill-Kumpanija nnifisha.
- (98) L-awtoritajiet Ċiprijotti ma ħassewx ukoll li l-approvazzjoni tal-għajjnuna għandha tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet.

5. VALUTAZZJONI

- (99) Din id-Deċiżjoni se tivvaluta jekk il-miżuri li qed jiġu eżaminati jikkostitwux għajjnuna mill-Istat lil Cyprus Airways fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u jekk tali għajjnuna tistax tkun kompatibbli mas-suq intern.
- (100) Il-Kummissjoni tinnota li l-għajjnuna pprovduta permezz tal-miżura 4 innotifikata flimkien mal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 f'Ottubru 2013 diġà tinkludi l-għajjnuna pprovduta bil-miżura 1 (żborżata bħala pagamenti bil-quddiem bejn Settembru u Diċembru 2012), kif ukoll il-miżura 2 (l-għajjnuna għas-salvataġġ innotifikata f'Diċembru 2012 u żborżata parzjalment bejn Jannar u Lulju 2013). Dawn iż-żewġ miżuri kienu implimentati bil-għan li tkun assigurata s-sopravivenza fuq żmien qasir tal-Kumpanija qabel ma jkun jista' jiġi ppreparat pjan ta' ristrutturar komprensiv. Billi l-pjan ta' bidla fid-direzzjoni tal-2012 ma ġiex implimentat, il-Kummissjoni tqis dawn iż-żewġ miżuri bħala parti mill-pjan ta' ristrutturar tal-2013 u għalhekk se tivvaluta biss il-miżuri 1 u 2, safejn dawn jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, fil-kuntest tal-miżura 4, jiġifieri bħala miżura ġenerali waħda ta' għajjnuna għar-ristrutturar.

5.1. EŻISTENZA TA' GĦAJJUNA MILL-ISTAT

- (101) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistipula li kull għajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li tghawwēg jew thedded li tghawwēg il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, safejn tkun taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

5.1.1. Miżuri 1, 2 u 4

- (102) Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżura 1, jiġifieri l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012 ta' Cyprus Airways, kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
- (103) Il-miżura kienet tinvolvi riżorsi tal-Istat u kienet imputabbli lill-Istat. Hija tat vantaġġ selettiv lil Cyprus Airways, minħabba li l-Kummissjoni qieset li investitur privat ma kienx jipprovidi kapital lill-Kumpanija f'dawk il-kundizzjonijiet, minħabba d-diffikultajiet serji ta' Cyprus Airways, in-nuqqas ta' prospetti ta' vijabilità fid-data tal-għoti kif ukoll l-alternattiva ta' selfa mill-azzjonisti li tinkludi garanziji xierqa. Barra minn hekk, Prattikament l-ebda azzjonist privat eżistenti ta' Cyprus Airways ma pparticipa fiż-żieda kapitali billi ngābbbru biss EUR 106 000 minn azzjonisti privati (meta mqabbel ma' EUR 13,67 miljun mistennija oriġinarjament). Il-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Istat f'Cyprus Airways għalhekk żdiedet minn 69 % għal 93,67 %. Il-miżura għalhekk ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq⁽²⁰⁾.

⁽²⁰⁾ Ara, pereżempju, il-Kawża C-305/89 *Italja v il-Kummissjoni ("Alfa Romeo")* [1991] ECR I-1603, il-paragrafi 18 u 19; il-Kawża T-16/96 *Cityflyer Express v il-Kummissjoni* [1998] ECR II-757, il-paragrafu 51; il-Kawżi Konġunti T-129/95, T-2/96 u T-97/96 *Neue Maxhütte Stahlwerke u Lech-Stahlwerke v il-Kummissjoni* [1999] ECR II-17, il-paragrafu 104; il-Kawżi Konġunti T-268/08 u T-281/08 *Land Burgenland u l-Awstrija v il-Kummissjoni* [2012] ECR II-0000, il-paragrafu 48.

- (104) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-awtoritajiet Ċiprijotti li l-Istat aġixxa bħala investitur f'ekonomija tas-suq sabiex jipproteġi l-valur tal-investiment tiegħu, minħabba li ż-żieda kapitali ta' EUR 31,33 miljun xorta ma kinitx suffiċjenti biex tippermetti s-sopravvivenza tal-Kumpanija. Dan kien ippruvat mill-fatt li l-Kumpanija rċeviet finanzjament addizzjonali għas-salvataġġ bħala parti mill-miżura 2 (għajjnuna għas-salvataġġ) f'it xhur biss wara. Rigward in-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' investituri oħra minħabba s-sitwazzjoni ta' stress tal-ekonomija Ċiprijotta f'dak iż-żmien, il-Kummissjoni tinnota li kieku investiment bħal dan kien attraenti għal investitur tas-suq, wieħed jista' jistenna li investituri privati kienu jesprimu interess.
- (105) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tieħu nota tal-intenzjoni tal-awtoritajiet Ċiprijotti li jinkludu l-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012 fl-għajjnuna għar-ristrutturar li ġiet innotifikata.
- (106) Il-miżura 1 għalhekk ippermettiet lil Cyprus Airways li tkompli topera minħabba li l-Kumpanija ma kellhiex tiffaċċja l-konsegwenzi li normalment isegwu mir-riżultati finanzjarji ħżiena tagħha. Billi Cyprus Airways tikkompeti fis-suq liberalizzat taż-ŻEE għat-trasport bl-ajru ma' linji tal-ajru oħra taż-ŻEE, il-miżura 1 kellha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (107) Il-miżura 2 kienet innotifikata bħala selfa ta' għajjnuna għas-salvataġġ mogħtija fil-forma ta' selfa mill-gvern, li jkollha mgħax ta' 1,76 % u għandha titħallas lura sat-30 ta' Ġunju 2013. Fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni qieset li l-ebda kreditur prudenti ma kien jipprovdi selfa b'rata tal-imgħax bħal dik lil impriża f'diffikultà. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ċiprijotti ma wrewx kif Cyprus Airways kienet se tkun kapaċi tħallas lura s-selfa wara sitt xhur. Billi l-kriterji l-oħra kollha skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma ssodisfati (kif spjegat ulterjorment fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, li għaliha tirreferi d-deċiżjoni preżenti fuq dak il-punt), il-miżura 2 tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Ċiprijotti jirrikonoxxu li s-selfa tikkostitwixxi għajjnuna għas-salvataġġ fit-tweġiba tagħhom għad-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013. Il-Kummissjoni tinnota li s-selfa mhix se titħallas lura u ġiet innotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti fil-kuntest tal-għajjnuna għar-ristrutturar (miżura 4).
- (108) Il-miżura 4 ġiet innotifikata bħala għajjnuna għar-ristrutturar. Fil-fatt, il-komponenti kollha tagħha jinvolvu riżorsi tal-Istat u huma imputabbli lill-Istat, fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital, konverżjoni ta' dejn f'ekwità jew billi tiġi koperta direttament parti mid-defiċit tal-Fond Providenti. Il-miżura 4 tipprovdi vantaġġ selettiv lil Cyprus Airways, billi investitur f'ekonomija tas-suq ma kienx jipprovdi tali finanzjament lil kumpanija f'sitwazzjoni finanzjarja bħal dik (b'telf akkumulat ta' EUR 99.7 miljun, ingranata żżejjed ħafna u l-ekwità tagħha eliminata). Fl-aħħar nett, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (106) above, il-miżura hija probabbli li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u tfixkel il-kompetizzjoni.
- (109) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 4 tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, favur Cyprus Airways. Skont in-notifika, l-għajjnuna tammonta għal EUR 102,9 miljun. Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Ċiprijotti li l-għoti possibbli tas-selfa għal żmien qasir ta' EUR 10 miljuni mhux se jkun neċessarju u għalhekk ma tinkludix is-selfa fl-għajjnuna totali għar-ristrutturar. Rigward id-data tal-għoti, il-Kummissjoni tinnota li l-miżura 4 ngħatat f'segmenti.
- (110) Is-segment (a) li jammonta għal EUR 31,33 miljun (il-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012) ingħata kif ġej:

Tabella 6

Dati tal-għoti tal-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali azzjonarju tal-2012

L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Data tal-għoti
3,0	it-12 ta' Settembru 2012
3,0	l-20 ta' Settembru 2012
5,0	is-26 ta' Settembru 2012

L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Data tal-għoti
4,0	il-11 ta' Ottubru 2012
16,33	it-28 ta' Diċembru 2012
Total: 31,33	

- (111) Is-segment (b) li jammonta għal EUR 34,5 miljun (is-selfa ta' ghajjnuna għas-salvataġġ) ingħata kif ġej:

Tabella 7

Id-dati tal-għoti tas-selfa ta' ghajjnuna għas-salvataġġ tal-2013 mill-Istat

L-ammont (f'miljuni ta' EUR)	Data tal-għoti
3,0	it-22 ta' Jannar 2013
5,0	id-29 ta' Jannar 2013
3,5	it-28 ta' Frar 2013
10,0	it-2 ta' Mejju 2013
13,0	is-26 ta' Lulju 2013
Total: 34,5	

- (112) Rigward is-segmenti l-oħra tal-miżura 4, jiġifieri (c) is-sejħa tal-garanzija tal-Gvern u l-konverżjoni sussegwenti tad-dejn ta' EUR 28,5 miljun f'ekwità, u (d) il-kopertura ta' EUR 8,6 miljun mid-defiċit tal-Fond Providenti, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda indikazzjoni li dawn diġà ngħataw.

5.1.2. **Miżura 3**

- (113) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kjarifika pprovduta mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'Settembru 2013 li l-ebda kumpens *ex gratia* ma ngħata jew se jingħata lill-impjegati li ngħataw is-sensja.
- (114) Kważi sena wara, fis-sottomissjoni tagħhom ta' Awwissu 2014, l-awtoritajiet Ċiprijotti indikaw li f'Mejju/Ġunju 2014, għal raġunijiet soċjoekonomiċi, il-gvern Ċiprijott iddeċieda li jikkumpensa direttament lil ex impjegati ta' Cyprus Airways li diġà kienu rriżenjaw jew ingħataw is-sensja. Dik id-deċiżjoni ttieħdet u l-kumpensi tħallsu biss wara li r-riżenji jew is-sensji kienu ġew finalizzati. L-obbligi legali kollha ta' Cyprus Airways lejn daww l-impjegati kienu onorati b'mod sħiħ mill-Kumpanija nnifisha.
- (115) Skont l-awtoritajiet Ċiprijotti, ir-riżenji u s-sensji tal-impjegati ta' Cyprus Airways skont il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 kienu implimentati mingħajr l-ebda kumpens addizzjonali offrut mill-gvern Ċiprijott. Pjuttost, dan tal-aħħar kien jieħu deċiżjoni *ex post* biex jikkumpensa direttament lill-ex impjegati ta' Cyprus Airways.
- (116) Għalhekk jidher li l-intenzjonijiet inizjali tal-awtoritajiet Ċiprijotti sabiex jipprovdu kumpens *ex gratia* lill-impjegati li kienu ser jingħataw is-sensja kienu abbandunati u l-Kummissjoni għalhekk tħoss li m'hemmx għalfejn tikkonkludi dwar il-kwalifika ta' ghajjnuna mill-Istat għall-miżura 3.

5.1.3. **Miżura 5**

- (117) L-ammont ta' EUR 269 317,94 ingħata lil Cyprus Airways fl-2010 u fl-2011 permezz ta' skema ta' ghajjnuna mill-Istat, li ppermettiet għotjiet mill-baġit tal-Istat lil kumpaniji magħżula għal skopijiet ta' taħriġ. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 5 tikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, favur Cyprus Airways. Din il-kwalifika mhijiex ikkontestata mill-awtoritajiet Ċiprijotti.

- (118) L-ghajjnuna għat-taħriġ ingħatat lil Cyprus Airways għal 303 proġett ta' tahrġ matul is-snin 2010 u 2011. Madankollu, l-awtoritajiet Ċiprijotti ma pprovdewx analiżi tad-data tal-għoti ta' kull proġett.

5.1.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' ghajjnuna mill-Istat

- (119) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li mhijiex meħtieġa valutazzjoni ta' jekk il-miżura 3 tikkostitwix ghajjnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri 1, 2, 4 u 5 jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (120) L-ammont totali ta' ghajjnuna mill-Istat inkluż fil-miżuri 1, 2 u 4 huwa EUR 102,9 miljun. L-ewwel żewġ segmenti, jiġifieri EUR 65,83 miljun, diġà ngħataw f'diversi dati bejn it-12 ta' Settembru 2012 u s-26 ta' Lulju 2013.
- (121) L-ghajjnuna mill-Istat inkluża fil-miżura 5 hija ta' EUR 269 317,94 u ngħatat matul il-perjodu 2010-2011.

5.2. GĦAJNUNA ILLEGALI

- (122) Il-miżuri 1, 2 u, għalhekk, il-miżura 4 jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u ngħataw bi ksur tan-notifika u l-obbligi ta' waqfien stabbiliti fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. L-istess japplika għall-miżura 5. Konsegwentement, kull waħda minn dawk il-miżuri tikkostitwixxi ghajjnuna illegali mill-Istat.

5.3. IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (123) Safejn ċerti miżuri jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-kompatibbiltà tagħhom għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa kompitu tal-Istat Membru li jinvoka raġunijiet possibbli ta' kompatibbiltà u li juri li l-kundizzjonijiet għal tali kompatibbiltà jintlaħqu ⁽²¹⁾.
- (124) L-awtoritajiet Ċiprijotti inizjalment kienu tal-fehma li l-miżura 1 ma kinitx tinvolvi ghajjnuna mill-Istat u nnotifikaw il-miżura 2 bħala ghajjnuna għas-salvataġġ. Madankollu, wara l-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali u d-dubbi mqajma fiha mill-Kummissjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' ħlas lura previst tas-selva għas-salvataġġ skont il-miżura 2, l-awtoritajiet Ċiprijotti suċċessivament argumentaw li l-miżuri 1, 2 u 4 huma kompatibbli bħala ghajjnuna għar-ristrutturar skont il-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.
- (125) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Ċiprijotti nnotifikaw minn qabel pjan ta' ristrutturar fit-22 ta' Lulju 2013 u nnotifikaw pjan aġġornat fit-23 ta' Ottubru 2013. Huma sussegwentement ipprovdew kjarifiki addizzjonali. Madankollu, is-suppożizzjonijiet u l-ideat prinċipali tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 baqgħu mhux mibdula min-notifika tat-23 ta' Ottubru 2013.
- (126) Rigward il-miżura 5, l-awtoritajiet Ċiprijotti argumentaw li din kienet ghajjnuna kompatibbli għat-taħriġ skont il-GBER. Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet li Cyprus Airways kienet impriża f'diffikultà mill-2009, bi qbil ma' sottomissjoni mill-awtoritajiet Ċiprijotti. Skont il-punt (c) tal-Artikolu 1(6) tal-GBER, l-impriżi f'diffikultà huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, Cyprus Airways ma kinitx eliġibbli għal ghajjnuna għat-taħriġ mill-2009.
- (127) Barra minn hekk, skont il-punt 20 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, "*impriża f'diffikultà ma tistax titqies bħala veikolu xieraq għall-promozzjoni ta' għanijiet oħra ta' politika pubblika sakemm tkun assigurata l-vijabilità tagħha. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-ghajjnuna lil impriżi f'diffikultà tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi mingħajr ma taffettwa ħażin il-kummerċ flivell kuntrarju għall-interess tal-Komunità biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida jkunu ssodisfati.*" Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tivvaluta biss il-miżura 5 bħala ghajjnuna għar-ristrutturar soġġetta għall-pjan ta' ristrutturar tal-2013.
- (128) Minħabba li bażi waħda biss ta' kompatibbiltà hija adattata għall-miżuri 1, 2, 4 u 5, il-Kummissjoni tarah opportun li tivvaluta l-miżuri kollha flimkien. Għal din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tagħmel referenza b'mod partikolari għall-punti 31-77 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

⁽²¹⁾ Il-Kawża C-364/90, l-Italja vs il-Kummissjoni, [1993] il-Ġabra I-2097, il-paragrafu 20.

5.3.1. Eliġibbiltà – Impriża f'diffikultà

- (129) Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013 (premessi 41-46), il-Kummissjoni kkonkludiet fuq bażi preliminari li Cyprus Airways kienet impriża f'diffikultà mill-2010. Din il-konklużjoni preliminari reġgħet ġiet sostnuta fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014 (premessi 83-84). Suċċessivament, l-awtoritajiet Ċiprijotti rrikonoxxew li Cyprus Airways kienet impriża f'diffikultà mill-2009.
- (130) Skont informazzjoni minn rapporti finanzjarji pubblikament disponibbli, id-dejta finanzjarja prinċipali ta' Cyprus Airways mill-2009 kienet kif ġej:

Tabella 8

Dejta finanzjarja prinċipali ta' Cyprus Airways 2008 sal-ewwel nofs tal-2012 (f'miljuni ta' EUR)

	2008	2009	2010	2011	L-ewwel nofs tal-2012 (*)
Dħul	311,4	247,5	236,3	212,8	71,3
QLIGH QABEL IT-TAXXA	2,1	- 3,2	- 2,9	- 23,8	- 34,2
Kapital irreġistrat	35,2	35,2	35,2	35,2	35,2
Ekwità proprja	13,9	9,4	7,7	- 15,9	- 48,6

(*) Cyprus Airways ma ppubblikatx rapporti finanzjarji mill-ewwel nofs tal-2012.

- (131) Il-punt 10(a) tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar isostni li kumpanija b'responsabbiltà limitata titqies li tkun f'diffikultà meta "*aktar minn nofs il-kapital irreġistrat ikun għeb u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef matul it-12-il xahar preċedenti*".
- (132) Barra minn hekk, skont il-punt 11 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, impriża tista' titqies li hija f'diffikultà "*meta jkun hemm preżenti s-sinjali tas-soltu ta' impriża f'diffikultà, bħal żieda fit-telf, tnaqqis fil-fatturat, żieda fl-inventarju tal-istokk, kapaċità żejda, tnaqqis fil-fluss tal-flus, żieda fid-dejn, żieda fl-imposti tal-imgħax u valur tal-assi nieżel jew żero*". F'dan ir-rigward, skont il-każistika tal-Qorti Ġenerali, "*l-eżistenza ta' kapital proprju negattiv [...] tista' titqies bħala indikatur importanti li impriża tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli*" ⁽²²⁾.
- (133) Il-punt 10(a) tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar jirrifletti s-suppożizzjoni li kumpanija li tkun qiegħda tesperjenza telf kbir fil-kapital irreġistrat tagħha mhux se tkun kapaċi twaqqaf it-telf li kważi ċertament se jikkundannaha biex toħroġ min-negozju fi żmien qasir jew medju. Il-Kummissjoni tqis li l-istess suppożizzjoni tapplika *a fortiori* għal kumpanija li tilfet il-kapital irreġistrat kollu tagħha u għandha ekwità negattiva ⁽²³⁾.
- (134) Kif indikat fit-Tabella 8 aktar 'il fuq, Cyprus Airways kellha ekwità proprja negattiva mill-2011. Barra minn hekk, l-ekwità proprja kienet qiegħda tonqos diġà fl-2009 u fl-2010 u kienet anqas sewwa mil-livell tal-kapital irreġistrat. Rigward il-punt 11, it-Tabella 8 turi li Cyprus Airways kellha tnaqqis fil-fatturat u żieda fit-telf diġà mill-2009. Fl-2009, il-fatturat naqas bi kważi 21 % meta mqabbel mal-2008 u l-Kumpanija rreġistrat telf (EBT) ta' EUR 3,2 miljuni. Din ix-xejra komplet fis-snin ta' wara.
- (135) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet Ċiprijotti (ara l-premessa (68) above), il-Kummissjoni tikkonkludi li Cyprus Airways kienet impriża f'diffikultà mill-2009 parzjalment skont il-punt 10 (b'mod partikolari mill-2011) u fi kwalunkwe każ skont il-punt 11 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.
- (136) Skont il-punt 33 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, "*L-impriża trid tikkwalifika bħala impriża f'diffikultà skont it-tifsira ta' dawn il-Linji gwida*". Din il-kundizzjoni għalhekk hija ssodisfata.

⁽²²⁾ Kawżi Magħquda T-102/07 *Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni* u T-120/07 *MB Immobilien u MB System vs il-Kummissjoni*, [2010] il-Ġabra II-585, paragrafu 106.

⁽²³⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 38/07 (ex NN 45/07) implimentata minn Franza favur d'Arbel Fauvet Rail SA, para. 35 (ĠU L 238, 5.9.2008, p. 27).

5.3.2. Durata tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 – Restawr tal-vijabilità fuq perjodu fit-tul

- (137) Il-punti 35-37 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar jipprovdu li: “35. Il-pjan tar-ristrutturar, li jrid jieħu l-inqas żmien possibbli, għandu jwassal sabiex, fi żmien raġonevoli u abbażi ta' presuppożizzjonijiet realistiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-operat fil-ġejjieni, il-kumpanija terġa' tkun vijabbli fit-tul. L-għajnuna għar-ristrutturar għalhekk trid tintrabat ma' pjan vijabbli ta' ristrutturar, li fuqha jimpenja ruħu l-Istat Membru. Dan il-pjan irid ikun ippreżentat lill-Kummissjoni flimkien ma' kull preċiżazzjoni neċessarja, partikolarment studju tas-suq. It-titjib fil-vijabilità jrid jinkiseb prinċipalment minn miżuri interni kontenuti fil-pjan ta' ristrutturar; huwa jista' jkun ibbażat fuq fatturi esterni bħall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet u d-domanda li l-kumpanija m'għandha l-ebda influwenza kbira fuqhom, iżda biss jekk is-suppożizzjonijiet tas-suq li jsiru jkunu rikonnoxxuti b'mod ġenerali. Ir-ristrutturar irid jinvolvi l-abbandun ta' dawk l-attivitajiet li jkomplu jwasslu għal telf strutturali anke wara li jsir ir-ristrutturar.”
- (138) “36. Il-pjan ta' ristrutturar irid jiddeskrivi ċ-ċirkustanzi li wasslu għad-diffikultajiet tal-kumpanija, u b'hekk jipprovdi bażi sabiex jiġi valutat jekk il-miżuri proposti humiex adattati. Fost affarijiet oħra, huwa jrid jikkunsidra l-istat preżenti ta' u l-prospetti futuri għall-provvista u d-domanda fis-suq tal-prodott rilevanti, b'xenarji li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tal-aħjar każ, l-aħjar każ u intermedji, u l-qawwiet u d-dgħufijiet prinċipali tal-impriża. Din trid tagħti possibbiltà lill-impriża biex tevolvi lejn struttura ġdida li toffrilha prospettivi għal vijabilità fuq perjodu twil ta' żmien u tagħtiha l-possibbiltà biex terġa' tieqaf fuq saqajha.”
- (139) “37. Il-pjan irid jipprovdi għal bidla li twassal lill-kumpanija, wara li tkun irristrutturat ruħha, sabiex tkun tista' tkopri l-kostijiet kollha tagħha, inklużi dawk ta' deprezzament u spejjeż finanzjarji. Il-qligħ mistenni fuq il-kapital irid ikun biżżejjed sabiex l-impriża ristrutturata tkun tista' tikkompeti fis-suq fuq il-merti tagħha stess. Fejn id-diffikultajiet tal-impriża jirriżultaw minn nuqqasijiet fis-sistema ta' governanza korporattiva tagħha, iridu jiddaħħlu addattamenti xierqa.”
- (140) Rigward id-durata, il-pjan ta' ristrutturar innotifikat ikopri l-perjodu mill-ewwel bejgħ ta' assi fil-kuntest tal-kontribuzzjoni proprja tal-Kumpanija għall-kostijiet ta' ristrutturar tagħha f'April 2012 sal-aħħar tal-2017 u jipprevedi r-restawr tal-profittabilità ta' Cyprus Airways mis-sena finanzjarja 2014. Id-durata tal-perjodu ta' ristrutturar skont in-notifika għalhekk hija ta' ħames snin u sitt xhur.
- (141) Il-Kummissjoni tosserva li dan huwa itwal mill-perjodu ta' ristrutturar approvat mill-Kummissjoni għal linji tal-ajru oħra, li normalment huwa ta' ħames snin ⁽²⁴⁾.
- (142) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-miżura 5 ingħatat matul il-perjodu 2010-2011. Billi l-miżura 5 ingħatat fi żmien meta l-Kumpanija diġà kienet f'diffikultà finanzjarja, hija ma kinitx taqa' taħt il-GBER. Dan ifisser li jew kienet għajnuna għat-taħriġ mhux kompatibbli jew li riedet titqies bħala għajnuna għar-ristrutturar li l-kompatibbiltà tagħha trid tiġi valutata f'dak il-kuntest. Fix-xenarju tal-aħħar, dan jestendi l-perjodu ta' ristrutturar għal madwar seba' snin (u mbagħad għandha tiffirma wkoll parti mill-perjodu ta' ristrutturar innotifikat).
- (143) F'każijiet iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' taċċetta perjodu itwal ta' ristrutturar. Madankollu, f'dan il-każ, l-awtoritajiet Ċiprijotti ma kinux kapaċi jiġġustifikaw għaliex Cyprus Airways kellha bżonn aktar minn ħames snin biex tikkonkludi r-ristrutturar tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni tosserva li ż-żmien “mitluf” deskritt mill-awtoritajiet Ċiprijotti fil-premessa (72) above minħabba dewmien fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet intern tal-Istat ⁽²⁵⁾ kien fi ħdan il-kontroll tal-awtoritajiet. Barra minn hekk, b'differenza minn każijiet oħra, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ta' Cyprus Airways ma jippreżenta l-ebda waħda mill-ispeċifikitajiet aċċettati qabel mill-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet

⁽²⁴⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.34191 (2012/C) dwar il-miżuri implimentati mil-Latvja għal A/S Air Baltic Corporation (airBaltic), għadha ma ġietx ippubblikata, il-premessa 179; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.32715 (2012/C) dwar Adria Airways d.d., għadha ma ġietx ippubblikata, il-premessa 131; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/151/UE tad-19 ta' Settembru 2012 bħala għajnuna mill-Istat SA.30908 (11/C) (ex N 176/10) implimentata mir-Repubblika Ċeka għal České aerolinie, a.s. (ČSA – Il-Kumpanija tal-Ajru tar-Repubblika Ċeka – Pjan ta' ristrutturar) (ĠU L 92, 3.4.2013, p. 16), il-premessa 107 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/661/UE tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar l-għajnuna mill-istat Nru SA.33015 (2012/C) li Malta qed tippjana li timplimenta għall-Air Malta plc. (ĠU L 301, 30.10.2012, p. 29), il-premessa 93; id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.36874 (2013/N) rigward l-għajnuna għar-ristrutturar lil LOT Polish Airlines S.A., għadha ma ġietx ippubblikata, il-premessa 241.

⁽²⁵⁾ Għaddew madwar erba' xhur bejn ir-riżoluzzjoni tal-Bord fi Frar 2012 u l-approvazzjoni, min-naħa tal-Kunsill tal-Ministri, ta' abbozz ta' liġi li tippermetti ż-żieda kapitali f'Ġunju 2012. Barra minn hekk, il-Kamra tar-Rappreżentanti talbet kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma tapprova ż-żieda kapitali.

imsemmija mill-awtoritajiet Ċiprijotti, li jippermettu lill-Kummissjoni li tikkonkludi li perjodu ta' ristrutturar itwal fil-każ preżenti seta' jiġi aċċettat. Tali speċifikitajiet jistgħu pereżempju jkunu tnaqqis sinifikanti ħafna fil-kapaċità jew sehem mis-suq partikolarment żgħir⁽²⁶⁾.

- (144) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma taqbilx li l-perjodu ta' ħames snin u sitt xhur (u anqas u anqas ta' seba' snin) huwa raġonevoli fil-każ ta' Cyprus Airways.
- (145) Rigward il-kontenut tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013, il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet Ċiprijotti ma indirizzawx b'mod suffiċjenti d-dubbi espressi fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014.
- (146) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew li l-pjan qies l-effikaċja tan-netwerk miżmum u t-telf potenzjali tad-domanda mill-passiġġieri, li ma kien hemm l-ebda riskju ta' varjazzjoni avversa fil-prezz tal-fjuwil u fir-rata tal-kambju EUR/USD, abbażi tal-varjazzjoni tagħhom matul il-passat riċenti. Huma sostnew ukoll li l-pożizzjoni finanzjarja prevista tal-Kumpanija kienet sodisfaċenti meta mqabbla mal-prestazzjoni ħażina tagħha fl-imgħoddi. Huma indikaw elementi tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 li kienu żviluppaw aħjar milli previst, bħall-innegozjar mill-ġdid tat-tariffi tal-groundhandling fl-ajruport ta' Larnaca.
- (147) Madankollu, fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni esprimiet dubbi minħabba li kellha raġunijiet biex tikkunsidra li ħafna suppożizzjonijiet tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma kinux prudenti biżżejjed, fid-dawl tal-esperjenza tagħha bi pjanijiet oħra ta' ristrutturar fis-settur tal-linji tal-ajru, minħabba s-sitwazzjoni negattiva fis-suq u l-prinċipju ġenerali li ristrutturar kredibbli jrid jikkunsidra wkoll il-possibbiltà realistika ta' żviluppi avversi.
- (148) Fil-fatt, il-Kummissjoni tinnota li s-suppożizzjonijiet magħmula minn Cyprus Airways la huma rikonoxxuti b'mod ġenerali u lanqas appoġġati b'evidenza dwar il-prospetti tas-suq. Fil-fatt, il-kompetituri sfidaw dawk is-suppożizzjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-pressjoni potenzjali mill-kompetituri fuq ir-rotot previsti li jagħmlu l-profitt, l-iffrankar fuq il-fjuwil u d-dħul previst miż-żieda fin-nollijiet.
- (149) Il-Kummissjoni tinnota li x-xenarju bażi tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 jipprevedi li l-Kumpanija se jkollha EBIT pożittiv ta' EUR 0,4 miljun diġà fl-2014 u żżidu fis-snin ta' wara. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-pjan jassumi li ma jkun dovut l-ebda mgħax fuq djun ta' partijiet terzi jew jitħallas matul il-perjodu sħiħ tar-ristrutturar. Madankollu, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 jindika biss li d-dejn ta' partijiet terzi għalhekk irid jiġi riskedat mingħajr ma jipprovd i dettalji ta' kif se jsir dan. Il-kummerċ u pagabbli oħra (eskluż id-dejn ma' Hellenic Bank) fuq il-karta bilanċjali għall-perjodu 2013–2018 huma mbassra li jibqgħu fil-livell ta' EUR 27,9 miljun. Għalhekk, l-ammont ta' dejn ma' partijiet terzi huwa sinifikanti u kwalunkwe nuqqas ta' suċċess li tilħaq ir-ristrutturar tagħha jista' jkollu konsegwenzi serji għall-previżjonijiet finanzjarji.
- (150) Il-Kummissjoni terġa' ssostni l-argument tagħha inkluż fid-deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2014 li fi tmiem il-perjodu tar-ristrutturar, Cyprus Airways tkun kumpanija mingħajr riżervi ta' kapital u riżervi totali negattivi. Kumpanija bħal din ma tistax titqies bħala vijabbli, billi effettivament mhux se jkun hemm l-ebda marġini ta' sigurtà.
- (151) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-miżuri proposti fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jidhru li huma xierqa biex jindirizzaw iċ-ċirkustanzi li wasslu għad-diffikultajiet tal-Kumpanija, kif stabbiliti fin-notifika. B'mod partikolari, il-pjan jipprevedi ż-żamma ta' tliet rotot li ma jagħmlux profitt lejn il-Greċja u tnejn lejn il-Lvant Nofsani, minkejja l-fatt li dawk iż-żewġ swieq ikkontribwew għad-diffikultajiet tal-Kumpanija. Il-pjan jipprevedi wkoll iż-żamma ta' mill-anqas erba' rotot f'kompetizzjoni diretta ma' linji tal-ajru low cost u ż-żieda tan-nollijiet. Fl-aħħar nett, hija żżomm mill-anqas rotta waħda, li hija affettwata b'mod sinifikanti mill-projbizzjoni ta' titjriet minn fuq it-Turkija.

⁽²⁶⁾ Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2006 fil-kawża N 464/2005, l-għajnuna għar-ristrutturar favur AB Kauno ketaus liejykla, li ssemmiet ukoll mill-awtoritajiet Ċiprijotti, il-Kummissjoni approvat perjodu ta' ristrutturar itwal ibbażat, fost affarijiet oħra, fuq tnaqqis ta' 46% fil-kapaċità. Cyprus Airways se tnaqqas il-kapaċità tagħha biss b'35%. Il-Kummissjoni approvat ukoll perjodu ta' ristrutturar itwal billi qieset is-sehem mis-suq żgħir ħafna tal-kumpanija, il-fatt li l-miżuri seħħew qabel ma l-pajjiż kien qiegħed jitqies bħala ekonomija tas-suq funzjonali, u miżuri drammatiki ta' ristrutturar operattiv (id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2005 fil-kawża N 584/2004, għajnuna għar-ristrutturar lil AB Vingriai (ĠU C 187, 30.7.2005, p. 15). Il-preċedenti ta' Zentrum Mikroelektronik Dresden AG – Sachsen u Stocznia Szczecińska, imsemmija mill-awtoritajiet Ċiprijotti, ukoll mhumiex rilevanti minħabba li f'tal-ewwel, l-għajnuna kienet approvata skont linji gwida aktar qodma għas-salvataġġ u r-ristrutturar u qieset is-sitwazzjoni speċifika ta' intrapriża oriġinarjament tal-Istat f'dik li kienet il-Ġermanja tal-Lvant, filwaqt li f'tal-aħħar, l-għajnuna ma kinitx approvata.

- (152) Fi kwalunkwe każ, il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jinkludi l-ebda valutazzjoni konkreta tal-prospetti futuri ta' provvista u domanda fis-swieq rilevanti, apparti milli jirrikonoxxi r-riskju għal pressjoni tal-kompetizzjoni fuq xi rotot li se jinżammu.
- (153) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-aġar xenarju possibbli ma jikkunsidrax b'mod suffiċjenti d-dgħufijiet tal-Kumpanija u r-riskji applikabbli fis-swieq rilevanti, li xi wħud minnhom kienu ġew identifikati fil-pjan innifsu. Tali dgħufijiet u riskji jinkludu l-pressjoni mill-kompetituri, id-devjazzjoni ta' parametri ewlenin li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet finanzjarji tal-linja bażi (pereżempju, id-dħul unitarju medju għal kull passiġġier (rendita), il-prezz tal-fjuwil, ir-rata tal-kambju USD/EUR, it-tnaqqis fid-domanda) u s-sitwazzjoni ekonomika fis-swieq prinċipali.
- (154) Fil-fatt, l-aġar xenarju possibbli kien jirrifletti biss tnaqqis fid-dħul ta' 1 % u pprojetta EBIT pożittiv ta' EUR 0,3 miljun biss fl-2016 u fl-2017. Madankollu, jekk jimmaterjalizza xi riskju addizzjonali kif ammess mill-pjan ta' ristrutturar tal-2013, bħal żieda ta' 1 % fil-prezz taż-żejt jew bidla ta' 1 % fir-rata tal-kambju EUR/USD, dan ikun suffiċjenti biex iħassar il-profitti previsti (ara l-premessa 51 above). Dawn ir-riskji huma aggravati ulterjorment mill-fatt li Cyprus Airways m'għandhiex il-kollateral neċessarju sabiex tkun tista' tiħħeġġja kontra ċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-fjuwil jew ir-riskju tal-valuta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li, sabiex jistabbilixxu l-aġar xenarju possibbli, kawżi preċedenti relatati mal-linji tal-ajru kienu kkunsidraw devjazzjonijiet ferm akbar tal-parametri bażi ⁽²⁷⁾. Barra minn hekk, ir-riskju ta' żieda sinifikanti fil-kompetizzjoni b'mod partikolari fuq ir-rotot ta' Tel Aviv u Moska, li jirrappreżentaw ir-raba' u l-ħames rotot l-aktar importanti ta' Cyprus Airways f'termini tan-numru ta' passiġġieri, ma ġiex ikkunsidrat minkejja li ssemma espliċitament fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013. Barra minn hekk, kellha tiġi kkunsidrata wkoll il-possibbiltà ta' riċessjoni fit-tul fil-Greċja u f'Ċipru.
- (155) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jindirizzax b'mod suffiċjenti ċ-ċirkustanzi li wasslu għad-diffikultajiet ta' Cyprus Airways, ma jikkunsidrax b'mod sħiħ il-prospetti futuri tas-suq u ma jinkludix l-aġar xenarju possibbli kredibbli.
- (156) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jindirizzax il-problemi fundamentali tal-mudell kummerċjali tal-Kumpanija, li jidher li kkontribwixxa għad-diffikultajiet tagħha. Ir-ristrutturar ta' Cyprus Airways huwa bbażat fuq il-mudell kummerċjali eżistenti b'operazzjoni tradizzjonali bħala linja tal-ajru b'servizzi sħaħ li tiddependi prinċipalment fuq partijiet intermedji għall-bejgħ tal-biljetti, filwaqt li qiegħda f'kompetizzjoni ma' linji tal-ajru low cost jew ma' linji tal-ajru ta' servizz sħiħ b'network aktar wiesa', li ħafna minnhom jibbażaw fuq bejgħ dirett għall-biljetti online.
- (157) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-punti 35-37 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar mhumiex issodisfati, minħabba li (i) id-durata tal-pjan ta' ristrutturar tal-2013 hija twila żżejjed, (ii) il-pjan ma jirrestawrax il-viżibbiltà fit-tul tal-Kumpanija f'qafas ta' żmien raġonevoli u mhuwiex ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiki u (iii) il-pjan ma jikkunsidrax is-sitwazzjoni tas-suq b'xenarji suffiċjentement varjabbli.

5.3.3. Evitar ta' distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni

- (158) Skont il-punti 38–42 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, kumpanija li tirċievi għajnuna għar-ristrutturar trid tippovdi miżuri ta' kumpens għad-distorsjoni maħluqa għall-kompetizzjoni mill-għajnuna mill-Istat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu ċ-ċessjoni ta' assi, it-tnaqqis fil-kapaċità jew fil-preżenza fis-suq u t-tnaqqis ta' ostakoli għad-dħul fis-swieq ikkonċernati u jridu jirreferu għal rotot jew prodotti li ma jagħmlux telf.
- (159) L-awtoritajiet Ċiprijotti pproponew miżuri ta' kumpens, inkluż it-twaqqif jew it-tnaqqis tal-kapaċità ta' rotot li mhumiex jagħmlu t-telf, il-bejgħ ta' żewġ slots f'LHR u t-tnaqqis tal-flotta u l-ASK.

⁽²⁷⁾ Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.34191 (2012/C) rigward il-miżuri implimentati mil-Latvja għal A/S Air Baltic Corporation (airBaltic), għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 185; jew id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.36874 (2013/N) rigward l-għajnuna għar-ristrutturar lil LOT Polish Airlines S.A., għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 234.

- (160) Il-Kummissjoni tinnota li l-bejgħ ta' żewġ slots f'LHR, ajruport ikkoordinat għal kollox ⁽²⁸⁾, jista' jitqies bħala tnaqqis suffiċjenti tal-ostakolu għad-dħul għall-kompetituri, speċjalment minħabba l-fatt li Cyprus Airways se tabbanduna għal kollox dan l-ajruport. It-tnaqqis sinifikanti fil-flotta huwa wkoll sinjal sinifikanti tat-tnaqqis fil-kapaċità.
- (161) Rigward ir-rotot proposti bħala miżuri ta' kumpens, il-Kummissjoni konsistentement aċċettat bħala miżuri ta' kumpens l-abbandun jew it-tnaqqis tal-kapaċità frotot li ma jagħmlux it-telf, jiġifieri rotot li għandhom kontribuzzjoni grossa pożittiva, b'kont meħud tal-kostijiet varjabbli ⁽²⁹⁾.
- (162) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li r-rotta LCA-ATH, li għaliha l-awtoritajiet Ċiprijotti pproponew li titnaqqas il-kapaċità operata minn Cyprus Airways bħala miżura ta' kumpens, kellha kontribuzzjoni grossa negattiva u l-awtoritajiet Ċiprijotti ma pprovdewx evidenza sabiex jappoġġaw l-argument tagħhom li l-parti tar-rotta rilevanti bħala miżura ta' kumpens (tnaqqis tal-frekwenza b'4 titjriet fil-ġimgħa) ma kinitx tagħmel it-telf.
- (163) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li t-tnaqqis propost ta' 24 % fl-ASK meta mqabbel mal-kapaċità tal-2012 huwa ogħla mit-tnaqqis fl-ASK propost f'każijiet oħra ta' ristrutturar ta' linji tal-ajru ⁽³⁰⁾. Dan ifisser li, anki jekk ma jitqiesx it-tnaqqis fil-kapaċità tar-rotta LCA-ATH (li tirrappreżenta biss 0,84 % tal-ASK totali), it-tnaqqis fl-ASK xorta jkun suffiċjentement għoli.
- (164) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-punti 38-42 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar huma ssodisfati.

5.3.4. Għajjnuna limitata għall-minimu: kontribuzzjoni reali, mingħajr għajjnuna

- (165) Skont il-punti 43-45 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, il-benefiċjarji ta' għajjnuna għar-ristrutturar huma mistennija li jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti għall-pjan ta' ristrutturar tal-2013 mir-riżorsi proprji tagħhom, li għandha tkun mill-anqas 50 % tal-kostijiet ta' ristrutturar għall-impriżi l-kbar, bħal Cyprus Airways, ħliet għal ċirkustanzi eċċezzjonali u f'każijiet ta' tbatija partikolari. Il-kontribuzzjoni proprja trid tkun reali, jiġifieri, attwali, esklużi l-profitti futuri kollha bħall-flussi tal-flus.
- (166) Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-ammont aġġornat tal-kontribuzzjoni proprja proposta ta' EUR 61,57 miljun. Dan jirrappreżenta 41,8 % tal-kostijiet totali ta' ristrutturar ta' EUR 147,4 miljun u l-għajjnuna għar-ristrutturar tiġi aġġustata għall-kontribuzzjoni proprja realizzata, sabiex it-total taż-żewġ ammonti jkopri biss il-kostijiet tar-ristrutturar.
- (167) Il-Kummissjoni tosserva li l-kontribuzzjoni proprja proposta ta' 41,8 %, anki kieku kellha tinkiseb b'mod sħiħ, tkun taħt il-limitu ta' 50 % stabbilit mil-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.
- (168) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li abbażi tat-Tabella 5 fil-premessa 79, fil-fatt kien realizzat biss il-bejgħ ta' assi b'valur ta' EUR 55,67 miljun. Il-bejgħ ta' elementi oħra proposti, bħall-parts tal-bdil u l-Airbus A320, ma ġiex realizzat b'mod sħiħ u l-valuri tagħhom mhumiex appoġġati b'valwazzjoni esperta.
- (169) Rigward il-bejgħ tal-parts tal-bdil, ir-rikavat attwali sal-lum (EUR 0,86 miljun) juri li l-estimi oriġinali ta' EUR 2,0 miljuni fl-2013 u EUR 1,1 miljun fl-2014 kienu fil-biċċa l-kbira stmati b'mod eċċessiv. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe valwazzjoni esperta tal-parts tal-bdil li kien fadal sabiex jinbiegħu u mingħajr l-ebda evidenza oħra bħal ftehim li jindika b'mod ċar l-impenn futur ta' xiri mix-xerrej, ir-rikavat futur possibbli mill-bejgħ tal-parts tal-bdil ma jistax jitqies bħala suffiċjentement reali u kontribuzzjoni proprja reali.

⁽²⁸⁾ L-ajruporti kkoordinati għal kollox huma definiti fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1). Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, daww l-ajruporti jesperjenzaw, tal-anqas matul ċerti perjodi, restrizzjonijiet fuq il-kapaċità.

⁽²⁹⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.34191 (2012/C) rigward il-miżuri implimentati mil-Latvja għal A/S Air Baltic Corporation (airBaltic), għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 194; id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.32715 (2012/C) rigward Adria Airways d.d., għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 143; id-Deċiżjoni 2013/151/UE, il-premessa 130.

⁽³⁰⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.34191 (2012/C) rigward il-miżuri implimentati mil-Latvja għal A/S Air Baltic Corporation (airBaltic), għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 195; id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.32715 (2012/C) rigward Adria Airways d.d., għadha ma ġiex ippubblikata, il-premessa 136.

- (170) Rigward il-bejgħ tal-Airbus A320, li l-awtoritajiet Ċiprijotti fis-sottomissjoni tagħhom tal-11 ta' Mejju 2014 jiddeskrivu bħala "inġenju tal-ajru qadim", erbgħa mill-ħames offeriti ppreżentati matul l-2014 ġew irtirati u fil-każ tal-ħames offeriti, l-offerent ma rrispondiex għall-kontroposta ta' Cyprus Airways. Billi l-awtoritajiet Ċiprijotti ma pprovdew l-ebda valwazzjoni esperta tal-inġenju tal-ajru, id-dħul proġettat mill-bejgħ, ta' EUR 2,5 miljuni, ma jistax jiġi aċċettat bħala suffiċjentement reali u kontribuzzjoni proprja attwali.
- (171) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-awtoritajiet Ċiprijotti u tqis li t-trasferiment ta' proprjetà lill-Fond Providenti ma jistax jitqies bħala kontribuzzjoni attwali u reali. Dan minħabba li, kif ikkonfermat mill-awtoritajiet Ċiprijotti u kif identifikat fil-kontijiet annwali tal-Kumpanija, il-Fond Providenti huwa kkontrollat minn Cyprus Airways, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu, il-fondi tiegħu finalment huma għad-dispożizzjoni tal-Kumpanija u d-defiċit tiegħu huwa parti mill-kostijiet tar-ristrutturar ⁽³¹⁾. Għalhekk, billi tittrasferixxi assi lill-Fond Providenti, Cyprus Airways ma ġgħib l-ebda kontribuzzjoni proprja reali għall-kostijiet tagħha tar-ristrutturar.
- (172) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis il-livell ta' kontribuzzjoni proprja attwali u reali bħala EUR 55,67 miljun, li huwa 37,8 % tal-kostijiet tar-ristrutturar.
- (173) L-awtoritajiet Ċiprijotti jargumentaw li l-kontribuzzjoni proprja tista' b'mod eċċezzjonali tkun anqas minn 50 % f'każ ta' tbatija partikolari. B'mod aktar speċifiku, huma jargumentaw li livell aktar baxx ta' kontribuzzjoni proprja fil-każ ta' Cyprus Airways jista' jkun ġustifikat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja kif ukoll il-projbizzjoni tal-ispazju tal-ajru Tork li jpoġġu piż addizzjonali fuq il-Kumpanija.
- (174) Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sitwazzjoni partikolari tal-ekonomija Ċiprijotta u tirrikonoxxi li d-disponiment ta' assi fsitwazzjoni bħal din jista' ma jkunx proċess faċli. Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li Cyprus Airways topera fsuq internazzjonali u likwidu, minħabba li x-xerrejja potenzjali tal-assi tagħha, inklużi inġenji tal-ajru, slots, parts tal-bdil, jistgħu jiġu minn kwalunkwe parti tad-dinja u għaldaqstant jistgħu ma jkunux ikkonċernati bis-sitwazzjoni fl-ekonomija Ċiprijotta, billi jistgħu jiksbu finanzjament iżjed faċilment u jistgħu jittrasferixxu l-assi jew jużawhom mingħajr l-ebda rabta ma' Ċipru.
- (175) Barra minn hekk, il-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija ilha fis-seħħ għal bosta snin u ma hija relatata bl-ebda mod mal-bejgħ ta' assi relatati mal-linja tal-ajru li jistgħu jintużaw xi mkien ieħor. Barra dan, it-tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità huwa rilevanti għall-kompetituri, filwaqt li l-kontribuzzjoni proprja għandha l-għan li tillimita l-għajjnuna meħtieġa mill-Istat u turi li s-swieq jemmnu fil-fattibbiltà tar-ritorn għall-vijabilità.
- (176) Fl-aħħar nett, filwaqt li l-Kummissjoni bbażat fuq il-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, hija aċċettat kontribuzzjonijiet proprji baxxi anki sa 40 % tal-kostijiet tar-ristrutturar, minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali ⁽³²⁾, dan xorta jaqbeż il-livell ta' kontribuzzjoni proprja minn Cyprus Airways.
- (177) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-punti 43-45 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar mhumiex issodisfati. Il-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jillimitax l-għajjnuna għall-minimu neċessarju, billi ma jinkludix kontribuzzjoni proprja u attwali suffiċjentement għolja għall-kostijiet tar-ristrutturar ta' Cyprus Airways.

5.3.5. Kundizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kumpaniji f'żoni assistiti

- (178) Il-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar jipprovdu li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-għajjnuna jistgħu jkunu anqas stretti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens u d-daqs tal-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju, meta jkunu ġġustifikati b'raġunijiet ta' żvilupp reġjonali u b'mod partikolari jekk il-benefiċjarju tal-għajjnunu jkun jinsab f'reġjun assistit.

⁽³¹⁾ L-istatuti ta' Cyprus Airways u l-kontijiet annwali tal-Kumpanija juru li hija topera numru ta' pjanijiet ta' benefiċċji tal-irtirar, inkluż il-Fond Providenti u li l-Kumpanija tassumi r-responsabbiltà sabiex tissalvagwardja l-valur tal-Fond Providenti u din l-obbligazzjoni hija inkluża fil-pagabbli u l-provvedimenti tal-Kumpanija. Barra minn hekk, il-Kumpanija tiggarantixxi l-kapaċità tal-akkwist tal-benefiċċji tal-irtirar sabiex dawn ma jkunux anqas minn benefiċċju totali minimu definit.

⁽³²⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/175/KE tat-22 ta' Lulju 2009 dwar l-għajjnuna mill-Istat C 18/05 (ex N 438/04, N 194/05 u PL 34/04) mogħtija mill-Polonja lil Stocznia Gdańsk (ĠU L 81, 26.3.2010, p. 19), il-premessa 276.

- (179) Fil-każ ta' Ċipru, għall-perjodu 2007-2013 kif ukoll 2014-2020, żewġ reġjuni li flimkien ikopru 50 % tal-popolazzjoni Ċiprijotta huma eliġibbli sabiex jirċievu għajna għall-investiment reġjonali skont id-deroga tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat (iż-Żona tal-Punent u iż-Żona tal-Lvant) ⁽³³⁾. L-awtoritajiet Ċiprijotti sostnew ukoll li Ċipru għandu numru ta' karatteristiċi territorjali li jaffettwaw l-iżvilupp soċjoekonomiku tiegħu, jiġifieri n-natura periferali u d-dipendenza tiegħu fuq it-trasport bl-ajru u l-baħar. Fl-aħħar nett, huma sostnew li r-riċessjoni ekonomika tal-ekonomija Ċiprijotta għandha *a fortiori* timmerita t-trattament ta' Ċipru bħala żona assistita.
- (180) Il-Kummissjoni tinnota li Cyprus Airways għandha s-sede tagħha f'Nikosia, li ma tinsab fl-ebda waħda miż-żewġ żoni assistiti ta' Ċipru. L-ajruport ta' Larnaca, possibbilment iċ-ċentru prinċipali tal-operazzjonijiet ta' Cyprus Airways, ukoll ma jinsabx f'waħda minn dawn iż-żewġ żoni assistiti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, sabiex ikunu assigurati kundizzjonijiet ekwi, l-istatus ta' żona assistita jista' jiġi stabbilit biss b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, skont il-kriterji tal-Linji gwida applikabbli dwar l-Għajna Reġjonali, u mhux ibbażat fuq karatteristiċi territorjali oħra jew riċessjoni ekonomika.
- (181) Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta kundizzjonijiet anqas stretti fir-rigward tal-kriterji għall-għajna.

5.3.6. Il-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba"

- (182) Il-Punt 73 Taqsima 3.3 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni jstipula li l-għajna għas-salvataġġ u/jew għar-ristrutturazzjoni għandha tingħata darba biss u "fejn ikunu għaddew inqas minn 10 snin minn meta tkun ingħatat l-għajna għas-salvataġġ jew ikun intemm il-perjodu ta' ristrutturazzjoni jew tkun twaqqfet l-implementazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni (skont liema tkun l-aħħar), il-Kummissjoni mhix se tippermetti aktar għajna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturazzjoni." Din il-kundizzjoni hija magħrufa bħala l-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba".
- (183) Eċċezzjoni għall-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba" hija pprovduta fil-punt 73(c) tat-Taqsima 3.3 [jekk jogħġbok ikkonferma]:
- “(...)
- (c) *f'ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli.*”
- (184) Il-Kummissjoni approvat għajna għar-ristrutturazzjoni lil Cyprus Airways fl-2007 fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturazzjoni. Fil-prinċipju, għalhekk, Cyprus Airways fil-preżent mhijiex eliġibbli għal aktar għajna għar-ristrutturazzjoni skont il-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba" u l-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk f'dan il-każ jeżistix ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli skont it-tifsira tal-punt 73(c).
- (185) Minkejja li kkummentaw b'mod estensiv dwar dak il-punt wara l-ftuħ ta' żewġ proċeduri ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Ċiprijotti ma kinix kapaċi jiġġustifikaw għaliex Cyprus Airways kienet iffaċċjata b'ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli, li jimmeritahom aktar għajna għar-ristrutturazzjoni ⁽³⁴⁾.
- (186) B'mod partikolari, il-projbizzjoni ta' titjiriet minn fuq it-Turkija kienet introdotta fl-1974 ⁽³⁵⁾ u Ċipru daħħal skema approvata għall-kompens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba minn kwalunkwe linja tal-ajru affettwata, inkluża Cyprus Airways (ara l-premessa 23 above). Għalhekk, dan l-avveniment ma jistax jikkwalifika bħala ċirkustanza eċċezzjonali u mhux prevedibbli u l-awtoritajiet Ċiprijotti ma ressqu l-ebda evidenza ġdida f'dak ir-rigward.

⁽³³⁾ Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2006 fil-kawża N 814/2006, dwar il-mappa tal-għajna Reġjonali 2007-2013 (ĠU C 68, 24.3.2007, p. 28).

⁽³⁴⁾ L-awtoritajiet Ċiprijotti jirreferu għad-deċiżjoni dwar l-għajna għas-salvataġġ lill-Air Malta li rrikonossiet ċirkustanzi eċċezzjonali u ppermettiet għajna għas-salvataġġ f'perjodu li kien iqsar minn 10 snin minn għajna għar-ristrutturazzjoni preċedenti (deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2010 fil-kawża N 504/2010 – Air Malta plc – Għajna għas-salvataġġ, ĠU C 102, 2.4.2011, p. 4). Il-Kummissjoni tinnota li hemm differenzi sinifikanti bejn il-każ tal-Air Malta u l-każ preżenti. Il-miżura preċedenti fil-każ tal-Air Malta twettqet f'April 2004, qabel l-ażżjoni ta' Malta fl-UE, u għalhekk ma kinitx soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni. L-awtoritajiet Maltin argumentaw li l-miżura tal-2004 kienet konformi mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq u għalhekk ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat. Minħabba l-urġenza tal-approvazzjoni tal-għajna għas-salvataġġ, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tasal għal konklużjoni definittiva dwar il-karattru tal-għajna tal-miżura tal-2004. Madankollu, fid-deċiżjoni sussegwenti dwar l-għajna għar-ristrutturazzjoni id-Deċiżjoni 2012/661/UE, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura tal-2004 ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat. Fil-każ preżenti, m'hemm dubju li Cyprus Airways irċeviet għajna għar-ristrutturazzjoni fl-2007. Barra minn hekk, waħda miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali aċċettati mill-Kummissjoni kienet tirrigwarda l-fatt li fiż-żmien tal-miżura tal-2004, l-aċċess għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kien regolat esklussivament bi drittijiet tat-traffiku fi ftehimiet bilaterali tal-ajru, filwaqt li fl-2010, l-aċċess kien miftuħ għat-trasportaturi kollha tal-UE. Ma kien hemm l-ebda bidla fundamentali bħal din bejn l-2007 u issa fir-rigward tal-aċċess għall-ajruporti Ċiprijotti. Fl-aħħar nett, filwaqt li Malta kienet tiddependi għal aktar minn 50 % tat-traffiku tal-ajru tagħha fuq l-Air Malta, is-sehem ta' Cyprus Airways mit-traffiku tal-ajru Ċiprijott kien biss ta' 15 % fl-2012 u minn dak iż-żmien l-hawn naqas aktar.

⁽³⁵⁾ Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-kawża SA.32523 (11/N), para. 11.

- (187) Għal raġunijiet simili, l-operazzjoni ta' ajruport "illegali" fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru wkoll ma tistax titqies bħala ċirkustanza eċċezzjonali u mhux prevedibbli, billi l-possibbiltà għat-turisti li jivvjaġġaw lejn u mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ilha fis-seħħ mill-anqas mill-2004.
- (188) Il-Kummissjoni ma taqbilx ukoll mal-awtoritajiet Ċiprijotti li d-dħul ta' kwalunkwe kompetitur, linja tal-ajru low cost jew ta' servizz sħiħ, jista' jitqies bħala ċirkustanza eċċezzjonali u mhux prevedibbli, minħabba li Cyprus Airways topera f'settur liberalizzat u sakemm il-kompetituri tagħha qegħdin joperaw b'mod legali. Rigward l-allegazzjoni li l-Istat Ċiprijott qiegħed jissussidja kompetituri ta' Cyprus Airways, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda sostanzjament ta' din l-allegazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tisħaq li ma jistax jiġi argumentat li l-Istat irid jipprovdi għajnuna mill-Istat lil Cyprus Airways sabiex jikkumpensa għall-effetti ħżiena ta' allegata miżura li l-Istat jingħad li introduċa huwa stess, u jikkwalifika din tal-aħħar bħala miżura eċċezzjonali u mhux prevedibbli.
- (189) Rigward l-inkwiet fil-Lvant Nofsani, il-Kummissjoni tqis li din is-sitwazzjoni ma tistax titqies bħala eċċezzjonali, minħabba l-inkwiet persistenti f'partijiet tar-reġjun għal bosta għexieren ta' snin. Rigward l-impatt ekonomiku tal-aktar inkwiet riċenti msemmi mill-awtoritajiet Ċiprijotti, jiġifieri r-"Rebbiegħa Għarbija", ir-rapporti annwali tal-Kumpanija juru li d-dħul mir-rotot li jgħaqqdu lil Ċipru mal-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Golf jidher li jirrappreżenta tradizzjonalment 10 % tad-dħul totali ta' Cyprus Airways. Għalhekk, anki tnaqqis sinifikanti fit-traffiku jkollu impatt relattivament żgħir (anki jekk "*mhux negliġibbli*"), jiġifieri jaffettwa sa massimu ta' 10 % tad-dħul totali ta' Cyprus Airways.
- (190) Rigward id-deterjorament tal-ekonomiji Griegi u Ċiprijotti, il-Kummissjoni tirrikonoxxi dawk l-avvenimenti, kif ukoll it-tnaqqis possibbli fin-nollijiet medji għat-titjiriet Griegi. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li Cyprus Airways espandiet it-titjiriet domestiċi tagħha fil-Greċja bejn l-2011 u l-2013, u għalhekk kienet qiegħda konxjament iżżid l-esponiment tagħha għas-suq Grieg.
- (191) L-evidenza disponibbli fil-pjan ta' ristrutturar tal-2013 u l-informazzjoni pprovduta mill-kompetituri tissuġġerixxi li t-traffiku totali ta' passiġġieri fis-suq Ċiprijott żdied mill-2009 'l hawn filwaqt li s-sehem mis-suq ta' Cyprus Airways naqas. Barra minn hekk, linji tal-ajru oħrajn li joperaw fir-reġjun ukoll kienu ffaċċjati bil-kriżi ekonomika, iżda aġġustaw il-politika tal-ipprezzar u n-netwerk tagħhom, sabiex jibqgħu fis-suq. Fil-fatt, Ryanair irrimarkat li hija saħansitra kisbet tkabbir f'dawk is-swieq.
- (192) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li Cyprus Airways, minkejja li rrikonoxxiet ir-riskji permezz ta' dikjarazzjonijiet espliċiti, għalkemm "*ġeneriċi*", fir-rapporti annwali fl-2007, 2008 u 2009 ⁽³⁶⁾, u minkejja l-għażliet disponibbli, naqset milli tagħmel l-aġġustamenti neċessarji fin-negozju tagħha, sabiex tevita l-effett tad-deterjorament ekonomiku fis-swieq prinċipali tagħha u biex tapprofitta minn swieq ġodda, kif għamli l-kompetituri tagħha. Dawk l-effetti għalhekk ma jistgħux jikkwalifikaw bħala ċirkustanza eċċezzjonali u mhux prevedibbli, iżda pjuttost għandhom jiġu attribwiti għall-ġestjoni u l-prestazzjoni ħżiena ta' Cyprus Airways.
- (193) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-eċċezzjoni tal-punt 73(c) tat-Taqsima 3.3 tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar mhijiex issodisfata u li l-għajnuna għar-ristrutturar lil Cyprus Airways tikser il-prinċipju ta' "darba biss, l-aħħar darba".

5.3.7. Konklużjoni

- (194) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni jirriżultalha li Ċipru implimenta b'mod illegali l-miżuri 1, 2, 4 u 5 favur Cyprus Airways, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (195) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-miżuri 1, 2, 4 u 5 u l-pjan ta' ristrutturar tal-2013 ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda bażi oħra għall-kompatibbiltà u l-awtoritajiet Ċiprijotti wkoll ma semmew l-ebda bażi alternattiva għall-kompatibbiltà tal-miżuri (bl-eċċezzjoni tal-applikazzjoni tal-GBER għall-għajnuna għat-taħriġ – miżura 5). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis l-għajnuna bħala inkompatibbli mas-suq intern.

⁽³⁶⁾ Ara r-Rapport Annwali tal-2007, p. 97; ir-Rapport Annwali tal-2008, p. 88; ir-Rapport Annwali tal-2009, p. 91.

5.4. IRKUPRU

- (196) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew jibdel l-ghajjnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern⁽³⁷⁾. Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jannulla ghajjnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel⁽³⁸⁾.
- (197) F'dan il-kuntest, il-Qorti ddeċidiet li dan l-objettiv jintlaħaq meta r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala ghajjnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu minflok il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tkun għet irkuprata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-ghajjnuna⁽³⁹⁾.
- (198) Bi qbil mal-każistika, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽⁴⁰⁾ sostna li *"fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' ghajjnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-ghajjnuna mill-benefiċjarju [...]"*.
- (199) Għalhekk, minħabba li l-miżuri inkwistjoni fl-ammont totali ta' EUR 66 099 317,94 (EUR 31,33 miljun fil-forma tal-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali (miżura 1), EUR 34,5 miljun fil-forma tas-self għall-ghajjnuna għas-salvataġġ (miżura 2) u EUR 269 317,94 fil-forma tal-ghajjnuna għat-taħriġ (miżura 5) ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, u għandhom jitqiesu bħala ghajjnuna illegali u mhux kompatibbli, huma jridu jiġu rkuprati sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-ġħoti tagħhom. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien minn meta l-vantaġġ akkumula għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-ghajjnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv, u s-somom li jridu jiġu rkuprati għalhekk għandhom ikollhom imgħax sal-irkupru effettiv.

6. KONKLUŻJONI

- (200) Rigward il-miżura 3, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ma baqgħalhiex skop minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-miżura minn Ċipru.
- (201) Il-Kummissjoni jirriżultatla li l-miżuri 1, 2, 4 u 5 rigward il-parteċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali, is-selva ta' ghajjnuna għas-salvataġġ, l-ghajjnuna għar-ristrutturar u l-ghajjnuna għat-taħriġ rispettivament, favur Cyprus Airways, jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u mhumiex kompatibbli mas-suq intern, minħabba li l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ma kinux issodisfati u ma kinux identifikati bażijiet oħra għall-kompatibbiltà.
- (202) Rigward il-miżuri 1, 2, 4 u 5, il-Kummissjoni jirriżultatla li Ċipru implimentahom b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (203) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li Ċipru qabel li d-deċiżjoni preżenti tiġi adottata u nnotifikata bl-Ingliż.

ADOZZAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat li nbdiat fis-6 ta' Marzu 2013 dwar kumpens *ex gratia* potenzjali minn Ċipru lil Cyprus Airways ma baqgħalhiex skop, minħabba li Ċipru abbanduna l-miżura. Dik il-proċedura hija b'dan magħluqa.

⁽³⁷⁾ Ara l-Kawża C-70/72 *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [1973] il-Ġabra 813, il-paragrafu 13.

⁽³⁸⁾ Ara l-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* [1994] il-Ġabra I-4103, il-paragrafu 75.

⁽³⁹⁾ Ara l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* [1999] il-Ġabra I-030671 il-paragrafi 64 u 65.

⁽⁴⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

Artikolu 2

L-ghajjnuna mill-Istat li tammonta għal mill-anqas EUR 66 099 317,94, li tirriżulta mis-somma ta' EUR 31,33 miljun fil-forma tal-parteciżazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali, EUR 34,5 miljun fil-forma ta' selfa ta' għajjnuna għas-salvataġġ u EUR 269 317,94 fil-forma tal-ghajjnuna għat-taħriġ, mogħtija illegalment lil Cyprus Airways minn Ċipru bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

Kwalunkwe għajjnuna mill-Istat minbarra l-ammonti msemmija fl-Artikolu 2 li Ċipru ta jew jista' jkun irid jagħti lil Cyprus Airways fil-kuntest tal-miżura 4, mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 4

1. Ċipru jirkupra l-ghajjnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 2 mingħand il-benefiċjarju. Huwa jirkupra wkoll kwalunkwe għajjnuna addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 3 mingħand il-benefiċjarju.
2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati jinkludu l-interessi mid-data li fiha saru disponibbli lill-benefiċjarju sad-data tal-irkupru attwali tagħhom.
3. L-imgħax jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004⁽⁴¹⁾, u r-Regolament (KE) Nru 271/2008⁽⁴²⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. Rigward il-miżura 4, Ċipru jinforma lill-Kummissjoni jekk tax xi ammonti addizzjonali minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2 fil-kuntest ta' din il-miżura u jinforma wkoll lill-Kummissjoni dwar l-ammonti eżatti mogħtija u d-dati tal-għoti.
5. Rigward il-miżura 5, Ċipru jinforma lill-Kummissjoni dwar id-dati meta ngħataw l-ammonti individwali.
6. Ċipru jabolixxi l-miżura 4 u jgħassar il-pagamenti pendenti kollha tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 2 u 3 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. L-irkupru tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 2 u fl-Artikolu 3 jkun immedjat u effettiv.
2. Ċipru jassigura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Ċipru jippreżenta l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) L-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 4 paragrafi 4 u 5;
 - (b) l-ammont totali (somma kapitali u mgħaxijiet ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju⁽⁴³⁾;
 - (c) deskrizzjoni fid-dettall tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;
 - (d) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju jkun ġie ordnat li jirritorna l-ghajjnuna.
2. Ċipru jżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 2 u fl-Artikolu 3. Huwa jippreżenta minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex tinkiseb konformità ma' din id-Deċiżjoni. Huwa jipprovi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajjnuna u l-imgħax ta' rkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

⁽⁴¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁴²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

⁽⁴³⁾ Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-forma tat-Tabella mehmuża ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI TA' GĦAJNUNA RIĊEVUTI, LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI U DIĠÀ ĠEW IRKUPRATI (L-AMMONTI KOLLHA FEUR)

Identità tal-benefiċjarju – miżura	Ammont totali tal-ghajjnuna riċevuta	Ammont totali tal-ghajjnuna li għandha tiġi rkuprata (Kapital)	Ammont totali diġà rimborżat	
			Kapital	Imgħax tal-irkupru
Cyprus airways – Il-parteciċipazzjoni tal-Istat għaż-żieda kapitali	31 330 000 ⁽¹⁾	31 330 000		
Cyprus airways – Selfa ta' ghajjnuna għas-salvataġġ	34 500 000 ⁽²⁾	34 500 000		
Cyprus airways – Ghajjnuna għat-taħriġ	269 317,94 ⁽³⁾	269 317,94		
<i>[Jekk jogħġbok aġġusta jekk inġhatat xi ghajjnuna oħra taħt il-miżura 4]</i>				

⁽¹⁾ Ammont imsemmi fil-premessa 110 tad-Deċiżjoni.

⁽²⁾ Ammont imsemmi fil-premessa 111 tad-Deċiżjoni.

⁽³⁾ Ammont imsemmi fil-premessa 117 tad-Deċiżjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1074**tad-19 ta' Jannar 2015****dwar l-għajna mill-istat SA.35842 (2014/C) (ex 2012/NN) mogħtija mill-Italja –****Kumpens addizzjonali rigward obbligi ta' servizz pubbliku favur CSTP***(notifikata bid-dokument C(2015)74)***(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) ċitati hawn fuq, u waqt li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROCĊEDIMENT

- (1) Permezz ta' notifika elettronika tal-5 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet Taljani nnotifikaw, skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, il-kumpens addizzjonali mogħti lil Consorzio Salernitano Trasporti Pubbliċi S.p.A. ("CSTP"), biex din tippovdi servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-karozza tal-linja abbażi ta' konċessjonijiet mogħtija mir-Reġjun Campania ("ir-Reġjun") fil-perjodu 1997-2002 ("il-perjodu li qed jiġi eżaminat"), fl-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Kunsill tal-Istat, l-awtorità suprema ġudizzjarja amministrattiva Taljana.
- (2) In-notifika ġiet reġistrata bin-numru SA.35842 u, mit-13 ta' Diċembru 2012, ġiet trattata bħala miżura mhux notifikata peress li, skont l-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni, ir-Reġjun kellu l-obbligu li jħallas il-kumpens addizzjonali dovut lil CSTP mis-7 ta' Diċembru 2012, wara li l-Gvern Taljan innotifika l-miżura lill-Kummissjoni, iżda qabel ma l-Kummissjoni kienet tkun adottat deċiżjoni.
- (3) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Taljani d-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċediment skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat ("deċiżjoni ta' ftuħ").
- (4) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar l-għajna.
- (5) L-awtoritajiet Taljani ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ bl-ittri datati l-21 u l-25 ta' Marzu 2014.
- (6) L-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet CSTP, il-benefiċjarju tal-miżura nnotifikata. Il-kummenti tagħha waslu fil-25, is-26, is-27 u t-28 ta' Marzu 2014.
- (7) L-Italja ma baġtet l-ebda kummenti rigward l-osservazzjonijiet tal-parti terza.
- (8) Wara li l-Kummissjoni aċċettat li testendi l-iskadenza tal-preżentazzjoni, l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-informazzjoni kumplementari permezz ta' ittra tal-15 ta' Settembru 2014.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA**2.1. IL-KUMPAĊIJA**

- (9) CSTP hija kumpanija privata li tiġġestixxi servizzi ta' trasport pubbliku lokali abbażi ta' konċessjonijiet reġjonali u komunalni. B'mod aktar speċifiku, skont l-awtoritajiet Taljani, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, CSTP wettqet servizzi ta' trasport bil-karozza tal-linja bħala konċessjonarja tar-Reġjun u kopriet total ta' madwar disa' miljun kilometru fis-sena.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.2.2014 dwar l-Għajna mill-Istat SA.35842 (2012/NN) – l-Italja – il-Kumpens PSO għal CSTP (ĠU C 156 tat-23.5.2014, p. 39).

- (10) Mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Taljani, għas-servizz imsemmi hawn fuq, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, ir-Reġjun diġà ħallas lil CSTP is-somma ta' EUR 131 632 525,80, li minnhom EUR 125 869 212,47 għat-twettiq u l-ġestjoni tas-servizz, u EUR 5 763 313,32 għall-investimenti. Peress li rriżulta li t-tali kumpens kien ingħata lil CSTP aktar minn għaxar snin qabel ma l-Kummissjoni baġtet l-ewwel talba tagħha għall-informazzjoni lill-Istat Taljan, it-tali kumpens mhux se jkun suġġett għal valutazzjoni fl-ambitu tal-proċedura li għaddejja⁽²⁾.
- (11) Apparti l-ammonti li diġà ssemmev aktar 'l fuq, CSTP talbet lir-Reġjun kumpens addizzjonali ta' EUR 14 545 946, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69⁽³⁾, minħabba l-iżvantaġġi kummerċjali li allegatament ġarbet minħabba l-allegata impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku (*Public Service Obligation* — PSO).
- (12) Fl-2008, it-Tribunal Amministrattiv Reġjonali ta' Salerno ċaħad it-talba ta' CSTP dwar rikonoxximent tad-dritt għal kumpens addizzjonali abbażi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. It-tribunal iddeċieda li, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69⁽⁴⁾, CSTP ma setgħetx titlob kumpens għall-iżvantaġġi kummerċjali mmissla mill-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku mingħajr ma tkun talbet, minn qabel, l-eliminazzjoni ta' tali obbligi.

2.2. IS-SENTENZI TAL-KUNSILL TAL-ISTAT

- (13) B'sentenza tas-27 ta' Lulju 2009 (*is-sentenza Nru 4683/09*), il-Kunsill tal-Istat laqa' r-rikors ta' CSTP kontra d-deċiżjoni tat-tribunal amministrattiv reġjonali ta' Salerno, u kkonkluda li CSTP kellha dritt li tirċievi kumpens addizzjonali għas-servizz pubbliku li jiġihallas skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Din is-sentenza ma tiddefinixxi bi preċiżjoni minn liema att legali u f'liema forma kienu ġew imposti l-obbligi ta' servizz pubbliku, iżda tisħaq li t-talba li impriża li tkun tat servizz pubbliku tagħmel għal kumpens tal-kosti, li effettivament tkun ġarret matul l-eżekuzzjoni ta' tali servizz, ma tistax tiġi miċħuda. Il-Kunsill tal-Istat, barra minn dan, ikkonkluda li CSTP kellha dritt li tirċievi kumpens ta' servizz pubbliku anki jekk din ma kinitx talber minn qabel l-eliminazzjoni tal-PSO.
- (14) Skont il-Kunsill tal-Istat, l-ammont eżatt tal-kumpens addizzjonali dovut lil CSTP kellu jiġi determinat mir-Reġjun abbażi ta' ċifri affidabbli li jinkisbu mill-kontijiet tal-kumpanija, li jkunu jixhdu d-differenza bejn il-kosti li jiġġarbu mill-attivitajiet ta' CSTP milquta mill-obbligu ta' servizz pubbliku u d-dħul korrispondenti. Madankollu, ir-Reġjun iddikjara li ma kienx fil-pożizzjoni li jiddetermina l-ammont minħabba n-nuqqas ta' dejta preċiża u attendibbli.
- (15) Bl-ordinanza Nru 8736/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill tal-Istat innomina espert biex jeżegwixxi dan il-kompitu. Skont l-awtoritajiet Taljani, l-esport ma kienx fil-pożizzjoni li jiddetermina l-ammont ta' kumpens, u kien biss bil-għajnuna ta' espert ieħor, nominat mill-Kunsill tal-Istat permezz tal-ordinanza Nru 5897/2011 tas-7 ta' Novembru 2011 li ġie kkalkolat l-ammont preċiż tal-kumpens bl-applikazzjoni ta' "metodu induttiv", kif ordnat permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat Nru 3244/2011 tal-25 ta' Lulju 2011. Abbażi ta' dawn il-kalkoli l-esperti kkonkudew li kien hemm nuqqas ta' kumpens lil CSTP biss għall-1998, kif jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formula fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 (obbligu ta' tariffa). L-esperti ma setgħux japplikaw metodu induttiv biex jikkalkolaw in-nuqqas (allegat) ta' kumpens skont l-Artikolu 10 tal-istess regolament (l-obbligu ta' eżerċizzjoni jew ta' trasport), minħabba nuqqas ta' ċifri affidabbli u r-riskju li jiġi rduppjat, bl-applikazzjoni tal-metodu induttiv, il-kumpens ikkalkolat skont l-Artikolu 11. B'mod impliċitu, l-esperti b'hekk assumew li kien ġie impost fuq CSTP obbligu ta' natura tariffarja.

⁽²⁾ Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-TFUE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1), il-poteri tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkupru tal-għajnuniet huma suġġetti għal perjodu massimu ta' għaxar snin, li jibdw mill-jum li fih tkun bdiet tingħata l-għajnuna illegali lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna li tkun tagħmel parti minn sensiela ta' għajnuniet. Kull azzjoni meħudha mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward ta' għajnuna llegali, tinterrampi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligu inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 156 28.6.1969, p. 1).

⁽⁴⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula li: "Huwa f'idejn l-intrapriżi tat-trasport li japplikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għat-terminazzjoni sħiħa jew parzjali ta' xi obbligu ta' servizz pubbliku fejn dan l-obbligu huwa ta' żvantaġġ ekonomiku għalihom". L-Artikolu 6(3) jistipula li: "L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjonijiet fi żmien sena mid-data ta' meta l-applikazzjoni tiġi preżentata fir-rigward tal-obbligi li wieħed jopera jew li jgħorr, u fi żmien sitt xhur fir-rigward ta' obbligi ta' tariffi. Id-dritt għall-kumpens għandu jinholq fid-data tad-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti [...]".

- (16) Il-Kunsill tal-Istat, bħala konsegwenza, ħareġ is-sentenza Nru 5649/2012 tas-7 ta' Novembru 2012, u impona fuq ir-Reġjun li jħallas lil CSTP, mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru 2012, l-ammont ta' EUR 4 951 838, li jirrappreżenta l-ammont ta' nuqqas ta' kumpens dovut għall-1998. Ir-Reġjun għadda l-ammont lil CSTP fil-21 ta' Diċembru 2012.
- (17) Il-pagament lil CSTP tat-tali kumpens addizzjonali min-naħa tar-Reġjun bis-saħħa tas-sentenza Nru 5649/2012 jikkostitwixxi l-miżura mhux notifikata u hija l-oġġett ta' din id-deċiżjoni preżenti.

2.3. INFORMAZZJONI/OSSERVAZZJONIJIET ADDIZZJONALI MOGĦTIJA MILL-AWTORITAJIET TALJANI

- (18) Skont l-awtoritajiet Taljani, CSTP, flimkien ma' operaturi oħra ta' servizzi bi skeda reġjonali ta' trasport bil-karozzi tal-linja, kienet qed topera abbażi ta' liċenzi temporanji (konċessjonijiet) imġedda kull sena wara applikazzjoni mill-kumpanija operatriċi. Dawn il-konċessjonijiet kienu jagħtu lill-kumpanija d-dritt esklussiv li tipprovdi s-servizzi in kwistjoni.
- (19) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li CSTP kienet talbet lir-Reġjun li jagħtiha konċessjonijiet maħsuba biex tkun tista' tipprovdi servizzi fuq ir-rotot partikolari kull sena fil-perjodu li qed jiġi eżaminat u li l-konċessjonijiet kienu jistabbilixxu dejjem li s-servizzi kellhom jingħataw totalment b'riskju għall-impriżi kkonċernati u, b'mod partikolari, mingħajr ma l-għoti tas-servizz ikun jikkostitwixxi xi dritt għal sussidju jew għal kumpens ta' kwalunkwe natura. L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw kopja ta' mudell ta' konċessjoni tal-1973, bħala prova tal-konformità ma' dak użat fil-każ ta' CSTP għall-perjodu li qed jiġi eżaminat. L-awtoritajiet Taljani ma pprovdew mandakollu l-ebda kuntratt ta' konċessjoni li kien ġie effettivament konkluż ma' CSTP fil-perjodu li qed jiġi eżaminat.
- (20) L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li, bis-saħħa ta' dawn il-konċessjonijiet, CSTP kienet ħielsa li tipproponi s-sostituzzjoni tal-forom ta' trasport li kellhom jintuża jew li titlob l-eliminazzjoni totali jew parzjali tal-obbligi ta' servizz pubbliku, jekk u meta dawn l-obbligi jkunu jfissru li l-konsorzju jsofri żvantaġġ ekonomiku, iżda l-kumpanija qatt ma eżerċitat it-tali dritt. L-awtoritajiet Taljani isostnu, barra minn dan, li l-kumpanija qatt ma tat notifika lir-Reġjun li l-obbligi kienu qed ifissru żvantaġġi ekonomiċi għaliha, u lanqas li hija kienet qed toffri servizzi li altrimenti ma kinitx tipprovdi li ma kienux għall-obbligi ta' servizz pubbliku kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (21) Skont l-awtoritajiet Taljani, il-flus mit-taxxi li nġhataw lill-kumpanija CSTP fil-passat kienu bbażati fuq il-metodoloġija tal-kost standardizzata, li jipprevedi l-użu tal-parametri stabbiliti bil-liġi reġjonali Nru 16/1983⁽⁵⁾. Dawn jinkludu: l-għadd ta' kilometri konċessi f'kuntrast ma' kemm ġew fil-fatt misjuqa, l-għadd ta' impjegati u tal-karozzi tal-linja, varjabbli skont it-tip ta' servizz li jingħata (jekk hux urban, fil-muntanji jew fl-għoljiet), it-trattament legali u ekonomiku tal-impjegati, id-daqs tal-impriża u l-kosti tal-karozzi tal-linja.
- (22) Barra minn dan, l-awtoritajiet Taljani għandhom dubju kemm CSTP tat prova li kienet issodisfat il-PSO b'mod effiċjenti u kif suppost skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u jsostnu li CSTP ma kellhiex sistema ta' separazzjoni tal-kontijiet kif stipulat fl-Artikolu 1(5) tal-istess Regolament.

2.4. AMMONT TAL-KUMPENS

- (23) Kif intwera fil-premessa 15, il-Kunsill tal-Istat ħatar żewġ esperti biex jiddeterminaw il-kumpens addizzjonali dovut mir-Reġjun lil CSTP skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Kull espert ippreżenta r-rapport rispettiv tiegħu fis-27 ta' Settembru 2012, iżda kien biss it-tieni espert li rnexxiel jikkalkula l-kumpens addizzjonali dovut lil CSTP mir-Reġjun.
- (24) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-obbligu ta' eżerċizzju jew ta' trasport skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, l-esperti saħqu aktar minn darba fir-rapport li t-talbiet għal kumpens addizzjonali lil CSTP ma kinux sostanzjati minn għadd suffiċjenti ta' ċifri ddokumentati għall-kakolu preċiż tal-ammont. Barra minn dan, il-partijiet (jiġifieri CSTP u r-Reġjun) ippreżentaw ċifri li ma kinux konsistenti jew li ma kinux preċiżi biżżejjed, u b'hekk kienu biss approssimattivi. Bħala konsegwenza, l-esperti kkonkludew fir-rapport li l-partijiet ma pprovdewx provi abbażi ta' dokumentazzjoni suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-iżvantaġġ kummerċjali tal-linji ta' trasport bil-karozzi tal-linja, b'mod li ma setgħet issir l-ebda stima affidabbli f'dan il-każ, minkejja l-applikazzjoni tal-"metodu induktiv" użat mill-Kunsill tal-Istat. L-esperti kkonkludew għalhekk li l-kumpens addizzjonali għall-obbligu ta' eżerċizzju jew ta' trasport, ikkalkolat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69⁽⁶⁾, għandu jkun fl-ammont ta' żero.

⁽⁵⁾ Il-Liġi Reġjonali tal-25 ta' Jannar 1983, Nru 16 Interventi tar-Reġjun fil-qasam tas-servizzi ta' trasport pubbliku lokali għall-passiġġieri, aċċessibbli hawnhekk: http://jtest.ittig.cnr.it:8080/cocoon/regioneCampania/xhtml?css=4&doc=/db/nir/RegioneCampania/1983/urn_nir_regione.campania_legge_1983-01-25n16&datafine=19830205

⁽⁶⁾ L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula li l-ammont tal-kumpens marbut mal-obbligu tal-forniment ta' servizzi ta' trasport huwa ddeterminat abbażi tad-differenza bejn it-tnaqqis fl-introjti tal-impriża u t-tnaqqis tal-kosti li jirriżultaw mit-teħhija tal-obbligi li jikkorrispondu fil-perjodu in kwistjoni.

- (25) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens addizzjonali tal-obbligi ta' natura tariffarja skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, l-esperti kkonkludew li mhux possibbli li dan jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni peress li l-partijiet qatt ma ddefinew is-sitwazzjoni tas-suq u, bħala konsegwenza, l-ammont ta' kumpens għandu jiġi kkalkolat fl-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni. L-esperti jirrikonoxxu li mhux possibbli tikkalkula l-kumpens lanqas jekk jiġi applikat il-paragrafu 1, minħabba ċifri nieqsa jew mhux affidabbli. Għaldaqstant, ġie applikat il-"metodu induttiv" ordnat mill-Kunsill tal-Istat, li jimplika l-użu tal-kunċett ta' "kosti standard", abbażi ta' "kost unitarju standard", u fuq l-għadd ta' kilometri milquta mill-konċessjoni sabiex jiġi kkalkolat jekk CSTP ġarrbitx nuqqas ta' kumpens matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat fir-rigward tal-obbligi ta' natura tariffarja li kienu ġew imposti fuqha.
- (26) Abbażi ta' dan, l-esperti kkalkolaw l-ammont tal-kumpens addizzjonali skont il-formula fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, billi assumew li CSTP kellha imposti fuqha obbligi ta' natura tariffarja matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat, kif jidher fit-tabella li ġejja:

	1997	1998	1999	2000	2001	2002
A) Introjti ġejjin minn ġestjoni kummerċjali	40 303 387,71	42 312 390,51	41 174 023,85	42 399 523,59	42 010 059,97	42 010 059,97
B) Introjti effettivi ġejjin mill-ġestjoni fil-każ li qed jiġi eżaminat	9 484 545,48	8 705 924,03	8 577 234,29	9 254 374,76	9 447 735,00	9 430 225,00
C) Kontribuzzjonijiet diġà imħallsa	34 106 026,86	29 935 681,81	34 124 760,15	35 199 742,20	33 496 192,00	33 869 048,00
A-(B+C)	- 3 287 184,64	3 670 784,68	-1 527 970,59	-2 054 593,37	-933 867,03	-1 289 213,03
A-(B+C)		3 670 784,68				

- (27) Minn dawn il-kalkoli joħroġ li CSTP tista' ssostni li sofriet nuqqas ta' kumpens biss fl-1998, minħabba l-allegata impożizzjoni fuqha ta' obbligi ta' natura tariffarja. L-ammont tal-kumpens nieqes kien ta' EUR 3 670 784,68, li magħhom jiżdied imgħax legali ta' EUR 1 281 053,57, li jġibu kumpens addizzjonali ta' EUR 4 951 838,25 li l-Kunsill tal-Istat ordna li r-Reġjun għandu jħallas lil CSTP u li dan effettivament ittrasferixxa fil-21 ta' Diċembru 2012.

2.5. RAĠUNIJET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDIMENT

- (28) Kif joħroġ mid-deċizzjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni kellha bosta dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern.
- (29) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkunsidrat jekk kinux ġew issodisfati l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QĠUE") fil-każistika Altmark ⁽⁷⁾ tagħha.
- (30) It-tieni, il-Kummissjoni kellha dubji fil-każ tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 effettivament jeħlisx lill-awtoritajiet Taljani mill-obbligu ta' notifika minn qabel, huwa għalhekk meħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit jekk ir-Reġjun fil-fatt kienx impona unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku fuq CSTP u, it-

⁽⁷⁾ Il-Kawża C-280/00, *Altmark Trans/Regierungspräsidium Magdeburg* EU:C:2003:415.

tieni, jekk il-kumpens mogħti għal dawn l-obbligi tas-servizz huwieg konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni fejn tidħol il-kwistjoni dwar jekk il-kumpens mogħti lil CSTP kienx jissodisfa tali kundizzjonijiet.

- (31) It-tielet, il-Kummissjoni kellha dubji fejn tidħol il-kompatibilità tal-miżura skont ir-Regolament (KEE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾. Kieku kellu jiġi kkonfermat li tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni min-notifika, skont ir-Regolament (KE) Nru 1191/69, ma ġietx issodisfata u li jkun neċċessarju li ssir valutazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, il-Kummissjoni jkollha dubji dwar ir-rispett tal-kundizzjonijiet ta' dak ir-Regolament fil-każ ikkonċernat.

3. KUMMENTI MAGĦMULIN MILL-ITALJA

- (32) L-awtoritajiet Taljani, fil-livell nazzjonali, ma ressqux kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċediment. Kien biss ir-Reġjun Campania li ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.
- (33) L-ewwel nett ir-Reġjun osserva li CSTP ma pprovdiet l-ebda element ta' prova li juri l-eżistenza ta' separazzjoni adegwata tal-kontijiet.
- (34) Ir-Reġjun saħaq għalhekk li matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat ma kien hemm l-ebda każ ta' xi impożizzjoni unilaterali ta' obbligi ta' servizz pubbliku. Pjuttosti, il-kumpanija, skont il-prassi li kienet fis-seħħ fil-mument, kull sena kienet titlob it-tiġdid tas-servizzi konċessi u li l-ebda att ta' konċessjoni ma wassal għall-impożizzjoni unilaterali ta' PSO. Barra min hekk, biex jiġi konformi mas-sentenza, ir-Reġjun darba wara l-oħra talab lil CSTP biex din tippreżenta provi dokumentati meħuda minn atti jew kuntratti li bihom, skont il-kumpanija, ġew imposti fuqha l-PSO, iżda baqa' ma rċieva xejn, skont dak li ġie kkomunikat. CSTP lanqas ma pprovdiet elementi ta' prova li juru li hija kienet talbet lir-Reġjun biex jimmodifika l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt ta' konċessjoni fejn jidħlu rotot, ħinijiet u tariffi, u lanqas provi li juri li r-Reġjun kien ċaħad talbiet li setgħu saru f'dan is-sens. Għal dak li għandu x'jaqşam mal-livelli massimi tat-tariffi, ir-Reġjun osserva li t-tariffi imposti mill-kuntratti ta' konċessjoni kienu jaqgħu fil-miżuri ġenerali ta' politika dwar il-prezzijiet applikati mill-ażjendi kollha fis-settur.

4. IL-KUMMENTI TAL-PARTIJET INTERESSATI

- (35) L-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet CSTP, il-benefiċjarju tal-miżura nnotifikata. Fis-sottomissjonijiet tagħha, CSTP uriet li ma taqbilx mal-pożizzjoni preliminari adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ.
- (36) L-ewwel nett, hija ssostni li matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat, ir-Reġjun impona fuqha b'mod unilaterali PSO. Biex issostni l-pożizzjoni tagħha, CSTP saħqet li t-tali PSO ma kinux ġew definiti fid-dokumenti tal-għoti tal-konċessjoni, li ma jeżistux, iżda dawn ġejjin biss minn dokumenti interni tar-Reġjun li jinkludu d-determinazzjoni minn qabel tal-ażjenda partikolari u l-istabbiliment tal-kumpens permezz tal-metodoloġija hekk imsejħa "kost standard". CSTP spjegat li l-Italja kienet irregolamentat il-PSO permezz tal-liġi Nru 151/81, il-liġi reġjonali Nru 16/83, il-liġi Nru 59/97, l-Artikolu 4 u d-digriet leġiżlattiv Nru 422/97. Ir-Reġjun afda l-PSO f'idejn CSTP skont att ta' konċessjoni tal-1972/1973, li kien qed jiġġedded kull sena sal-2003. Il-fatt li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, ġew imposti PSO fuq CSTP – pereżempju l-obbligi fejn jidħlu tariffi, rotot, stejġis u ħinijiet – jista' jiġi determinat, skont dak li ġie kkomunikat, mid-dokumenti li ġejjin:
- il-"kuntratt dwar estensjoni tas-servizz", iffirmat minn CSTP u mir-Reġjun għas-sena 2003, skont l-Artikolu 46 tal-liġi reġjonali Nru 3/02, li jtawwal u jissostitwixxi l-konċessjonijiet eżistenti;
 - id-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali Nru 4873 tat-30 ta' Diċembru 1999 li tawtorizza lil CSTP timmodifika r-rotta tal-karozzi tal-linja wara talba mill-istess kumpanija u minn firmatarji oħra;
 - id-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali Nru 327 tal-4 ta' Mejju 2000 li testendi s-sospensjoni taż-żieda fil-kosti għall-abbonati fil-każ tas-servizzi reġjonali tat-trasport bil-karozzi tal-linja;
 - in-nota 5171/2000 li fiha huma kkomunikati l-modi differenti ta' kif jiġu kkalkolati l-prezzijiet għall-abbonamenti normali u l-abbonamenti għas-servizzi użati minn ħaddiema;

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

- id-digriet tal-Assessur tat-Trasport tar-Reġjun Nru 1609/2001, dwar il-konverżjoni mil-lira Taljana għall-euro fejn tingħbed l-attenzjoni tal-konċessjonarji li żidiet mhux dovuti huma pprojbti – li huwa obbligu fil-konċessjoni/fil-kuntratt.
- (37) CSTP sostniet ukoll li, peress li r-Reġjun kemm-il darba naqqas l-ammont tal-kost standard, u applikah b'mod mhux omoġenju għad-diversi linji u konċessjonijiet, xi operaturi kienu ddeċidew li jeliminaw ċerti linji li kienu qegħdin isofru telf kontinwu. Ir-Reġjun iżda allegatament wiegħeb li l-operaturi kienu obbligati li jggarantixxu t-tħaddim tas-servizzi – skont kif stipulat fil-PSO – u li fil-każ ta' twaqfij tal-linji huma jiġu akkużati b'interruzzjoni ta' servizz pubbliku. Skont CSTP dan juri li l-kumpanija kienet soġġetta għal PSO. Madankollu, CSTP ma ppreżentatx dokumenti bħala prova ta' dan.
- (38) It-tieni, CSTP sostniet li, bl-operazzjoni esklussiva tagħha bħala fornitur ta' servizzi ta' trasport pubbliku lokali u peress li ma kinitx tiżvolġi xi attività kummerċjali oħra, ma kienx tassew mistenni minnha li żżomm kontijiet separati. CSTP spjegat li kienet il-prassi li ċ-ċifri fil-kontijiet rigward l-attività ta' trasport pubbliku suġġetta għal PSO sempliċement jingħataw b'mod separat minn dawk li jirreferu għall-attivitàjiet oħrajn tal-impriża u ma kienx hemm il-prassi ta' aktar separazzjoni fil-kontijiet li tkun tindika b'mod distint l-introjti u l-kosti rigward kull linja. CSTP hija soċjetà għal kollox pubblika li l-uniku kompitu tagħha fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, l-istess bħal-lum, huwa dak li tipprovdi servizzi ta' trasport pubbliku fil-qafas ta' PSO. Bħala konsegwenza, il-kontijiet tal-kumpanija kien fihom biss ċifri dwar l-attivitàjiet tagħha li ġew operati fil-qafas ta' PSO, għar-raġuni ovsja u essenzjali li – ħliet għas-servizzi ta' kiri li ġew ipprovduti fl-1998, li ġew indikati b'mod separat fil-konijiet tal-kumpanija – matul is-snin li qed jiġu kkunsidrati, il-kumpanija ma wettqet l-ebda forma oħra ta' attività imprenditorjali. CSTP żiedet ma' dan li l-affidabilità ta' ċifri qatt ma ġiet ikkontestata mir-Reġjun, li, għall-kuntrarju huwa utilizza b'mod tajjeb, bħala bażi għall-kalkolu u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet annwali.
- (39) It-tielet, wara li fakkret fis-sentenza nazzjonali finali tal-Kunsill tal-Istat, CSTP ikkontestat l-argumenti li ġejjin li għamel ir-Reġjun:
- il-kalkolu ma jistrieħ fuq kontabilità analitika bbażata fuq ċentri tal-ispejjeż distinti li jippermettu d-distizzjoni tal-attivitàjiet li huma suġġetti għal PSO;
- minħabba n-nuqqas ta' ċifri fil-kontijiet li jippermettu li jiġu identifikati l-elementi speċifiċi li jkunu jridu jiġu kkalkolati skont l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-kalkolu sar b'mod induttiv, b'sistema metodoloġika li r-Reġjun sejħilha bħala li hi "diffiċli li tintfieh u abberranti".
- il-kalkolu ma ħax f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-ġestjoni ta' CSTP ma kinitx marbuta bil-livelli ta' effiċjenza stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kif joħroġ mill-paragun bejn iċ-ċifri rigward l-attivitàjiet tagħha u dawk marbuta mal-attività ta' operatur ieħor tat-trasport lokali, SITA SpA.
- (40) CSTP tqis li d-dokumenti tal-kontabilità pprovduti ma jstgħux jitiqesu bħala li mhumiex suffiċjenti biex abbażi tagħhom jingħata kumpens għall-fatt biss li huma kontijiet annwali u "mudelli E"⁽⁹⁾ (jiġifieri d-dokumenti bbażati fuq il-kontijiet tal-kumpanija li fihom l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni annwali pubblika) mhux akkumpanjati b'kopji sħaħ tal-entrati kontabbli u amministrattivi relattivi (ir-reġistru tal-kontabilità, il-ktieb tal-kontijiet, il-fatturi maħruġa u riċevuti, riċevuti tal-biljetti, eċċ). Skont CSTP, dawn l-argumenti jstgħu jiġu faċilment imwarrba meta wieħed jara li fil-passat ir-Reġjun kien aċċetta l-istess ċifri, u dak iż-żmien kien ikkunsidrahom bħala affidabbli. Barra minn dan, peress li l-perjodu li fih kien obligatorju li jinżammu d-dokumenti kollha tal-kontabilità u tal-amministrazzjoni għall-perjodu li qed jiġi eżaminat kien skada, huwa diffiċli li b'mod oġġettiv tippretendi li tingħata kopji tagħhom. Għalhekk minn dan jirriżulta li huwa għal kollox leġittimu li l-ammont ta' kumpens jiġi determinat bl-użu ta' metodu induttiv kif stipulat mill-Kunsill tal-Istat. Fl-aħħar nett, il-bilanċi ġew iċċertifikati kif dovut u l-korrettezza u l-veriċità tagħhom qatt ma tqiegħdet fid-dubju. Bħala konklużjoni, il-kontijiet ippreżentati minn CSTP huma bla dubju adegwati u jippermettu li jsir il-kalkolu tal-kumpens fir-rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (41) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-korrettezza tal-metodu tal-kalkolu u għall-koerenza tiegħu man-normi tal-Unjoni, CSTP issostni li hija trid tiġi kkompensata għall-iżvantaġġi li, f'termini tad-differenza bejn anqas introjti u aktar kosti, hija sofriet minħabba li kienet suġġetta għall-PSO. Biex jiġi stabbilit kemm tilfet bħala dħul abbażi ta' ċifri affidabbli, CSTP l-ewwel nett irrifriet għad-dħul operattiv annwali effettiv, li jikkorrispondi għall-unitajiet ta' trasport effettivi mmultiplikati bit-tariffa imposta. Hija mbagħad identifikat l-ammont li għandu jitnaqqas, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni, filwaqt li rreferiet għall-introjtu neċessarju biex tkopri almenu l-kosti effettivi, skont il-kontijiet annwali. L-ammont tal-introjti mill-operat kull sena jikkoinċidi mal-introjti effettivi li kellha l-kumpanija mill-attivitàjiet ġejjin

⁽⁹⁾ Il-Mudelli E huma d-dokumenti bbażati fuq il-kontijiet tal-azjendi li jkun fihom l-informazzjoni neċessarja għall-kalkolu annwali tal-kontribut pubbliku.

mill-obbligu ta' tariffa, li hija l-unika attività ta' CSTP. Iċ-ċifri dwar l-introjti jirriżultaw mill-kontijiet annwali ta' CSTP u mill-“mudelli E” mibgħuta kull sena lir-Reġjun, li qatt ma esprimu dubji dwar l-affidabilità tagħhom. Għaldaqstant, effettivament ma hemm l-ebda bżonn li dawn l-introjti jinqasmu skont l-elementi diversi li jsawruhom. Għal dak li jirrigwarda l-ammont li għandu jitnaqqas, CSTP saħqet li hija użat kriterju li huwa għal kollox kumpatibbli mal-istruzzjonijiet li hemm fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li jippermetti l-użu tat-tariffa li l-kumpanija kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali, tariffa li għandha tkopri l-kosti li jkunu ġew effettivament imġarrba. Għal dak li jirrigwarda d-differenza bejn il-kosti li l-impriża kienet iġġarrab li kieku kellha tapplika t-tariffa l-aktar favorevoli li teżisti jew fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali u l-kosti li effettivament iġġarrbu, CSTP issostni li l-kalkolu tagħha huwa għal kollox koerenti mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, peress li jippermetti li tintuża l-miżura tal-anqas kost imġarrab mill-impriża li tkun suġġetta għall-PSO frabta mal-ammont tal-kontribuzzjoni tar-Reġjun biex jiġu koperti l-kosti tal-eżerċizzju. Fl-aħħar nett, CSTP fakkret li l-Artikoli 10 u 11 tal-imsemmi Regolament t-tnejn li huma jikkonferixxu lill-impriżi ta' trasport pubbliku suġġetti għall-PSO id-dritt li jingħataw kumpens fir-rigward tal-konsegwenzi negattivi kollha li jitnissu mill-obbligi tagħhom.

- (42) Ir-raba', għar-rigward tal-valutazzjoni relattiva ta' għajjnuna mill-Istat, skont id-deċiżjoni tal-ftuħ, CSTP sostniet li fil-perjodu inkwistjoni is-suq tat-trasport pubbliku fl-Italja ma kienx miftuħ għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, u għalhekk ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ trasfruntier jew xi distorsjoni tal-kompetizzjoni. B'mod analogu, meta titqies l-organizzazzjoni bħalissa tas-servizz ta' trasport pubbliku lokali, li huwa bbażat fuq il-konċessjoni unilaterali b'mod esklussiv fuq linji partikolari ta' trasport, il-kumpens ma kienx tali li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn dan, peress li l-kost standard għal kull km huwa impost mir-Reġjun u aċċettat mill-konċessjonarju flimkien mal-PSO oħrajn, ma jirriżulta l-ebda vantaġġ. Rigward l-obbligu ta' tariffa, b'differenza mill-obbligi ta' eżerċizzju u ta' trasport, id-differenzjazzjoni li setgħet kienet hemm bejn l-attivitàjiet ta' trasport tal-impriża mhix relevanti. Għaldaqstant, CSTP issostni li mill-anqas tieta mill-presuppożizzjonijiet stabbiliti mill-QĠUE biex tiġi identifikata għajjnuna mill-Istat ma jeżistux fil-każ li qed jiġi eżaminat.
- (43) CSTP hija tal-fehma li l-kompatibilità tal-kumpens trid tiġi vvalutat billi jsir riferiment għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u mhux għad-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna mill-Istat li hemm fit-Trattat.
- (44) Għar-rigward tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, CSTP ressqet l-argument li, peress li r-Reġjun impona b'mod unilaterali l-obbligu ta' tariffa, u peress li l-ammonti ma jaqgħux fil-PSO bħala riżultat ta' kuntratt ta' servizz, iżda jirriżultaw minn applikazzjoni korretta tal-kalkolu fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 fil-qafas ta' konċessjoni, il-pagament mogħti bħala kumpens kien eżentat mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 17(2) tat-tali Regolament.

5. IL-KUMMENTI TAL-ITALJA DWAR L-OSSERVAZZJONIJET TAL-PARTIJET TERZI

- (45) L-awtoritajiet Taljani ma ppreżentaw l-ebda kumment dwar l-osservazzjonijiet ta' CSTP.

6. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

6.1. EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (46) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, “...kull għajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, safejn tolaqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern”.
- (47) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, miżura ta' għajjnuna tkun tikkostitwixxi għajjnuna jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kumulattivament:

- il-vantaġġ jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,
- il-miżura tagħti vantaġġ selettiv billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti,
- il-miżura tikkawża distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, kif ukoll
- ikollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabilità

- (48) Il-Kummissjoni tosserva li s-sentenza tal-Kunsill tal-Istat tobbliga lir-Reġjun biex jagħti lil CSTP kumpens addizzjonali għall-forniment ta' servizzi tal-karozza tal-linja fil-perjodu li qed jiġi eżaminat fuq ir-rotot li jaqgħu fil-kompetenza tar-Reġjun. L-esperti nnominati mill-Kunsill tal-Istat ikkalkulaw li CSTP ġarrbet żvantaġġ kummerċjali

taħt il-forma ta' nuqqas ta' kumpens ekwivalenti għal EUR 4 951 838 għas-sena 1998 biss, minħabba l-effetti tal-allegata impożizzjoni fuqha ta' obbligi ta' natura ta' tariffa. Fil-21 ta' Diċembru 2012, ir-Reġjun effettivament ittrasferixxa l-ammont lil CSTP sabiex ikun wettaq is-sentenza.

- (49) Il-fatt li r-Reġjun ikun obligat minn tribunal nazzjonali li jittrasferixxi kumpens lil impriża ma jfissirx li r-Reġjun li jkun wettaq is-sentenza ma jibqax imputabbli, peress li t-tribunali nazzjonali ta' dak l-Istat, għadarba li huma organi tal-Istat, huma marbuta b'obbligu ta' kooperazzjoni leali⁽¹⁰⁾.
- (50) Il-miżura għalhekk hija imputabbli għall-Istat u r-riżorsi utilizzati għall-pagament tat-tali kumpens huma riżorsi tal-Istat,

6.1.2. Vantaġġ kummerċjali selettiv

- (51) Il-Kummissjoni tosserva qabel xejn li CSTP twettaq attività kummerċjali, b'mod partikolari t-trasport ta' passiġġieri, għall-kumpens. Għalhekk, CSTP trid tiġi kkunsidrata bħala "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (52) Barra minn dan, il-konċessjoni tal-miżura għandha titqies bħala selettiva, għaliex tibbenefika minnha biss CSTP.
- (53) Għar-rigward tal-għoti ta' vantaġġ kummerċjali, mis-sentenza *Altmark* jirriżulta li l-kumpens mogħti mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat bħala kumpens dirett għal servizzi furnuti mill-impriżi riċeventi sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku ma jagħtix vantaġġ favur l-imsemmija impriżi u għalhekk ma jikkostitwix għajnuma mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, sakemm ikun jissodisfa b'mod kumulattiv l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin⁽¹¹⁾:
- l-ewwel nett, l-impriża li tibbenefika tkun għet effettivament inkarigata biex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u dawn l-obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar;
 - it-tieni, il-parametri li fuqhom ikun ikkalkulat il-kumpens ikunu ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti;
 - it-tielet, il-kumpens ma jstax ikun jaqbeż l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti l-kosti kollha jew parti minnhom, imġarrba fit-twettiq ta' obbligi tas-servizz pubbliku, filwaqt li jkun tqies id-dħul relevanti kif ukoll marġni ta' profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi;
 - ir-raba', meta l-għażla tal-impriża li għandha tkun inkarigata bit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku ma titwettaqx fil-kuntest ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kosti li impriża medja, ġestita tajjeb u adegwatament mġhammra b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' servizz pubbliku meħtieġa, tkun sostniet sabiex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tad-dħul relatat magħhom kif ukoll ta' profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi
- (54) Is-sentenza *Altmark* stipulat li l-erba' kriterji jridu jiġu ssodisfati kumulattivament sabiex tkun tista' tiġi eskluża l-preżenza ta' vantaġġ kummerċjali jekk u meta l-impriża tirċievi kumpens minħabba l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqha.
- (55) Il-Kummissjoni osserva qabel xejn li la l-awtoritajiet Taljani u lanqas CSTP ma kienu fil-pożizzjoni li jippreżentaw dokument ta' att ta' inkarigu għall-perjodu li qed jiġi eżaminat, kif jiġi muri b'mod aktar ċar fit-taqsimha 6.2, paragrafu (i), CSTP ma kinitx fil-pożizzjoni li tippreċiża l-obbligi li ġew imposti fuqha u li setgħu jitqiesu bħala PSO.
- (56) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li, fin-nuqqas ta' dejta essenzjali u affidabbli, il-kumpens konċess bis-saħħa tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat huwa bbażat biss fuq kalkolu *ex post* magħmul bl-użu tal-"metodu induktiv". Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni għalhekk li l-parametri li abbażi tagħhom l-esperti nnominati mill-Kunsill tal-Istat ikkalkulaw l-allegat nuqqas ta' kumpens ma kinux ġew definiti minn qabel u li, għalhekk, jiġi li t-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex issodisfat f'dak li jikkonċerna miżura mhux notifikata.
- (57) Peress li s-sentenza *Altmark* tistipula li l-erba' kriterji kollha jridu jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv, ma hemmx raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tkun trid tivvaluta jekk iż-żewġ kriterji l-oħra *Altmark* ġewx issodisfati fil-każ li qed jiġi kkunsidrat. Bħala konsegwenza, it-trasferiment ta' kumpens addizzjonali lil CSTP għas-servizzi mogħtija fil-perjodu li qed jiġi eżaminat jikkonferixxi lit-tali impriża vantaġġ kummerċjali selettiv skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

⁽¹⁰⁾ Il-Kawża C-527/12, il-Kummissjoni/ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, EU:C:2014:2193, il-punt 56 u l-każisitka ċċitata. Ara wkoll is-sentenza fil-Kawża C-119/05 *Lucchini* EU:C:2007:434, il-punt 59, deskritta fil-premessa 94.

⁽¹¹⁾ Il-Kawża C-280/00, *Altmark Trans/Regierungspräsidium Magdeburg*, (Ġabra 2003, EU:C:2003:415, il-punti 87 u 88).

6.1.3. Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (58) Fl-osservazzjonijiet tagħha, CSTP sostniet li peress li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat is-suq tat-trasport pubbliku fl-Italja ma kienx miftuħ għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, il-miżura kkontestata ma setgħetx ikollha effetti fuq il-kummerċ transfruntier jew toħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjonijiet.
- (59) Il-Kummissjoni tfakkar qabel xejn li l-miżura kkontestata daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2012, jiġifieri ħafna żmien wara li s-suq Taljan tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri nfetħ għall-kompetizzjoni. Peress li l-miżura inkwistjoni tipproduċi l-effetti tagħha fuq is-suq minn dak il-mument, huwa f'dak il-mument li wieħed għandu jivvaluta jekk il-miżura tistax toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni jew ikollhiex effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (60) F'kull każ, il-Kummissjoni tosserva li, bħalma jirriżulta mis-sentenza *Altmark*, peress li diversi Stati Membri sa mill-1995 kienu bdew jiftħu xi swieq tat-trasport lil impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, f'dak il-mument diversi impriżi kienu diġà qed joffru servizzi ta' trasport lokali jew reġjonali f'diversi Stati Membri mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.
- (61) Bħala konklużjoni, kwalunkwe kumpens mogħti lil CSTP għandu jitqies li huwa kapaċi joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-karozzi tal-linja u li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri peress li jaffettwa ħażin il-possibbiltà għal impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri oħra biex joffru s-servizzi tagħhom fl-Italja u tissaħħa il-pożizzjoni fis-suq ta' CSTP, b'mod li teħlisha mill-piż ta' kosti li altrimenti hija jkollha għorr fl-attivitatiet kummerċjali ta' kuljum tagħha ⁽¹²⁾.
- (62) Il-Kummissjoni tosserva barra minn hekk li CSTP hija attiva fi swieq oħra, b'mod partikolari fis-suq tas-servizzi tal-kiri, anki jekk skont CSTP is-servizzi inkwistjoni kienu ġew ipprovduti biss fl-1998, u li għalhekk hija tinsab f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra fl-Unjoni f'dawn is-swieq. Kwalunkwe kumpens mogħti lil CSTP inevitabbilment jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri anki f'dawn is-swieq.
- (63) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-miżura toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.4. Konklużjonijiet

- (64) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.2. EŻENZJONI MILL-OBBLIGU TA' NOTIFIKA SKONT IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1191/69

- (65) Skont CSTP, peress li r-Reġjun impona b'mod unilaterali l-obbligu ta' tariffa, u peress li l-ammonti ma jaqgħux fi ħdan il-PSO bħala riżultat ta' kuntratt ta' servizz, iżda jirriżultaw minn applikazzjoni korretta tal-kalkolu fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 fil-qafas ta' konċessjoni, il-pagament mogħti bħala kumpens kien eżenti mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 17(2) tat-tali Regolament. CSTP ammettiet li dawn il-PSO ma kinux definiti fid-dokument li bih ingħatat il-konċessjoni, li fih ma jissemmewx PSO, iżda ġejjin biss minn atti interni tar-Reġjun.
- (66) Abbażi tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-kumpens li jirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu huma eżentat mill-proċedura ta' notifika minn qabel li tinsab fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, u għalhekk mill-obbligu ta' notifika.
- (67) Madankollu, kif wieħed jista' jara mis-sentenza *Combus*, il-kunċett ta' "kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandu jkun interpretat b'mod restrittiv ħafna ⁽¹³⁾. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tirrigwarda biss il-kumpens relatat ma' obbligi ta' servizz pubbliku imposti b'mod unilaterali fuq impriża fis-sens tal-Artikolu 2 tal-istess regolament, ikkalkulat bil-metodu deskritt fl-Artikoli minn 10 sa 13 tal-istess Regolament (metodi komuni ta' kumpens) u mhux il-kuntratti ta' servizz pubbliku skont id-definizzjoni fl-Artikolu 14. Il-kumpens imħallas skont kuntratt ta' servizz pubbliku, kif definit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni qabel jitwettaq. F'konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, in-nuqqas ta' notifika jwassal għall-kunsiderazzjoni li t-tali kumpens kien għajjnuna li ngħatat b'mod illegali.

⁽¹²⁾ Il-Kawża C-172/03, *Heiser*, EU:C:2005:130, il-punt 55.

⁽¹³⁾ Il-Kawża T-157/01, *Danske Busvognmænd*, Ġabra 2004, EU:T:2004:76, il-punti minn 77 sa 79.

- (68) Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 effettivament jeħlisx lill-awtoritajiet Taljani mill-obbligu ta' notifikazzjoni minn qabel, huwa għalhekk meħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit jekk i) ir-Reġjun fil-fatt kienx impona unilateralmment obbligu ta' servizz pubbliku fuq CSTP u, it-tieni, jekk ii) il-kumpens mogħti għal dawn l-obbligi tas-servizz huwiex konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Il-Kummissjoni se teżamina ż-żewġ kwistjonijiet waħda wara l-oħra.
- (i) *PSO impost b'mod unilaterali*
- (69) Il-Kummissjoni tosserva li la l-awtoritajiet Taljani u lanqas CSTP ma huma fil-pożizzjoni li jippreżentaw dokument li jixhdu att ta' inkarigu bħal dan għall-perjodu li qed jiġi eżaminat. CSTP ippreżentat lill-Kummissjoni biss kuntratti li kienu daħlu fis-seħħ mill-2003.
- (70) L-awtoritajiet Taljani isostnu li l-mudell ta' kuntratt ta' konċessjoni li ġie ppreżentat – li jirrigwarda impriża oħra – jirrappreżenta l-mudell standard li kien qed juża r-Reġjun matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat. Madankollu, it-tali mudell ta' konċessjoni baqa' fis-seħħ minn April 1972 sa Diċembru 1973, jiġifieri aktar minn 20 sena qabel il-perjodu li qed jiġi eżaminat u anki qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi Nru 151/1981, ikkonvertita mil-liġi reġjonali Nru 16/1983, li abbażi tagħha CSTP kienet ġiet kumpensata fl-ewwel istanza. Għalhekk dan il-mudell ta' konċessjoni jidher li jikkontempla ċerti obbligi li jistgħu jiqtiesu bħala PSO (ara, pereżempju, il-punti 2, 9 u 10), fosthom l-obbligu li jiġi applikat tnaqqis għal studenti, ħaddiema, għalliema u impjegati kemm mal-gvern kif ukoll mal-privat kif ukoll l-obbligu li jiġu ttrasportati ċerti kategoriji ta' passiġġieri b'xejn, fin-nuqqas ta' dokument li jixhed att li jimponi dawn l-obbligi, il-Kummissjoni ma għandhiex f'idejha l-elementi ta' prova li jindikaw li l-istess obbligi ġew effettivament imposti fuq CSTP fil-perjodu li qed jiġi eżaminat. Meta wieħed iquis li s-servizzi pprovduti kellhom in-natura ta' servizzi regolari tal-linja, kien hemm il-ħtieġa li r-regolamenti tal-konċessjoni, li jagħtu lil CSTP d-dritt esklussiv li tipprovdni dawn is-servizzi, jispeċifikaw minn qabel il-modalitajiet tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti. CSTP ma ppreżentat l-ebda element bħala prova li juri li dawn il-modalitajiet kienu ġew imposti b'mod unilaterali mir-Reġjun, u mhux propsti mill-operatur, bħala tpattija għad-dritt li jiġu pprovduti s-servizzi fuq bażi esklużiva, u aktar tard awtorizzati mir-Reġjun. F'kull każ, il-metodoloġija użata mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat għall-kalkolu tal-allegat nuqqas ta' kumpens ma tagħmel l-ebda riferiment għal tali obbligi.
- (71) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk l-impożizzjoni ta' PSO tistax tiġi dedotta mil-liġi reġjonali Nru 16/1983, peress li din tal-aħħar hija l-bażi ġuridika indikata kemm mir-Reġjun kif ukoll minn CSTP għall-kumpens konċess lill-kumpanija fil-perjodu li qed jiġi eżaminat (ara l-premessi 23 u 40). F'dan is-sens, irid jingħad li l-liġi reġjonali tistipula biss li l-entitajiet lokali u l-ażjendi pubbliċi u privati li jeżerċitaw servizzi ta' trasport pubbliku lokali bħala konċessjoni jistgħu jirċievu flus mit-taxxi tal-kontribwenti. Barra minn dan, l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali jistabbilixxi b'mod ċar li t-telf li jista' jkun hemm li ma jkunx kopert mill-kontribuzzjonijiet tar-Reġjun kif determinat hawn fuq [l-Artikolu 2] jibqgħu jingħarru mill-ażjendi nfushom.
- (72) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-dokumenti tar-Reġjun li għalihom irreferiet CSTP (ara l-premessa 40) kienu jindikaw li kien hemm xi obbligi kuntrattwali fis-seħħ, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, bejn CSTP u r-Reġjun. Madankollu, it-tali dokumenti ma jidentifikawx b'mod ċar obbligi li jistgħu jitqiesu bħala PSO, anki jekk jagħtu ħjiel li dawn it-tali obbligi kienu fil-fatt jeżistu. Aktar minn hekk, l-eżistenza ta' obbligi kuntrattwali teskludi l-impożizzjoni unilaterali ta' PSO fuq CSTP. F'kull każ, il-metodoloġija użata mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat għall-kalkolu tal-allegat nuqqas ta' kumpens ma tagħmel l-ebda riferiment għal tali obbligi.
- (73) Fejn tidħol l-eżistenza possibbli ta' obbligu ta' tariffa, anki jekk il-kalkolu tal-kumpens addizzjonali li sar mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat kienx ibbażat fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-Kummissjoni ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha elementi ta' prova li juru li dawn l-obbligi kienu effettivament imposti fuq CSTP. Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, it-terminu obbligu ta' tariffa jfisser biss "*obbligu impost fuq intrapriżi tat-trasport li japplikaw rati fissi jew approvati minn xi awtorità pubblika li huma kontra l-interessi kummerċjali tal-impriża u li jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' tariffi speċjali, jew minn każda li jiġu mmodifikati*". Għall-kuntrarju, id-definizzjoni ta' obbligu ta' tariffa ma tapplikax "*fir-rigward ta' obbligi li jirriżultaw minn miżuri ġenerali ta' politika ta' prezzijiet li tapplika għall-ekonomija kollha b'mod ġenerali jew għall-miżuri meħuda fir-rigward ta' rati ta' trasport u kondizzjonijiet b'mod ġenerali bil-għan li jiġi organizzat is-suq tat-trasport jew parti minnu*". Il-Kummissjoni tagħraf li l-punt 27 tal-mudell ta' konċessjoni tal-1972/73 jistabbilixxi t-tariffi applikabbli mill-operatur firmatarju, iżda tfakkar li, fil-każ tal-perjodu li qed jiġi eżaminat, ma rċeviet l-ebda mudell ta' konċessjoni simili jew xi dokument ta' atti li jagħti inkarigu lil CSTP li minnu jista' jiġi konkluż li din il-kumpanija ġew imposti fuqha obbligi ta' tariffa. Il-Kummissjoni tosserva f'kull każ, skont l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983, li l-kumpens annwali mogħti lill-ażjendi li jipprovdni servizzi ta' trasport pubbliku kien jiġi kkalkulat minn qabel bħala d-differenza bejn l-introjt li jiġu mill-applikazzjoni tat-tariffi minimi u l-hekk imsejjaħ "*kost standardizzata*" (ara l-premessa 23). Il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni għalhekk li l-liġi reġjonali kienet tistipula tariffi minimi u li anki dan jeskludi l-eżistenza ta' obbligu ġenerali ta' tariffa.

- (74) F'kull każ, ma jirriżultax li l-PSO li setgħu ġew imposti fuq CSTP ġew imposti b'mod unilaterali. F'dan is-sens, il-Kummissjoni tosserva li CSTP ħadet l-inizjattiva li titlob it-tiġdid tal-konċessjonijiet għas-seba' snin kollha tal-perjodu li qed jiġi eżaminat. Barra minn dan, wara l-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat fl-2009, ir-Reġjun kemm-il darba talab lil CSTP li tippreżenta l-atti jew il-kuntratti li jimponu PSO fuqha, biex ikun jista' jwettaq is-sentenza. Dan iżda baqa' ma seħħx, skont dak li ġie kkomunikat.
- (75) L-argumenti ta' CSTP li l-operaturi kienu obbligati li joperaw ir-rotot fil-PSO anki jekk ir-Reġjun kemm-il darba naqqas l-ammont ta' kost standard u l-istess operaturi setgħu ġew akkużati b'interruzzjoni ta' servizz pubbliku kieku effettivament waqqfu l-attivitajiet tagħhom, ma huma korroborati mill-ebda element ta' prova; dawn l-argumenti għalhekk ma jistgħux jintużaw, fil-każ preżenti, biex juru l-eżistenza ta' PSO imposti b'mod unilaterali.
- (ii) *Konformità tal-kumpens mal-metodu komuni ta' kumpens*
- (76) Anki jekk, fil-każ li qed jiġi eżaminat, seta' jiġi ppruvat li ġew imposti PSO fuq CSTP b'mod unilaterali, li mhux il-każ, il-kumpens għat-tali servizz għandu jkun xorta waħda konformi mal-metodu komuni ta' kumpens stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 (Taqsimha IV) biex ikun jista' jiġi eżentat mill-obbligu ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tat-tali Regolament. Il-Kummissjoni ma tqisx li din il-kundizzjoni ġie sodisfata.
- (77) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tosserva li l-kumpens addizzjonali mogħti lil CSTP jikkonċerna biss l-1998. CSTP ammettiet li f'dik is-sena, barra mill-allegati PSO, hija wettqet ukoll attivitajiet kummerċjali, b'mod partikolari servizzi ta' kiri. Il-Kummissjoni tinnota f'dan is-sens li, mill-1 ta' Lulju 1992 'l quddiem, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, bis-saħħa tal-Artikolu 1(5)(a), jimponi fuq l-impriżi tat-trasport li jwettqu fl-istess ħin servizzi soġġetti għall-obbligi ta' servizz pubbliku kif ukoll attivitajiet oħra, li joperaw is-servizzi pubbliċi bħala diviżjonijiet separati, b'mod li jkun hemm: i) separazzjoni tal-kontijiet skont l-attivitajiet individwali li jeżerċitaw u tqassim skont l-ammont ta' kapital użat, skont in-normi tal-kontabilità fis-seħħ u ii) kosti bilanċjati mill-introjti tal-operat u tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi, mingħajr il-possibilità li jsiru trasferimenti minn settur għall-ieħor tal-attivitajiet tal-impriża.
- (78) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża *Antrop*, ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni ma jiġux sodisfatti meta "*mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita, b'ċifri ċerti tal-kontabilità [tal-kumpanija], id-differenza bejn l-ispejjeż attribwibbli għall-parti tal-attivitajiet fil-qasam soġġett għall-ġhoti tal-konċessjoni rispettiva u d-dħul korrispondenti u, konsekwentement, mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ispiża addizzjonali li tirriżulta [lil din il-kumpanija] mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku*"⁽¹⁴⁾.
- (79) CSTP ma ppreżentat l-ebda element ta' prova dwar il-fatt li matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat, u b'mod partikolari fl-1998, hija żammet kontijiet separati għall-attivitajiet kummerċjali tagħha. Barra minn dan, il-Kummissjoni tqis li l-argument li ppreżentat CSTP, li kien skada l-obbligu legali li d-dokumenti marbuta mal-kontabilità u dawk amministrattivi jinżammu kollha għall-perjodu li qed jiġi eżaminat, mhumiex rilevanti biex jiġi ġġustifikat l-ġhoti *ex post* ta' ammont addizzjonali ta' kumpens, bl-applikazzjoni ta' metodu induttiv. F'kull każ, anki kieku kellha tiġi ppruvata l-eżistenza tiegħu, dan ir-rekwiżit stipulat fil-liġi nazzjonali ma jistax irendi invalidu obbligu li joħroġ mill-każistika tal-QĠUE u mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 li għandu jiġi ssodisfat qabel ma jsir il-ħlas ta' kumpens għal obbligi ta' servizzi pubbliku favur operatur ta' servizz ta' trasport.
- (80) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jimponi li l-amministrazzjoni tistabbilixxi minn qabel id-daqs tal-kumpens. Il-kalkolu tal-kumpens addizzjonali abbażi ta' valutazzjoni *ex post*, kif ordnat mill-Kunsill tal-Istat, huwa f'kontrast mat-tali dispożizzjoni, kif muri fil-premessi 54 u 55.
- (81) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens addizzjonali li l-Kunsill tal-Istat qies li huwa dovut lil CSTP ma kienx konformi mal-metodu komuni ta' kumpens stabbilit fit-Taqsimha IV tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u li għalhekk hija ma nġhatatx skont il-proċedura ta' notifika minn qabel stipulata mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

⁽¹⁴⁾ Il-Kawża C-504/07, *Associação Nacional de Transportadores Rodoviários de Pesados de Passageiros (Antrop) e a./Conselho de Ministros, Companhia Carris de Ferro de Lisboa SA (Carris) u Sociedade de Transportes Colectivos do Porto SA (STCP)* Ġabra 2009, EU: C:2009.290:290.

6.3. IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (82) Billi ma ġiex ippruvat li l-miżura li qed tiġi eżaminata kienet eżentata mill-proċedura ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, se jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-kompatibilità tal-ħlasijiet mas-suq intern, billi huwa meqjus li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kif indikat fit-Taqsima 6.1.
- (83) L-Artikolu 93 tat-Trattat jinkludi normi rigward il-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat fl-ambitu tal-koordinament tat-trasport u tal-obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport u jkkostitwixxi *lex specialis* għar-rigward tal-Artikolu 107(3), kif ukoll tal-Artikolu 106(2) peress li fihom normi speċifiċi fejn tidħol il-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat. Il-QĠUE stabbiliet li t-tali Artikolu "jaċċetta biss f'ċerti każijiet determinati b'mod preċiż u li ma jkunux jippreġudikaw l-interessi ġenerali [tal-Unjoni] li għajnuniet għat-trasport jkunu jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq intern" ⁽¹⁵⁾.
- (84) Fit-3 ta' Diċembru 2009 daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 li ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾. Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 japplika għall-kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku fil-każ ta' servizzi pubbliċi ta' trasport tal-passiġġieri bit-triq u bil-ferrovja.
- (85) Il-Kummissjoni ssostrni li l-eżami tal-kompatibilità tal-miżura nnotifikata jrid isir skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2009 u li ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, billi din hija l-legalizzazzjoni fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ⁽¹⁷⁾. Hija tosserva wkoll li l-kumpens addizzjonali lil CSTP mill-Kunsill tal-Istat kien ingħata fil-21 ta' Diċembru 2012. Dan ifisser li, fid-data li fiha ġiet effettwata l-għajnunja mogħtija, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 kien ilu diġà fis-seħħ għal aktar minn tliet snin ⁽¹⁸⁾.
- (86) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jistipula li: "Kumpens għal servizz pubbliku għall-operat ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri jew għall-konformità ma' obbligi ta' tariffa stabbiliti permezz ta' regoli ġenerali mħallsa skont dan ir-Regolament għandu jkun kompatibbli mas-suq komuni. Tali kumpens għandu jkun eżenti mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel inniżzla fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat".
- (87) Għar-raġunijiet indikati hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens notifikat mhuwiex konformi mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Dan, għalhekk, ma jstax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament.
- (88) L-ewwel nett, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi li tikkonċedi lill-operatur li jkun għażel dritt ta' esklussività u/jew kumpens fil-konfront tat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku tkun trid tagħmel dan fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, sakemm l-obbligu ta' servizz pubbliku ma jkunx jistabbilixxi tariffi massimi u ma jkunx impost permezz ta' miżura li tiġi applikata mingħajr distinzjoni bejn is-servizzi kollha ta' trasport pubbliku tal-passiġġieri tal-istess tip f'żona ġeografika determinata (regoli ġenerali).
- (89) Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tqis li ma ngħabux biżżejjed elementi ta' prova li juru li kien jeżisti qafas kuntrattwali bejn CSTP u r-Reġjun jew li kien hemm fis-seħħ xi regoli ġenerali biex jiġu stabbiliti t-tariffi massimi għall-passiġġieri kollha jew għal xi kategoriji ta' passiġġieri. Il-Kummissjoni rċeviet biss mudell ta' kuntratt ta' konċessjoni għas-snin 1972/1973, li minnu mhux possibbli li tinsilet informazzjoni affidabbli dwar ir-relazzjoni eżistenti bejn CSTP u r-Reġjun fil-perjodu li qed jiġi eżaminat (1997-2002). Barra minn dan, il-Kummissjoni tinnotta li, skont l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983 – il-bażi ġuridika indikata kemm mir-Reġjun kif ukoll minn CSTP għall-perjodu li qed jiġi eżaminat (ara l-premessi 19 u 36) – l-introjti tal-fornituri tat-trasport pubbliku jiġi mill-applikazzjoni ta' tariffi minimi stabbiliti mir-Reġjun, filwaqt li ma hemmx riferenza għal tariffi massimi.

⁽¹⁵⁾ Il-Kawża C-70/77, *Il-Kummissjoni vs. Il-Belġju* (Ġabra 1978, p. 1881, il-punt 10).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 1107/70 tal-Kunsill ta' l-4 ta' Ġunju 1970 dwar l-għoti ta' għajnuniet għal trasport bil-ferrovja, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 130, 15.6.1970, p. 1).

⁽¹⁷⁾ Il-Kummissjoni tirreferi f'dan ir-rigward għall-argumenti żviluppatti fil-premessi minn 307 sa 313 tad-Deċiżjoni 2011/3/UE tal-24 ta' Frar dwar il-kuntratti ta' servizz ta' trasport pubbliku bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske Statsbaner 2010 (Kawża C 41/08 (ex NN 35/08)) (ĠU L 7, 11.1.2011, p. 1). Din id-deċiżjoni kienet ġiet annullata mit-Tribunal fil-Kawża T-92/11 *Jørgen Andersen/il-Kummissjoni Ewropea* [2013], li għadha ma ġietx ippubblikata, liema sentenza bħallissa qed tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-303/13 P. L-eżitu ta' dan l-appell mhux relevanti għall-fini tal-każ li qed jiġi eżaminat, għaliex it-Tribunal kien ikkonferma, fis-sentenza li qed tiġi appellata, li hija d-data li fiha tkun effettwata l-għajjnuna mħallsa li tiddermina n-normi li jridu jiġu applikati. F'dan il-każ, l-għajjnuna ġiet trasferita fil-21 ta' Diċembru 2012, jiġifieri għandhom japplikaw ir-regoli, il-prinċipji u l-kriterji ta' valutazzjoni tal-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat li kienu fis-seħħ fil-mument li fih il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha (ara l-punt 39 tas-sentenza).

⁽¹⁸⁾ Il-Kawża C-334/07 P *Commissione/Freistaat Sachsen* Ġabra 2008, p. I-9465, il-punti minn 50 sa 53; il-Kawża C-70/09, *I-Italja vs. il-Kummissjoni* (Ġabra 2011, p. II-95, il-punt 60).

- (90) Il-Kummissjoni kkonkludiet għalhekk li l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1370/2007 ma ġiex issodisfat.
- (91) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li, lil hinn mill-fatt li CSTP ikkonkludiet kuntratt ta' servizz pubbliku jew li ġew imposti fuqha obbligi ta' tariffa permezz tal-applikazzjoni ta' regoli ġenerali, jirriżulta li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li jiddefinixxi l-kontenut obligatorju tal-kuntratti ta' servizz pubbliku u n-normi ġenerali, kienu ssodisfati. L-Artikolu 4(1)(b) jistipula pereżempju li l-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, u l-Artikolu 4(1)(c) u l-Artikolu 4(2), jiddeterminaw il-modalitajiet għall-allokazzjoni tal-kosti u l-entrati. Kif intqal fit-taqsimha 6.1, fl-ambitu tal-analiżi tal-Kummissjoni tat-tieni kriterju tas-sentenza Altmark tal-QĠUE, il-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkulat l-allegat nuqqas ta' kumpens mit-tieni espert ma ġewx stabbiliti minn qabel u għalhekk l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ma ġiex issodisfat.
- (92) It-tielet, l-Artikolu 6(1) jistabbilixxi li, fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku aġġudikati b'mod dirett, il-kumpens irid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-anness, sabiex jiġi ggarantit li huwa ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' servizz pubbliku. L-anness mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jistabbilixxi li l-kumpens ma jistax jeċċedi l-ammont li jikkorrispondi mal-effett finanzjarju ekwivalenti għall-ammont totali tal-fatturi li ġejjin: il-kosti mġarrba minħabba PSO, imnaqqsa minnhom l-effetti finanzjarji pożittivi li jistgħu jiġu ġġenerati fin-netwerk ġestit bis-saħħa tal-obbligu ta' servizz pubbliku, flimkien ma' profitt raġionevoli. L-anness jistabbilixxi wkoll li l-kalkolu tal-kosti u l-introjti għandu jsir skont ir-regoli tal-kontabbiltà u r-regoli tat-taxxa fis-seħħ. Barra minn dan, iridu jinżammu kontijiet separati minħabba raġunijiet ta' trasparenza (il-punt 5 tal-anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007).
- (93) Kif osservat fil-premessa 82, fl-1998, jiġifieri fis-sena li fiha, abbażi tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat, inġhata l-kumpens, CSTP ma kinitx qed tagħmel separazzjoni effikaċi tal-kontijiet. Huwa għalhekk impossibbli li jiġi ppruvat li l-kumpens addizzjonali mogħti mill-Istat Taljan fil-21 ta' Diċembru 2012 ma jaqbiżx l-ammont li jikkorrispondi għall-effett finanzjarju nett ekwivalenti għat-total tal-effetti, pożittivi jew negattivi, tat-twertiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku u fuq l-ispejjeż u l-introjti tal-operatur tas-servizz pubbliku (il-punt 2 tal-Annex tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007).
- (94) Barra minn hekk, għal dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu li qed jiġi eżaminat, fin-nuqqas ta' parametri ta' kumpens stabbiliti minn qabel, kull tqassim tal-kosti jrid bilfors isir *ex post* abbażi ta' suppożizzjonijiet arbitrarji, kif sar bl-użu tal-metodu induttiv.
- (95) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens addizzjonali mogħti mill-Kunsill tal-Istat ma nġhatax f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, u li għalhekk huwa inkompatibbli mas-suq intern.

6.4. IL-KUMPENS MOGħTI MILL-KUNSILL TAL-ISTAT MA JIKKOSTITWIX KUMPENS TAD-DANNI

- (96) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċediment, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza tal-Kunsill tal-Istat kinitx tirrigwarda pjuttost l-għoti ta' kumpens għad-danni minħabba allegat ksur tal-liġi aktar milli l-għoti ta' kumpens għal servizz pubbliku skont ir-regolamenti fis-seħħ tal-Kunsill. Fl-osservazzjonijiet rispettivi, la l-awtoritajiet Taljani u lanqas CSTP ma esprimew ruħhom f'dan ir-rigward.
- (97) Il-Kummissjoni tosserva, f'dan is-sens, li f'ċerti ċirkostanzi partikolari, il-kumpens għad-danni maħluqa minħabba ċirkostanzi illeċti, jew minħabba mġieba imputabbli għall-awtoritajiet nazzjonali⁽¹⁹⁾ ma jikkostitwix vantaġġ u għalhekk ma jitqiesx bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat⁽²⁰⁾. L-iskop tal-kumpens għad-danni mġarrba huwa differenti minn dak tal-għajnuna mill-Istat peress li l-kumpens ikollu l-għan li l-parti li tkun ġarrbet dannu tinġieb fis-sitwazzjoni li hija kienet fiha qabel l-azzjoni li tkun ipprovat id-danni, bħallikieku din tal-aħħar ma tkunx seħħet (*restitutio in integrum*). Dejjem f'dan is-sens, il-Kummissjoni tosserva ulterjorment li, biex ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fejn tidħol għajnuna mill-Istat, il-kumpens għad-danni jrid ikun ibbażat fuq norma ġenerali fejn jidħol kumpens⁽²¹⁾. Il-Kummissjoni tfakkar fl-aħħar nett li fis-sentenza *Lucchini*, il-QĠUE stabbiliet li imhalef nazzjonali ma jistax japplika l-liġi nazzjonali meta dan ikollu l-effett li jimpedixxi l-applikazzjoni tad-dritt komunitarju, fis-sens li jrendi impossibbli l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat konċessa bi ksur

⁽¹⁹⁾ Pereżempju att illeċtu jew każ ta' arrikkiment indebitu.

⁽²⁰⁾ Il-Kawżi Konġunti minn 106 sa 120/87, *Asteris AE vs. ir-Repubblika Ellenika u l-KEE*, EU:C:1988:457.

⁽²¹⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2014 rigward l-għajnuniet lil Akzo Nobel biex jitnaqqas għall-minimu t-trasport tal-klorur (il-Kawża N 304/2003), komunikazzjoni sintetika fil-ĠU C 81, 2.4.2005, p. 4; ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-każ *Bedrijfsverplaatsing van autodemontagebedrijf Steenberg* (il-kawża N 575/2005), komunikazzjoni sintetika fil-ĠU C 80, 13.4.2007, p. 1.

tad-dritt komunitarju ⁽²²⁾. Il-prinċipju li jirfered din is-sentenza huwa li norma fid-dritt nazzjonali ma tkunx tista' tiġi applikata jekk din l-applikazzjoni tkun timpedixxi l-applikazzjoni kif xieraq tad-dritt tal-Unjoni ⁽²³⁾.

- (98) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens addizzjonali mogħti lil CSTP mill-Kunsill tal-Istat, il-Kummissjoni tinnota li, anki jekk fis-sentenza tal-Kunsill tal-Istat ma sarux referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, l-istess sentenza tirreferi għad-dritt ta' CSTP li tirċievi ammonti bħala kumpens skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, liema ammonti jridu jkunu stabbiliti mill-amministrazzjoni abbażi ta' dejta ċerta. Dan jidher li jindika li d-dritt ta' CSTP li tirċievi l-kumpens addizzjonali ma jirriżultax, skont il-Kunsill tal-Istat, minn regola ġenerali fejn jidħlu kumpensi għad-danni kkawżati minn atti illeċti jew minn imġieba tal-istess awtoritajiet nazzjonali, iżda pjuttost minn drittijiet li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (99) F'kull każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ġħoti ta' kumpens favur CSTP minħabba l-allegata impożizzjoni unilaterali illeċita ta' obbligi ta' servizz pubbliku mill-awtoritajiet Taljani kkalkulata abbażi tal-metodu komuni ta' kumpens skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, ikun jiksar l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Dan huwa għaliex fil-każ ta' CSTP huwa jipproduċi eżattament l-istess riżultat bħala li tingħata kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku għall-perjodu li qed jiġi eżaminat, minkejja l-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li tirregola s-servizzi inkwistjoni ma kinux meħlusa mill-obbligu ta' notifika minn qabel, u lanqas ma kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jew tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, kif muri aktar 'il fuq. Id-disponibbiltà ta' din l-ġħotja għalhekk tkun tippermetti li effettivament jiġu evitati r-regoli dwar l-ġħajnuna mill-Istat u l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġislatur tal-Unjoni, skont liema l-awtoritajiet kompetenti, meta jimponu jew jinneogzjaw obbligi ta' servizz pubbliku, jikkumpensaw lill-operaturi rispettivi għall-ispejjeż imġarrba bi tpattija għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Effettivament, l-ġħoti ta' kumpens għad-danni li jkun jikkorrispondu għas-somma tal-ammont ta' ġħajnuna li jkun previst li tkun se tingħata ikun jikkostitwixxi konċessjoni indiretta ta' ġħajnuna mill-Istat, li titqies bħala illegali u inkompatibbli mas-suq intern ⁽²⁴⁾. B'raġunar fuq dawn il-linja, it-Tribunal qies li l-klawżoli ta' kumpens għall-irkupru ta' ġħajnuniet mill-Istat jikkostitwixxu ġħajnuna mill-Istat ⁽²⁵⁾.
- (100) Fi kwalunkwe każ, ir-regoli tal-konċessjoni tal-1972, skont liema CSTP allegatament eżerċitat is-servizzi ta' trasport inkwistjoni, ma jstipula l-ġħoti tal-ebda kumpens finanzjarju. CSTP qablet li tipprovdi s-servizzi tagħha bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-konċessjonijiet b'riskju tagħha stess. Din il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll mill-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983 li tistipula li xi telf li jista' jkun hemm mhux kopert mill-flus mit-taxxi tal-kontribwenti jibqgħu fir-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz.
- (101) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tqisx li s-sentenza tal-Kunsill tal-Istat tikkostitwixxi l-konċessjoni ta' kumpens għad-danni mġarrba minn CSTP minħabba atti illeċti jew xi mġieba oħra tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda pjuttost l-ġħoti ta' ġħajnuna mill-Istat illeġittima u inkompatibbli, ipprojbita bl-Artikolu 107(1), tat-Trattat.
- (102) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura mhux innotifikata tikkostitwixxi ġħajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, inkompatibbli mas-suq intern.

7. L-IRKUPRU TAL-GĤAJNUNA

- (103) F'konformità mat-Trattat u mal-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux jabolixxi jew jimmodifika l-ġħajnuna ⁽²⁶⁾ meta din tkun inkompatibbli mas-suq intern. Il-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tindika wkoll li, fil-każ ta' ġħajnuniet li l-Kummissjoni tkun qieset bħala inkompatibbli mas-suq intern, l-obbligu li l-ġħajnuna tiġi abolita, li huwa impost fuq l-Istat Membru, għandu l-ġħan li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ⁽²⁷⁾. F'dan il-kuntest, il-QĠUE stabbiliet li dak l-ġħan jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala ġħajnuna mhux skont il-liġi, biex b'hekk jintilef il-vantaġġ li jkun akkwista fis-suq fil-konfront tal-kompetituri tiegħu, u terġa' tinkiseb is-sitwazzjoni qabel il-ħlas tal-ġħajnuna ⁽²⁸⁾.

⁽²²⁾ Il-Kawża C-172/05, *Lucchini*, EU:C:2007:434, il-punt 59.

⁽²³⁾ *Ibidem*, punt 61.

⁽²⁴⁾ Opinjoni tat-28 ta' April 2005 fil-kawżi konġunti C-346/03 u C-529/03 *Atzeni*, EU:C:2005:256, il-punt 198.

⁽²⁵⁾ Il-Kawża T-384/08 *Elliniki Nafpigokataskevastiki AE Chartofylakeiou vs il-Kummissjoni* EU:T:2011:650, u l-Kawża T-565/08 *Corsica Ferries v il-Kummissjoni* EU:T:2012:415, punti 23, 114 u minn 120 sa 131. Ara anki, b'mod analogu, il-kawża C-111/10, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, EU:C:2013:785, punt 44.

⁽²⁶⁾ Il-Kawża C-70/72, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Ġabra 1973, pag. 813, punt 13).

⁽²⁷⁾ Il-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni*, Ġabra 1994, p. I-04103, il-punt 75.

⁽²⁸⁾ Il-Kawża C-75/97 *il-Belġju vs il-Kummissjoni*, (Ġabra 1999, p. I-3671, il-punti 64 u 65).

- (104) Abbażi ta' dik il-każistika, l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ⁽²⁹⁾ jistabbilixi li "Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajjnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajjnuna mill-benefiċjarju".
- (105) Għaldaqstant, l-għajjnuna mill-Istat li hija s-suġġett ta' din id-deċiżjoni ikollha tiġi rkuprata mill-Italja bil-mod kif din kienet ġiet imħallsa lil CSTP. Barra minn dan, l-Italja jkollha żżid mal-ammont tal-għajjnuna l-imgħaxijiet, ikkalkolati bħala li jkunu bdew mid-data li fiha l-għajjnuna illegali tkun tqiegħdet l-ewwel darba għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (jiġifieri, mill-21 ta' Diċembru 2012) u sad-data tal-irkupru tagħha ⁽³⁰⁾, b'mod konformi mal-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ⁽³¹⁾.
- (106) Għalhekk, il-Kummissjoni:

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajjnuna mill-Istat fl-ammont ta' EUR 4 951 838 li r-Repubblika Taljana illegalment tat lil CSTP bi ksur tal-Artikolu 108 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mhix kumpatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. Ir-Repubblika Taljana hija obligata li tirkupra l-għajjnuna stabbilita fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarju.
2. Fuq is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jiddekorri l-imgħax mill-1 ta' Diċembru 2012 sa meta jkunu ġew irkuprati kollha kemm huma.
3. L-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkolati skont il-Kap V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ⁽³²⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. Ir-Repubblika Taljana tikkanċella l-pagamenti pendenti kollha tal-għajjnuna kif imsemmi fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. L-irkupru tal-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 1 ikun immedjat u effettiv.
2. Ir-Repubblika Taljana għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) l-ammont totali (kapital u imgħaxijiet) li għandhom jiġu rkuprati mingħand il-benefiċjarju;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u ta' dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;
 - (c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajjnuna.
2. Ir-Repubblika Taljana żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 1. Hija għandha tibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà jkunu ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni. Tibgħat ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' għajjnuna u l-imgħaxijiet diġà irkuprati mingħand il-benefiċjarju.

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

⁽³⁰⁾ Ara l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/99.

⁽³¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽³²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat- 30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

Artikolu 5

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarja ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, id-19 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni

Margrethe VESTAGER

Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1075**tad-19 ta' Jannar 2015****Għajjnuna mill-Istat SA.35843 (2014/C) (ex 2012/NN)****mogħtija mill-Italja – Kumpens addizzjonali rigward obbligi ta' servizz pubbliku favur Buonotourist***(notifikata bid-dokument C(2015)75)***(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) ċitati hawn fuq, u waqt li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROCĊEDIMENT

- (1) Permezz ta' notifika elettronika tal-5 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet Taljani nnotifikaw, skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, il-kumpens addizzjonali konċess lil Buonotourist S.r.l. ("Buonotourist"), biex din tipprovdi servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-karozza tal-linja abbażi ta' konċessjonijiet mogħtija mir-Reġjun Campania ("ir-Reġjun") fil-perjodu 1996-2002 ("il-perjodu li qed jiġi eżaminat"), fl-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Kunsill tal-Istat, l-awtorità suprema għad id-darja amministrattiva Taljana.
- (2) In-notifika għet reġistrata bin-numru SA.35843 u, mit-13 ta' Diċembru 2012, għet trattata bħala miżura mhux notifikata peress li, skont l-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni, ir-Reġjun kellu l-obbligu li jħallas il-kumpens addizzjonali dovut lil Buonotourist mis-7 ta' Diċembru 2012, wara li l-Gvern Taljan innotifika l-miżura lill-Kummissjoni, iżda qabel ma l-Kummissjoni kienet tkun adottat deċiżjoni.
- (3) Permezz tal-ittra tal-20 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja bid-deċiżjoni tagħha li li tiftaħ il-proċediment formali ta' inkjesta stabbilit fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-għajjnuna (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-ftuħ")
- (4) Id-deċiżjoni tal-ftuħ għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar l-għajjnuna.
- (5) L-awtoritajiet Taljani ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ bl-ittri datati l-21 u l-24 ta' Marzu 2014.
- (6) L-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet Buonotourist, il-benefiċjarju tal-miżura nnotifikata, liema kummenti waslu fil-25 ta' Marzu 2014.
- (7) Fil-11 ta' Lulju 2014 l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dawn l-osservazzjonijiet kif ukoll informazzjoni oħra, mibgħuta bħala tweġiba għal talba li saret fil-11 ta' Ġunju 2014.
- (8) Wara li l-Kummissjoni aċċettat li testendi l-iskadenza tal-preżentazzjoni, l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-informazzjoni kumpliementari permezz ta' ittra tal-15 ta' Settembru 2015.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20.2.2014 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.35843 (2012/NN) – l-Italja – il-kumpens PSO għal Buonotourist (ĠU C 156 tat-23.5.2014, p. 51).

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

2.1. IL-KUMPAZIJA

- (9) Buonotourist hija kumpanija privata li tiġġestixxi servizzi ta' trasport pubbliku lokali abbażi ta' konċessjonijiet reġjonali u komunalni. B'mod aktar speċifiku, skont l-awtoritajiet Taljani, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, Buonotourist wettqet servizzi ta' trasport bil-karozza tal-linja bħala konċessjonarja tar-Reġjun u kopriet total ta' madwar 1,8 miljun kilometru fis-sena.
- (10) Mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Taljani, għas-servizz imsemmi hawn fuq, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, ir-Reġjun diġà ħallas lil Buonotourist is-somma ta' EUR 19 507 121,54, li minnhom EUR 17 036 021,13 għat-twettiq u l-ġestjoni tas-servizz, u EUR 2 471 100,41 għall-investimenti. Peress li rriżulta li t-tali kumpens kien ingħata lil Buonotourist aktar minn għaxar snin qabel ma l-Kummissjoni baġhiet l-ewwel talba tagħha għall-informazzjoni lill-Istat Taljan, it-tali kumpens mhux se jkun suġġett għal valutazzjoni fl-ambitu tal-proċedura li għaddeja ⁽²⁾.
- (11) Apparti l-ammonti li ssemew aktar 'l fuq, Buonotourist talbet lir-Reġjun kumpens addizzjonali ta' EUR 5 567 582,57, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 ⁽³⁾, minħabba l-iżvantaġġi ekonomiċi li allegatament għarbet minħabba l-allegata impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku (*Public Service Obligation* — PSO). Skont ir-Reġjun, it-talba kienet saret f'Jannar 2007, meta Buonotourist kienet bdiet proċediment quddiem it-Tribunal Amministrattiv kompetenti.
- (12) Fl-2008, it-Tribunal Amministrattiv Reġjonali ta' Salerno ċaħad it-talba ta' Buonotourist dwar rikonoxximent tad-dritt għal kumpens addizzjonali abbażi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. It-tribunal iddeċieda li, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ⁽⁴⁾, Buonotourist ma setgħetx titlob kumpens għall-iżvantaġġi ekonomiċi imnissla mill-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku mingħajr ma tkun talbet, minn qabel, l-eliminazzjoni ta' tali obbligi.

2.2. IS-SENTENZI TAL-KUNSILL TAL-ISTAT

- (13) B'sentenza tas-27 ta' Lulju 2009 (is-sentenza nru 4683/09), il-Kunsill tal-Istat laqa' r-rikors ta' Buonotourist kontra d-deċiżjoni tat-tribunal amministrattiv reġjonali ta' Salerno, u kkonkluda li Buonotourist kellha dritt li tirċievi kumpens integrattiv għas-servizz pubbliku pprovdut skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Din is-sentenza ma tiddefinixxi bi preċiżjoni minn liema att legali u f'liema forma jkunu ġew imposti l-obbligi ta' servizz pubbliku, iżda tisħaq li t-talba li impriża li tkun tat servizz pubbliku tagħmel għal kumpens tal-kosti, li effettivament tkun għarbet matul l-eżekuzzjoni ta' tali servizz, ma tistax tiġi miċħuda. Il-Kunsill tal-Istat, barra minn dan, ikkonkluda li Buonotourist kellha dritt li tirċievi kumpens ta' servizz pubbliku anki fin-nuqqas ta' talba preliminari ta' eliminazzjoni tal-OSP.
- (14) Skont il-Kunsill tal-Istat, l-ammont eżatt tal-kumpens addizzjonali dovut lil Buonotourist kellu jiġi determinat mir-Reġjun abbażi ta' ċifri affidabbli li jinkisbu mill-kontijiet tal-kumpanija, li jkunu jixhdu d-differenza bejn il-kosti li jiġġarbu mill-attivitajiet ta' Buonotourist milquta mill-obbligu ta' servizz pubbliku u d-dħul korrispondenti. Madankollu, ir-Reġjun iddikjara li ma kienx fil-pożizzjoni li jiddetermina l-ammont minħabba n-nuqqas ta' dejta preċiża u attendibbli.

⁽²⁾ Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-TFUE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1), il-poteri tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkupru tal-għajnuniet huma suġġetti għal perjodu massimu ta' għaxar snin, li jibdew mill-jum li fih tkun bdiet tingħata l-ghajnuneta illegali lill-benefiċjarju bħala ghajnuneta individwali jew bħala ghajnuneta li tkun tagħmel parti minn sensiela ta' għajnuniet. Kull azzjoni meħudha mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward ta' ghajnuneta llegali għandha tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tal-Kunsill tas-26 ta' Ġinju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligu inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 156 28.6.1969, p. 1).

⁽⁴⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula li: "Huwa fidejn l-intrapriża tat-trasport li japplikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għat-terminazzjoni sħiħa jew parzjali ta' xi obbligu ta' servizz pubbliku fejn dan l-obbligu huwa ta' żvantaġġ ekonomiku għalihom". L-Artikolu 6(3) jistipula li: "L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjonijiet fi żmien sena mid-data ta' meta l-applikazzjoni tiġi preżentata fir-rigward tal-obbligi li wieħed jopera jew li jgħorr, u fi żmien sitt xhur fir-rigward ta' obbligi ta' tariffi. Id-dritt għall-kumpens għandu jinholq fid-data tad-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti [...]".

- (15) Bl-ordinanza Nru 8737/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill tal-Istat innomina espert biex jeżegwixxi dan il-kompitu. Skont l-awtoritajiet Taljani, dan tal-aħħar ma kienx fil-pożizzjoni li jiddetermina l-ammont ta' kumpens. Bl-ordinanza Nru 5880/2011 tas-7 ta' Novembru 2011, il-Kunsill tal-Istat innomina espert ieħor ("it-tieni espert"). Mis-sentenza tal-Kunsill tal-Istat (*giudizio per l'ottemperanza*) Nru 5650/2012 tas-7 ta' Novembru 2012, punt 9, jirriżulta li ż-żewġ esperti eskudew id-dritt għall-kumpens abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/1969 (l-obbligu ta' eżerċizzju jew ta' trasport), minkejja li dawn it-tnejn kienu kkonkludew li Buonotourist ma kinitx ingħatat kumpens biżżejjed fis-snin 1998, 1999 u 2000, kif jirriżultat mill-applikazzjoni tal-formula għall-kalkulu skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/1969 (l-obbligu ta' natura tariffarja). B'mod impliċitu, l-esperti b'hekk assumew li r-Reġjun impona fuq Buonotourist obbligu ta' natura tariffarja.
- (16) Madankollu, filwaqt li l-ewwel espert ikkonkluda li ma kienx opportun li jintuża l-"metodu induttiv" sabiex isir il-kalkolu tal-kosti addizzjonali mġarrba mill-impriża biex tkopri l-kosti tariffarji, u għalhekk indika li l-kalkolu tal-kumpens addizzjonali kellu jsir b'mod ekwitattiv, it-tieni espert ikkalkula l-ammont li r-Reġjun kellu jagħti bħala kumpens lill-kumpanija billi applika "metodu induttiv", bis-saħħa tal-fatt li l-għażla ta' dan il-metodu min-naħa tal-Kunsill tal-Istat kellha titqies bħala finali, peress li kienet ġiet applikata f'diversi sentenzi mingħajr ma qatt ġiet ikkontestata.
- (17) Madankollu, it-tieni espert ma kienx fil-pożizzjoni li jikkalkula l-kumpens skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 minħabba n-nuqqas ta' ċifri meħtieġa rigward l-għadd tal-unitajiet ta' trasport kemm previsti kif ukoll effettivi. It-tieni espert għalhekk ikkalkula l-ammont probabbli ta' kumpens nieqes billi kkwantifika d-differenza bejn l-introjti potenzjali li l-impriża kien ikollha fil-qafas ta' għestjoni kummerċjali tas-servizz (stima), u l-ammont ta' entrati li effettivament kellha u l-kontribuzzjonijiet minn taxxi pubbliċi li rċeviet. Minn dawn il-kalkoli, jirriżulta li Buonotourist ingħatat kumpens nieqes fl-1998, l-1999 u l-2000 biss, b'total ta' EUR 1 111 572, imgħax inkluż. L-espert ikkonkluda li tali ammont seta' jitqies bħala li hu daqs l-ammont nieqes ta' kumpens.
- (18) Il-Kunsill tal-Istat, bħala konsegwenza, ħareġ is-sentenza Nru 5650/2012 tas-7 ta' Novembru 2012, u impona fuq ir-Reġjun li jħallas lil Buonotourist, mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru 2012, l-ammont ta' EUR 1 111 572 bħala kumpens⁽⁵⁾. Ir-Reġjun għadda l-ammont lil Buonotourist fil-21 ta' Diċembru 2012.
- (19) Il-pagament lil Buonotourist tat-tali kumpens addizzjonali min-naħa tar-Reġjun bis-saħħa tas-sentenza Nru 5650/2012 jikkostitwixxi l-miżura mhux notifikata u hija l-oġġett ta' din id-deċiżjoni preżenti.

2.3. INFORMAZZJONI/OSSERVAZZJONIJIET ADDIZZJONALI MOGĦTIJA MILL-AWTORITAJIET TALJANI

- (20) Skont l-awtoritajiet Taljani, Buonotourist, flimkien ma' operaturi oħra ta' servizzi bi skeda reġjonali ta' trasport bil-karozzi tal-linja, kienet qed topera abbażi ta' liċenzji temporanji (konċessjonijiet) imġedda kull sena wara applikazzjoni mill-kumpanija operatriċi. Dawn il-konċessjonijiet kienu jagħtu lill-kumpanija operatriċi d-dritt esklussiv li tipprovdi s-servizzi in kwistjoni.
- (21) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li Buonotourist kienet talbet lir-Reġjun li jagħtiha konċessjonijiet maħsuba biex tkun tista' tipprovdi servizzi fuq rotot partikolari kull sena fil-perjodu li qed jiġi eżaminat u li l-konċessjonijiet kienu jstabbilixxu dejjem li s-servizzi kellhom jingħataw totalment b'riskju għall-impriżi kkonċernati u, b'mod partikolari, mingħajr ma l-għoti tas-servizz ikun jikkostitwixxi xi dritt għal sussidju jew għal kumpens ta' kwalunkwe natura. L-awtoritajiet Taljani taw kopja ta' mudell ta' konċessjoni użat fil-każ ta' kumpanija oħra ("il-mudell ta' konċessjoni"), li kien imur lura għall-1972/73, bħala prova tal-konformità ma' dak użat fil-każ ta' Buonotourist għall-perjodu li qed jiġi eżaminat. Imma l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew l-ebda kuntratt ta' konċessjoni li kien għe effettivament konkluż ma' Buonotourist fil-perjodu li qed jiġi eżaminat.
- (22) L-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li, bis-saħħa ta' dawn il-konċessjonijiet, Buonotourist kienet ħielsa li tipproponi s-sostituzzjoni tal-forom ta' trasport li kellhom jintużaw jew li titlob l-eliminazzjoni totali jew parzjali tal-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku, jekk u meta dawn l-obbligi jkun u jfissru li l-impriża ssofri żvantaġġ ekonomiku, iżda l-kumpanija qatt ma eżerċitat it-tali dritt. L-awtoritajiet Taljani isostnu, barra minn dan, li l-kumpanija qatt ma tat notifika lir-Reġjun li l-obbligi kienu qed ifissru żvantaġġi ekonomiċi għaliha, u lanqas li hija kienet qed toffri servizzi li altrimenti ma kinitx tipprovdi li ma kienx għall-obbligi tagħha li toffrihom fil-qafas tal-OSP. Fl-aħħar nett, skont l-awtoritajiet Taljani, Buonotourist qatt ma talbet l-eliminazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

⁽⁵⁾ It-tali ammont għalhekk issostitwixxa t-talba oriġinali ta' kumpens ta' Buonotourist li kienet tammona għal EUR 5 567 582,57.

- (23) Skont l-awtoritajiet Taljani, il-flus mit-taxxi li ngħataw lill-kumpanija Buonotourist fil-passat kienu bbażati fuq il-metodoloġija tal-kost standardizzat, li jipprevedi l-użu tal-parametri stabbiliti bil-liġi reġjonali Nru 16/1983⁽⁶⁾. Dawn jinkludu: l-għadd ta' kilometri konċessi f'kontrast ma' kemm ġew fil-fatt misjuqa, l-għadd ta' impjegati u tal-karozzi tal-linja, varjabbli skont it-tip ta' servizz li jingħata (jekk hux urban, fil-muntanji jew fl-għoljiet), it-trattament legali u ekonomiku tal-impjegati, id-daqs tal-impriża u l-kosti tal-karozzi tal-linja.
- (24) Barra minn dan, l-awtoritajiet Taljani għandhom dubju kemm Buonotourist tat prova li kienet issodisfat l-OSP b'mod effiċjenti u kif suppost skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u jsostnu li Buonotourist ma kellhiex sistema ta' separazzjoni tal-kontijiet kif stipulat fl-Artikolu 1(5) tal-istess Regolament.

2.4. AMMONT TAL-KUMPENS

- (25) Kif intwera fil-premessa 15, il-Kunsill tal-Istat ħatar żewġ esperti biex jiddeterminaw il-kumpens addizzjonali dovut mir-Reġjun lil Buonotourist skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Kull espert ippreżenta r-rapport rispettiv tiegħu fis-27 ta' Settembru 2012, iżda kien biss it-tieni espert li rnexxielu jikkalkula l-kumpens addizzjonali dovuta lil Buonotourist mir-Reġjun (ir-rapport).
- (26) Fir-rapport, it-tieni espert saħaq kemm-il darba li l-partijiet ippreżentaw ċifri li ma kinux jaqblu jew li ma kinux biżżejjed preċiżi, b'mod li kien jidher li dawn huma biss ċifri approssimattivi. B'mod partikolari, it-tieni espert enfasizza li l-partijiet ipprovdew dokumenti ta' prova kontradittorji f'dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens mogħti fil-passat. Kuntarju għal dak li sostnew l-awtoritajiet Taljani, it-tieni esperti innota li Buonotourist kienet iżżomm kontijiet separati għall-attivitajiet tat-trasport pubbliku u privat, anki jekk ippreċiża li ma kienx possibbli għalih li jagħmel verifika eżatta ta' minn fejn kienu ġejjin ċerti kosti fejn tidħol attività u oħra. It-tieni espert ippreċiża, barra minn dan, li ma kienx possibbli li jakkwista dejta attendibbli għar-rigward tal-kosti li l-kumpanija ma kinix iġġarrab fil-każ ta' eliminazzjoni tal-PSO, minkejja l-applikazzjoni tal-"metodu induttiv" kif ordnat mill-Kunsill tal-Istat.
- (27) Għaldaqstant, it-tieni espert ikkonkluda li ma kienx possibbli li jiġi determinat il-kumpens addizzjonali tal-obbligu ta' eżerċizzju jew ta' trasport, ikkalkulat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (28) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens addizzjonali tal-obbligi ta' natura tariffarja skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, it-tieni espert irrikonoxxa li mhux possibbli li dan jiġi kkalkulat f'applikazzjoni tal-paragrafu 1, minħabba n-nuqqas ta' dejta u/jew l-affidabilità tagħha. Għalhekk ġie applikat il-"metodu induttiv" stipulat mill-Kunsill tal-Istat.
- (29) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula, fost affarijiet oħra, li l-ammont tal-kumpens fil-każ ta' obbligi ta' natura tariffarja irid ikun daqs id-differenza bejn iż-żewġ ammonti li ġejjin:

— l-ewwel ammont huwa ekwivalenti għad-differenza bejn, minn naħa, l-għadd previst ta' unitajiet ta' trasport immultiplikati

— bit-tariffa l-aktar favorevoli li tista' tintalab mill-utenti li kieku ma kienx hemm l-obbligu inkwistjoni jew

— fin-nuqqas ta' tali tariffa, il-prezz li l-impriża kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali li tieħu kont tal-kosti tas-servizz inkwistjoni kif ukoll tas-sitwazzjoni tas-suq

u, min-naħa l-oħra, l-għadd ta' unitajiet ta' trasport li effettivament jintużaw immultiplikati bit-tariffa imposta matul il-perjodu ta' żmien li qed jiġi kkunsidrat.

— It-tieni ammont huwa ekwivalenti għad-differenza bejn il-kost li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tariffa l-aktar favorevoli jew tal-prezz li l-impriża kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali u l-kost li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tariffa imposta.

⁽⁶⁾ *Il-Liġi Reġjonali tal-25 ta' Jannar 1983, Nru 16 Interventi tar-Reġjun fil-qasam tas-servizzi ta' trasport pubbliku lokali għall-passiġġieri, aċċessibbli hawnhekk: http://jtest.ittig.cnr.it:8080/cocoon/regioneCampania/xhtml?css=4&doc=/db/nir/RegioneCampania/1983/urn_nir_regione.campania_legge_1983-01-25n16&datafine=19830205*

- (30) Fin-nuqqas taċ-ċifri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu determinati dawn l-ammonti, it-tieni espert ikkalkula l-ammont tal-kumpens dovut bħala d-differenza bejn iż-żewġ ammonti interpretati kif ġej:
- fin-nuqqas ta' ċifri dwar l-għadd ta' unitajiet ta' trasport, kemm previsti kif ukoll effettivi, l-ewwel ammont huwa ekwivalenti għall-ammont meħtieġ biex jiġu koperti l-kosti reali (jew il-“kosti standard”, jekk ikunu anqas) ⁽⁷⁾, mingħajr id-dħul miksub mit-traffiku ⁽⁸⁾.
 - Għal dak li jikkonċerna t-tieni ammont, l-espert kien tal-fehma li dan għandu jkun ekwivalenti għall-kost reali (jew għall-“kosti standard”, jekk ikunu anqas) ⁽⁹⁾, mingħajr id-differenza bejn il-kosti reali (jew il-“kosti standard”, jekk ikunu anqas) u l-ammont tal-kumpens diġa mogħti ⁽¹⁰⁾.
- (31) Skont l-opinjoni tat-tieni espert, minn dan il-kalkolu jirriżulta li, frabta mal-perjodu li qed jiġi eżaminat, Buonotourist setgħet issostni li ma kinitx ingħatat kumpens biżżejjed fl-1998, fl-1999 u fl-2000 biss, minħabba l-obbligi ta' tariffa allegati li ġew imposti fuqha. It-tieni espert ikkalkula li l-ammont tal-kumpens nieqes għal dawn it-tliet snin kien ta' EUR 838 593,21, li magħhom jiżdied imgħax legali ta' EUR 272 979,13, li jġibu kumpens addizzjonali ta' EUR 1 111 572 li l-Kunsill tal-Istat ordna li r-Reġjun għandu jħallas lil Buonotourist u li dan effettivament ittrasfera fil-21 ta' Diċembru 2012.

2.5. RAĠUNIJET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDIMENT

- (32) Kif joħroġ mid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni kellha bosta dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern.
- (33) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkunsidrat jekk kinux ġew issodisfati l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (“QĠUE”) fil-każistika Altmark ⁽¹¹⁾ tagħha.
- (34) It-tieni, il-Kummissjoni kellha dubji fil-każ tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 effettivament jehlis lill-awtoritajiet Taljani mill-obbligu ta' notifika minn qabel, huwa għalhekk meħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit jekk ir-Reġjun fil-fatt kienx impona unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku fuq Buonotourist u, it-tieni, jekk il-kumpens mogħti għal dawn l-obbligi tas-servizz huwiex konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni fejn tidħol il-kwistjoni dwar jekk il-kumpens mogħti lil Buonotourist kienx jissodisfa tali kundizzjonijiet.
- (35) It-tielet, il-Kummissjoni kellha dubji fejn tidħol il-kompatibbiltà tal-miżura skont ir-Regolament (KEE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾. Kieku kellu jiġi kkonfermat li tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni min-notifika, skont ir-Regolament (KE) Nru 1191/69, ma ġietx issodisfata u li jkun neċessarju li ssir valutazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, il-Kummissjoni jkollha dubji dwar ir-rispett tal-kundizzjonijiet ta' dak ir-Regolament fil-każ ikkonċernat.

3. KUMMENTI MAGĦMULIN MILL-ITALJA

- (36) L-awtoritajiet Taljani, fil-livell nazzjonali, ma ressqux kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċediment. Il-reġjun Campania biss għamel hekk.
- (37) L-ewwel nett huwa ppreżenta dokumentazzjoni bil-għan li jintwera li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat Buonotourist kienet effettwat “servizzi awtorizzati” fuq riskju tagħha, apparti dawk li huma l-oġġett tal-konċessjoni. Jirriżulta, pereżempju, li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat Buonotourist operat karożżi tal-linja fuq servizzi internazzjonali u interreġjonali. Barra minn dan, ir-Reġjun spjega li Buonotourist effettwat is-separazzjoni bejn il-kontijiet tagħha biss fejn jidħlu l-attivitajiet ta' kiri u l-attivitajiet ta' servizzi ta' karożżi tal-linja, mingħajr ma għamlet xi distinzjoni għas-“servizzi awtorizzati” li l-kumpanija operat fuq riskju tagħha.

⁽⁷⁾ Fil-post tad-differenza bejn, minn naħa, l-għadd tal-unitajiet ta' trasport previsti immultiplikati bit-tariffa l-aktar favorevoli li tista' tintalab mill-utenti kieku ma kienx għall-obbligu inkwistjoni jew, fin-nuqqas ta' tali tariffa, bil-prezz li l-impriża kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali bil-kunsiderazzjoni tal-kosti tas-servizz inkwistjoni kif ukoll is-sitwazzjoni tas-suq.

⁽⁸⁾ Fil-post tal-għadd ta' unitajiet ta' trasport li effettivament jintużaw immultiplikati bit-tariffa imposta matul il-perjodu ta' żmien li qed jiġi kkunsidrat.

⁽⁹⁾ Minflok il-kosti li l-impriża kienet iġġarrab bl-applikazzjoni jew tat-tariffa l-aktar favorevoli jew tat-tariffa li l-impriża kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali.

⁽¹⁰⁾ Minflok il-kosti effettivament imġarraba bl-applikazzjoni tat-tariffa imposta.

⁽¹¹⁾ Il-Kawża C-280/00, *Altmark Trans/Regierungspräsidium Magdeburg*, [2003] EU:C:2003:415.

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

- (38) It-tieni, ir-Reġjun saħaq li matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat ma kien hemm l-ebda każ ta' xi impożizzjoni unilaterali ta' obbligi ta' servizz pubbliku. Ir-Reġjun osserva li l-kumpanija, skont il-prassi li kienet fis-seħħ fil-mument, kull sena kienet titlob it-tiġdid tas-servizzi konċessi u li l-ebda att ta' konċessjoni ma wassal għall-impożizzjoni unilaterali ta' PSO. Barra minn dan, wara l-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat fl-2009, ir-Reġjun kemm-il darba talab lil Buonotourist li tippreżenta l-atti jew il-kuntratti li jimponu PSO fuqha, skont kif intalbet li tagħmel bis-sentenza. Dan iżda baqa' ma seħħx, skont dak li ġie kkomunikat. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi tat-tariffi, ir-Reġjun osserva li t-tariffi indikati fil-kuntratti ta' konċessjoni kienu jaqgħu fil-miżuri ġenerali ta' politika dwar il-prezzijiet applikati mill-ażjendi kollha fis-settur.

4. IL-KUMMENTI TAL-PARTIJET INTERESSATI

- (39) L-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet Buonotourist, il-benefiċjarju tal-miżura nnotifikata. Fis-sottomissjonijiet tagħha, Buonotourist uriet li ma taqbilx mal-pożizzjoni preliminari adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ.
- (40) Biex issostni l-pożizzjoni tagħha li ġew imposti obbligi fuqha, Buonotourist sostniet li l-PSO ma kinux definiti fid-dokumenti tal-għoti tal-konċessjoni, li ma jeżistux, iżda dawn ġejjin biss minn dokumenti interni tar-Reġjun li jinkludu d-determinazzjoni minn qabel tal-ażjenda partikolari u l-istabbiliment tal-kumpens permezz tal-metodoloġija hekk imsejħa "kost standard". Buonotourist spjegat li l-Italja kienet irregolamentat il-PSO permezz tal-liġi Nru 151/81, il-liġi reġjonali Nru 16/83, il-liġi Nru 59/97, l-Artikolu 4 u d-digriet leġiżlattiv Nru 422/97. Ir-Reġjun afda s-servizz pubbliku f'idejn Buonotourist skont att ta' konċessjoni tal-1972/1973, li kien qed jiġġedded kull sena sal-2003. L-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Buonotourist fis-snin 1996-2002 – pereżempju l-obbligi fejn jidħlu tariffi, rotot, stejġis u orarji – jistgħu jiġu determinati, skont dak li ġie kkomunikat, mid-dokumenti li ġejjin:
- il-"kuntratt dwar estensjoni tas-servizz", iffirmit minn Buonotourist u mir-Reġjun għas-sena 2003, skont l-Artikolu 46 tal-liġi reġjonali Nru 3/02, li jtawwal u jissostitwixxi l-konċessjonijiet eżistenti;
 - id-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali Nru 8726 tat-30 ta' Diċembru 1999 li tawtorizza lil Buonotourist timmodifika r-rota tal-karozzi tal-linja wara talba mill-istess kumpanija u minn firmatarji oħra;
 - id-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali Nru 323 tal-4 ta' Mejju 2000 li testendi s-sospensjoni taż-żieda fil-kosti għall-abbonati fil-każ tas-servizzi reġjonali tat-trasport bil-karozzi tal-linja;
 - in-nota 4770/2000 li fiha huma kkomunikati l-modi differenti ta' kif jiġu kkalkolati l-prezzijiet għall-abbonamenti normali u l-abbonamenti għas-servizzi użati minn ħaddiema;
 - id-digriet tal-Assessur tat-Trasport tar-Reġjun Nru 1609/2001, dwar il-konverżjoni mill-lira Taljana għall-euro fejn tingħbed l-attenzjoni tal-konċessjonarji li żidiet mhux dovuti huma pprojbiti – li huwa obbligu fil-konċessjoni/fil-kuntratt.
- (41) Buonotourist sostniet ukoll li, peress li r-Reġjun kemm-il darba naqqas l-ammont tal-kost standard, u applikatu b'mod mhux omoġenju għad-diversi linji u konċessjonijiet, xi operaturi kienu ddeċidew li jeliminaw ċerti linji li kienu qegħdin isofru telf kontinwu. Ir-Reġjun iżda allegatament wieġeb li l-operaturi kienu obbligati li jiggarrantixxu t-tħaddim tas-servizzi – skont kif stipulat fil-PSO – u li fil-każ ta' twaqqif tal-linji huma jiġu akkużati b'interruzzjoni ta' servizz pubbliku. Skont Buonotourist, dan juri li l-kumpanija kienet soġġetta għal PSO. Madankollu, Buonotourist ma ppreżentatx dokumenti bħala prova ta' dan.
- (42) Barra minn dan, Buonotourist saħqet li hija, bħala prijorità u fil-biċċa l-kbira (80 % tal-attività tagħha) twettaq l-attività tagħha bħala fornitur ta' trasport pubbliku lokali u li iżomm kontijiet separati fejn jidhul il-kumpliment tal-attività tagħha kummerċjali diversifikata.
- (43) Wara li fakkret fis-sentenza nazzjonali finali tal-Kunsill tal-Istat, Buonotourist ikkontestat l-argumenti li ġejjin li għamel ir-Reġjun:
- il-kalkolu ma jistrieħx fuq kontabilità analitika bbażata fuq ċentri tal-ispejjeż distinti li jippermettu d-distizzjoni tal-attivitàjiet li huma suġġetti għal PSO;
 - minħabba n-nuqqas ta' ċifri fil-kontijiet li jippermettu li jiġu identifikati l-elementi speċifiċi li jkunu jridu jiġu kkalkolati skont l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/1969, il-kalkolu sar b'mod induttiv, b'sistema metodoloġika li r-Reġjun sejħilha bħala li hi "diffiċli li tintfieh u abberranti".

- (44) Buonotourist spjegat li kienet il-prassi li ċ-ċifri fil-kontijiet rigward l-attività ta' trasport pubbliku suġġetta għal PSO sempliċement jingħataw b'mod separat minn dawk li jirreferu għall-attivitajiet oħrajn tal-impriża u ma kienx hemm il-prassi ta' aktar separazzjoni fil-kontijiet li tkun tindika b'mod distint l-introjti u l-kosti rigward kull linja. Buonotourist affermat li hija żammet kontijiet separati għaċ-ċifri fil-kontijiet rigward l-attività ta' servizz pubbliku u għaċ-ċifri rigward l-attivitajiet kummerċjali, u żiedet li l-affidabilità taċ-ċifri fil-kontijiet qatt ma tqiegħdet fid-dubju mir-Reġjun, li, għall-kuntrarju, utilizzahom b'mod korrett, bħala bażi għall-kalkolu u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet annwali.
- (45) Barra minn dan, Buonotourist ikkontestat il-fatt li d-dokumenti tal-kontabilità li ġew ippreżentati ma kinux adatti biex fuqhom tistrieħ it-talba għal kumpens biss minħabba l-fatt li huma bilanċi annwali u "mudelli E⁽¹³⁾" mhux akkumpanjati b'kopji sħaħ tal-entrati kontabbli u amministrattivi relattivi (ir-reġistru tal-kontabilità, il-ktieb tal-kontijiet, il-fatturi maħruġa u riċevuti, riċevuti tal-biljetti, eċċ) Skont Buonotourist, dawn l-argumenti jistgħu jiġu faċilment imwarba meta wieħed jara li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, ir-Reġjun kien aċċetta l-istess ċifri, u dak iż-żmien kien ikkunsidrahom bħala affidabbli. Barra minn dan, peress li l-perjodu li fih kien obligatorju li jinżammu d-dokumenti kollha tal-kontabilità u tal-amministrazzjoni għall-perjodu li qed jiġi eżaminat kien skada, huwa diffiċli li b'mod oġġettiv tippretendi li tingħata kopji tagħhom. Għalhekk minn dan jirriżulta li huwa għal kollox leġittimu li l-ammont ta' kumpens jiġi determinat bl-użu ta' metodu induttiv kif stipulat mill-Kunsill tal-Istat. Fl-aħħar nett, il-bilanċi ġew iċċertifikati kif dovut u l-korrettezza u l-veriċità tagħhom qatt ma tqiegħdet fid-dubju. Bħala konklużjoni, il-kontijiet ippreżentati minn Buonotourist huma bla dubju preċiżi u jippermettu li jsir il-kalkolu tal-kumpens fir-rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1191/1969.
- (46) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-korrettezza tal-metodu tal-kalkolu u għall-koerenza man-normi tal-Unjoni, Buonotourist issostni li l-impriża trid tiġi kkompensata għall-iżvantaġġi li, f'termini tad-differenza bejn anqas introjti u aktar kosti, hija sofriet minħabba li kienet suġġetta għall-PSO. Biex jiġi stabbilit kemm tilfet bħala dħul abbażi ta' ċifri affidabbli, Buonotourist l-ewwel nett irriferiet għad-dħul operattiv annwali effettiv, li jikkorrispondi għall-unitajiet ta' trasport effettivi mmultiplikati bit-tariffa imposta. Hija mbagħad identifikat l-ammont li għandu jitnaqqas, f'konformità man-normi tal-Unjoni, filwaqt li tirreferi għad-dħul neċessarju biex tkopri l-kosti effettivi, skont il-kontijiet annwali. L-ammont ta' dħul operattiv annwali jikkoinċidi mad-dħul effettiv li kellha l-impriża fl-attivitajiet li kienu milquta mill-obbligu ta' tariffa li kienu mdaħħla b'mod separat fil-kontijiet azjendali ta' Buonotourist u fil-mudelli E mibgħuta kull sena lir-Reġjun li qatt ma ddebita mill-affidabilità tagħhom. Għaldaqstant, ma hemm assolutament l-ebda hteġa li dawn l-ammonti jiġu maqsuma bejn il-komponenti diversi kollha tagħhom, anki jekk jinkludu dħul marbut ma' attivitajiet mhux suġġetti għal konċessjonijiet u jirriżulta għalhekk li huma sopravvalutati. Għal dak li jirrigwarda l-ammont li għandu jitnaqqas, Buonotourist saħqet li hija użat kriterju li huwa għal kollox kompatibbli mal-istruzzjonijiet li hemm fir-Regolament (KEE) Nru 1191/1969, li jippermettu l-użu tat-tariffa li l-kumpanija kienet tapplika fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali, tariffa li għandha tkopri l-kosti li jkun għew effettivament imġarrba. Għal dak li jirrigwarda d-differenza bejn il-kosti li l-impriża kienet iġġarrab li kieku kellha tapplika t-tariffa l-aktar favorevoli li teżisti jew fil-qafas ta' ġestjoni kummerċjali u l-kosti li effettivament iġġarrbu, Buonotourist issostni li l-kalkolu tagħha huwa għal kollox koerenti mal-Artikolu 11 tat-tali Regolament, peress li jippermetti li tintuża l-miżura tal-anqas kost imġarrab mill-impriża li tkun suġġetta għall-OSP f'rabta mal-ammont tal-kontribuzzjoni tar-Reġjun biex jiġu koperti l-kosti tal-eżerċizzju. Barra minn hekk, Buonotourist hija tal-fehma li, peress li hu impossibbli li wieħed jistma t-traffiku ta' passiġġieri f'kuntest ta' suq ħieles, il-"metodu induttiv", stipulat mill-Kunsill tal-Istat, huwa leġittimu. Fl-aħħar nett, Buonotourist fakkret li l-Artikoli 10 u 11 t-tnejn li huma jikkonferixxu lill-impriżi ta' trasport pubbliku suġġetti għall-OSP id-dritt li jingħataw kumpens fir-rigward tal-konsegwenzi negattivi kollha li jtinisslu mill-obbligi tagħhom.
- (47) Għar-rigward tal-kunċett ta' għajna mill-Istat, Buonotourist sostniet li fil-perjodu inkwistjoni is-suq tat-trasport pubbliku fl-Italja ma kienx miftuħ għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, u għalhekk ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ trasfruntier. B'mod analogu, meta titqies l-organizzazzjoni bħalissa tas-servizz ta' trasport pubbliku lokali, li huwa bbażat fuq il-konċessjoni unilaterali b'mod esklussiv fuq linji partikolari ta' trasport, il-kumpens ma kienx tali li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn dan, peress li l-kost standard għal kull km huwa impost mir-Reġjun u aċċettat mill-konċessjonarju flimkien mal-PSO oħrajn, ma jirriżulta l-ebda vantaġġ. Għaldaqstant, Buonotourist issostni li mill-anqas tlieta mill-presuppożizzjonijiet stabbiliti mill-QĠUE biex tiġi identifikata għajna mill-Istat ma jeżistux fil-każ li qed jiġi eżaminat.
- (48) Buonotourist issostni li l-kompatibilità tal-kumpens kellha tiġi vvalutata b'riferiment għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Għar-rigward tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, Buonotourist ressqet l-argument li, peress li r-Reġjun impona b'mod unilaterali l-obbligu ta' tariffa, u peress li l-

(¹³) Il-Mudelli E huma d-dokumenti bbażati fuq il-kontijiet tal-azjendi li jkun fihom l-informazzjoni neċessarja għall-kalkolu annwali tal-kontribut pubbliku.

ammonti ma jaqgħux fil-PSO bħala riżultat ta' kuntratt ta' servizz, iżda jirriżultaw minn applikazzjoni korretta tal-kalkolu fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 fil-qafas ta' konċessjoni, il-pagament mogħti bħala kumpens kien eżentat mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 17(2) tat-tali Regolament.

5. IL-KUMMENTI TAL-ITALJA DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET TERZI

- (49) L-awtoritajiet Taljani ma ppreżentaw l-ebda kumment dwar l-osservazzjonijiet ta' Buonotourist fil-livell nazzjonali. Kien biss ir-Reġjun Campania li ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fil-11 ta' Lulju 2014.
- (50) Fil-komunikazzjoni tiegħu, ir-Reġjun spjega li s-separazzjoni fil-kontijiet li għamlet Buonotourist kienet tiddistingwi biss bejn attivitajiet ta' kiri (jew trasport mhux tal-linja) u servizzi ta' karożżi tal-linja. Is-servizzi ta' karożżi tal-linja pprovduti minn Buonotourist kienu jinkludu madankollu servizzi ta' karożżi tal-linja interreġjonali u internazzjonali (is-servizzi hekk imsejħa "awtorizzati"), li l-kumpanija kienet twestaq fuq il-bażi ta' riskju għaliha. Ir-Reġjun ipprova l-provi li juru li Buonotourist kienet wettqet dawn is-servizzi awtorizzati fil-perjodu li qed jiġi eżaminat. B'mod partikolari, ir-Reġjun ippreżenta d-deċiżjoni tal-Gvern reġjonali Nru 8734/1999 li tawtorizza servizzi ta' karożżi tal-linja bireġjonali u n-nota Nru 4765/2011 tal-Ministru tal-Infrastruttura u tat-Trasport li minnha huma awtorizzati tliet servizzi interreġjonali ta' karożżi tal-linja. Barra minn dan, in-noti mal-bilanċi tal-kumpanija tal-1998 u l-2000 jindikaw b'mod ċar l-attivitajiet internazzjonali u interreġjonali, kif tagħmel is-sentenza Nru 2157/2004 tat-Tribunal Amministrattiv Reġjonali (TAR) tal-Lazio.
- (51) Il-provvediment ta' servizzi "awtorizzati" interreġjonali u internazzjonali ma kinitx murija b'mod separat fil-kontijiet ta' Buonotourist. Fl-aħħarnett, is-separazzjoni tal-kontijiet bejn it-tali servizzi ma tistax tiġi dedotta mill-mudelli E li Buonotourist tippreżenta lir-Reġjun kull sena, li fihom il-kosti u l-introjti effettivi għall-provvediment ta' servizzi ta' trasport bil-karożżi tal-linja jiġu indikati b'mod separat taħt it-titolu "Trasport pubbliku lokali fir-Reġjun tal-Campania" u s-servizzi ta' kiri huma indikati taħt it-titolu "Kiri" (jew servizzi mhux tal-linja). Skont ir-Reġjun, fil-kolonna "Trasport pubbliku lokali fir-Reġjun Campania" jitniżżlu l-kosti u l-introjti kollha murija fil-"kont kummerċjali karożza tal-linja", li jiġbor is-servizzi kollha ta' trasport bil-karożżi tal-linja b'mod ġenerali, inklużi is-servizzi ta' trasport "awtorizzati" fil-livell interreġjonali u internazzjonali.

6. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

6.1. EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA

- (52) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "...kull għajna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, safejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".
- (53) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, miżura ta' għajna tkun tikkostitwixxi għajna jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kumulattivament:
- il-vantaġġ jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,
 - il-miżura tagħti vantaġġ selettiv billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti,
 - il-miżura tikkawża distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, kif ukoll
 - ikollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabilità

- (54) Il-Kummissjoni tosserva li s-sentenza tal-Kunsill tal-Istat tobbliga lir-Reġjun biex jagħti lil Buonotourist kumpens addizzjonali għall-provvediment ta' servizzi tal-karożza tal-linja fil-perjodu li qed jiġi eżaminat fuq ir-rotot li jaqgħu taħt il-kompetenza tar-Reġjun. It-tieni espert ikkalula li Buonotourist stabbiliet żvantaġġ ekonomiku taħt il-forma ta' nuqqas ta' kumpens ekwivalenti għal EUR 1 111 572 għas-snin 1998, 1999 u 2000 biss, minħabba l-effetti tal-allegata impożizzjoni fuqha ta' obbligi ta' natura ta' tariffa. Fil-21 ta' Diċembru 2012, ir-Reġjun effettivament ittrasferixxa l-ammont lil Buonotourist sabiex ikun wettaq is-sentenza.
- (55) Il-fatt li r-Reġjun ikun obligat minn tribunal nazzjonali li jittrasferixxi kumpens lil impriża ma jfissirx li r-Reġjun li jkun wettaq is-sentenza ma jibqax imputabbli, peress li t-tribunali nazzjonali ta' dak l-Istat, għaladarba li huma organi tal-Istat, huma marbuta b'obbligu ta' kooperazzjoni leali⁽¹⁴⁾.

⁽¹⁴⁾ Il-Kawża C-527/12, il-Kummissjoni/ir-Repubblika Federale tal-Ġermanja, EU:C:2014:2193, il-punt 56 u l-każisitka ċċitata. ara wkoll il-Kawża C-119/05 *Luchini* EU:C:2007:434, il-punt 59, il-premessa 94.

- (56) Il-miżura għalhekk hija imputabbli għall-Istat u r-riżorsi utilizzati għall-pagament tat-tali kumpens huma riżorsi tal-Istat,

6.1.2. Vantaġġ kummerċjali selettiv

- (57) Il-Kummissjoni tosserva qabel xejn li Buonotourist twettaq attività kummerċjali, b'mod partikolari it-trasport ta' passiġġieri, għall-kumpens. Għalhekk, Buonotourist trid tiġi kkunsidrata bħala "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

- (58) Barra minn dan, il-konċessjoni tal-miżura għandha titqies bħala selettiva, għaliex tibbenefika minnha biss Buonotourist.

- (59) Għar-rigward tal-ġhoti ta' vantaġġ kummerċjali selettiv, mis-sentenza *Altmark* jirriżulta li l-kumpens mogħti mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat bħala kumpens dirett għal servizzi furnuti mill-impriżi riċeventi sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku ma jagħtix vantaġġ favur l-imsemmija impriżi u għalhekk ma jikkostitwix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, sakemm ikun jissodisfa l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin ⁽¹⁵⁾:

— l-ewwel nett, l-impriża li tibbenefika tkun ġiet effettivament inkarigata biex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u dawn l-obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar;

— it-tieni, il-parametri li fuqhom ikun ikkalkulat il-kumpens ikunu ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti;

— it-tielet, il-kumpens ma jistax ikun jaqbeż l-ammont meħtieġ biex jiġu koperti l-kosti kollha jew parti minnhom, imġarrba fit-twettiq ta' obbligi tas-servizz pubbliku, filwaqt li jkun tqies id-dħul relevanti kif ukoll marġni ta' profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi;

— ir-raba', meta l-għażla tal-impriża li għandha tkun inkarigata bit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku ma titwettaqx fil-kuntest ta' proċedura għall-ġhoti ta' kuntratt pubbliku, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kosti li impriża medja, ġestita tajjeb u adegwatament mgħammra b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' servizz pubbliku meħtieġa, tkun sostniet sabiex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li jittieħed kunsiderazzjoni tad-dħul relatat magħhom kif ukoll ta' profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi

- (60) Is-sentenza *Altmark* stipulat li l-erba' kriterji jridu jiġu ssodisfati kumulattivament sabiex tkun tista' tiġi eskluża l-preżenza ta' vantaġġ kummerċjali jekk u meta l-impriża tirċievi kumpens minħabba l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqha.

- (61) Il-Kummissjoni osservat qabel xejn li la l-awtoritajiet Taljani u lanqas Buonotourist ma kienu fil-pożizzjoni li jippreżentaw dokument ta' att ta' inkarigu għall-perjodu li qed jiġi eżaminat, kif jiġi muri b'mod aktar ċar fis-subtaqsima 6.2, paragrafu (i), Buonotourist ma kinitx fil-pożizzjoni li tippreċiża l-obbligi li ġew imposti fuqha u li setgħu jitqiesu bħala PSO.

- (62) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li, fin-nuqqas ta' dejta essenzjali u affidabbli, il-kumpens konċess bis-saħħa tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat huwa bbażat biss fuq kalkolu *ex post* magħmul bl-użu tal-"metodu induttiv". Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni għalhekk li l-parametri li abbażi tagħhom l-esperti nnominati mill-Kunsill tal-Istat ikkalkulaw l-allegat nuqqas ta' kumpens ma kinux ġew definiti minn qabel u li, għalhekk, jiġi li t-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex issodisfat f'dak li jikkonċerna miżura mhux notifikata.

- (63) Peress li s-sentenza *Altmark* tistipula li l-erba' kriterji kollha jridu jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv, ma hemmx raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tkun trid tivvaluta jekk iż-żewġ kriterji l-oħra *Altmark* ġewx issodisfati fil-każ li qed jiġi kkunsidrat. Bħala konsegwenza, it-trasferiment ta' kumpens addizzjonali lil Buonotourist għas-servizzi mogħtija fil-perjodu li qed jiġi eżaminat jikkonferixxi lit-tali impriża vantaġġ kummerċjali selettiv skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.1.3. Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (64) Fl-osservazzjonijiet tagħha, Buonotourist sostniet li peress li fil-perjodu li qed jiġi eżaminat is-suq tat-trasport pubbliku fl-Italja ma kienx miftuħ għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, il-miżura kkontestata ma setax ikollha effetti fuq il-kummerċ transfruntier jew toħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjonijiet.

⁽¹⁵⁾ Il-Kawża C-280/00, *Altmark Trans/Regierungspräsidium Magdeburg*, Ġabra 2003, EU:C:2003:415, il-punti 87 u 88..

- (65) Il-Kummissjoni tfakkar qabel xejn li l-miżura kkontestata daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2012, jiġifieri ħafna żmien wara li s-suq Taljan tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri nfetħ għall-kompetizzjoni. Peress li l-miżura inkwistjoni tipproduċi l-effetti tagħha fuq is-suq minn dak il-mument, huwa f'dak il-mument li wieħed għandu jivvaluta jekk il-miżura tistax toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni jew ikollhiex effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (66) F'kull każ, il-Kummissjoni tosserva li, bħalma osservat il-QĠUE fis-sentenza *Altmark*, peress li diversi Stati Membri sa mill-1995 kienu bdew jiftħu xi swieq tat-trasport lil impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, f'dak il-mument diversi impriżi kienu diġa qed joffru servizzi ta' trasport lokali jew reġjonali f'diversi Stati Membri mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.
- (67) Bħala konklużjoni, kwalunkwe kumpens mogħti lil Buonotourist għandu jitqies li huwa kapaċi joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-karozzi tal-linja u li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri peress li jaffettwa ħażin il-possibbiltà għal impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri oħra biex joffru s-servizzi tagħhom fl-Italja u ssaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq ta' Buonotourist, b'mod li tehlisa mill-piż ta' kosti li altrimenti hija jkollha għorr fl-attivajiet kummerċjali ta' kuljum tagħha ⁽¹⁶⁾.
- (68) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li Buonotourist hija attiva fi swieq oħra, bħal ma huma s-servizzi ta' kiri, u li għalhekk tinsab f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra fl-Unjoni f'dawn is-swieq. Barra minn dan, kwalunkwe kumpens mogħti lil Buonotourist jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri anki f'dawn is-swieq.
- (69) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-miżura toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.4. Konklużjonijiet

- (70) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.2. EŻENZJONI MILL-OBBLIGU TA' NOTIFIKA SKONT IR-REGOLAMENT (KEE) NRU 1191/69

- (71) Abbażi tar-raġunament tal-Kunsill tal-Istat, Buonotourist kisbet id-dritt ta' kumpens addizzjonali għall-provvediment tas-servizzi ta' trasport li qed jiġu eżaminati fil-mument li fihom wettqet dawn is-servizzi. Dan ir-raġunament jimplika li l-pagamenti ta' kumpens iridu jiġu eżentati mill-proċedura ta' notifika obbligatorja, skont kif hemm stipulat fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69; fil-każ kuntrarju, sal-livell li l-kumpens ikun jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont id-definizzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, in-nuqqas ta' notifika tal-kumpens ikun irendi dan tal-aħħar illegali skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (72) Dan għaliex skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-kumpens li jirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu huwa eżentat mill-proċedura ta' informazzjoni preliminari li tinsab fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, u għalhekk mill-obbligu ta' notifika minn qabel.
- (73) Madankollu, kif wieħed jista' jara mis-sentenza *Combis*, il-kunċett ta' "kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandu jkun interpretat b'mod restrittiv ħafna ⁽¹⁷⁾. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tirrigwarda biss il-kumpens relatat ma' obbligi ta' servizz pubbliku imposti b'mod unilaterali fuq impriża fis-sens tal-Artikolu 2 tal-istess regolament, ikkalkulat bil-metodu deskritt fl-Artikoli minn 10 sa 13 tal-istess Regolament (metodi komuni ta' kumpens) u mhux il-kuntratti ta' servizz pubbliku skont id-definizzjoni fl-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi. Il-kumpens imħallas skont kuntratt ta' servizz pubbliku, kif definit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni qabel jitwettaq. F'konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, in-nuqqas ta' notifika jwassal għall-kunsiderazzjoni li t-tali kumpens kien għajjnuna li twettaq b'mod illegali.
- (74) Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 effettivament jehlis lill-awtoritajiet Taljani mill-obbligu ta' notifika minn qabel, huwa għalhekk meħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit jekk ir-Reġjun fil-fatt kienx impona unilateralmnt obbligu ta' servizz pubbliku fuq Buonotourist u, it-tieni, jekk il-kumpens mogħti għal dan l-obbligu kienx konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Il-Kummissjoni se teżamina ż-żewġ kwistjonijiet waħda wara l-oħra.

⁽¹⁶⁾ Il-Kawża C-172/03, *Heiser*, EU:C:2005:130, il-punt 55.

⁽¹⁷⁾ Il-Kawża T-157/01, *Danske Busvognmænd*, Ġabra 2004, EU:T:2004:76, il-punti minn 77 sa 79.

- (i) *PSO impost b'mod unilaterali*
- (75) Il-Kummissjoni tosserva li la l-awtoritajiet Taljani u lanqas Buonotourist ma huma fil-pożizzjoni li jippreżentaw dokumenti li jixhdu att ta' inkarigu bħal dan għall-perjodu li qed jiġi eżaminat. Buonotourist ippreżentat lill-Kummissjoni biss kuntratti li kienu daħlu fis-seħħ mill-2003.
- (76) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-mudell ta' konċessjoni li ngħata – li jirrigwarda impriża oħra – jirrappreżenta l-mudell standard li kien qed juża r-Reġjun matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat. Madankollu, it-tali mudell ta' konċessjoni baqa' fis-seħħ minn April 1972 sa Diċembru 1973, jiġifieri aktar minn 20 sena qabel il-perjodu li qed jiġi eżaminat u anki qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi Nru 151/1981, ikkonvertita mil-liġi reġjonali Nru 16/1983, li abbażi tagħha Buonotourist kienet ġiet kumpensata fl-ewwel istanza. Barra minn dan, anki jekk il-mudell tal-konċessjoni jidher li jikkontempla obbligi li jistgħu jiqtiesu bħala PSO (ara, pereżempju, il-punti 2, 9 u 10), fosthom l-obbligi li jiġi applikat tnaqqis għal studenti, ħaddiema, għalliema li impjegati kemm mal-gvern kif ukoll mal-privat kif ukoll l-obbligu li jiġu ttrasportati ċerti kategoriji ta' passiġġieri b'xejn, fin-nuqqas ta' dokument li jixhed att li jimponi dawn l-obbligi, il-Kummissjoni ma għandhiex fidejha l-elementi ta' prova li jindikaw li l-istess obbligi ġew effettivament imposti fuq Buonotourist fil-perjodu li qed jiġi eżaminat. Meta wieħed iqis li s-servizzi pprovduti kellhom in-natura ta' servizzi regolari tal-linja, kien hemm il-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni, li jagħtu lil Buonotourist id-dritt esklussiv li tipprovdni dawn is-servizzi, jispeċifikaw minn qabel il-modalitajiet tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti. Buonotourist ma ppreżentat l-ebda element bħala prova li turi li dawn il-modalitajiet kienu ġew imposti b'mod unilaterali mir-Reġjun, u mhux propsti mill-operatur, bħala tpattija għad-dritt li jiġu pprovduti s-servizzi fuq bażi esklużiva, u aktar tard awtorizzati mir-Reġjun. F'kull każ, il-metodoloġija użata mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat għall-kalkolu tal-allegat nuqqas ta' kumpens ma tagħmel l-ebda riferiment għal tali obbligi.
- (77) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk l-impożizzjoni ta' PSO tistax tiġi dedotta mil-liġi reġjonali Nru 16/1983, peress li din tal-aħħar hija l-baży ġuridika indikata kemm mir-Reġjun kif ukoll minn Buonotourist għall-kumpens konċess lill-kumpanija fil-perjodu li qed jiġi eżaminat (ara l-premessi 23 u 40). F'dan is-sens, irid jingħad li l-liġi reġjonali tistipula biss li l-entitajiet lokali u l-ażjendi pubbliċi u privati li jeżerċitaw servizzi ta' trasport pubbliku lokali bħala konċessjoni jistgħu jirċievu flus mit-taxxi tal-kontribwenti. F'dan is-sens, l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali jistabbilixxi b'mod ċar li t-telf li jista' jkun hemm li ma jkux kopert mill-kontribuzzjonijiet tar-Reġjun kif determinat hawn fuq [l-Artikolu 2] jibqgħu jingħarru mill-ażjendi nfushom.
- (78) Barra minn dan, il-Kummissjoni tinnotta li d-dokumenti tar-Reġjun li għalihom irreferiet Buonotourist (ara l-premessa 40) kienu jindikaw li kien hemm xi obbligi kuntrattwali fis-seħħ, fil-perjodu li qed jiġi eżaminat, bejn Buonotourist u r-Reġjun. Madankollu, it-tali dokumenti ma jidentifikawx b'mod ċar obbligi li jistgħu jiqtiesu bħala PSO, anki jekk jagħtu ħjiel li dawn it-tali obbligi kienu fil-fatt jeżistu. Aktar minn hekk, l-eżistenza ta' obbligi kuntrattwali teskludi l-impożizzjoni unilaterali ta' PSO fuq Buonotourist. F'kull każ, il-metodoloġija użata mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat għall-kalkolu tal-allegat nuqqas ta' kumpens ma tagħmel l-ebda riferiment għal tali obbligi.
- (79) Fejn tidħol l-eżistenza possibbli ta' obbligu ta' tariffa, anki jekk il-kalkolu tal-kumpens addizzjonali li sar mill-espert maħtur mill-Kunsill tal-Istat kien ibbażat fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-Kummissjoni ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha elementi ta' prova li juru li dawn l-obbligi kienu effettivament imposti fuq Buonotourist. Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, it-terminu obbligu ta' tariffa jfisser biss "obbligu impost fuq intrapriżi tat-trasport li japplikaw rati fissi jew approvati minn xi awtorita' pubblika li huma kontra l-interessi kummerċjali tal-impriża u li jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' tariffi speċjali, jew minn ċaħda li jiġu mmodifikati". Għall-kuntrarju, id-definizzjoni ta' obbligu ta' tariffa ma tapplikax "fir-rigward ta' obbligi li jirriżultaw minn miżuri ġenerali ta' politika ta' prezzijiet li tapplika għall-ekonomija kollha b'mod ġenerali jew għall-miżuri meħuda fir-rigward ta' rati ta' trasport u kondizzjonijiet b'mod ġenerali bil-għan li jiġi organizzat is-suq tat-trasport jew parti minnu". Il-Kummissjoni tagħraf li l-punt 27 tal-mudell ta' konċessjoni tal-1972/73 jistabbilixxi t-tariffi applikabbli mill-operatur firmatarju, iżda tfakkar li, fil-każ ta' perjodu li qed jiġi eżaminat, ma rċeviet l-ebda mudell ta' konċessjoni simili jew xi dokument ta' atti li jagħti inkarigu lil Buonotourist li minnu jista' jiġi konkluż li din il-kumpanija ġew imposti fuqha obbligi ta' tariffa. Il-Kummissjoni tosserva f'kull każ, skont l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983, li l-kumpens annwali mogħti lill-ażjendi li jipprovdni servizzi ta' trasport pubbliku kien jiġi kkalkulat minn qabel bħala d-differenza bejn id-dħul li jiġu mill-applikazzjoni tat-tariffi minimi u l-hekk imsejjaħ "kost ekonomiku standardizzat" (ara l-premessa 23). Il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-liġi reġjonali kienet tistipula tariffi minimi u li anki dan jeskludi l-eżistenza ta' obbligi ġenerali ta' tariffa.
- (80) F'kull każ, ma jirriżultax li l-PSO li setgħu ġew imposti fuq Buonotourist ġew imposti b'mod unilaterali. F'dan is-sens, il-Kummissjoni tosserva li Buonotourist ħadet l-inizjattiva li titlob it-tiġdid tal-konċessjonijiet għas-seba' snin kollha tal-perjodu li qed jiġi eżaminat.

- (81) L-argumenti ta' Buonotourist li l-operaturi kienu obbligati li joperaw ir-rotot fil-PSO anki jekk ir-Reġjun kemm-il darba naqqas l-ammont ta' kost standard u l-istess operaturi setgħu ġew akkużati b'interruzzjoni ta' servizz pubbliku kieku effettivament waqqfu l-attivitajiet tagħhom, ma huma korroborati mill-ebda element ta' prova; dawn l-argumenti għalhekk ma jistgħux jintużaw, fil-każ preżenti, biex juru l-eżistenza ta' PSO imposti b'mod unilaterali.
- (ii) *Konformità tal-kumpens mal-metodu komuni ta' kumpens*
- (82) Anki jekk seta' jiġi ppruvat li ġew imposti PSO fuq Buonotourist b'mod unilaterali, li mhux il-każ, il-kumpens għat-tali servizz għandu jkun xorta waħda konformi mal-metodu komuni ta' kumpens stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 (Taqsima IV) biex ikun jista' jiġi eżentat mill-obbligu ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tat-tali Regolament. Il-Kummissjoni ma tqisx li din il-kundizzjoni ġiet issodisfata.
- (83) Qabel xejn, il-Kummissjoni tosserva li l-metodu komuni ta' kumpens skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistabbilixxi metodu għall-kalkolu tal-ammont ta' kumpens li għandu jingħata għall-piżijiet kummerċjali li jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' PSO. Mill-1 ta' Lulju 1992 'l quddiem, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, bis-saħħa tal-Artikolu 1(5)(a), jimponi fuq l-impriżi tat-trasport li jwettqu fl-istess ħin servizzi soġġetti għall-obbligi ta' servizz pubbliku kif ukoll attivitajiet oħra, li joperaw is-servizzi pubbliċi bħala diviżjonijiet separati, b'mod li jkun hemm: i) separazzjoni tal-kontijiet skont l-attivitajiet individwali li jeżerċitaw u tqassim skont l-ammont ta' kapital użat, skont in-normi tal-kontabilità fis-seħħ u ii) kosti bilanċjati mill-introjti tal-operat u tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi, mingħajr il-possibilità li jsiru trasferimenti minn settur għall-ieħor tal-attivitajiet tal-impriża.
- (84) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Antrop*, ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni ma jiġux sodisfatti meta "*mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita, b'ċifri ċerti tal-kontabilità [tal-kumpanija], id-differenza bejn l-ispejjeż attribwibbli għall-parti tal-attivitajiet fil-qasam soġġett għall-għoti tal-konċessjoni rispettiva u d-dħul korrispondenti u, konsegwentement, mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ispiża addizzjonali li tirriżulta lil din il-kumpanija mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku*"⁽¹⁸⁾.
- (85) Il-Kummissjoni tqis li l-kumpens konċess lil Buonotourist ma jissodisfax it-tali rekwiżiti. Buonotourist ikkonfermat li, flimkien mal-attivitajiet imsemmja ta' PSO, hija wettqet ukoll attivitajiet ta' kiri. Barra minn dan, ir-Reġjun isostni li Buonotourist wettqet attivitajiet oħra ta' servizzi ta' trasport bil-karozzi tal-linja interreġjonali u internazzjonali (ara l-premessi minn 50 sa 52). Madankollu, la l-awtoritajiet Taljani u lanqas Buonotourist ma taw prova li f'dawn l-attivitajiet kienu nżammu kontijiet separati. Buonotourist b'mod impliċitu kkonfermat li kienet teżisti din is-sitwazzjoni meta hija qalet li l-ammonti indikati fil-"Mudell E" mibgħuta lir-Reġjun kull sena jinkludu anki d-dħul marbut mal-linji li ma kinux suġġetti għall-konċessjoni (ara l-premessa 45).
- (86) Il-Kummissjoni tqis li l-argumenti li ppreżentat Buonotourist, li kien skada l-obbligu legali li d-dokumenti marbuta mal-kontabilità u dawk amministrattivi jinżammu kollha għall-perjodu li qed jiġi eżaminat mhumiex relevanti biex jiġi ġġustifikat l-għoti *ex post* ta' ammont addizzjonali ta' kumpens, bl-applikazzjoni ta' metodu induktiv. F'kull każ, anki kieku kellha tiġi ppruvata l-eżistenza tiegħu, dan ir-rekwiżit stipulat fil-liġi nazzjonali ma jistax irendi invalidu obbligu li joħroġ mill-każistika tal-QĠUE u mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 li għandu jiġi ssodisfat qabel ma jsir il-ħlas ta' kumpens għal obbligi ta' servizzi pubbliku favur operatur ta' servizz ta' trasport.
- (87) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jimponi li l-amministrazzjoni tistabbilixxi minn qabel id-daqs tal-kumpens. Il-kalkolu tal-kumpens addizzjonali abbażi ta' valutazzjoni *ex post*, kif ordnat mill-Kunsill tal-Istat, huwa f'kuntrast mat-tali dispożizzjoni, kif muri fil-premessi 62 u 63.
- (88) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens addizzjonali li l-Kunsill tal-Istat qies li huwa dovut lil Buonotourist ma kienx eżentat mill-proċedura ta' notifika minn qabel stipulata mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

⁽¹⁸⁾ Il-Kawża C-504/07, *Associação Nacional de Transportadores Rodoviários de Pesados de Passageiros (Antrop) e a./Conselho de Ministros, Companhia Carris de Ferro de Lisboa SA (Carris) u Sociedade de Transportes Colectivos do Porto SA (STCP)* (Ġabra 2009, EU:C:2009:290).

6.3. IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (89) Billi ma ġiex ippruvat li l-miżura li qed tiġi eżaminata kienet eżentata mill-proċedura ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, se jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-kompatibilità tal-ħlasijiet mas-suq intern, billi huwa meqjus li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kif indikat fit-Taqsima 6.1.
- (90) L-Artikolu 93 tat-TFUE jinkludi normi rigward il-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat fl-ambitu tal-koordinament tat-trasport u tal-obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport u jikkostitwixxi *lex specialis* għar-rigward tal-Artikolu 107(3), kif ukoll tal-Artikolu 106(2) peress li fihom normi speċifiċi fejn tidħol il-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat. Il-QĠUE stabbiliet li t-tali Artikolu *jaċċetta biss f'ċerti każijiet determinati tajjeb u li ma jkunux jippreġudikaw l-interessi ġenerali [tal-Unjoni] li għajnuniet għat-trasport jkunu jistgħu jitqiesu bħala kumpatibbli mas-suq intern* ⁽¹⁹⁾.
- (91) Fit-3 ta' Diċembru 2009 daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 li ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u r-Regolament (KEE) Nru 1107/70 tal-Kunsill ⁽²⁰⁾. Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 japplika għall-kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku fil-każ ta' servizzi pubbliċi ta' trasport tal-passiġġieri bit-triq u bil-ferrovja.
- (92) Il-Kummissjoni ssostni li l-eżami tal-kompatibilità tal-miżura nnotifikata jrid isir skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, billi din hija l-*legiŝlazzjoni* fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ⁽²¹⁾. Hija tosserva wkoll li l-kumpens addizzjonali lil Buonotourist mill-Kunsill tal-Istat kien ingħata fil-21 ta' Diċembru 2012. Dan ifisser li, fid-data li fiha ġiet effettwata l-għajjnuna mogħtija, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 kien ilu diġà fis-seħħ għal aktar minn tliet snin ⁽²²⁾.
- (93) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jistipula li "*Kumpens għal servizz pubbliku għall-operat ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri jew għall-konformità ma' obbligi ta' tariffa stabbiliti permezz ta' regoli ġenerali mħallsa skont dan ir-Regolament għandu jkun kompatibbli mas-suq komuni. Tali kumpens għandu jkun eżenti mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel inniżżla fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat*".
- (94) Għar-raġunijiet indikati hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens notifikat mhux konformi mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Dan, għalhekk, ma jstax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament.
- (95) L-ewwel nett, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi li tikkonċedi lill-operatur li jkun għażel dritt ta' esklussività u/jew kumpens fil-konfront tat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku jkun irid jagħmlu fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, sakemm l-obbligu ta' servizz pubbliku ma jkunx jistabbilixxi tariffi massimi u ma jkunx impost permezz ta' miżura li tiġi applikata mingħajr diskriminazzjoni għas-servizzi kollha ta' trasport pubbliku tal-passiġġieri tal-istess tip f'żona ġeografika determinata (regoli ġenerali).
- (96) Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tqis li ma nġabux biżżejjed elementi ta' prova li juru li kien jeżisti qafas kuntrattwali bejn Buonotourist u r-Reġjun jew li kien hemm fis-seħħ xi regoli ġenerali biex jiġu stabbiliti t-tariffi massimi għall-passiġġieri kollha jew għal xi kategoriji ta' passiġġieri. Il-Kummissjoni rċeviet biss mudell ta' kuntratt ta' konċessjoni għas-snin 1972/1973, li jirrigwardaw impriża oħra, li minnu mhux possibbli li tinġibed informazzjoni affidabbli dwar ir-relazzjoni li teżisti bejn Buonotourist u r-Reġjun fil-perjodu li qed jiġu eżaminat (1996-2002). Barra minn dan, il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983 – il-bażi ġuridika indikata kemm mir-Reġjun kif ukoll minn Buonotourist għall-perjodu li qed jiġi eżaminat (arr l-premessi 21 u 39) – l-introjti tal-fornituri tat-trasport pubbliku jiġi mill-applikazzjoni ta' tariffi minimi stabbiliti mir-Reġjun, filwaqt li ma hemmx riferenza għal tariffi massimi.

⁽¹⁹⁾ Il-Kawża C-70/77, *Il-Kummissjoni vs. Il-Belġju* (Ġabra 1978, EU:C:1977:180, il-punt 10).

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 1107/70 tal-Kunsill ta' l-4 ta' Ġunju 1970 dwar l-għoti ta' għajnuniet għal trasport bil-ferrovja, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 130, 15.6.1970, p. 1).

⁽²¹⁾ Il-Kummissjoni tirreferi f'dan ir-rigward għall-argumenti żviluppatti fil-premessi minn 307 sa 313 tad-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2010 dwar il-kuntratti ta' servizz ta' trasport pubbliku bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske Statsbaner (Kawża C 41/08 (ex NN 35/08)) (ĠU L 7, 11.1.2011, p. 1). Din id-deċiżjoni kienet ġiet annullata mit-Tribunal fil-Kawża T-92/11 *Jørgen Andersen/il-Kummissjoni Ewropea* (Ġabra 2013, EU:T:2013:143, liema sentenza bħalissa qed tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-303/13 P. L-eżitu ta' dan l-appell mhux rilevanti għall-fini tal-każ li qed jiġi eżaminat, għaliex it-Tribunal kien ikkonferma, fis-sentenza li qed tiġi appellata, li hija d-data li fiha tkun effettwata l-għajjnuna mħallsa li tiddetermina n-normi li jridu jiġu applikati. F'dan il-każ, l-għajjnuna ġiet trasferita fil-21 ta' Diċembru 2012, jiġifieri għandhom japplikaw ir-regoli, il-prinċipji u l-kriterji ta' valutazzjoni tal-kompatibilità tal-għajjnuna mill-Istat li kienu fis-seħħ fil-mument li fih il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha (ara l-punt 39 tas-sentenza).

⁽²²⁾ Il-Kawża C-334/07 P, *Il-Kummissjoni v Freistaat Sachsen*, (Ġabra 2008, EU:C:2008:709, il-punti 50 sa 53); Il-Kawża C-70/09, *l-Italja vs. il-Kummissjoni* (Ġabra 2011, EU:T:2011:27, il-punt 60).

- (97) Il-Kummissjoni kkonkludiet għalhekk li l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1370/2007 ma ġiex issodisfat.
- (98) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li, lil hinn mill-fatt li Buonotourist ikkonkludiet kuntratt ta' servizz pubbliku jew li ġew imposti fuqha obbligi ta' tariffa permezz tal-applikazzjoni ta' normi ġenerali, jirriżulta li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li jiddefinixxi l-kontenut obligatorju tal-kuntratti ta' servizz pubbliku u n-normi ġenerali, kienu ssodisfati. L-Artikolu 4(1)(b) jistipula pereżempju li l-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, u l-Artikolu 4(1)(c) u l-Artikolu 4(2), jiddetermina l-modalitajiet għall-allokazzjoni tal-ispejjeż u tad-dħul. Kif intqal fit-taqsimha 6.1, fl-ambitu tal-analiżi tal-Kummissjoni tat-tieni kriterju tas-sentenza Altmark tal-QĠUE, il-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkulat l-allegat nuqqas ta' kumpens mit-tieni espert ma ġewx stabbiliti minn qabel u għalhekk l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ma ġiex issodisfat.
- (99) It-tielet, l-Artikolu 6(1) jistabbilixxi li, fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku aġġudikati b'mod dirett, il-kumpens irid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-anness, sabiex jiġi ggarantit li huwa ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' servizz pubbliku. L-anness mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jistabbilixxi li l-kumpens ma jistax jeċċedi l-ammont li jikkorrispondi mal-effett finanzjarju ekwivalenti għall-ammont totali tal-fatturi li ġejjin: il-kosti mġarrba minħabba PSO, imnaqqsa minnhom l-effetti finanzjarji pożittivi li jistgħu jiġu ġġenerati fin-netwerk ġestit bis-saħħa tal-obbligu ta' servizz pubbliku, flimkien ma' profitt raġjonevoli. Dan l-anness jistabbilixxi wkoll li l-kalkolu tal-kosti u l-introjti għandu jsir skont ir-regoli tal-kontabbiltà u r-regoli tat-taxxa fis-seħħ. Barra minn dan, iridu jinżammu kontijiet separati minħabba raġunijiet ta' trasparenza (il-punt 5 tal-anness tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007).
- (100) Kif intqal fil-premessa 85, Buonotourist ma żammitx kontijiet separati b'mod adegwat. Huwa għalhekk impossibbli li jiġi ppruvat li, ikun xi jkun il-kumpens li finalment jingħata, dan ma jkunx jaqbeż l-ammont li jikkorrispondi għall-effett finanzjarju nett ekwivalenti għat-total tal-effetti, pożittivi jew negattivi, tat-twertiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku fuq l-ispejjeż u l-introjti tal-operatur tas-servizz pubbliku (il-punt 2 tal-Anness).
- (101) Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' parametri ta' kumpens stabbiliti minn qabel, kull tqassim tal-kosti jrid bilfors isir *ex post* abbażi ta' suppożizzjonijiet arbitrari, kif sar bl-użu tal-metodu induttiv.
- (102) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens addizzjonali deċiż mill-Kunsill tal-Istat ma ngħatax f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, u li għalhekk huwa inkompatibbli mas-suq intern.

6.4. IL-KUMPENS MOGĦTI MILL-KUNSILL TAL-ISTAT MA JIKKOSTITWIX KUMPENS TAD-DANNI

- (103) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċediment, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza tal-Kunsill tal-Istat kinitx tirrigwarda pjuttost l-għoti ta' kumpens għad-danni minħabba allegat ksur tal-liġi aktar milli l-għoti ta' kumpens għal servizz pubbliku skont ir-regolamenti fis-seħħ tal-Kunsill. Fl-osservazzjonijiet rispettivi, la l-awtoritajiet Taljani u lanqas Buonotourist ma esprimew ruħhom f'dan ir-rigward.
- (104) Il-Kummissjoni tosserva, f'dan is-sens, li f'ċerti ċirkostanzi partikolari, il-kumpens għad-danni maħluqa minħabba ċirkostanzi illeċti, jew minħabba mġieba imputabbli għall-awtoritajiet nazzjonali⁽²³⁾ ma jikkostitwix vantaġġ u għalhekk ma jitqiesx bħala għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat⁽²⁴⁾. L-iskop tal-kumpens għad-danni mġarrba huwa differenti minn dak tal-għajjnuna mill-Istat peress li l-kumpens ikollu l-għan li l-parti li tkun ġarrbet danni tinġieb fis-sitwazzjoni li hija kienet fiha qabel l-azzjoni li tkun ipprovat id-danni, bħallikieku din tal-aħħar ma tkunx seħħet (*restitutio in integrum*). Dejjem f'dan is-sens, il-Kummissjoni tosserva ulterjorment li, biex ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fejn tidħol għajjnuna mill-Istat, il-kumpens għad-danni jrid ikun ibbażat fuq norma ġenerali fejn jidħol kumpens⁽²⁵⁾. Il-Kummissjoni tfakkar fl-aħħar nett li fis-sentenza *Lucchini*, il-QĠUE stabbiliet li imhallet nazzjonali ma jistax japplika l-liġi nazzjonali meta dan ikollu l-effett li jimpedixxi l-applikazzjoni tad-dritt komunitarju, fis-sens li jrendi impossibbli l-irkupru ta' għajjnuna mill-Istat konċessa bi ksur

⁽²³⁾ Pereżempju att illeċtu jew każ ta' arrikkiment indebitu.

⁽²⁴⁾ Il-Kawżi Konġunti minn 106 sa 120/87, *Asteris AE vs. ir-Repubblika Ellenika u l-KEE*, EU:C:1988:457.

⁽²⁵⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2014 rigward l-għajjnuniet lil Akzo Nobel biex jitnaqqas għall-minimu t-trasport tal-klorur (il-Kawża N 304/2003), komunikazzjoni sintetika fil-ĠU C 81, 2.4.2005, p. 4; ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-każ *Bedrijfsverplaatsing van autodemontagebedrijf Steenberg* (il-kawża N 575/2005), komunikazzjoni sintetika fil-ĠU C 80, 13.4.2007, p. 1.

tad-dritt komunitarju ⁽²⁶⁾. Il-prinċipju li jirfed din is-sentenza huwa li norma fid-dritt nazzjonali ma tkunx tista' tiġi applikata jekk din l-applikazzjoni tkun timpedixxi l-applikazzjoni kif xieraq tad-dritt tal-Unjoni ⁽²⁷⁾.

- (105) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens addizzjonali mogħti lil Buonotourist mill-Kunsill tal-Istat, il-Kummissjoni tinnotta li, anki jekk fis-sentenza tal-Kunsill tal-Istat ma sarux referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, l-istess sentenza tirreferi għad-dritt ta' Buonotourist li tirċievi ammonti bħala kumpens skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, liema ammonti jridu jkunu stabbiliti mill-amministrazzjoni abbażi ta' dejta ċerta. Dan jidher li jindika li d-dritt ta' Buonotourist li tirċievi l-kumpens addizzjonali ma jirriżultax, skont il-Kunsill tal-Istat, minn norma ġenerali fejn jidħlu kumpensi għad-danni kkawżati minn atti illeċti jew minn imġieba tal-istess awtoritajiet nazzjonali, iżda pjuttost minn drittijiet li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69.
- (106) F'kull każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għoti ta' kumpens favur Buonotourist minħabba l-allegata impożizzjoni unilaterali illeċita ta' obbligi ta' servizz pubbliku mill-awtoritajiet Taljani ikkalkulata abbażi tal-metodu komuni ta' kumpens skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, ikun jikser l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Dan huwa għaliex fil-każ ta' Buonotourist huwa jipproduċi eżattament l-istess riżultat bħal li tingħata kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku għall-perjodu li qed jiġi eżaminat, minkejja l-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li tirregola s-servizzi inkwistjoni ma kinux meħlusa mill-obbligu ta' notifika minn qabel, u lanqas ma kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jew tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, kif muri aktar 'il fuq. Id-disponibbiltà ta' din l-għotja għalhekk tkun tippermetti li effettivament jiġu evitati r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, skont liema l-awtoritajiet kompetenti, meta jimponu jew jinneogzjaw obbligi ta' servizz pubbliku, jikkumpensaw lill-operaturi rispettivi għall-ispejjeż imġarrba bi tpattija għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Effettivament, l-għoti ta' kumpens għad-danni li jkun jikkorrispondi għas-somma tal-ammont ta' għajjnuna li jkun previst li tkun se tingħata jkun jikkostitwixxi konċessjoni indiretta ta' għajjnuna mill-Istat, li titqies bħala illegali u inkompatibbli mas-suq intern ⁽²⁸⁾. B'raġunar fuq dawn il-linji, it-Tribunal qies li l-klawżoli ta' kumpens għall-irkupru ta' għajnuniet mill-Istat jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat ⁽²⁹⁾.
- (107) Fi kwalunkwe każ, il-mudell ta' kuntratt ta' konċessjoni tal-1972, skont liema Buonotourist allegatament eżerċitat is-servizzi ta' trasport inkwistjoni, ma jistipula l-għoti tal-ebda kumpens finanzjarju. Buonotourist qablet li tipprovdri s-servizzi tagħha bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-konċessjonijiet b'riskju tagħha stess. Din il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll mill-Artikolu 2 tal-liġi reġjonali Nru 16/1983 li tistipula li xi telf li jista' jkun hemm mhux kopert mill-flus mit-taxxi tal-kontribwenti jibqgħu fir-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz.
- (108) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tqisx li s-sentenza tal-Kunsill tal-Istat tikkostitwixxi l-konċessjoni ta' kumpens għad-danni mġarrba minn Buonotourist minħabba atti illeċti jew xi mġieba oħra tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda pjuttost l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat illeġittima u inkompatibbli, ipprojbita bl-Artikolu 107(1), tat-Trattat.
- (109) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura mhux innotifikata tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, inkompatibbli mas-suq intern.

7. L-IRKUPRU TAL-GĦAJNUNA

- (110) F'konformità mat-Trattat u mal-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux jabolixxi jew jimmodifika l-ghajjnuna ⁽³⁰⁾ meta din tkun inkompatibbli mas-suq intern. Il-każistika konsistenti tal-Qorti tindika wkoll li, fil-każ ta' għajnuniet li l-Kummissjoni tkun qieset bħala inkompatibbli mas-suq intern, l-obbligu li l-ghajjnuna tiġi abolita, li huwa impost fuq l-Istat Membru, għandu l-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ⁽³¹⁾. F'dan il-kuntest, il-QĠUE stabbiliet li dak l-għan jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajjnuna mhux

⁽²⁶⁾ Il-Kawża C-172/05, *Lucchini*, EU:C:2007:434, il-punt 59.

⁽²⁷⁾ *Ibidem*, punt 61.

⁽²⁸⁾ Opinjoni tat-28 ta' April 2005 fil-kawżi konġunti C-346/03 u C-529/03 *Atzeni*, EU:C:2005:256, il-punt 198.

⁽²⁹⁾ Il-Kawża T-384/08 *Elliniki Nafpiġokataskevastiki AE Chartofylakeiou vs il-Kummissjoni* EU:T:2011:650, u l-kawża T-565/08 *Corsica Ferries v il-Kummissjoni* EU:T:2012:415, punti 23, 114 u minn 120 sa 131. Ara anki, b'mod analogu, il-kawża C-111/10, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, EU:C:2013:785, punt 44.

⁽³⁰⁾ Il-Kawża C-70/72, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Ġabra 1973, pag. 813, punt 13).

⁽³¹⁾ Il-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* [1994] (Ġabra 1994, p. I-4103, il-punt 75).

skont il-liġi, biex b'hekk jintilef il-vantaġġ li jkun akkwista fis-suq fil-konfront tal-kompetituri tiegħu, u terġa' tinkiseb is-sitwazzjoni qabel il-ħlas tal-ghajjnuna⁽³²⁾.

- (111) B'konformità ma' dik il-każistika, l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽³³⁾ jistabbilixxi li "Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' ghajjnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-ghajjnuna mill-benefiċjarju".
- (112) Għaldaqstant, l-ghajjnuna mill-Istat li hija s-suġġett ta' din id-deċiżjoni jkollha tiġi rkuprata mill-Italja bil-mod kif din kienet ġiet imħallsa lil Buonotourist. Barra minn dan, l-Italja jkollha żżid mal-ammont tal-ghajjnuna l-imgħaxijiet, ikkalkolati bħala li jkunu bdew mid-data li fiha l-ghajjnuna illegali tkun tqiegħdet l-ewwel darba għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (jiġifieri, mill-21 ta' Diċembru 2012) u sad-data tal-irkupru tagħha⁽³⁴⁾, b'mod konformi mal-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004⁽³⁵⁾.
- (113) Għalhekk, il-Kummissjoni:

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna mill-Istat fl-ammont ta' EUR 1 111 572 li r-Repubblika Taljana illegalment tat lil Buonotourist bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mhix kumpatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. Ir-Repubblika Taljana hija obbligata li tirkupra l-ghajjnuna stabbilita fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarju.
2. Fuq is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jiddekorri l-imgħax mill-1 ta' Diċembru 2012 sa meta jkunu ġew irkuprati kollha kemm huma.
3. L-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkolati skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008⁽³⁶⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. Ir-Repubblika Taljana tikkanċella l-pagamenti pendenti kollha tal-ghajjnuna kif imsemmi fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. L-irkupru tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 1 ikun immedjat u effettiv.
2. Ir-Repubblika Taljana għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Repubblika Taljana tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) l-ammont totali (kapital u imgħaxijiet) li għandhom jiġu rkuprati mingħand il-benefiċjarju;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u ta' dawk ipplanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;
 - (c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-ghajjnuna.
2. Ir-Repubblika Taljana żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 1. Hija għandha tibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà jkunu ttieħdu u dawk ipplanati biex is-

⁽³²⁾ Il-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, (Ġabra 1999, p. I-3671, il-punti 64 u 65;

⁽³³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

⁽³⁴⁾ Ara l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/99.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽³⁶⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni. Tibgħat ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' għajnuna u l-imgħaxijiet diġà irkuprati mingħand il-benefiċjarju.

Artikolu 5

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarja ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, id-19 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni

Margrethe VESTAGER

Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT